

**Brussell, 26 ta' Marzu 2021  
(OR. en)**

**7144/1/21  
REV 1**

**SOC 152  
EMPL 108  
ECOFIN 252  
EDUC 90**

### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 5945/1/21 REV 1

---

Suġġett: Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2021 (9 ta' Marzu 2021)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2021, adottat permezz ta' proċedura bil-miktub fid-9 ta' Marzu 2021.

## WERREJ

<b>DAĦLA</b> .....	3
<b>MESSAĠĠI EWLENIN</b> .....	4
<b>1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET U L-ISFIDI SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL FL-UNJONI EWROPEA</b> .....	34
<b>1.1 Xejriet tas-suq tax-xogħol</b> .....	34
<b>1.2 Xejriet soċjali</b> .....	45
<b>2. SNAPSHOTS MIT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI SOĊJALI</b> .....	49
<b>2.1 It-tabella ta' valutazzjoni spjegata</b> .....	50
<b>2.2 Evidenza mit-tabella ta' valutazzjoni soċjali</b> .....	54
<b>3. IR-RIFORMI SOĊJALI U TAL-IMPJIEG – IL-PRESTAZZJONI U L-AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI</b> .....	59
<b>3.1 Gwida</b> .....	59
<b>linja 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol</b> .....	59
<b>3.1.1 Indikaturi ewlenin</b> .....	60
<b>3.1.2 Miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri</b> .....	82
<b>3.2 Linja Gwida Nru 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjieg, għall-ħiliet u għall-kompetenzi</b> .....	91
<b>3.2.1 Indikaturi ewlenin</b> .....	92
<b>3.2.2 Miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri</b> .....	136
<b>3.3 Linja Gwida Nru 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali</b> .....	166
<b>3.3.1 Indikaturi ewlenin</b> .....	167
<b>3.3.2 Miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri</b> .....	204
<b>3.4 Linja Gwida Nru 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar</b> .....	217
<b>3.4.1 Indikaturi ewlenin</b> .....	217
<b>3.4.2 Miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri</b> .....	245

## DAĦLA

Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill huwa stipulat bl-Artikolu 148 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal dan ir-rapport hija parti mill-Pakkett tal-ħarifa. Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi jipprovdi ħarsa ġenerali annwali lejn l-iżviluppi ewlenin fl-impjiegi u soċjali fl-Unjoni Ewropea kif ukoll lejn l-azzjonijiet ta' riforma tal-Istati Membri, f'konformità mal-Linji Gwida għall-Politiki dwar l-Impjiegi tal-Istati Membri<sup>1</sup>. Ir-rapport isegwi l-istruttura tal-Linji Gwida: l-għoti ta' spinta lid-domanda għall-ħaddiema (il-Linja Gwida Nru 5), it-tiġid tal-provvista ta' ħaddiema u t-titjib tal-aċċess għall-impjieg, għall-ħiliet u għall-kompetenzi (il-Linja Gwida Nru 6), it-tiġid tal-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali (il-Linja Gwida Nru 7), u l-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, it-trawwim tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar (il-Linja Gwida Nru 8).

Barra minn hekk, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi jissorvelja l-prestazzjoni tal-Istati Membri b'rabta mat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali stabbilita fil-kuntest tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Pilastru ġie pproklammat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Huwa jidentifika l-prinċipji u d-drittijiet fi tliet oqsma: i) l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, ii) il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u iii) il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali. Il-monitoraġġ tal-progress f'dawn l-oqsma huwa mirfud minn analiżi dettaljata tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li takkumpanja l-Pilastru.

Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi huwa strutturat kif ġej: il-kapitolu introdutturju (il-Kapitolu 1) jirrapporta dwar ix-xejriet prinċipali soċjali u tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea biex jispjega l-kuntest. Il-Kapitolu 2 jippreżenta r-riżultati prinċipali mill-analiżi tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali assoċjata mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kapitolu 3 jipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-indikaturi ewlenin minn pajjiż għall-ieħor (inkluż mit-tabella ta' valutazzjoni soċjali), filwaqt li jħares lejn il-prestazzjoni, l-isfidi u l-politiki tal-Istati Membri implimentati biex jindirizzaw il-Linji Gwida għall-Politiki dwar l-Impjiegi.

---

<sup>1</sup> L-aħħar aġġornament tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi ġie adottat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Ottubru 2020 (ĠU L 344, 19.10.2020, p. 22–28).

## MESSAĠĠ EWLENIN

- 1. Qabel ma faqqgħet il-kriżi tal-COVID-19, l-UE kienet qed tesperjenza tkabbir fl-impjiegi li kien stabbli, minkejja li kien qed jonqos maż-żmien.** Bit-tkomplija tal-prestazzjoni pożittiva fis-swieq tax-xogħol li bdiet fl-2013, l-impjiegi komplew jespandu fl-2019, u laħqu livell rekord fi tmiem is-sena. L-isforzi ta' riforma mill-Istati Membri wara l-kriżi finanzjarja kkontribwew għal dan it-tkabbir ekonomiku rikk fl-impjiegi, għalkemm l-isfidi ppersistew f'xi Stati Membri u reġjuni, inkluż fir-rigward tal-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol.
- 2. Il-pandemija tal-COVID-19 reġgħet lura din ix-xejra, u f'daqqa waħda biddlet il-modi tax-xogħol u tal-għajxien tagħna.** Dan kellu impatt sinifikanti f'termini ta' ħajjiet umani u kkawża xokk ekonomiku mingħajr preċedent, b'impatti soċjali kbar. Ir-rispons mill-awtoritajiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet Ewropej kien rapidu. Is-salvagwardja tas-saħħa u tal-impjiegi taċ-ċittadini saret prijorità politika ewlenija. L-Istati Membri pprovdew appoġġ b'mod partikolari lill-gruppi u lis-setturi li kienu affettwati aktar minn oħrajn. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, s'issa, evitat il-ħolqien ta' kriżi fl-impjiegi u soċjali enormi madwar l-UE. Madankollu, għad fadal ħafna inċertezzi, b'mod partikolari dwar kemm ser iddum il-pandemija, meta ser jimmaterjalizza rkupru ekonomiku sostenibbli, u l-konsegwenzi għan-nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Is-sitwazzjoni tvarja minn pajjiż għall-ieħor, anke minħabba dak li ġarrbu fil-passat. L-Istati Membri li diġà esperjenzaw sfidi soċjoekonomiċi serji qabel il-pandemija issa huma saħansitra aktar esposti għal vulnerabbiltajiet.

3. **L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-irkupru jkun ġust u inklużiv.** Il-prinċipji tal-Pilastru, flimkien mat-tliet dimensjonijiet ta' opportunitajiet indaqs u aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' protezzjoni soċjali, saħħa u inklużjoni, jagħtu direzzjoni lit-tfassil tal-miżuri ta' politika b'appoġġ għall-ħaddiema u għall-unitajiet domestiċi. Il-ġlieda kontra l-impatt tal-pandemija, kif ukoll it-tnejn għall-irkupru, jirrikjedu t-trawwim tar-reżiljenza soċjali u l-konverġenza 'l fuq billi n-nies u l-benesseri tagħhom jitqiegħdu fiċ-ċentru. Il-Linji Gwida dwar l-Implimentazzjoni li ġew adottati riċentement jintegraw gwida speċifika mmirata lejn il-mitigazzjoni tal-impatt soċjali u fuq l-implimentazzjoni tal-COVID-19 u jipprovdu lill-Istati Membri bi gwida konkreta dwar kif jimmodernizzaw l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll is-sistemi tal-protezzjoni soċjali u tas-saħħa, bl-għan li jagħmluhom aktar inklużivi u ġusti. Huma jinkorporaw ukoll elementi ġodda li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali soċjalment ġusti. Li l-isfidi klimatiċi u ambjentali jinbidlu f'opportunitajiet, u li t-tranżizzjoni ssir ġusta u inklużiva għal kulħadd, huma għan ewlieni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.
4. **Ir-reazzjoni tal-UE għall-kriżi kienet rapida u b'saħħitha.** L-Istati Membri ġew offruti appoġġ finanzjarju mingħajr preċedent sabiex itaffu l-impatt ekonomiku, soċjali u fuq is-saħħa tal-kriżi u sabiex jissaħħaħ l-irkupru, inkluż permezz tal-istrument il-ġdid Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency (SURE), l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza u ż-żieda fil-flessibilità fl-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni taħt l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus. Barra minn hekk, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – li tinsab fiċ-ċentru ta' Next Generation EU – ser tipprovdi appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għar-riformi u għall-investimenti mmirati sabiex jappoġġaw il-ħolqien tal-implimentazzjoni u jagħmlu l-ekonomiji, is-soċjetajiet u s-sistemi tas-saħħa tal-UE aktar reżiljenti u ppreparati aħjar għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dan jirrappreżenta opportunità unika sabiex tingħata spinta lill-investiment fin-nies u jitwettqu riformi li jħaffu l-irkupru ekonomiku. Dan ir-rispons rapidu jidhori fi ħdan strateġija fit-tul u jikkontribwixxi għall-kapaċità tal-Unjoni li tikseb l-oġettivi fit-tul tagħha.

5. **Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2021 għandu l-għan li jgħin lill-Istati Membri jidentifikaw oqsma prijoritarji għar-riformi u għall-investment.** B'mandat mill-Artikolu 148 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi ewlenin fl-impjiegi u soċjali fl-Ewropa u lejn l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi. Dan kien parti integrali tas-Semestru Ewropew mill-bidu nett, u sstollinja bħala parti mill-Pakkett tal-Ħarifa l-isfidi ewlenin tal-impjiegi u dawk soċjali li għandhom jiġu indirizzati fiċ-ċiklu annwali. Fis-Semestru Ewropew eċċezzjonali tal-2021<sup>2</sup>, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi ser jgħin ukoll lill-Istati Membri jidentifikaw oqsma prijoritarji għar-riformi u għall-investment li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, fl-isfond tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi. Ir-risultati mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li takkumpanja l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huma ppreżentati fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u jistgħu jservu sabiex jiġu żviluppanti l-pjanijiet nazzjonali. Barra minn hekk, anki fl-isfond tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, il-Kummissjoni ser tivvaluta s-sustanza tal-pjanijiet f'dokumenti analitiċi li jakkumpanjaw il-proposti għall-atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. F'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Kummissjoni ser tkompli wkoll tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi soċjali u fis-suq tax-xogħol kollha bl-aġġornament regolari tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali korrispondenti.

---

<sup>2</sup> Kif indikat fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021, iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2021 ser jiġi adattat biex jirrifletti l-introduzzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għall-Istati Membri li jippreżentaw pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Kummissjoni ser tivvaluta s-sustanza tagħhom f'dokumenti analitiċi li jakkumpanjaw il-proposti għall-atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. Dawn id-dokumenti analitiċi ser jieħdu post ir-rapporti tas-soltu tal-pajjiżi. Minħabba n-natura komprensiva u progressiva tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza mhux ser ikun hemm bżonn li l-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fl-2021 għal dawk l-Istati Membri li jkunu ppreżentaw dan il-pjan. Madankollu, il-Kummissjoni ser tipproponi rakkomandazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni baġitarja tal-Istati Membri fl-2021 kif previst skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

6. **Il-kriżi tal-COVID-19 affettwat bil-qawwa l-eżiti tas-suq tax-xogħol fl-UE.** Għalkemm sinjali ta' tnaqqis fit-tkabbir fl-impjiegi kienu diġà evidenti fit-tieni nofs tal-2019, il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tas-suq tax-xogħol interrompew ix-xejra pożittiva tagħhom meta faqqgħet il-pandemija. L-impjiegi totali (li kienu żdiedu bi 15-il miljun minn nofs l-2013) naqsu b'6.2 miljun persuna bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2020, l-akbar tnaqqis osservat fuq żewġ trimestri suċċessivi. Imbagħad żdiedu bi ftit b'1.9 miljun fit-tielet trimestru tal-2020. Wara sitt snin ta' żviluppi pożittivi fl-ilħuq tal-mira tal-impjiegi tal-Ewropa 2020, ir-rata ta' impjieg qabżitha fl-2020. L-adozzjoni rapida ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ta' miżuri oħra għaż-żamma fis-suq tax-xogħol, flimkien ma' tnaqqis fir-rati ta' attività, s'issa wasslu għal żieda moderata biss fir-rata tal-qgħad, ta' punt perċentwali wieħed (1 pp) sa Settembru 2020. Madankollu, il-qgħad fost iż-żgħażaġħ (nies fl-età 15-24) żdied b'mod aktar sinifikanti mill-qgħad għal gruppi ta' età oħra, u s-sehem ta' żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kiber ħafna. Il-ħaddiema li twieldu barra mill-UE ntlaw wkoll b'mod sever. Dawn l-eżiti jvarjaw b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi, ir-reġjuni u s-setturi u jeħtieġu sorveljanza mill-qrib u sforzi ta' politika sabiex jiġi evitat impatt aktar negattiv fuq perijodu ta' żmien medju u twil.

7. **L-użu massiv ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għen sabiex jittaffew il-konsegwenzi tax-xokk għas-suq tax-xogħol.** Is-siġhat maħduma għal kull haċċiem naqsu f'daqqa, bi 11.7 % fit-tieni trimestru tal-2020 meta mqabbla mal-aħħar trimestru tal-2019 (biex imbagħad żdiedu b'10.9 % fit-tielet trimestru tal-2020 meta mqabbla mat-trimestru preċedenti); fl-istess ħin, l-assenzi mix-xogħol żdiedu b'mod sinifikanti, minn 9 % fir-raba' trimestru tal-2019 għal 18.7 % fit-tieni trimestru tal-2020 (madwar nofs din iż-żieda hija dovuta għal sensji temporanji). Sa mill-bidu tal-kriżi, l-Istati Membri estendew (jew introduċew meta ma kinux disponibbli qabel) skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u/jew skemi oħra ta' preservazzjoni tal-impjiegi, bl-għan li jillimitaw it-telf ta' impjiegi, jevitaw it-tixrid tal-kapital uman u jsostnu d-domanda aggregata. L-Unjoni Ewropea qed tappoġġa dan l-isforz bl-istrument temporanju SURE. L-użu straordinarju u sinkronizzat tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għen sabiex jiġuindirizzati l-konsegwenzi immedjati tal-kriżi u tiġi evitata żieda fil-qgħad. Il-preservazzjoni tal-impjiegi f'kumpanniji li jesperjenzaw diffikultajiet ser tkompli tkun importanti sakemm jibqgħu fis-seħħ politiki ta' trażżin u mitigazzjoni. Madankollu, aktar ma ddum il-kriżi, aktar ikun għoli r-riskju li jiġu ssussidjati l-impjiegi f'kumpanniji li ma għadhomx vijabbli. Għalhekk, meta tiġi kkunsidrata l-eliminazzjoni gradwali tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, huwa importanti li jintiżnu bir-reqqa, minn naħa waħda, il-ħtieġa li jiġu protetti l-kumpanniji u l-impjegati sakemm il-kundizzjonijiet ekonomiċi jirrikjedu dan u, min-naħa l-oħra, l-introduzzjoni ta' politiki li jipromwovu t-tibdil strutturali u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema (eż. permezz ta' inċentivi mfaġġa tajjeb għar-reklutaġġ u miżuri ta' taħriġ mill-ġdid).



## Il-kriżi tal-COVID-19 qed tikser xejra pożittiva twila sitt snin fis-suq tax-xogħol

**4.3 miljun** persuna anqas f'impjieg fit-tielet trimestru tal-2020 meta mqabbla mar-raba' trimestru tal-2019

**72.4 %** ir-rata ta' impjieg fit-tielet trimestru tal-2020 (0.7 pp anqas minn sena qabel)

**7.5 %** ir-rata tal-qgħad f'Novembru 2020 (0.9 pp ogħla milli f'Marzu)

**-11.7 %** sigħat maħduma għal kull ħaddiem fit-tieni trimestru tal-2020 meta mqabbla mar-raba' trimestru tal-2019 (+10.9 % fit-tielet trimestru)



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Data aġġustata skont l-istaġun, mhux aġġustata skont il-kalendarju.

8. **Ix-xokk ekonomiku huwa esperjenzat b'mod differenti fis-setturi u fil-kategoriji ta' ħaddiema.** Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet ekonomiċi raw tnaqqis fin-numri ta' impjieg tagħhom fis-sena sat-tielet trimestru tal-2020, iżda l-akbar tnaqqis ġie osservat fis-settur tal-ospitalità, fis-settur kulturali u tad-divertiment kif ukoll fost l-attivitajiet professjonali. It-tnaqqis fl-impjieg ħalla impatt akbar fuq ħaddiema f'forom ta' impjieg mhux standard, għalkemm b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi. L-impjegati temporanji ntlawtu b'mod sever, bi tnaqqis ta' 13.2 % sena wara sena fit-tielet trimestru tal-2020, filwaqt li l-impjieg permanenti baqgħu stabbli (+0.3 % sena wara sena), grazzi wkoll għar-rispons permezz tal-politiki. Dan sarraf fi tnaqqis sinifikanti fis-sehem ta' impjegati temporanji mill-impjegati totali, għal darb'oħra b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi.

## Il-pandemija kellha impatt differenti fuq l-impjieg u fuq is-setturi


### 3.3 miljun

inqas ħaddiema b' kuntratti temporanji fit-tielet trimestru tal-2020 (sena wara sena)

Tkabbir fl-impjieg fl-attivitajiet tal-kostruzzjoni, tal-amministrazzjoni pubblika u tal-ICT

L-akbar tnaqqis f'termini relattivi fil-kummerċ, fl-arti u fid-divertiment u fl-agrikoltura

**Impjieg (15-64) skont it-tip ta' kuntratt: bidla perċentwali bejn it-tielet trimestru tal-2019 u t-tielet trimestru tal-2020**



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Nota: \* Attivitajiet tal-NACE Rev.2.

9. **Minħabba l-COVID-19, l-Istati Membri qed jirriskjaw li jiffaċċjaw żieda qawwija fil-qgħad fost iż-żgħażaġh, li jitlob riformi u appoġġ imsaħħaħ.** Wara tnaqqis kontinwu fl-2019, il-qgħad fost iż-żgħażaġh madwar l-UE żdied minn livell baxx ta' 15.1 % f'Marzu 2020 għal 17.5 % f'Novembru 2020, u żdied b'rata aktar mgħaġġla mill-qgħad ġenerali. Il-kriżi wasslet ukoll għall-akbar żieda bejn żewġ trimestri konsekuttivi fir-rati ta' dawk bejn il-15 u l-24 sena barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ sa mill-bidu tas-serje tal-Eurostat fl-2006 (minn 10.4 % għal 11.6 % bejn l-ewwel trimestru tal-2020 u t-tieni trimestru tal-2020, segwita minn tnaqqis ta' 10.8 % fit-tielet trimestru tal-2020). Fl-2019, wieħed minn kull għaxar żgħażaġh ta' bejn it-18 u l-24 sena ħalla l-edukazzjoni jew it-taħriġ bi kwalifika ta' livell anqas minn dak ta' edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, u aktar minn kwart tal-persuni ta' bejn it-30 u l-34 sena ma kellhomx kwalifika li setgħet tiffaċilita l-aċċess dirett għas-suq tax-xogħol (edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali sekondarji jew kwalifika tal-edukazzjoni terzjarja). Il-proposti tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjoni dwar l-ETV u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ressqu miri sabiex itejbu l-kisbiet kemm fl-ETV kif ukoll fl-edukazzjoni terzjarja. Peress li ż-żidiet fir-rati ta' NEETs fil-biċċa l-kbira jirriżultaw mit-tnaqqis fid-domanda għax-xogħol, ir-riformi li jappoġġaw il-ħolqien tal-impjegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet ser ikunu essenzjali. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, li tiddependi fuq il-funzjonament tajjeb tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjegi u s-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, ser tkun kruċjali. Għan-nisa żgħażaġh NEETs, li fosthom l-inattività għandha rwol aktar b'saħħtu milli għall-irġiel, ir-riformi jenħtieġ li jinkludu wkoll miżuri sabiex jitneħħew id-dizincitivi fiskali għax-xogħol u jgħinu fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u tar-responsabbiltajiet ta' kura (ara wkoll aktar 'l isfel).

## Il-kriżi tal-COVID-19 wasslet għal żieda sostanzjali fir-rati ta' NEETs

**10.8 %**

**żgħażaġh NEETs (15-24)** fit-tielet trimestru tal-2020 (0.8 pp aktar mit-tielet trimestru tal-2019)


**-13 %**

**żgħażaġh b'livell baxx ta' ħiliet fl-impjieg** bejn tmiem l-2019 u t-tielet trimestru tal-2020

**26 %**

**taż-żgħażaġh (30-34)** għandhom kwalifiki li ma jagħtux aċċess dirett għas-suq tax-xogħol (ETV sekondarji jew edukazzjoni terzjarja)

**Żgħażaġħ ta' bejn il-15 u l-24 sena li la huma f'impjieg u lanqas f'edukazzjoni jew f'taħriġ (NEET), (it-tielet trimestru tal-2020)**



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS

10. **Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg staġnat u dik fil-pagi naqset matul l-aħħar ħames snin, iżda l-kriżi ħolqot riskji ġodda u enfasizzat il-ħtieġa ta' riformi u ta' investimenti.**


Filwaqt li r-rati ta' impjieg tan-nisa żdiedu, id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi tjiebet biss bi ftit mill-2013, minkejja l-livell edukattiv medju oġġla tan-nisa. S'issa, it-tnaqqis fir-rata ta' impjieg minħabba l-kriżi tal-COVID-19 ma rax differenzi sostanzjali skont il-ġeneru bħala medja fl-UE. Madanakollu, ir-rappreżentanza żejda tan-nisa f'setturi u f'okkupazzjonijiet bi ħlas aktar baxx, kif ukoll fl-impjieg part-time, tagħmilhom partikolarment vulnerabbli fis-swieq tax-xoġhol milquta mill-kriżi tal-COVID-19. Id-differenzi bejn il-ġeneri huma akbar għan-nisa bi tfal żgħar: fl-2019, huma affaċċjaw diskrepanza negattiva fl-impjieg ta' 14.3 pp b'kuntrast ma' nisa mingħajr tfal, filwaqt li l-irġiel fl-istess sitwazzjoni raw diskrepanza pożittiva ta' 9.6 pp. L-eżiti tal-impjieg huma agħar b'mod partikolari għal nisa anzjani, mhux imwielda fl-UE u b'livell baxx ta' hiliyet u nisa u b'diżabilitajiet. Il-parteciġazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xoġhol tista' tissaħħaħ permezz ta' riformi u permezz ta' investimenti fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal kif ukoll permezz ta' servizzi ta' kura fit-tul, u permezz ta' politiki ta' bilanċ bejn ix-xoġhol u l-ħajja privata, bħala liv tal-ġenituri u liv tal-kura bbilanċjat bejn il-ġeneri. Riformi u investimenti oħrajn jistgħu jinkludu miżuri li jiżguraw progressjoni ugwali fil-karriera, miżuri ta' trasparenza fil-pagi, u aġġustamenti fis-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji, bħala tassazzjoni imposta fuq l-individwu, aktar milli fuq l-unitajiet domestiċi, u tnaqqis ibbażat fuq il-familja, għall-konjuġi dipendenti u trasferibbli.

**Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjieg u fil-pagi għadhom sostanzjali f'diversi Stati Membri**

**11.5 pp**  
differenza bejn il-  
ġeneri fl-impjieg  
fit-tielet trimestru  
tal-2020, kważi  
stabbli mill-2013

**14.3 pp**  
l-impatt tal-  
paternità fuq l-  
impjieg (rata ta'  
impjieg aktar  
baxxa għal nisa bi  
tfal żgħar meta  
mqabbla ma' daww  
mingħajr tfal)

**Id-differenza mhux aġġustata bejn il-ġeneri fil-pagi fl-2014 u fl-2018**  
(punti perċentwali)



11. **Il-kriżi x'aktarx li jkollha impatt sproporzjonat fuq il-migranti mhux imwiolda fl-UE, bi sforzi addizzjonali meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.** Migranti mhux imwiolda fl-UE raw titjib fir-rata medja ta' impjieg tagħhom bejn l-2017 u l-2019 (minn 61.5 % għal 64.2 %). Madankollu, minn meta bdiet il-kriżi, ir-rata ta' impjieg naqset b'mod sinifikanti (għal 62.7 % fit-tielet trimestru tal-2020), minħabba r-rappreżentanza żejda tagħhom fost il-ħaddiema temporanji u fis-setturi milquta b'mod qawwi mill-kriżi, għalkemm kellhom rwol kruċjali f'okkupazzjonijiet ewlenin tal-ewwel linja matul il-pandemija. Barra minn hekk, il-ħaddiema migranti tal-ewwel ġenerazzjoni huma aktar probabbli li jinstabu f'impjiegi b'livell aktar baxx ta' ħiliet, anke meta jkollhom kwalifiki tal-edukazzjoni terzjarja. Ir-risponsi tal-Istati Membri permezz tal-politika b'rabta mal-għoti ta' korsijiet fil-lingwa, tal-aċċess għall-edukazzjoni u għat-taħriġ, tal-gwida dwar is-suq tax-xogħol u tar-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kwalifiki għenu sabiex tittejjeb l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Iż-żamma u t-tisħiħ ta' dawn il-politiki jgħinu sabiex l-irkupru jsir aktar inklużiv u jibni fuq il-ħiliet u l-potenzjal tal-migranti li jinkludu r-refuġjati.
12. **L-indirizzar tal-kawżi tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, inkluż billi tiġi adattata l-leġiżlazzjoni u jiġi żgurat li jkunu fis-seħħ l-inċentivi t-tajba għar-reklutaġġ b'kuntratti stabbli, huwa essenzjali sabiex tittejjeb ir-reżiljenza soċjali.** L-inċidenza tal-impjiegi temporanji tvarja b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi, biż-żgħażaġh u bin-nisa relattivament aktar rappreżentati f'din il-kategorija. L-Istati Membri b'sehem sostanzjali ta' ħaddiema b'terminu fiss esperjenzaw l-akbar fluttwazzjonijiet fl-impjiegi matul il-kriżi. F'din il-perspettiva, l-iżgurar li l-kuntratti għal terminu fiss jappoġġaw id-dħul fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jservu bħala "pass 'il quddiem" għal impjieg regolari huwa essenzjali sabiex tiżdied ir-reżiljenza soċjali u sabiex jiġi appoġġat l-irkupru ġust u inklużiv. Ir-riformi sabiex tiġi mmodernizzata l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi huma importanti f'dan il-kuntest, fost l-oħrajn billi jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ċari għall-użu ta' kuntratti temporanji, jiġu evitati relazzjonijiet ta' impjieg li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, u billi jiġu pprovvuti l-inċentivi t-tajba għar-reklutaġġ b'kuntratti permanenti. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-persuni li qed ifittxu impjieg bi storja ta' xogħol prekarju jkollhom aċċess adegwat għall-protezzjoni soċjali u b'mod partikolari għall-benefiċċji tal-qgħad, inkluż billi jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà jkunu jistgħu jiġu adattati jekk meħtieġ mill-kundizzjonijiet ekonomiċi, u jgawdu minn opportunitajiet sabiex jitħarrġu u jiksbu ħiliet ġodda.

13. **Ħafna ħaddiema għadhom mhumiex protetti b'pagi minimi adegwati.** Ħafna drabi l-pagi minimi statutorji huma baxxi meta mqabbla ma' pagi oħra fl-ekonomija, minkejja ż-żidiet reċenti f'ħafna Stati Membri. Il-paga minima bosta drabi ma tkunx biżżejjed sabiex tiproteġi lill-ħaddiema kontra r-riskju ta' faqar. Barra minn hekk, id-differenzi fil-kopertura jseħħu kemm f'pajjiżi b'paga minima statutorja (minħabba eżenzjonijiet għal kategoriji speċifiċi) kif ukoll f'pajjiżi fejn il-pagi huma stabbiliti esklużivament permezz ta' negozjar kollettiv (għal ħaddiema li ma jibbenefikawx, direttament jew indirettament, minn ftehimiet kollettivi). Wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, fit-28 ta' Ottubru 2020 il-Kummissjoni pproponiet Direttiva tal-UE dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea. Bħalissa għaddejjin negozjati dwar id-Direttiva proposta. Il-proposta tipprevedi qafas li jiżgura l-aċċess tal-ħaddiema fl-UE għal protezzjoni adegwata tal-paga minima.
14. **L-adattament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol sar ċentrali matul il-pandemija u ser jibqa' kruċjali wara, filwaqt li jirrikjedi investiment fuq il-post tax-xogħol u riformi sabiex tissaħħaħ id-disponibbiltà ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli.** Ħafna Stati Membri adattaw it-termini u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, inkluż billi estendew l-użu tat-telexogħol, b'enfasi partikolari fuq il-protezzjoni tal-ħaddiema vulnerabbli. Matul l-emerġenza tas-saħħa, it-telexogħol wera li huwa importanti ħafna sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju, filwaqt li jipprovdni għażliet usa' sabiex wieħed ilaħħaq ma' ħtiġijiet addizzjonali ta' kura. Madankollu, jista' wkoll iġib miegħu riskji, inkluż dawk relatati mal-benesseri okkupazzjonali, fiżiku u mentali tat-teleħaddiema bbażati d-dar. Fil-futur, il-pandemija ser twassal għal rivoluzzjoni fl-organizzazzjoni tal-postijiet tax-xogħol u tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Jeżistu differenzi fil-kontenut u fil-kopertura tar-regolamenti nazzjonali relatati mat-telexogħol, inkluż fir-rigward tal-promozzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għal dan l-għan. Filwaqt li jibnu fuq il-prattiki nazzjonali eżistenti rigward in-negozjar kollettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ambjenti tax-xogħol ikunu sikuri u adattati sew, u li arranġamenti tax-xogħol flessibbli jkunu disponibbli b'mod wiesa', sabiex jinstab bilanċ bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata. Hija meħtieġa wkoll aktar attenzjoni sabiex jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u sabiex dawk f'xogħol mhux dikjarat jiġu attirati lejn impjieġ formali. Il-pandemija xeħtet ukoll dawl fuq in-nuqqasijiet f'ċerti professjonijiet tas-saħħa u fuq il-ħtieġa li jiġu adattati jew jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħiliet tagħhom.


## L-inċidenza tat-telexogħol matul il-kriżi tvarja b'mod konsiderevoli bejn il-profilu u s-setturi

Ix-xogħol mid-dar matul il-COVID-19, il-karatteristiċi ewlenin tal-ħaddiema parteċipanti (UE-27, f' %).

**60 pp**  
distakk fl-aċċess  
għat-telexogħol  
bejn ħaddiema  
b'livell għoli ta'  
ħilet u dawk  
b'livell baxx ta'  
ħilet

**61 %**  
minn dawk li  
jgħixu fil-bliet  
kellhom aċċess  
għat-telexogħol,  
meta mqabbla ma'  
41 % għal dawk li  
jgħixu fi bliet  
żgħar

Il-ħaddiema fl-  
edukazzjoni u  
fis-servizzi  
amministrattivi  
użaw it-  
telexogħol b'mod  
aktar wiesa'



Sors: L-istħarriġ elettroniku tal-Eurofound (2020) Living, working and COVID-19 (Il-ħajja. Ix-xogħol u l-COVID-19).

15. **Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol huma essenzjali sabiex jappoġġaw l-aġġustamenti fis-suq tax-xogħol wara x-xokk tal-COVID-19.** L-Istati Membri daħlu fil-kriżi tal-impjegi b'rati differenti ta' kopertura tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs). L-appoġġ għal tranżizzjonijiet bla xkiel fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jipprevjeni r-riskji ta' aktar polarizzazzjoni tal-ħiliet, huwa essenzjali għat-tkabbir inklużiv. Dan huwa partikolarment importanti għall-Istati Membri b'rati ta' qgħad fit-tul li għadhom għoljin, li x'aktarx ser ikompli jiġu aggravati bħala konsegwenza tax-xokk tal-COVID-19. L-Istati Membri emendaw l-oqfsa eżistenti jew introduċew sistemi ġodda tal-ALMP sabiex jirreaġixxu aħjar għall-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, jippromwovu l-impjegi kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, spiss bl-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew. Issa jista' jkollhom il-possibbiltà li jikkombinaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni ma' finanzjament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex jippromwovu aktar l-ALMPs immirati li jinkludu miżuri ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid.
16. **L-aċċess għall-iskemi tal-benefiċċji tal-qgħad b'livelli u b'durata adegwati tal-benefiċċji huwa essenzjali sabiex jittaffa l-impatt negattiv tal-kriżi, u sabiex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-persuni qiegħda lejn impjegi ġodda.** L-għoti ta' benefiċċji tal-qgħad adegwati b'durata raġonevoli aċċessibbli għall-qiegħda kollha, inkluż dawk preċedentement impjegati f'kuntratti mhux standard, huwa essenzjali sabiex jiġu appoġġati l-persuni li jfittxu impjieg matul it-tranżizzjonijiet. Hija meħtieġa attenzjoni partikolari għal individwi li għandhom storja tal-impjegi qasira jew mhux kontinwa, peress li ħafna drabi jkunu anqas koperti minn dawn l-iskemi. B'reazzjoni għall-pandemija, diversi Stati Membri saħħew l-iskemi tagħhom ta' protezzjoni tal-qgħad u taffew il-kriterji ta' eliġibbiltà biex itejbu l-protezzjoni tagħhom. Jista' jkun meħtieġ li dawn l-iskemi jiġu rieżaminati aktar wara tibdiliet fil-kundizzjonijiet ekonomiċi sabiex jinżamm introjtu adegwat, filwaqt li tiġi appoġġata l-attivazzjoni effettiva fis-suq tax-xogħol ta' dawk affettwati.

17. **Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg ser ikollhom imorru lil hinn mill-modi tradizzjonali ta' ħidma sabiex jindirizzaw iż-żieda qawwija fin-numru ta' persuni li qed ifittxu impjieg u jappoġġaw ir-riallokazzjoni tagħhom fost l-okkupazzjonijiet jew is-setturi.** Is-sehem ta' persuni qiegħda li jużaw is-servizzi pubbliċi tal-impjieg (PES) għat-tfittix ta' impjieg kien qed jonqos f'dawn l-aħħar snin, għalkemm b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri. Iż-żgħażaġh, il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet u dawk akbar fl-età li qed ifittxu impjieg għadhom irrappreżentati żżejjed fost dawk li qed ifittxu l-għajjnuna mill-PES. L-iżgurar ta' rispons adegwat u effettiv għall-ħtiġijiet ta' dawk li qed ifittxu impjieg u tal-impjegaturi jista' jirrikjedi żieda fil-kapaċità fir-rigward tat-tisħiħ tas-sistemi ta' tfassil ta' profili u t-titjib tas-servizzi ta' gwida u tal-mentoraġġ għall-persuni li qed ifittxu impjieg. L-investment f'soluzzjonijiet aġġornati tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u t-taħriġ mill-ġdid tal-persunal tal-PES ser ikunu importanti għat-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom. Appoġġ aktar b'saħħtu bbażat fuq pjanijiet ta' azzjoni individwali jista' jgħin lil dawk affettwati mill-kriżi jsibu impjieg fil-kuntest ta' rkupru fil-ġejjieni.

## Il-PES jista' jkollhom rwol kruċjali fl-iffaċilitar ta' tranżizzjonijiet bla xkiel u fil-promozzjoni ta' rkupru rapidu


**45 pp**

**id-differenza bejn l-oġhla u l-anqas livell ta' użu tal-PES għat-tiftix ta' impjieg fl-2019**

**Il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet u dawk akbar fl-età li qed ifittxu impjieg huma rappreżentati żżejjed fost dawk li qed ifittxu l-għajjnuna mill-PES**

**Ir-rati għoljin tal-qgħad fit-tul qabel il-pandemija jistgħu jżidu sfidi sabiex l-irkupru jaħdem għal kulħadd**

Is-sehem ta' persuni qiegħda li jużaw metodu ta' tiftix ta' impjieg partikolari (2019)



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS.

18. **Id-djalogu soċjali u l-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika huma kruċjali sabiex jitrawwem irkupru ġust u sostenibbli u jiġi appoġġat it-tkabbir inklużiv.** F'diversi Stati Membri, il-ftehimiet kollettivi u d-djalogu soċjali għenu fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tar-rispons soċjoekonomiku immedjat għall-kriżi tal-COVID-19, inklużi miżuri sabiex il-mudelli tax-xogħol jiġu adattati malajr, bħall-promozzjoni tat-telexogħol, u sabiex jiġu protetti s-saħħa, l-introjti u l-impjiegi tal-ħaddiema tal-ewwel linja u essenzjali. Il-konsultazzjoni tas-sħab soċjali fir-reazzjoni għall-kriżi baqgħet b'saħħitha f'dawk l-Istati Membri bi strutturi ta' djalogu soċjali diġà żviluppata sew. Fi Stati Membri oħra, il-kriżi għarrqet l-involviment diġà limitat tas-sħab soċjali qabel l-emerġenza tas-saħħa. Sabiex jiġu żgurati t-tfassil u l-implimentazzjoni effettivi u bla xkiel tal-aġendi ta' riforma u ta' investiment tagħhom taħt il-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza matul il-perijodu 2021-23, huwa kruċjali li l-Istati Membri jinvolvu ruħhom mas-sħab soċjali fit-tnejn tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u għar-reżiljenza.

19. **L-inugwaljanzi fl-edukazzjoni u t-taħriġ ipogoġu f'riskju l-koeżjoni soċjali u t-tkabbir inklużiv. Dan jitolb riformi biex is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ isiru aktar inklużivi u jagħtu riżultati aħjar, jappoġġaw lil dawk l-aktar vulnerabbli u jinvestu fl-infrastruttura edukattiva, inkluż l-edukazzjoni diġitali.** Tfal u zġażaġħ minn gruppi soċjoekonomiċi aktar batuti spiss jaffaċċjaw sfidi sinifikanti fil-livell edukattiv milħuq. Dawn juru parteċipazzjoni konsiderevolment aktar baxxa fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal u ħafna drabi jonqsu milli jiksbu ħiliet bażiċi fil-qari fl-iskejjel sekondarji. Huma wkoll sottorappreżentati fl-edukazzjoni terzjarja, flimkien ma' studenti minn żoni rurali, studenti b'diżabbiltajiet u studenti migranti mhux mill-UE. L-apprendiment mill-bogħod li ġie introdott matul il-lockdowns xeħet dawl fuq dawn l-iżvantaġġi: studenti minn sfond soċjoekonomiku aktar batut tipikament bdew b'ħiliet diġitali aktar baxxi, u ħafna drabi ma kellhomx aċċess għal kompjuters u għal konnessjonijiet tal-internet. Differenza bejn il-ġeneri qed tikber ukoll fil-ħiliet bażiċi u fil-livell edukattiv terzjarju milħuq, fejn is-subien imorru aġħar mill-bniet. Hemm riskju li l-kombinazzjoni ta' dawn il-fatturi ssarraf fi żvantaġġi matul il-ħajja tax-xoġħol, anke fid-dawl tad-differenza diġà kbira fl-impjiegi bejn dawk b'livell baxx ta' ħiliet baxxi u dawk b'livell għoli (29.1 pp fl-2019). Hemm rabta qawwija bejn il-prestazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u s-suċċess fis-suq tax-xoġħol u l-parteeipazzjoni fis-soċjetà, li tenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni inklużiva sabiex jiġi żġurat irkupru ġust u tissaħħaħ ir-reżiljenza soċjali. Ir-riformi jistgħu jkopru, fost l-oħrajn: il-prevenzjoni ta' traċċar edukattiv bikri; l-introduzzjoni ta' servizzi ta' appoġġ u skemi u servizzi finanzjarji mmirati għal skejjel, familji u zġażaġħ żvantaġġati; it-trawwim ta' aċċess imtejjeb għall-edukazzjoni għat-tfal fil-bżonn, inkluż l-integrazzjoni ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali f'ambjenti ġenerali; u l-investment fl-infrastruttura, it-tagħmir u r-riżorsi tat-tagħlim.

## L-iżvantaġġi soċjoekonomiċi għad għandhom impatt qawwi fuq il-parteċipazzjoni u fuq l-eżiti edukattivi

### 36.4 % tal-istudenti

bi sfond ekonomiku, soċjali u kulturali aktar baxx **ma jirnexx ilhomx jiksibu ħiliet bażiċi fil-qari**


### 11.3 pp

id-distakk fil-parteċipazzjoni fl-ECEC **għat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-2016**

### 22.5 %

**taż-żgħażaġh li twieldu barra mill-UE jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (meta mqabbla ma' 10.2 % fl-UE kollha)**

**Ir-rata ta' lħuq ta' livell insuffiċjenti fil-ħiliet tal-qari skont l-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali (f'punti perċentwali ta' dawk li għandhom 15-il sena, 2018)**



Nota: ESCS tfisser status ekonomiku, soċjali u kulturali.

20. **It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid huma prijorità ewlenija sabiex jitravwem irkupru inklużiv u jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Qabel il-kriżi, il-kumpanniji tal-UE semmew l-iskarsezza ta' persunal kwalifikat bħala l-ewwel ostaklu għall-investiment.** 20 Stat Membru ma laħqux il-mira ta' 15 % tal-apprendiment għall-adulti fl-UE kollha sal-2020. L-adulti bi kwalifiki aktar baxxi jipparteċipaw anqas b'mod sinifikanti fl-apprendiment, għalkemm huma l-aktar li għandhom bżonnu. Kwart tal-adulti żgħażaġh ma għandhomx kwalifika li tagħti aċċess dirett għas-suq tax-xogħol. Xi setturi, bħall-ICT, jirrapportaw distakk kbir bejn il-postijiet tax-xogħol vakanti u l-gradwati. F'ħafna Stati Membri għadu diffiċli wisq li wieħed jaċċessa aktar edukazzjoni u taħriġ wara li jħalli l-edukazzjoni formali, u l-validazzjoni tal-ħiliet għadha mhijiex żviluppata biżżejjed. Flimkien mal-isfidi l-ġodda għall-ħiliet li qed jitfaċċaw b'rabta mat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, dan jindika l-ħtieġa li tiġi appoġġata t-trasformazzjoni tal-edukazzjoni vokazzjonali u terzjarja. L-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni jistabbilixxu politiki għall-apprendiment tul il-ħajja, għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid, inkluż Patt għall-Ħiliet u l-implimentazzjoni ta' strateġiji tal-ħiliet, it-tbassir, il-gwida u l-validazzjoni. Taħt l-inizjattiva emblematika "Taħriġ mill-Ġdid u Titjib tal-Ħiliet", l-Istati Membri huma mħeġġa bil-qawwa sabiex iressqu riformi u investment fil-ħiliet, b'mod partikolari dawk diġitali, għall-finanzjament taħt il-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'mod supplimentari u flimkien mal-finanzjament ipprovdut tradizzjonalment mill-Fond Soċjali Ewropew.

**Hemm lok għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti bħala element ewlieni sabiex jiġu appoġġati l-iżvilupp tal-karriera u t-tranżizzjonijiet b'suċċess tal-impjiegi**

**28.3 pp**

differenza fir-rati ta' impjeg bejn ħaddiema b'livell baxx u daww b'livell għoli ta' ħiliet

**6.5 pp**

differenza fil-parteċipazzjoni fl-apprendiment għal ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet


**F'20 Stat Membru**

anqas minn 15 % tal-adulti ħadu sehem fl-apprendiment għall-adulti


**Nofs l-adulti**

jenħtieġ li jieħdu sehem fl-apprendiment għall-adulti fuq perijodu ta' sena sal-2025, skont l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet (meta mqabbla ma' 38 % fl-2016)

**Rati ta' impjeg skont il-livell edukattiv milħuq**  
(% ta' persuni bejn il-25 u l-64 sena fl-2019)



**Is-sehem ta' adulti u ta' adulti b'livell baxx ta' kwalifiki li jipparteċipaw fl-apprendiment** (% ta' persuni bejn l-20 u l-64 sena fl-2019)



Sors: Eurostat.

**21. Il-kriżi tal-COVID-19 kompliet tenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-ħiliet diġitali.**

Matul il-pandemija, il-ħiliet diġitali kienu essenzjali għall-kontinwità tal-operat, għall-attivitajiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, kif ukoll sabiex jiġi żgurat l-aċċess għas-servizzi, li jinkludu l-kura tas-saħħa, għal sehem kbir ta' ċittadini tal-UE. Il-ħiliet diġitali ser ikunu dejjem aktar importanti għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, kif ukoll sabiex jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Madankollu l-progress fil-ħiliet diġitali bażiċi kien kajman: minkejja li sar titjib modest, fl-2019 aktar minn erba' persuni minn kull għaxra fl-UE ma kellhomx ħiliet diġitali bażiċi, b'mod partikolari dawk akbar fl-età u dawk b'livell baxx ta' kwalifiki. Barra minn hekk, hemm nuqqas sistematiku ta' esperti diġitali u ta' persuni b'ħiliet diġitali avvanzati, sfida xprunata b'mod sinifikanti mis-sottorappreżentanza tan-nisa fost il-gradwati terzjarji fl-STEM u fl-impjiegi fis-settur tal-ICT. Għalkemm il-bniet imorru aħjar mis-subien fil-ħiliet diġitali f'età żgħira, huma jagħżlu l-mogħdijiet rispettivi tal-istudju jew tal-karriera b'rata ferm aktar baxxa mis-subien. Ir-riformi sabiex jissaħħu l-ħiliet diġitali jinkludu aġġornamenti tal-kurrikuli, l-introduzzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-ICT fl-iskejjel primarji u sekondarji, l-appoġġ għall-għalliema u għall-ħarrieġa, inkluż fil-ġlieda kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru biex iħeġġu l-interess u l-aspirazzjonijiet tal-bniet, opportunitajiet ta' apprendiment għall-adulti fil-ħiliet diġitali, miżuri mmirati sabiex iżidu l-attraenza tal-istudji fl-oqsma tal-STEM u tal-ICT (b'mod partikolari għall-bniet), il-kooperazzjoni msaħħa bejn in-negozji, iċ-ċentri tar-riċerka u l-akkademja, kif ukoll l-investiment fl-infrastruttura u fit-tagħmir diġitali.

## Id-diskrepanza fil-ħiliet diġitali għadha sinifikanti


**46 % tal-persuni** bejn is-16 u l-74 ma kellhomx hiliel diġitali bażiċi fl-2019

**13.5 miljun** post tax-xogħol vakanti kienu jeħtieġu hiliel relatati mal-ICT fl-2018 u fl-2019

**57 %** tal-kumpanniji rrappurtaw diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' speċjalisti tal-ICT fl-2019

**50.9 %** tal-ġhalliema ma rċevewx taħriġ fl-ICT fl-edukazzjoni formali tagħhom

**Individwi li għandhom hiliel diġitali ġenerali bażiċi jew ogħla minn bażiċi (2019, punti perċentwali, persuni li għandhom bejn is-16 u l-74 sena)**



Sors: Eurostat

22. **B'mod ġenerali, l-inugwaljanza fl-introjtu naqset ftit matul dawn l-aħħar snin qabel il-pandemija tal-COVID-19, iżda żdiedet fil-livell inferjuri tad-distribuzzjoni tal-introjtu matul l-aħħar għaxar snin, u dan qajjem tħassib dwar l-inklużività tat-tkabbir ekonomiku.** Bħala medja fl-UE kollha, l-20 % tal-unitajiet domestiċi l-aktar għonja għandhom introjtu li jaqbeż dak tal-ifqar 20 % b'madwar ħames darbiet. Fis-snin li għaddew, l-inugwaljanza fl-introjtu żdiedet aktar fil-parti inferjuri tad-distribuzzjoni tal-introjtu (S50/S20) milli fil-parti superjuri (S80/S50). Skont stimi preliminari, l-istabbilizzaturi awtomatiċi u l-miżuri ta' politika adottati sabiex tiġi ffaċċjata l-emerġenza s'issa naqqsu l-effett tal-COVID-19 fuq l-inugwaljanza. L-indirizzar tal-inugwaljanzi fl-introjtu jeħtieġ riformi mill-Istati Membri f'oqasma ta' politika differenti, inkluż it-tfassil tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji tagħhom, il-mekkaniżmi tal-iffissar tal-pagi, l-inklużività u l-opportunitajiet indaqs fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (li jibdeu minn età bikrija), u l-aċċess għal servizzi bi prezz li jintlaħaq u ta' kwalità għal kulħadd. Jenħtieġ li tiġi żgurata l-valutazzjoni tal-impatti distributtivi tal-politiki, b'mod partikolari fir-rigward tal-politiki li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja.

## Għalkemm dan l-aħħar naqset, l-inugwaljanza żdiedet fil-parti inferjuri tad-distribuzzjoni tal-introjtu


### Madwar ħames darbiet

huwa l-proporzjon  
tas-sehem tal-  
introjtu tal-ogħla  
20 % tal-introjti  
meta mqabbel mal-  
anqas 20 % fl-2019

**21.4 %**

huwa s-sehem tal-  
introjtu ggwadanjat  
mill-anqas 40 % tal-  
popolazzjoni, li juri  
żieda mill-2015 'l  
hawn

Proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20) u  
diżaggregazzjoni  
skont il-parti ta' fuq u ta' isfel tad-distribuzzjoni



Sors: il-komputazzjoni fuq id-data tal-Eurostat

23. Qabel il-kriżi tal-COVID-19, in-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali kien qed jonqos għas-seba' sena konsekuttiva, għalkemm il-progress bil-mod f'pajjiżi b'rati ogħla ta' faqar jindika sfidi għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Fl-2019, iktar minn 91.3 miljun kienu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (ARPE), jiġifieri 3.39 miljun persuna anqas meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Sa mill-ogħla livell milħuq fl-2012, id-deprivazzjoni materjali estrema kienet il-komponent li tġieb l-aktar, segwit mis-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna, minħabba l-prestazzjoni b'saħħitha tas-suq tax-xogħol qabel il-kriżi, filwaqt li t-tnaqqis fir-rata ta' riskju ta' faqar kien anqas evidenti. Madankollu, dawn l-iżviluppi pożittivi kienu qed juru xi tnaqqis fir-ritmu f'ħafna Stati Membri. Il-faqar fost dawk li jaħdmu u l-intensità tal-faqar kienu qed jonqsu bil-mod, inkluż għal persuni f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna. Il-kriżi tal-COVID-19, biż-żieda assoċjata fil-qgħad u fl-inattività, tagħmel ferm improbabbli l-kisba tal-mira tal-Ewropa 2020 ta' 20 miljun persuna anqas fil-faqar jew f'esklużjoni soċjali (meta mqabbla mal-2008). Is-sitwazzjoni attwali toħloq sfidi akbar għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżgurar sostenibbli ta' introjtu adegwati u tal-provvista ta' servizzi ta' kwalità speċjalment għal dawk kollha li l-aktar għandhom bżonnhom.

24. **Il-faqar baqa' għoli f'ċerti gruppi, b'mod partikolari għall-familji bit-tfal, għall-persuni b'diżabbiltà u għal dawk li ma twildux fl-UE, li lkoll intlaqtu b'mod sproporzjonat mill-kriżi tal-COVID-19.** Is-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari s-servizzi soċjali, tqiegħdu taħt pressjoni bla preċedent, li kompliet taggrava l-isfidi għall-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli. Filwaqt li naqas f'dawn l-aħħar ftit snin, ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfal (taħt it-18-il sena) baqa' 1 pp ogħla minn dak għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, u kien għoli ħafna f'xi Stati Membri. Minbarra livelli ta' introjtu adegwati, l-aċċess għas-servizzi, li jinkludu l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni, għandu rwol ewlieni fl-appoġġ tal-familji bit-tfal, u jiżgura opportunitajiet indaqs fil-ħajja. Fl-2021, il-Kummissjoni ser tipproponi Garanzija Ewropea għat-Tfal sabiex tipprovdi qafas għal azzjoni fil-livell tal-UE. Il-persuni b'diżabbiltà u dawk li ma twildux fl-UE, it-tnejn li huma esposti għal riskji ogħla ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, ukoll jeħtieġu appoġġ imsaħħaħ. L-Istrateġija l-għdida dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà li ser titnieda mill-Kummissjoni fl-2021 ser ikollha l-għan li tippromwovi l-inklużjoni ekonomika u soċjali tal-persuni b'diżabbiltà. Hija mistennija tiffoka fuq firxa wiesgħa ta' oqsma, li jinkludu l-edukazzjoni, l-impjiegi, il-protezzjoni soċjali adegwata, l-aċċessibbiltà u n-nondiskriminazzjoni. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jtenni d-dritt ta' aċċess tal-persuni għal servizzi ta' kwalità. It-tisħiħ tal-aċċess għas-servizzi, li jinkludu s-servizzi soċjali u s-servizzi tal-komunità u dawk ibbażati d-dar għall-għajxien indipendenti u għall-inklużjoni fil-komunità, ser ikun rifless f'numru ta' inizjattivi u ta' flussi ta' ħidma pendenti tal-Kummissjoni, bħall-istrateġiji msemmija u l-Pjan ta' Azzjoni l-għdid dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni għall-persuni bi sfond ta' migrazzjoni.

## Ir-rata ta' AROPE kienet qed tonqos qabel il-kriżi tal-COVID-19, għalkemm bil-mod

**91.3 miljun**


persuna f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-UE-27 fl-2019, 3.39 miljun anqas milli fl-2018

**22.2 % tat-tfal** jinsabu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali

**9 % tal-ħaddiema**

jinsabu f'riskju ta' faqar

Ir-rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali u s-subkomponenti tagħha fl-UE



Sors: Eurostat

25. **Filwaqt li l-kostijiet tal-abitazzjoni għadhom għoljin ħafna għal sehem kbir ta' unitajiet domestiċi, il-kriżi teħtieġ azzjoni sabiex jiġu protetti daww l-aktar vulnerabbli.** Ewropew minn kull għaxra huwa affettwat minn piż żejjed tal-kostijiet tal-abitazzjoni. L-unitajiet domestiċi bl-anqas introjtu u n-nies li jgħixu fil-bliet huma l-aktar affettwati. Il-problema ta' persuni mingħajr dar, l-aktar forma estrema ta' esklużjoni mill-abitazzjoni, żdiedet tul l-aħħar għaxar snin f'ħafna mill-Istati Membri. Il-kriżi tas-saħħa pprovdiet aktar provi ta' dawn id-diffikultajiet fl-abitazzjoni. Ħafna Stati Membri ħadu miżuri ta' emerġenza sabiex jiproteġu lil daww l-aktar vulnerabbli, inkluż billi pprovdew akkomodazzjoni ta' emerġenza għall-persuni mingħajr dar. Ir-riformi tal-Istati Membri jenħtieġ li jiffokaw b'mod partikolari fuq l-investiment fir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet residenzjali u soċjali u fuq iż-żieda tal-aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq, jew assistenza għall-akkomodazzjoni.


26. **Il-kriżi tal-COVID-19 tfakkar bil-qawwa l-importanza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u r-rwol tagħhom fil-mitigazzjoni tal-effetti ekonomiċi u soċjali ta' tnaqqis fl-attività ekonomika.** Il-kriżi tal-COVID-19 x'aktarx li żżid in-numru ta' persuni li jieħdu l-benefiċċji tal-qgħad u appoġġ ieħor għall-introjtu, u b'hekk tixħet pressjoni fuq il-kapaċità tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħna. Il-pajjiżi estendew u qawwew l-iskemi eżistenti, u espandew l-eliġibilità u llaxkaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibilità tagħhom fuq bażi temporanja. F'fażi ta' rkupru, huma meħtieġa sforzi sostnuti sabiex il-protezzjoni soċjali għal kulħadd tinżamm u tissaħħaħ b'mod sostenibbli. Filwaqt li tibni fuq ir-reazzjoni għall-kriżijiet, il-protezzjoni ta' dawk li jaħdmu għal rashom u tal-ħaddiema mhux standard jenħtieġ li ttittejjeb aktar fuq bażi strutturali, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni dwar l-Aċċess għall-protezzjoni soċjali. Ir-riformi jenħtieġ li jindirizzaw, fost l-oħrajn, il-kopertura, l-adeqwatezza, it-trasferibilità tad-drittijiet tal-protezzjoni soċjali, it-trasparenza tal-iskemi, u l-appoġġ għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu.

### Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-livell ta' introjtu minimu jaqa' taħt is-soll tal-faqar

Bhala medja, **it-trasferimenti soċjali (eskluzi l-pensjonijiet)** inaqqsu l-faqar bi **32.4 %**

**63.9 %** tal-popolazzjoni tal-UE **f'riskju ta' faqar irċeviet xi tip ta' benefiċċju** fl-2018

Introjtu nett ta' dawk li jaqilgħu l-introjtu minimu (sena tal-introjtu: 2018)



Sors: il-komputazzjoni fuq data tal-OECD u tal-Eurostat

27. **Il-COVID-19 poġġiet is-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul tal-Istati Membri taħt stress bla preċedent.** Il-kapaċità ta' reazzjoni għall-kriżijiet tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħna spiss tqiegħdet taħt pressjoni u l-isfidi strutturali eżistenti relatati mal-effettività, mal-aċċessibbiltà u mar-reżiljenza tal-kura tas-saħħa ġew aggravati. Dawn huma relatati, pereżempju, ma' finanzjament insuffiċjenti għall-investimenti fis-saħħa (inklużi t-tnejn u r-reazzjoni għall-kriżijiet), il-koordinazzjoni u l-integrazzjoni limitati tal-kura, il-kura primarja dgħajfa u l-ostakli persistenti għall-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika. Diffikultajiet bħal dawn affettwaw ħafna lil dawk l-aktar vulnerabbli. Kif imsemmi aktar 'il fuq, il-pandemija enfasizzat ukoll in-nuqqasijiet f'ċerti professjonijiet tas-saħħa u l-importanza li jiġu adattati jew jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħiliet tagħhom. Ir-riformi jenħtieġ li jkopru b'mod partikolari t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri (b'mod partikolari l-kapaċità ta' ġestjoni taż-żidiet f'daqqa u tal-kriżijiet), koordinazzjoni aħjar bejn il-kura għal pazjenti fl-isptar, għal pazjenti ta' barra u dik primarja, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema tas-saħħa u t-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, is-saħħa diġitali u t-tnaqqis tal-ħlas mill-but. Is-sistemi tal-kura fit-tul ġew affettwati wkoll b'mod qawwi mill-pandemija, b'rabta mal-vulnerabbiltà għolja tal-utenti u tal-persunal tagħhom għall-COVID-19. L-isfidi għas-sistemi tal-kura fit-tul – li jvarjaw minn sitwazzjonijiet diffiċli għall-ħaddiema u għall-persuni li jindukraw b'mod informali, id-diskontinwità tas-servizzi u kwistjonijiet ta' kapaċità – saru evidenti. Ir-riformi jenħtieġ li jkopru, fost l-oħrajn, miżuri preventivi bħat-tixjiħ attiv u f'saħħtu, u miżuri reattivi bħall-istabbiliment ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali integrati kif xieraq, l-espansjoni tal-aċċess u tal-kopertura, b'mod partikolari għall-kura fid-djar u għas-servizzi bbażati fil-komunità, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha, filwaqt li jingħata appoġġ għas-servizzi ta' kura integrata u tal-ġhajxien indipendenti.

## F'diversi Stati Membri, il-livelli tal-introjtu jaffettwaw l-aċċess għall-kura tas-saħħa


**1.7 %**

tal-popolazzjoni tal-UE rrapportat **ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati** fl-2019, qabel il-kriżi tal-COVID-19

fi **12-il Stat Membru**

**il-ħlas mill-but** jammonta għal aktar minn **20 % tan-nefqa fuq is-saħħa**

**Ħtiġijiet mhux issodisfati awtorapportati għal eżami mediku skont il-livell ta' introjtu, 2019**



Sors: il-komputazzjoni fuq id-data tal-Eurostat

28. **It-tibdil demografiku jkompli joħloq sfidi fit-tul għas-sistemi tal-pensjonijiet.** L-adeqwatezza tal-pensjonijiet baqgħet ġeneralment stabbli fl-2019. L-introjtu mill-pensjonijiet iddeterjora kemxejn meta mqabbel mal-introjtu mix-xogħol, filwaqt li s-sehem ta' persuni anzjani li jsofru minn deprivazzjoni materjali estrema kompli jonqos. Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet għadha kbira, minkejja tnaqqis gradwali matul dawn l-aħħar għaxar snin. L-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi u l-introjtu mix-xogħol, b'mod partikolari għall-ħaddiema mhux standard u għal dawk li jaħdmu għal rashom, iżid mar-riskji għall-adeqwatezza tal-pensjonijiet fuq medda itwal ta' żmien. Ir-riformi jenħtieġ li jkollhom l-għan li jibnu sistemi tal-pensjonijiet inklużivi u sostenibbli, li jipprovdu aċċess adegwat kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa u għall-persuni f'tipi differenti ta' kuntratti u ta' attivitajiet ekonomiċi, filwaqt li jiżguraw introjtu adegwat fix-xjuħija.

29. **L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu azzjoni sabiex jindirizzaw l-isfidi tal-impjieg, tal-ħiliet u tal-politika soċjali identifikati f'dan ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg.** L-analiżi ppreżentata fir-rapport tenfasizza numru ta' oqsma prijoritarji għar-riformi u għall-investimenti. Dawn jenħtieġ li jkollhom l-għan li jrawmu l-ħolqien tal-impjieg, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet mill-qgħad għall-impjieg u bejn is-setturi, itejbu r-reżiljenza ekonomika u soċjali u jtaffu l-impatt soċjali u fuq l-impjieg tal-kriżi. Il-finanzjament tal-UE, inkluż permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (bir-riżorsi addizzjonali disponibbli minn REACT-EU), il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri sabiex iħaffu l-implimentazzjoni tal-azzjoni ta' politika f'dawn l-oqsma.

F'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjieg, l-Istati Membri huma mistiedna:

- a) Iżommu fis-seħħ skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri oħra għall-preservazzjoni tal-impjieg sakemm ikun meħtieġ u jikkombinawhom ma' skemi ta' titjib tal-ħiliet/ta' taħriġ mill-ġdid; hekk kif il-kundizzjonijiet jippermettu, jintroduċu appoġġ għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema (eż. permezz ta' inċentivi ta' reklutaġġ u taħriġ imfassla tajjeb) b'mod partikolari lejn l-ekonomija ekoloġika u diġitali, filwaqt li jiproteġu lill-ħaddiema matul it-tranżizzjoni;
- b) Jiżguraw li l-ambjenti tax-xogħol ikunu sikuri u adattati sew għar-rekwiżiti l-ġodda tat-tbeġhid soċjali, u li l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli jkunu disponibbli;
- c) Itejbu l-appoġġ għas-suq tax-xogħol kif ukoll l-opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet sabiex tiġi indirizzata ż-żieda fil-qgħad fost iż-żgħażaġh, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ għal apprendistati u traineeships ta' kwalità (b'mod partikolari fl-SMEs), l-inċentivi għar-reklutaġġ, l-infrastruttura tal-apprendiment, it-teknoloġija u t-tagħmir;
- d) Isaħħu l-miżuri tal-ALMP biex jirreaġixxu aħjar għall-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u jippromwovu l-impjieg u l-impjieg indipendenti; jinvestu fis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg, b'mod partikolari sabiex iżidu l-kapaċità tagħhom, jimmodernizzaw l-infrastruttura tal-ICT tagħhom, isaħħu t-tfassil ta' profili, itejbu s-sorveljanza u l-evalwazzjoni ta' politiki u programmi, u jipprovdu lill-persunal b'ħiliet adegwati;
- e) Jippromwovu n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali; jekk ikun hemm pagi minimi statutorji fis-seħħ, jiżguraw kundizzjonijiet sabiex dawn jiġu stabbiliti f'livelli adegwati, permezz ta' kriterji trasparenti u prevedibbli, u permezz ta' aġġornamenti regolari u f'waqthom, u b'involvement effettiv tas-sħab soċjali;

- f) Jirriformaw ir-regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol, kif ukoll is-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, biex jiżguraw li s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol titnaqqas u l-irkupru jagħti spinta lill-impjiegi ta' kwalità u jiżguraw li l-ħaddiema f'forom ta' xogħol mhux standard u dawk li jaħdmu għal rashom jiksbu aċċess għall-protezzjoni soċjali;
- g) Jinvestu fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet, b'mod partikolari fil-ħiliet diġitali, billi jsaħħu s-sistemi tal-ETV u jipromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ kontinwi, jappoġġaw sħubijiet bejn diversi partijiet konċernati pubbliċi u privati fuq skala kbira skont il-Patt għall-Ħiliet, jipprovdu inċentivi akbar lin-negozji u lill-ħaddiema sabiex jinvolvu ruħhom fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid, jinvestu fl-infrastruttura u fit-tagħmir, inkluż dawk diġitali, jappoġġaw lill-għalliema u lill-ħarrieġa; jiżguraw aċċess ugwali għall-edukazzjoni u għat-taħriġ;
- h) Jinvestu f'sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u sostenibbli għal kulħadd, billi jappoġġaw ir-riformi sabiex iżommu u jsaħħu l-livelli ta' protezzjoni, u jtejbu l-protezzjoni ta' dawk li m'għandhomx biżżejjed protezzjoni jew li mhumiex koperti; jiżguraw benefiċċji adegwati, trasferibbiltà tad-drittijiet, aċċess għal servizzi u appoġġ ta' kwalità għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu; jinvestu fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal (ECEC) u tas-servizzi tal-kura fit-tul; jivvalutaw l-impatti distributtivi tal-politiki;
- i) Jinvestu fir-rinnovament tal-akkomodazzjonijiet residenzjali u soċjali; jiffaċilitaw l-aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq, akkomodazzjoni soċjali jew għajnuna għall-akkomodazzjoni fejn xieraq;
- j) Jinvestu fil-kapaċità tas-sistema tal-kura tas-saħħa inkluża l-kapaċità għaż-żidiet f'daqqa, il-kura primarja, il-koordinazzjoni tal-kura, il-persunal tal-kura tas-saħħa u l-e-Saħħa. Inaqqsu l-ħlasijiet mill-but, itejbu l-kopertura tal-kura tas-saħħa u jipromwovu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema tas-saħħa.

## 1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET U L-ISFIDI SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL FL-UNJONI EWROPEA

Din it-taqsimha tippreżenta ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-isfidi soċjali u tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea<sup>3</sup> fil-livell aggregat.

### 1.1 Xejriet tas-suq tax-xogħol

**It-tkabbir ekonomiku kompli jsostni l-ħolqien tal-impjieg fl-2019, għalkemm b'pass aktar bil-mod milli fis-snin li għaddew.** Fir-raba' trimestru tal-2019, 209.5 miljun persuna kellhom impjieg fl-UE-27 (1.9 miljun aktar mir-raba' trimestru tal-2018), l-oġġla livell li qatt intlaħaq. Il-ħaddiema akbar fl-età u daww b'livell għoli ta' ħiliet komplew ikunu l-xprunaturi ewlenin tat-tkabbir fl-impjieg f'dan il-perijodu, u appoġġaw iż-żieda fir-rata ġenerali ta' impjieg ta' persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena għal 73 % fl-2019. Il-qgħad laħaq livell baxx rekord ta' 6.5 % fir-raba' trimestru tal-2019. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh u fit-tul kien qed jonqos ukoll, għalkemm kien għadu għoli f'xi Stati Membri.

### **Il-kriżi tal-COVID-19 reġġgħet lura x-xejra pożittiva fl-impjieg tal-aħħar sitt snin fl-UE-27.**

Ir-reċessjoni ekonomika kkawżata mill-pandemija kellha impatt qawwi fuq is-suq tax-xogħol. L-impjieg totali naqsu b'pass mgħaġġel matul l-ewwel żewġ trimestri tal-2020, u niżlu għal 203.3 miljuni fit-tieni trimestru tal-2020. B'madwar 6.2 miljun (jew 3 %) anqas persuni impjegati, dan kien l-akbar tnaqqis li qatt ġie osservat fuq żewġ trimestri suċċessivi mill-1995 'l hawn<sup>4</sup>. Imbagħad l-impjieg totali żdiedu bi ftit għal 205.2 miljun fit-tielet trimestru tal-2020. F'termini annwali, wara li żdiedu b'1 % fl-2019, l-impjieg totali huma mistennija li jonqsu b'4.5 % fl-2020 u mbagħad jirkupraw 1.8 % fl-2021,<sup>5</sup> b'riskji negattivi kbar għat-tbassir li jiddependu minn kif ser tevolvi l-pandemija.

<sup>3</sup> L-UE-27 titqies fir-rapport kollu sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.

<sup>4</sup> Iċ-ċifri tal-impjieg totali ġejjin mill-Kontijiet Nazzjonali (kunċett domestiku), filwaqt li ċ-ċifri l-oħra ġejjin mid-data tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. F'din it-taqsimha kollha jintużaw ċifri trimestrali aġġustati skont l-istaġun.

<sup>5</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *European Economic Forecast, Autumn 2020*, Institutional Paper 136, (It-Tbassir Ekonomiku Ewropew, il-Ħarifa 2020, id-Dokument Istituzzjonali 136).

**Ir-rata ta' impjieg ta' persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena naqset minkejja r-rispons rapidu tal-politika u l-miżuri meħuda sabiex jitrażżan it-telf ta' impjieg.** Fl-2019, ir-rata ta' impjieg fl-UE-27 kompliet tiżdied għal medja ta' 73.1 % (72.7 % fiż-żona tal-euro), 0.7 pp aktar milli fl-2018 (kemm għall-UE kif ukoll għaż-żona tal-euro; **Illustrazzjoni 1**). Madankollu, wara li laħqet l-ogħla livell ta' 73.3 % fit-tieni trimestru tal-2019, bdiet tonqos bil-mod fit-tieni parti tas-sena. Hekk kif faqqgħet il-kriżi tal-COVID-19, ir-rata ta' impjieg naqset għal 72.1 % fit-tieni trimestru tal-2020, li huwa punt perċentwali (pp) anqas minn dik fir-raba' trimestru tal-2019 u 1.2 pp taħt il-livell osservat fit-tieni trimestru tal-2019. Ir-rata tal-impjieg mbagħad kienet ta' 72.4 % fit-tielet trimestru tal-2020. Fiż-żona tal-euro, it-tnaqqis kien aktar evidenti, bir-rata ta' impjieg li laħqet il-71.5 % fit-tieni trimestru tal-2020, rispettivament 1.1 pp u 1.4 pp anqas mir-raba' trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2019. Ir-rata ta' impjieg tan-nisa naqset kważi bl-istess ammont (b'1 pp kemm fl-UE-27 kif ukoll fiż-żona tal-euro) minn dik tal-irġiel (b'1 pp u b'1.2 pp, rispettivament), għalkemm id-distakk għadu b'mod ġenerali fil-livelli ta' qabel il-pandemija (kien ta' 11.7 pp fl-2019 u għadu qrib il-11.5 pp fit-tielet trimestru tal-2020). Wara sitt snin ta' żviluppi pożittivi fl-ilħuq tal-mira ta' 75 % tal-Ewropa 2020,<sup>6</sup> ir-rata ta' impjieg bdiet titbiegħed minnha, filwaqt li għad hemm inċertezza għolja fir-rigward ta' żviluppi ulterjuri fl-attività ekonomika u fir-riperkussjonijiet relatati fuq l-impjieg<sup>7</sup>.


---

<sup>6</sup> Ta' min jinnota li l-mira ta' 75 % għar-rata tal-impjieg (età ta' bejn 20 u 64 sena) ġiet stabbilita għal kompożizzjoni differenti tal-UE (li tinkludi r-Renju Unit u teskludi l-Kroazja) taħt l-istrateġija Ewropa 2020.

<sup>7</sup> Ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjieg tal-2020 u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjieg mill-Kumitat tal-Impjieg (EMCO) jistmaw li l-għadd ta' persuni impjegati fl-UE-27 ser jiżdied b' 4.4 % fl-2020 qabel ma jerġa' jinżel fl-2021 (abbażi tat-tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni).

## Illustrazzjoni 1: Il-pandemija pproduċiet xokk kbir fis-suq tax-xogħol, li temm perijodu ta' 6 snin konsekuttivi ta' prestazzjoni pożittiva

Ir-rati ta' impjieg u tal-qgħad fl-UE-27 u fiż-żona tal-euro



\*medja tal-ewwel trimestru tal-2020, it-tieni trimestru tal-2020 u t-tielet trimestru tal-2020, aġġustata skont l-istaġun.  
Sors: Eurostat, id-data tal-LFS.

**Il-kriżi rriżultat f'impatt moderat fuq ir-rati tal-qgħad madwar l-Ewropa, meta mqabbla mal-kobor tax-xokk fuq il-PDG<sup>8</sup>.** Ir-rata tal-qgħad kompliet tonqos matul l-2019 kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro (Illustrazzjoni 1). Fit-tielet trimestru tal-2020, 7.4 % tal-popolazzjoni attiva kienet qiegħda, li hija 0.9 pp ogħla minn dik fir-raba' trimestru tal-2019 (l-aktar livell baxx li qatt ġie rreġistrat fl-UE-27) kif ukoll 0.9 pp ogħla minn dik fit-tielet trimestru tal-2019. Fiż-żona tal-euro, ir-rata tal-qgħad kienet ogħla, bi 8.3 % fit-tielet trimestru tal-2020, 1 pp ogħla minn dik fir-raba' trimestru tal-2019 u fit-tielet trimestru tal-2019. Id-differenzi xorta waħda huma sinifikanti meta wieħed iħares lejn id-diżaggregazzjoni skont il-gruppi ta' età. Ir-rata tal-qgħad żdiedet b'mod partikolari għaż-żgħażagħ (15-24 sena), wara tnaqqis fl-2019 meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tielet trimestru tal-2020, żdiedet b'2.9 pp kemm fl-UE-27 u kemm fiż-żona tal-euro. Fl-istess perijodu, ir-rata tal-qgħad żdiedet b'mod inqas sinifikanti għal dawk li għandhom bejn 55 u 74 sena (0.3 pp u 0.2 pp, rispettivament). Meta wieħed iħares lejn id-data ta' kull xahar, ir-rata ġenerali armonizzata tal-qgħad żdiedet minn mindu faqqgħet il-pandemija, u laħqet is-7.8 % fl-UE-27 (8.7 % fiż-żona tal-euro) f'Lulju li għadda, u mbagħad naqset għal 7.5 % (8.3 % fiż-żona tal-euro) f'Novembru. B'riżultat ta' dan, 15.9 miljun persuna kienu qiegħda fl-UE-27 f'dak il-punt, madwar 1.8 miljun aktar milli fl-istess xahar tal-2019 (13.6 miljun u 1.4 miljun rispettivament fiż-żona tal-euro). Żewġ raġunijiet ewlenin jistgħu jispjegaw din ir-reazzjoni batuta tal-qgħad. L-ewwel nett, it-tnaqqis sinifikanti fis-siġħat maħduma għal kull persuna impjegata (l-aktar bis-saħħa tal-adozzjoni rapida ta' miżuri ta' xogħol b'ħinijiet iqsar) u r-restrizzjonijiet fuq is-sensji imposti f'diversi Stati Membri għenu sabiex titrażżan il-qerda tal-impjiegi. It-tieni, is-severità tax-xokk ekonomiku gieġħlet lil ħafna nies qiegħda jidħlu f'inattività (effett ta' "ħaddiem skoragħut"). Madankollu, hemm eteroġeneità sinifikanti fl-Istati Membri kollha (ara l-Illustrazzjoni 2 u t-Taqsima 3.1.1). Fil-livell ta' 2 % tal-popolazzjoni attiva fit-tieni trimestru tal-2020, il-qgħad fit-tul laħaq l-aktar livell baxx li qatt deher fl-UE-27 (2.3 % fiż-żona tal-euro). Filwaqt li l-impatt potenzjali tal-kriżi fuq dan l-indikatur ser ikun viżibbli biss wara ċertu żmien, diġà setgħet tiġi osservata żieda żgħira fit-tielet trimestru tal-2020 (2.4 % fl-UE-27 u 2.8 % fiż-żona tal-euro).


---

<sup>8</sup> Għad-dettalji, ara Employment and Social Developments in Europe 2020 (L-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa 2020) (disponibbli fuq: <https://europa.eu/MM76mf>) u Labour Market and Wage Developments in Europe, Annual Review 2020.

**Is-sigħat totali maħduma raw tnaqqis qawwi fil-biċċa l-kbira relatat mal-adozzjoni ta' miżuri ta' konteniment għall-ġlieda kontra l-pandemija.** Il-COVID-19 kisret xejra pożittiva li kienet bdiet mal-irkupru fl-2013. In-numru totali ta' sigħat maħduma fl-ekonomija żdied sa massimu ta' madwar 85 biljun fir-raba' trimestru tal-2019. Imbagħad waqa' f'daqqa (trimestru wara trimestru) bi 3.1 % fl-ewwel trimestru tal-2020 u b'10.7 % fit-tieni trimestru tal-2020 biex imbagħad żdied bi 11.9 % fit-tielet trimestru tal-2020. In-numru ta' sigħat maħduma għal kull persuna impjegata fl-UE-27, li diġà kien qabad xejra ta' tnaqqis (Illustrazzjoni 2), naqas bi 2.8 % fl-ewwel trimestru tal-2020 u b'8.7 % fit-tieni trimestru tal-2020 biex imbagħad żdied b'10.9 % fit-tielet trimestru tal-2020 (tibdil minn trimestru għal ieħor). It-tnaqqis qawwi fl-ewwel żewġ trimestri tal-2020 huwa dovut l-aktar għall-użu estensiv ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew ta' sensja temporanja, flimkien ma' restrizzjonijiet fuq l-għoti tas-sensji imposti minn diversi Stati Membri sabiex jgħinu fil-preservazzjoni tal-impjiegi. Madankollu, it-tfikkil fl-impjiegi ġġenerat mill-pandemija jista' jkollu wkoll impatt sostnut fuq is-sigħat maħduma. Xejriet fit-tul bħal sehem għoli ta' xogħol part-time, ta' xogħol fuq talba fuq pjattaformi diġitali u ta' tibdil okkupazzjonali aktar strutturali lejn setturi anqas intensivi fix-xogħol jistgħu jgħarrqu din ix-xejra.

### Illustrazzjoni 2: Ix-xejriet fl-impjiegi u fis-sigħat maħduma ġew affettwati severament mill-pandemija

Tkabbir fl-impjiegi (20-64) u sigħat maħduma għal kull persuna impjegata fl-UE-27 (tibdil kumulattiv sat-fit-tielet trimestru tal-2020, data trimestrali – indiċi tar-raba' trimestru tal-2008 = 100)




Sors: Eurostat, Kontijiet nazzjonali, data aġġustata skont l-istaġun u l-kalendarju (kalkoli tad-DG EMPL).

**Il-parteciċipazzjoni fis-suq tax-xogħol naqset drastikament matul il-pandemija.** Wara li żdiedet sa massimu ta' 78.5 % fl-UE-27 u 78.8 % fiż-żona tal-euro fit-tieni trimestru tal-2019, ir-rata ta' attività għall-grupp ta' età ta' 20-64 niżlet għal 77.2 % għaż-żewġ aggregati fit-tieni trimestru tal-2020, biex imbagħad irkuprat parzjalment għal 78 % u 78.1 % rispettivament, b'differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi. Ir-rati ta' attività naqsu, flimkien mar-rati ta' impjieg, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (ara l-Illustrazzjoni 3 u l-Kapitolu 3.1). Dan it-tnaqqis ma rax differenzi sostanzjali skont il-ġeneri (-1.4 pp fl-UE-27 u -1.9 pp fiż-żona tal-euro għall-irġiel, meta mqabbel ma' -1.5 pp u -1.8 pp rispettivament għan-nisa). Madankollu, dan affettwa aktar il-koorti żgħażaġh (15-24) meta mqabbla ma' ħaddiema akbar fl-età (55-64).

### Illustrazzjoni 3: L-impatt tal-pandemija nħass b'mod differenti fl-Istati Membri kollha

Ir-rati ta' impjieg, tal-qgħad u tal-attività fl-UE-27: bidla kumulattiva (fpp) bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tielet trimestru tal-2020




Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Data aġġustata skont l-istaġun, mhux aġġustata skont il-kalendarju.

**Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti naqset b'mod sinifikanti, wara li diġà kienet bdiet tonqos qabel il-kriżi tal-COVID-19<sup>9</sup>.** Il-kurva ta' Beveridge<sup>10</sup> (Illustrazzjoni 4) turi tnaqqis qawwi fin-numru ta' postijiet tax-xogħol vakanti flimkien ma' żieda żgħira fil-qgħad (15-74 sena). Fl-UE-27, ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti kienet ta' 1.7 % kemm fit-tieni u fit-tielet trimestru tal-2020, tnaqqis minn 1.9 % fl-ewwel trimestru tal-2020 u minn 2.3 % fit-tieni trimestru tal-2019. Dawn l-aħħar żviluppi marru kontra ż-żidiet moderati, għalkemm kostanti, fir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti osservati bejn l-2014 u l-bidu tal-2019 (minn 1.3 % fl-ewwel trimestru tal-2014 għal 2.3 % fl-ewwel trimestru tal-2019), qabel il-kriżi. F'dan il-kuntest ġdid, tqabbil aħjar tal-ħaddiema u tal-impjegi huwa mistenni li jkollu rwol ewlieni fil-ħolqien ta' swieq tax-xogħol reżiljenti u kompetittivi (ara t-Taqsima 3.3). Filwaqt li s-sitwazzjoni tvarja sostanzjalment bejn l-Istati Membri f'termini ta' domanda għax-xogħol, il-kapaċità li jiġu identifikati u ssir tħejjija għat-tibdil fil-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet ser taffettwa b'mod importanti l-evoluzzjoni tar-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti fil-perijodu ta' wara l-kriżi<sup>11</sup>.

**Illustrazzjoni 4: Il-postijiet tax-xogħol vakanti jonqsu filwaqt li l-qgħad jżied b'mod moderat**

Il-kurva ta' Beveridge għall-UE-27, 2008-2020, data trimestrali



Sors: Eurostat, LFS u statistiċi dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti.

Nota: Data aġġustata skont l-istaġun (ħlief ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti għall-2008 u għall-2009).

<sup>9</sup> Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti hija l-perċentwal tal-pożizzjonijiet totali li huma vakanti espress bħala perċentwal ta' postijiet tax-xogħol vakanti u okkupati.

<sup>10</sup> Il-kurva ta' Beveridge hija rappreżentazzjoni grafika tar-relazzjoni bejn il-qgħad u kejl tal-postijiet tax-xogħol vakanti (jew ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti jew, bħal f'dan il-każ, indikatur tan-nuqqas ta' ħaddiema).

<sup>11</sup> Ara Kummissjoni Ewropea (2020), *Labour Market and Wage Developments in Europe Annual Review 2020*.

**Ix-xokk ekonomiku affettwa l-impjegi fis-setturi kollha, għalkemm b'differenzi importanti bejn l-attivitajiet ekonomiċi.** L-attivitajiet ekonomiċi kollha ħlief il-kostruzzjoni, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-amministrazzjoni pubblika (klassifikazzjoni NACE Rev.2) raw tnaqqis fl-impjegi bejn it-tielet trimestru tal-2019 u t-tielet trimestru tal-2020. F'termini assoluti, "il-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, l-akkomodazzjoni u t-trasport" kienu l-aktar attivitajiet affettwati fl-UE-27 (1.9 miljun persuna impjegata inqas meta mqabbla mat-tielet trimestru tal-2019; tnaqqis ta' 3.8 %), segwit minn "attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi" (jiġifieri servizzi amministrattivi u ta' appoġġ), b'0.8 miljun persuna inqas impjegati meta mqabbla mat-tielet trimestru tal-2019 (tnaqqis ta' 3.2 %). F'termini relattivi, l-attivitajiet ta' "agrikoltura, forestrija u sajd" raw l-aktar it-tnaqqis sinifikanti li jmiss (b'3.6 %). Fil-każ tal-agrikoltura, l-impatt tal-pandemija fuq l-impjegi seta' aċċellera x-xejra ta' tnaqqis fit-tul tagħha. L-għadd ta' persuni impjegati fil-kostruzzjoni madankollu wera żieda ta' 1.2 % meta mqabbel mat-tielet trimestru tal-2019.

**Iż-żgħażaġħ huma fost l-aktar affettwati mid-deterjorament tas-suq tax-xogħol, għalkemm b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri.** Fl-2019 ir-rata ta' impjieg taż-żgħażaġħ (15-24) żdiedet sa 33.5 % fl-UE-27, 0.6 pp aktar mill-2018 (34 % u 0.6 pp fiż-żona tal-euro). Hekk kif bdiet il-kriżi tal-COVID-19, din naqset b'1.5 pp fis-sena sat-tielet trimestru tal-2020, u niżlet għal 31.3 % (-1.3 pp fiż-żona tal-euro, tnaqqis għal 32 % fit-tielet trimestru tal-2020). Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ (15-24), li qabel laqget il-minimu fl-2019, żdiedet b'2.9 pp kemm fl-UE-27 u kemm fiż-żona tal-euro bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tielet trimestru tal-2020. B'mod ġenerali, 3.1 miljun zaġġżuġ u zaġġżuġa kienu qiegħda fl-UE fit-tielet trimestru tal-2020, u dan in-numru jespandi għal 5 miljun meta jitqiesu dawk kollha li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET). Ir-rata ta' NEETs trimestrali żdiedet sa 10.8 % fl-UE-27 u sa 11 % fiż-żona tal-euro fit-tielet trimestru tal-2020 (minn minimu ta' 9.8 % u ta' 9.9 %, rispettivament, fit-tieni trimestru tal-2019).

**Il-ħaddiema akbar fl-età rnexxielhom ikampaw aħjar bl-impatt tal-pandemija f'termini tal-eżiti tas-suq tax-xogħol.** Ir-rata ta' attività tal-ħaddiema akbar fl-età (fl-età ta' 55-64 sena) kompliet tiżdied matul l-2019. Din kienet ta' 63 % fit-tielet trimestru tal-2020, 0.7 pp ogħla mit-tieni trimestru tal-2019 u 9.6 pp ogħla mit-tielet trimestru tal-2013, meta beda l-irkupru preċedenti. Ir-rata tal-qgħad (55-74) baqgħet stabbli f'livelli baxxi (4.9 % fit-tielet trimestru tal-2020 u 4.4 % fit-tieni trimestru tal-2020 meta mqabbla ma' 4.8 % fit-tieni trimestru tal-2019). Għall-kuntrarju, ir-rata ta' impjieg (55-64), li kienet ta' 59.7 % fit-tielet trimestru tal-2020 (wara żieda kostanti b'10.6 pp mit-tielet trimestru tal-2013), baqgħet relattivament aħjar milli għal gruppi ta' età oħra, mingħajr ebda tibdil, pereżempju meta mqabbla mal-ewwel trimestru tal-2020 (filwaqt li n-numru ta' żgħażaġh bejn il-15 u l-24 sena f'impjieg naqas b'1.5 pp matul l-istess perijodu). Ir-rata ta' impjieg tal-adulti ta' età primarja (25-54) naqset b'0.8 pp, u dan irriżulta frata ta' impjieg ta' 79.8 % fit-tielet trimestru tal-2020.


**Ir-rata ta' impjieg tan-nisa ntlaqtet mix-xokk tal-COVID-19 f'it anqas minn dik tal-irġiel, iżda d-differenzi bejn il-ġeneri jippersistu u jeħtieġu sorveljanza tul iż-żmien li ġej.** Fl-2019, ir-rata ta' impjieg tan-nisa żdiedet għal 67.3 %, 0.8 pp aktar mis-sena preċedenti. Fit-tielet trimestru tal-2020, ir-rata ta' impjieg tan-nisa wriet tnaqqis aktar moderat (-0.6 pp meta mqabbla mat-tielet trimestru tal-2019) milli għall-irġiel (-0.9 pp). Madankollu, dawn l-iżviluppi reċenti ma naqqsux b'mod sinifikanti d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg, li kienet ta' 11.5 pp fit-tielet trimestru tal-2020 (kemxejn anqas mill-11.8 pp reġistrati fit-tielet trimestru tal-2019). L-impatt tal-kriżi fuq l-eżiti tal-impjieg skont il-ġeneru jeħtieġ sorveljanza mill-qrib, peress li t-tnaqqis fid-distakk jista' jkun dovut għal impatt aktar sinifikanti, u temporanju, tal-pandemija fuq l-impjieg tal-irġiel aktar milli żieda fl-involviment tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Id-differenza fl-impjieg kienet ta' 11.8 pp għan-nisa ta' bejn il-25 u d-49 sena fit-tielet trimestru tal-2020, filwaqt li żdiedet għal 13.3 pp għal dawk li għandhom bejn 55 u 64 sena. Id-differenza kienet ta' 22.1 pp għal nisa b'livell baxx ta' ħiliet fl-2019, ogħla b'mod sinifikanti minn dik għal nisa b'livell medju ta' ħiliet (12.1 pp) u għal nisa b'livell għoli ta' ħiliet (6.4 pp).

**Ir-rata ta' impjieg ta' persuni li ma twildux fl-UE kienet affettwata bil-qawwa mill-pandemija.** Qabel il-kriżi, dan l-indikatur (fil-grupp ta' età 20-64) żdied b'mod stabbli sal-2019. Imbagħad niżel għal 62.7 % fit-tielet trimestru tal-2020 (2.3 pp anqas mit-tielet trimestru tal-2019), li jikkorrispondi għal tnaqqis f'termini assoluti ta' 1.5 miljun persuna (minn 16.5 miljun fit-tielet trimestru tal-2019 għal 15-il miljun fit-tielet trimestru tal-2020) u kważi ta' 9 % f'termini relattivi.

**Għalkemm qed jonqos, in-numru ta' ħaddiema f'impjieg mhux standard għadu mdaqqas, u dan jinvolvi vulnerabbiltà individwali u soċjali għall-aġġustamenti fis-suq tax-xogħol.** Min-numru totali ta' impjegati (fl-età ta' 15-64 sena) fl-UE-27 fl-2019 (167 miljun), kważi 85 % kienu impjegati b'kuntratt permanenti (+1.3 % meta mqabbla mal-2018), filwaqt li l-25.2 miljun li jifdal kienu taħt kuntratt ta' terminu limitat (-1.3 % meta mqabbla mal-2018). It-tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema temporanji ġie aċċentwat mill-pandemija. Madwar 21.5 miljun ħaddiem (15-64 sena, aġġustati skont l-istaġun) kienu taħt kuntratti temporanji fl-UE-27 fit-tielet trimestru tal-2020, tnaqqis ta' 3.2 miljun meta mqabbla ma' sena qabel. B'konsegwenza ta' dan, is-sehem tal-kuntratti temporanji fl-impjieg totali naqas għal 11.2 % fit-tielet trimestru tal-2020 (tnaqqis ta' 1.5 pp meta mqabbel ma' sena qabel). Dan is-sehem għadu kemxejn oġġla fiż-żona tal-euro, 11.9 %. Il-proporzjon ta' ħaddiema part-time (15-64) fl-impjieg totali naqas b'1.2 pp (għal 17.1 % fit-tielet trimestru tal-2020), u b'mod aktar sinifikanti fiż-żona tal-euro (b'1.5 pp). Minn dan, is-sehem ta' ħaddiema part-time *involontarji* naqas b'1.5 pp bejn l-2018 u l-2019 u issa huwa 6.2 pp anqas mill-quċċata li laħaq fl-2014 (32.7 %), b'ċifra ftit oġġla fiż-żona tal-euro (26.9 % fl-2019). In-numru ta' persuni impjegati li għandhom it-tieni impjieg kompli jżied b'mod kostanti fl-2019 (8.2 miljun persuna fl-2019, meta mqabbla ma' 7.8 fl-2014).

### Illustrazzjoni 5: Differenzi fl-impatt tal-kriżi skont il-ġeneru u l-età

Ir-rati ta' impjieg (il-kunċett domestiku) bejn il-ġeneri u l-gruppi ta' età fl-UE-27, data aġġustata skont l-istaġun



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS.

**Il-livell edukattiv milħuq għadu kruċjali sabiex jittejbu l-impjegabbiltà u l-eżiti tas-suq tax-xogħol.** Qabel il-pandemija, in-numru ta' persuni impjegati (fl-età ta' 25-64 sena) b'edukazzjoni għolja kompli jikber b'mod kostanti (b' 0.5 pp bejn l-2018 u l-2019), li rriżulta frata ta' impjieg korrispondenti ta' 86.2 %. Fit-tielet trimestru tal-2020, ir-rata ta' impjieg tal-gradwati terzjarji kienet ta' 85.2 % (0.7 pp inqas mit-tielet trimestru tal-2019). Ir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema b'livell medju ta' ħiliet (jiġifieri dawk b'edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell) kienet ta' 76.5 % fl-2019 u ta' 75.8 % fit-tielet trimestru tal-2020. F'termini annwali, din hija żieda ta' 0.5 pp meta mqabbla mal-2018 u 4.7 pp ogħla milli fl-2014. Dawn it-tibdiliet jirriflettu l-fatt li d-domanda għax-xogħol imxiet progressivament lejn livelli ogħla ta' ħiliet, li jinkludu l-ħiliet diġitali. Din ix-xejra spiss ikkorrispondiet ma' livell medju ogħla ta' ħiliet fost il-koorti l-ġodda li daħlu fis-suq tax-xogħol<sup>12</sup>. Is-sehem ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet (jiġifieri dawk b'edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew anqas) żdied b'0.7 pp fl-2019 (u b'1 pp bejn l-2017 u l-2018). Fl-2019, ir-rata ta' impjieg ta' dan il-grupp kienet ta' 56.3 %. F'termini trimestrali, ir-rata ta' impjieg ta' dan il-grupp kienet ta' 55.8 % fit-tielet trimestru tal-2020, 1 pp taħt iċ-ċifra rreġistrata fit-tielet trimestru tal-2019). Id-differenza fl-impjegi bejn dawk b'livell baxx ta' ħiliet u dawk b'livell għoli ta' ħiliet kien ta' 30 pp fl-2019, li jenfasizza l-ħtieġa għal aktar titjib tal-ħiliet u għal taħriġ mill-ġdid.

---

<sup>12</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020). L-Impjegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa. Annual review 2020. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/MM76mf>

## 1.2 Xejriet soċjali

**Qabel il-bidu tal-kriżi tal-COVID-19, in-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali kompli jonqos fl-UE-27<sup>13</sup>.<sup>14</sup>** Din ix-xejra ta' tnaqqis kompliet għal seba' snin konsekuttivi sal-2019 (Illustrazzjoni 6), meta n-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali naqas għal 91.3 miljun (20.9 % tal-popolazzjoni totali), madwar 3.39 miljun anqas mill-2018 (4 pp anqas mill-valur massimu tal-2012). Ix-xejra ġenerali kienet qed tonqos għat-tliet subindikaturi kollha, ir-rata ta' deprivazzjoni materjali estrema (-0.7 pp), ir-rata ta' intensità baxxa ħafna tax-xogħol (-0.5 pp) u anke r-rata ta' riskju ta' faqar (-0.3 pp). Dawn l-iżviluppi huma allinjati maż-żidiet fl-impjiegi u fl-introjtu disponibbli esperjenzati fl-2019 (ara t-Taqsima 3.4). Madankollu, dawn l-indikaturi kollha għadhom ma jkoprox l-effetti tal-kriżi tal-COVID-19. Minħabba r-rilevanza tal-introjtu mix-xogħol għall-għajxien tal-unitajiet domestiċi u t-tnaqqis kemm fir-rati ta' impjieg kif ukoll fis-sigħat maħduma, is-sitwazzjoni tal-introjtu u l-intensità tax-xogħol tal-unitajiet domestiċi x'aktarx li ser imorru għall-agħar fl-2020. B'riżultat ta' dan, ix-xejra pożittiva fl-AROE tista' tintemm u l-mira tal-Ewropa 2020 ta' 20 miljun persuna anqas f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali tista' tkompli titbiegħed.

<sup>13</sup> Il-persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROE) huma persuni li huma fir-riskju tal-faqar (AROP) jew li qed jesperjenzaw deprivazzjoni materjali estrema (SMD) jew li qegħdin jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) qiegħda, jiġifieri unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (VLWI), jew taħlita ta' dawn.

Il-persuni f'riskju tal-faqar huma persuni li jgħixu f'unità domestika b'introjtu nett ekwivalizzat li jkun inqas minn 60 % tal-introjtu medjan ekwivalizzat nazzjonali (għaldaqstant dan huwa indikatur tal-faqar tal-introjtu).

Il-persuni jkollhom deprivazzjoni materjali estrema jekk jgħixu f'unità domestika li ma tiflaħx tagħmel minn tal-inqas erbgħa mill-punti li ġejjin: 1) tħallas il-kera/l-ipoteka/ il-kontijiet fil-ħin; 2) iżżomm id-dar sħuna b'mod adegwat; 3) tlaħħaq ma' spejjeż mhux mistennija; 4) tiekol laħam, ħut jew proteina ekwivalenti kull jumejn; 5) ġimgħa btala lil hinn mid-dar; 6) ikollha aċċess għal karozza għal użu privat; 7) ikollha magna tal-ħasil; 8) ikollha TV tal-kulur; u 9) ikollha telefown.

Persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) qiegħda huma nies li jkollhom 0-59 sena li jgħixu f'unità domestika fejn adulti fl-età tax-xogħol (18-59) ikunu ħadmu anqas minn 20 % mill-potenzjal tax-xogħol totali tagħhom matul l-aħħar sena (jiġifieri matul is-sena ta' referenza tal-introjtu).

<sup>14</sup> L-istatistika dwar l-introjtu tal-EU SILC tirreferi għas-sena tal-introjtu preċedenti, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda (introjtu ta' 12-il xahar qabel l-istħarriġ).

**Il-perċentwal ta' persuni f'riskju ta' faqar wara t-trasferimenti soċjali naqas fl-2019, iżda kien għadu għoli; diffiċli li jiġi stmat l-impatt tal-kriżi.** L-indikatur tar-riskju ta' faqar baqa' ġeneralment stabbli, u naqas marġinalment għal 16.5 % fl-2019 (minn 16.8 % fl-2018, fuq il-bażi tal-introjtu minn sena qabel). In-numru ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'introjtu ekwivalizzat disponibbli ta' anqas minn 60 % tal-medjan nazzjonali kien ftit oġġla minn 84.5 miljun, miljun u nofs anqas mis-sena preċedenti. L-istimi rapidi tal-Eurostat għas-sena tal-introjtu 2019 jindikaw xenarju pjuttost stabbli<sup>15</sup>. Fiż-żmien tal-abbozzar, l-istimi rapidi li jirreferu għall-introjti tal-2020 (u b'hekk jirriflettu l-impatt tal-kriżi) għadhom mhumiex disponibbli. Huwa pjuttost diffiċli li jitbassru t-tibdiliet fl-2020, anke minħabba l-impatt probabbli tal-kriżi fuq l-introjtu medjan. Ir-riżultati tas-simulazzjoni<sup>16</sup> juru li, bis-saħħa tal-miżuri ta' politika adottati b'reazzjoni għall-kriżi, ir-rata ta' AROP tista' tiżdied biss b'medja ta' 0.1 pp fl-UE. Ir-rata ankrata ta' AROP (jiġifieri r-rata kkalkolata kontra soll tal-faqar iffissat fuq sena bażi), minflok, tiżdied b'1.7 pp, li tirrifletti t-tnaqqis sostanzjali mistenni fil-livelli tal-introjtu kontra linja tal-faqar fissa<sup>17</sup>.

**It-tnaqqis qawwi fin-numru ta' persuni li kienu jgħixu f'deprivazzjoni materjali estrema qabel il-pandemija kkontribwixxa għal żieda fil-konverġenza soċjali.** Kważi 3 miljun persuna nħarġu mid-deprivazzjoni materjali estrema fl-2019, sabiex b'hekk in-numru kumplessiv niżel għal 23.7 miljun, jew 5.4 % tal-popolazzjoni tal-UE. Dan it-tnaqqis irrappreżenta titjib sinifikanti għas-seba' sena konsekuttiva. Kien xprunat mill-prestazzjoni tajba rreġistrata mill-Istati Membri li għalihom id-deprivazzjoni materjali estrema kienet l-oġġla (ara t-Taqsima 3.4), u b'hekk ikkontribwixxa għal żieda ssokkata fil-konverġenza soċjali (għalkemm b'pass aktar bil-mod fl-2019 milli fis-snin ta' qabel).


---

<sup>15</sup> Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-data tal-EU-SILC tirreferi għal introjti rreġistrati fis-sena ta' qabel (jiġifieri l-introjti tal-2018 għall-SILC 2019). Eurostat ippubblika stimi rapidi għall-introjtu fl-2019 (jiġifieri indikaturi tal-EU-SILC ippubblikati fl-2020), iżda s'sissa mhux għall-2020. Ara n-nota metodoloġika u r-riżultati minn Eurostat: <https://europa.eu/qv46uJ>

<sup>16</sup> Ara [Almeida et al. \(2020\), Households' income and the cushioning effect of fiscal policy measures during the Great Lockdown, JRC Working Papers on Taxation and Structural Reforms No 06/2020](#) (L-introjtu tal-unitajiet domestiċi u l-effett tat-tnaqqis tal-miżuri tal-politika fiskali matul il-Lokdown il-Kbir, Dokumenti ta' Ħidma tal-JRC dwar it-Tassazzjoni u r-Riformi Strutturali Nru 06/2020). Disponibbli fuq <https://europa.eu/Vj39hX> u n-nota ta' politika ta' akkumpanjament fuq <https://europa.eu/JU66Gc>

<sup>17</sup> F'dan il-każ, is-soll tal-faqar hu ankrat mal-valur tas-simulazzjonijiet bażi tal-EUROMOD tal-2019, minflok ma jintuża s-soll tal-faqar stmata għall-2020.

**Illustrazzjoni 6: Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali kien qed jonqos qabel il-COVID-19, iżda s-sehem ta' dawk f'riskju ta' faqar baqa' ġeneralment stabbli**  
 Il-perċentwal tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROEPE) u s-subindikaturi tagħha (2010-2019)



Sors: Eurostat, indikaturi t2020\_50, t2020\_51, t2020\_52, t2020\_53.

**Fl-istess ħin, il-prestazzjoni tajba tas-suq tax-xogħol qabel il-pandemija għenet sabiex ikompli jitnaqqas in-numru ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg.** In-numru ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna naqas b'aktar minn 1.6 miljun persuna fl-2019. Dan irrappreżenta 8.3 % tal-popolazzjoni globali, u kompla jonqos mill-ogħla livell milħuq fl-2014. Minħabba li x-xokk tal-COVID-19 affettwa relattivament aktar ħaddiema f'impjiegi anqas stabbli (ara t-Taqsima 3.3), dan l-indikatur jista' jiddeterjora ħafna fl-2020.

**Għalkemm ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali naqas sostanzjalment fl-2019, dan baqa' ogħla għat-tfal.** Bejn l-2018 u l-2019, in-numru ta' tfal (ta' anqas minn 18-il sena) f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali naqas b'993 000, jew bi 5.3 %, fl-UE-27. B'riżultat ta' dan, ir-rata ta' AROPE relatata kienet ta' 22.2 % għat-tfal, tnaqqis mit-23.4 % fl-2018. Meta mqabbla mar-rata ta' AROPE ta' 20.9 % għall-popolazzjoni f'età tax-xogħol (18-64) u ta' 18.5 % għall-anzjani (65 sena jew aktar), din ir-rata għadha għolja.

**Ir-riskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu naqas bi ftit fl-2019 iżda baqa' f'livell għoli, filwaqt li l-intensità tal-faqar kienet għolja għal persuni f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna.** Fl-2019, il-perċentwal ta' persuni friskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu naqas b'0.3 pp, għal 9 %, anqas mill-ogħla livell ta' 9.8 % milħuq fl-2016, iżda xorta waħda 0.5 pp aktar mill-minimu milħuq fl-2010. Il-persuni li jaħdmu part-time u b'kuntratti temporanji għadhom aktar esposti għal tali riskju, b'rati ta' faqar fost dawk li jaħdmu ta' 15.1 % u ta' 16.2 % rispettivament (ara wkoll it-taqsimiet 3.1.1 u 3.4.1). Fl-istess ħin, l-ispariġġ medjan relattiv tal-faqar ta' introjtu<sup>18</sup>, li jkejjel kemm il-livelli ta' introjtu ta' dawk friskju ta' faqar jinsabu 'l bogħod mis-soll tal-faqar (jiġifieri kemm huwa serju l-faqar), kien ta' 24.5 % fl-2019, l-istess bħall-2018. L-Istati Membri juru dinamika differenti (ara t-Taqsima 3.4.1 għad-dettalji). Fil-livell aggregat, l-ispariġġ tal-faqar għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (18-64) li tgħix f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjeg<sup>19</sup> kien żdied għal 37.3 % fl-2019, u dan jissuġġerixxi livell baxx ta' adegwatezza u ta' kopertura tal-benefiċċji.

**L-inugwaljanza fl-introjtu baqgħet f'livell għoli fl-2019 u l-konverġenza battiet.** Bħala medja, il-livelli ta' introjtu tal-20 % l-aktar sinjuri fost l-unitajiet domestiċi fl-Istati Membri kienu ħames darbiet ogħla minn dawk tal-ifqar 20 %. L-evidenza tissuġġerixxi li, matul l-aħħar għaxar snin, iż-żieda ġenerali fl-inugwaljanza fl-introjtu kienet xprunata minn żieda fl-inugwaljanzi fin-naħa ta' isfel tad-distribuzzjoni (ara t-Taqsima 3.4). Titjib limitat, speċjalment fpajjizi b'livelli ogħla ta' inugwaljanza, jissuġġerixxi tnaqqis fir-ritmu fil-konverġenza. Is-sehem tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi fl-40 % ta' isfel tad-distribuzzjoni tal-introjtu kien qed jiżdied sal-2019, f'konformità mat-titjib moderat f'indikaturi oħra tal-inugwaljanza fl-introjtu. Il-medja tal-UE-27 laħqet il-21.4 % fl-2019, meta mqabbla mal-21.2 % fl-2018 u fl-2017 (u minimu ta' 20.9 % fl-2014 u fl-2015). Fid-dawl tan-natura fit-tul ta' dawn il-kwistjonijiet, huwa importanti li jiġi żviluppat fehim fil-fond tat-triq 'il quddiem possibbli permezz ta' analiżijiet sistemiċi ta' prospettiva u li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE.

---

<sup>18</sup> Id-disparità medjana relattiva tar-riskju ta' faqar hi kkalkolata bħala d-differenza bejn l-introjtu nett totali ekwivalizzat medjan tal-persuni li huma f'livell inqas mil-livell limitu tar-riskju ta' faqar, u l-livell limitu tar-riskju ta' faqar, espressa bħala perċentwal tal-limitu tar-riskju ta' faqar (punt ta' limitu: 60 % tal-introjtu ekwivalizzat medjan).

<sup>19</sup> L-indikatur huwa kkalkulat bħala d-distanza bejn l-introjtu nett totali ekwivalizzat medjan ta' persuni taħt il-livell limitu tar-riskju ta' faqar u f'intensità tax-xogħol baxxa ħafna u l-limitu tar-riskju ta' faqar innifsu, espressa bħala perċentwal tal-livell limitu tar-riskju ta' faqar. Dan il-limitu huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali tal-persuni kollha fpajjiz u mhux għall-UE kollha kemm hi.

## 2. SNAPSHOTS MIT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI SOĊJALI

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklammat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Dan jistabbilixxi għoxrin prinċipju u dritt li jappoġġaw opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali. Dan huwa mfassal bħala boxxla għal proċess ta' konverġenza fost l-Istati Membri lejn kundizzjonijiet soċjoekonomiċi aħjar. Speċjalment fis-sitwazzjoni attwali tal-kriżi, l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali hija prijorità. Il-Kummissjoni ser tressaq pjan ta' azzjoni ambizzjuż fl-ewwel trimestru tal-2021 sabiex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu. Il-pjan ta' azzjoni ser ikun dan l-istrument ewlieni tal-Kummissjoni sabiex jikkontribwixxi għall-irkupru u għar-reżiljenza soċjoekonomiċi fuq perijodu medju u fit-tul, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-ġustizzja soċjali tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa akkumpanjat minn tabella ta' valutazzjoni soċjali għas-sorveljanza tal-prestazzjonijiet u għall-intraċċar tax-xejriet fost l-Istati Membri<sup>20</sup>. It-tabella ta' valutazzjoni tipprovdi għadd ta' indikaturi (primarji u sekondarji) biex jiġu analizzati l-prestazzjoni soċjali u tal-impjieg tal-Istati Membri fir-rigward ta' indikaturi magħżula f'tliet dimensjonijiet wesgħin, identifikati fil-kuntest tal-Pilastru: (i) opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, (ii) swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u (iii) appoġġ pubbliku / protezzjoni u inklużjoni soċjali. Sa mill-edizzjoni tal-2018, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg beda jinkludi t-tabella ta' valutazzjoni soċjali, li r-risultati tagħha huma miġbura f'dan il-Kapitolu f'dak li għandu x'jaqsam mal-indikaturi primarji. Din l-analiżi hi mqiegħda fil-kuntest tar-riformi ppreżentat fil-Kapitolu 3.

---

<sup>20</sup> SWD(2017) 200 final, li jakkumpanja l-Komunikazzjoni COM(2017) 250 final tas-26 ta' April 2017.

## 2.1 It-tabella ta' valutazzjoni spjegata

**It-tabella ta' valutazzjoni soċjali hija għodda ċentrali għas-sorveljanza tal-prestazzjoni fl-oqsma soċjali u tal-impjiegi, u għall-konverġenza lejn kundizzjonijiet aħjar tal-għajxien u tax-xogħol.** B'mod partikolari, din tgħin fis-sorveljanza tas-sitwazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward ta' dimensjonijiet li jistgħu jitkejlu tal-Pilastru, u tikkomplementa l-għodod ta' monitoraġġ eżistenti, speċjalment il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali<sup>21</sup>. It-tabella ta' valutazzjoni soċjali tinkludi b'mod partikolari 14-il indikatur ewlieni li jivvalutaw ix-xejriet tal-impjiegi u soċjali b'mod ġenerali:

- *Opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol:*
  - Is-sehem ta' persuni li jutilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, tal-età ta' 18-24 sena
  - Id-differenza bejn il-ġeneri fir-rata tal-impjieg, tal-età ta' 20-64 sena
  - L-inugwaljanza fl-introjt mkejla bħala proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili – S80/S20
  - Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE)
  - Iż-żgħażaġh li huma barra mill-edukazzjoni, minn impjieg jew minn taħriġ (ir-rata ta' NEET), tal-età ta' 15-24 sena

---

<sup>21</sup> Il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI) u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (MPPS) huma rapporti annwali li jitħejjew rispettivament mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali. Dawn jidentifikaw ix-xejriet li jridu jiġu osservati kif ukoll l-isfidi tal-impjiegi u soċjali ewlenin fl-Istati Membri, u jissorveljaw il-progress fir-rigward tal-miri tal-Ewropa 2020 għall-impjieg u għat-tnaqqis tal-faqar.

- *Swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti:*

- Ir-rata tal-impjieg, tal-età ta' 20-64 sena
- Ir-rata tal-qgħad, tal-età ta' 15-74 sena
- Ir-rata tal-qgħad fit-tul, tal-età ta' 15-74 sena
- Introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi f'termini reali, per capita<sup>22</sup>
- Il-qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja<sup>23</sup>

- *Sostenn pubbliku / Protezzjoni u inklużjoni soċjali:*

- L-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar<sup>24</sup>
- Tfal tal-età ta' inqas minn tliet snin fl-indukrar formali tat-tfal
- Ħtiġijiet mhux issodisfati awtorapportati għall-kura medika<sup>25</sup>
- Is-sehem tal-popolazzjoni b'ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew aħjar.

---

<sup>22</sup> Kif mitlub mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, dan l-indikatur jitkejjel bl-użu tal-"introjtu mhux aġġustat" (jiġifieri mingħajr ma jiġu inklużi t-trasferimenti soċjali in natura) u billi titneħħa r-referenza għall-użu tal-unitajiet tal-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS).

<sup>23</sup> Il-livelli ta' dan l-indikatur huma espressi fi standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) filwaqt li l-bidliet huma espressi fil-munita nazzjonali f'termini reali. Sabiex jiġu radriżzati l-fluttwazzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien, jintużaw medji ta' tliet snin kemm għal-livelli kif ukoll għall-bidliet. Dan l-indikatur għandu jinftiehem u jiġi interpretat flimkien ma' indikaturi oħra, bħar-rata tal-faqar fost dawki li jaħdmu, il-proporzjon bejn il-ħames u l-ewwel deċili tad-distribuzzjoni tal-pagi (D5/D1) u indikaturi rilevanti oħra tal-MPI, tal-MPPS u tal-QEK.

<sup>24</sup> Dan jitkejjel b'ħala d-differenza, fost il-popolazzjoni totali, bejn is-sehem ta' nies fir-riskju tal-faqar (ta' introjtu) qabel u wara t-trasferimenti soċjali.

<sup>25</sup> Il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtorapportati għall-kura medika jikkonċernaw il-valutazzjoni soġġettiva ta' persuna ta' jekk kinitx teħtieġ eżami jew trattament għal tip speċifiku ta' kura tas-saħħa, iżda ma rċevithomx jew ma fittxithomx minħabba t-tliet raġunijiet li ġejjin: "Raġunijiet finanzjarji", "Lista ta' stennija" u "Vjaġġ twil wisq". Il-kura medika, tirreferi għas-servizzi tal-kura tas-saħħa individwali (eżami jew trattament mediku, għajr kura dentali) ipprovduti minn tobba jew taħt is-sorveljanza diretta tagħhom jew ta' xi professjoni ekwivalenti, skont is-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali (definizzjoni ta' Eurostat). Il-problemi li jirrapportaw in-nies sabiex jiksibu l-kura meta jkunu morda jistgħu jirriflettu ostakli għall-kura.

**L-indikaturi primarji jiġu analizzati permezz ta' metodoloġija komuni miftiehma mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali** (għad-dettalji ara l-Anness 3). Din il-metodoloġija tevalwa s-sitwazzjoni u l-iżviluppi fl-Istati Membri billi tħares lejn il-livelli u l-bidliet<sup>26</sup> annwali ta' kull wieħed mill-indikaturi ewlenin inklużi fit-tabella ta' valutazzjoni soċjali. Il-livelli u l-bidliet huma kklassifikati skont id-distanza tagħhom mill-medji (mhux ponderati) rispettivi tal-UE. Imbagħad, il-prestazzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-livelli u tal-bidliet jiġu kkombinati (bl-użu ta' matriċi predefinita) sabiex kull Stat Membru jiġi assenjat għal waħda mis-seba' kategoriji ("l-aħjar prestazzjoni", "sitwazzjoni aħjar mill-medja", "sitwazzjoni tajba iżda teħtieġ sorveljanza", "sitwazzjoni medja/newtrali", "sitwazzjoni dgħajfa iżda qed titjieb", "sitwazzjoni li għandha tinżamm taħt sorveljanza" u "sitwazzjonijiet kritiċi"). Fuq din il-bażi, it-Tabella 1 tipprovdi sommarju tal-qari tat-tabella ta' valutazzjoni skont l-aħħar ċifri disponibbli għal kull indikatur. Analiżi dettaljata tal-erbatax-il indikatur, inklużi xejriet aktar fit-tul u indikaturi addizzjonali, meta rilevanti, hija ppreżentata fil-Kapitolu 3.

**Il-qari mit-tabella ta' valutazzjoni soċjali jgħin fl-identifikazzjoni tal-isfidi soċjali u tal-impjiegi fl-Istati Membri.** Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, intużat regolarment evidenza mit-tabella ta' valutazzjoni soċjali fir-rapporti tal-pajjiżi sabiex din tinforma l-analiżi tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż. Fil-livell tal-Istati Membri, hija kkontribwiet ukoll għat-tħejjija tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u għall-Programmi ta' Stabbiltà u ta' Konverġenza. Flimkien ma' analiżi ulterjuri inkluż fil-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u fil-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali, dan ipprovda bażi analitika għall-proposti sussegwenti tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fejn ikun xieraq. Matul dan il-proċess, huwa meħtieġ qari bir-reqqa u mhux mekkaniku tat-tabella, u jiġu kkunsidrati aktar elementi – ta' natura kwalitattiva u kwantitattiva.

---

<sup>26</sup> Bl-eċċezzjoni tal-Introjt Disponibbli Gross tal-Unitajiet Domestiċi, li jitkejjel bħala numru tal-indiċi (2008=100, b'hekk jirrifletti tibdil meta mqabbel ma' qabel il-kriżi) u tibdiliet fl-aħħar sena; u l-qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja, li għalih jintużaw il-medji fuq tliet snin, bi qbil mal-Kumitat tal-Impjiegi u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

**It-tabella ta' valutazzjoni soċjali ser tappoġġa t-tħejjija ta' pjanijiet nazzjonali ta' riforma u ta' pjanijiet għall-irkupru u għar-reżiljenza, id-dokumenti ta' referenza ewlenin taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.** Kif indikat fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021<sup>27</sup>, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tinvolvi tiddiliet fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2021. Minħabba l-komplementarjetajiet mas-Semestru Ewropew, l-Istati Membri huma mħeġġa jippreżentaw il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħhom u l-pjan għall-irkupru u għar-reżiljenza tagħhom f'dokument integrat uniku. Barra minn hekk, kif enfasizzat fil-gwida għall-Istati Membri dwar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>28</sup>, l-Istati Membri huma mistiedna jispjegaw f'termini wiesgħa kif il-pjanijiet huma koerenti mal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u kif jikkontribwixxu b'mod effettiv għaliha. Barra minn hekk, huma mistiedna jipprovdu stampa tal-impatt ekonomiku u soċjali ġenerali tal-pjan (flimkien ma' valutazzjoni tal-prospetti makroekonomiċi), filwaqt li jippreżentaw indikaturi rilevanti, inkluż mit-tabella ta' valutazzjoni soċjali. Għall-Istati Membri li jippreżentaw il-pjanijiet tagħhom fl-2021, il-Kummissjoni ser tivvaluta s-sustanza tagħhom f'dokumenti analitiċi li jakkumpanjaw il-proposti għall-atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill<sup>29</sup>.

---

<sup>27</sup> COM(2020) 575 final.

<sup>28</sup> SWD(2020) 205 final.

<sup>29</sup> Dawn id-dokumenti ser jissostitwixxu r-rapporti tal-pajjiżi fl-2021. Barra minn hekk, għal dawk l-Istati Membri, il-Kummissjoni mhijiex ser tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fl-2021, ħlief għal rakkomandazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni baġitarja kif previst skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

**Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2021 jintegra dimensjoni reġjonali mat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.** L-evoluzzjoni tal-indikaturi fil-livell nazzjonali tista' taħbi differenzi importanti fil-livell reġjonali (filwaqt li, f'ħafna Stati Membri, numru ta' politiki u ta' fondi ħafna drabi jkun deċiżi f'dan il-livell). F'dan l-isfond, għat-tieni sena, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi juri evidenza dwar is-sitwazzjoni reġjonali, fuq il-bażi tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali. B'mod partikolari, serje ta' mapep li juru l-analiżi reġjonali skont l-Istat Membru hija ppreżentata fl-Anness 4 għal xi indikaturi primarji tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali<sup>30</sup>. Barra minn hekk, l-analiżi fil-Kapitolu 3 tirrapporta, fejn rilevanti, is-sejbiet fil-livell reġjonali għall-Istati Membri fejn jeżistu disparitajiet<sup>31</sup> kbar bejn ir-reġjuni NUTS 2. Id-data u s-sejbiet jagħmluha possibbli li jkun hemm fehim aħjar ta' kif imorru reġjuni differenti f'pajjiż fir-rigward ta' xi dimensjonijiet ewlenin tal-Pilastru u jgħinu fis-sorveljanza tal-konverġenza fi ħdan il-pajjiżi, fil-valutazzjoni tal-impatt tal-politiki reġjonali u fit-tfassil tal-politiki reġjonali.

## **2.2 Evidenza mit-tabella ta' valutazzjoni soċjali**

**It-tabella ta' valutazzjoni soċjali tirrifletti l-kundizzjonijiet tal-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 filwaqt li turi l-kundizzjonijiet soċjali u tal-ħiliet qabel il-pandemija, fid-dawl tad-disponibbiltà tad-data.** Minn meta ġiet ippreżentata t-tabella ta' valutazzjoni, il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-Istati Membri dwar l-indikaturi ewlenin tagħha (permezz tal-metodoloġija deskritta fit-taqsimha preċedenti) ġiet ibbażata fuq l-aħħar data annwali disponibbli, kemm għal-livelli kif ukoll għat-tibdiliet. Fl-istat attwali, dan l-approċċ ikun ifisser li wieħed iħares lejn id-data tal-2019 (u t-tibdiliet fir-rigward tal-2018) għall-biċċa l-kbira tal-indikaturi. Madankollu, l-użu ta' data annwali ma jippermettix li jiġu osservati l-aħħar żviluppi fis-suq tax-xogħol f'kuntest ta' kriżi, u t-treġġiġh lura tagħhom meta mqabbel max-xejriet tal-passat (ta' qabel il-pandemija). F'dan il-kuntest, il-Grupp ta' Indikaturi tal-EMCO qabel li jiddevja temporanjament mill-użu ta' ċifri annwali għall-valutazzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, u minflok juża l-aħħar ċifri trimestrali, għall-ħames indikaturi ewlenin tas-suq tax-xogħol li ġejjin<sup>32</sup> li għalihom huma fil-fatt disponibbli (fuq il-bażi tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol):

<sup>30</sup> Li għaliha hija disponibbli data flivell reġjonali (NUTS 2) (it-tluq bikri mill-iskola, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, ir-rata ta' NEETs, ir-rata ta' impjieg, ir-rata tal-qgħad, ir-rata tal-qgħad fit-tul, ir-rata ta' riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) dwar it-tnaqqis tal-faqar, il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtorapporati għall-kura medika u l-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjt).

<sup>31</sup> Abbażi tal-koeffiċjent tal-varjazzjoni ponderat skont il-popolazzjoni.

<sup>32</sup> Għal dawn il-ħames indikaturi, il-valuri tat-tieni trimestru tal-2020 (aġġustati skont l-istaġun) jintużaw bħala "livelli" tal-indikaturi, u d-differenzi bejn it-tieni trimestru tal-2020 u t-tieni trimestru tal-2019 (aġġustati skont l-istaġun) bħala "bidliet". L-iscatterplots annwali rilevanti u t-tabelli tad-data għall-2019 huma rrapportati fl-Anness għall-informazzjoni.

- Ir-rata tal-impjieg, tal-età ta' 20-64 sena
- Id-differenza bejn il-ġeneri fir-rata tal-impjieg, tal-età ta' 20-64 sena
- Ir-rata tal-qgħad, tal-età ta' 15-74 sena
- Ir-rata tal-qgħad fit-tul, tal-età ta' 15-74 sena
- Iż-żgħażaġh li huma barra mill-edukazzjoni, minn impjieg jew minn taħriġ (ir-rata ta' NEET), 15-24 sena

**L-indikaturi ewlenin jindikaw xi deterjorament fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fl-ewwel nofs tal-2020.** Mill-ħames indikaturi tas-suq tax-xogħol imsemmija hawn fuq, ir-rata ta' impjieg u r-rata ta' NEET marru għall-aġar fl-UE-27<sup>33</sup> fit-tieni trimestru tal-2020 meta mqabbla mal-istess trimestru tal-2019, filwaqt li r-rata tal-qgħad u d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg baqgħu bejn wieħed u ieħor kostanti; ir-rata tal-qgħad fit-tul, għall-kuntrarju, uriet xi titjib (aktar dettalji dwar xejriet reċenti fil-Kapitolu 1).

**L-indikaturi soċjali u tal-ħiliet, li għalihom hija disponibbli biss data ta' qabel il-COVID-19, komplew jitjebu fl-2019<sup>34</sup>.** Id-disa' indikaturi ewlenin li jifdal juru xejra pożittiva jew ġeneralment stabbli fuq bażi annwali (jiġifieri fl-2019 jew fl-2018 skont id-disponibbiltà tad-data). B'mod partikolari, ġie osservat titjib bħala medja għall-faqar, għall-inugwaljanza u għall-indikaturi relatati (jiġifieri s-sehem ta' persuni friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjt, l-introjt disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi per capita, il-qliġh nett ta' ħaddiem waħdu full-time li jaqla' l-paga medja) kif ukoll għall-indikaturi tal-edukazzjoni, tal-indukrar tat-tfal u tal-ħiliet (dawk li jtilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, il-parteċipazzjoni tat-tfal ta' anqas minn tliet snin fl-indukrar tat-tfal, is-sehem tal-popolazzjoni b'ħiliet diġitali bażiċi jew oġhla). Ġiet osservata xejra ġeneralment stabbli għall-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-ħtieġa awtorapportata mhux issodisfata għall-kura medika.

<sup>33</sup> Din l-evidenza tirreferi għall-medji ponderati tal-UE, għajr għall-indikatur "Qliġh nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja" li għalih tintuża medja mhux ponderata.

<sup>34</sup> Id-data limitu għall-estrazzjoni tal-indikaturi primarji tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali hija l-11 ta' Jannar 2021.

**Kif enfazzat mill-graffs tal-iscatterplots fil-Kapitolu 3, tista' tiġi osservata xejra diverġenti fost l-Istati Membri għall-biċċa l-kbira tal-indikaturi tas-suq tax-xogħol** (ħlief ir-rata tal-qgħad u r-rata tal-qgħad fit-tul). Dan ifisser li, bħala medja, l-Istati Membri b'sitwazzjoni inizjali aġar esperjenzaw deterjorament akbar fis-sena sat-tieni trimestru tal-2020. Madankollu, xi grad ta' konverġenza ġeneralment jista' jiġi osservat għall-indikaturi ewlenin l-oħra (f'xi każijiet, ix-xejra mhijiex definita b'mod ċar).

**Kważi l-Istati Membri kollha jaffaċċjaw sfidi f'minn tal-inqas indikatur primarju wieħed.**

Meta jitqiesu l-aktar tliet klassifikazzjonijiet problematiċi flimkien (jiġifieri "sitwazzjoni kritika", "sitwazzjoni li għandha tinżamm taħt sorveljanza" u "sitwazzjoni dgħajfa iżda qed titjeb"), l-Istati Membri kollha ġew immarkati minn tal-inqas darba, bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja u n-Netherlands. Meta wieħed iħares lejn "sitwazzjonijiet kritiċi" biss (jiġifieri indikaturi li għalihom il-livell huwa ħafna aġar mill-medja, u jew ma tjiex malajr biżżejjed jew mar għall-aġar matul l-aħħar sena), 13-il Stat Membru ġew immarkati, wieħed anqas mir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2020<sup>35</sup>. L-Ungerija daħlet f'dan il-grupp ta' pajjiżi (jew "reġġet daħlet" fih, wara li kienet telqet minnu s-sena ta' qabel), filwaqt li l-Estonja u l-Litwanja ħarġu minnu. Fost l-14-il qasam ivvalutati, b'mod ġenerali ġew identifikati 120 każ ta' "sitwazzjoni kritika", "sitwazzjoni li għandha tinżamm taħt sorveljanza" jew "sitwazzjoni dgħajfa iżda qed titjeb", jiġifieri madwar 32 % tan-numru totali ta' valutazzjonijiet (l-istess punti perċentwali bħal fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2020). Minn dawn, 41 huma "sitwazzjonijiet kritiċi" (li jikkorrispondu għal 11.1 % tal-valutazzjonijiet kollha), meta mqabbla ma' 40 fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2019 (li jikkorrispondu għal 10.3 % tal-valutazzjonijiet kollha).

---

<sup>35</sup> Iċ-ċifri mhumiex direttament komparabbli peress li l-eżerċizzju twettaq fuq l-UE-28 fir-rapport tal-2020, u fuq l-UE-27 f'dak attwali; il-komputazzjoni tal-valuri medji u tad-devjazzjonijiet standard hija affettwata mill-kompożizzjoni tal-pajjiżi. Ir-Renju Unit ma kellux "sitwazzjonijiet kritiċi" fir-rapport tal-2020.

**Bħal fis-snin preċedenti, is-sitwazzjoni tal-Istati Membri u s-severità tal-isfidi tagħhom ivarjaw ħafna – u dan jirrifletti wkoll l-impatt tal-kriżi, f'dak li għandu x'jaqsam mal-indikaturi tas-suq tax-xogħol.** Ir-Rumanija, l-Italja, il-Greċja u Spanja jippreżentaw valutazzjonijiet "kritiċi", "li għandhom jinżammu taħt sorveljanza", jew "dgħajfa iżda qed jitjiebu" f'għaxar indikaturi jew aktar, segwiti mill-Bulgarija b'disa' sfidi (ara t-Tabella 1). Minn dawn il-pajjiżi, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Italja jippreżentaw l-ogħla numru ta' "sitwazzjonijiet kritiċi" (6 kull wieħed) segwiti minn Spanja (5) u mill-Greċja (3). Madankollu, il-Greċja, ir-Rumanija u Spanja jirrapportaw ukoll numru ta' valutazzjonijiet pożittivi kull wieħed (irreġistrati qabel il-bidu tal-pandemija): Il-Greċja hija fost il-pajjiżi "bl-aħjar prestazzjoni" fit-tluq bikri mill-iskola u "aħjar mill-medja" fl-inugwaljanza fl-introjtu u fil-livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi; Spanja hija fost il-pajjiżi "bl-aħjar prestazzjoni" fil-parteċipazzjoni fl-indukrar tat-tfal u hija "aħjar mill-medja" fil-ħtiġijiet mhux issodisfati awtorapportati għall-kura medika; ir-Rumanija hija fost il-pajjiżi "bl-aħjar prestazzjoni" fit-tkabbir tal-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi per capita. F'termini tal-għadd globali ta' sfidi, il-Latvja (seba' sfidi), Ċipru u l-Ungerija (sitt sfidi kull wieħed) isegwu<sup>36</sup>. B'kuntrast ma' dan, id-Danimarka u n-Netherlands huma l-pajjiżi "bl-aħjar prestazzjoni" jew "aħjar mill-medja" f'għaxar indikaturi ewlenin, segwiti miċ-Ċekja u mill-Iżvezja (disa' indikaturi kull wieħed), u mill-Finlandja (tmien indikaturi).

---

<sup>36</sup> Ta' min jinnota li l-Italja għaddet aktar minn 10 sfidi fl-eżerċizzju tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2020. Fil-mument tal-abbozzar, id-data għall-Italja hija nieqsa għal erba' indikaturi ewlenin, u d-data għal-Latvja hija nieqsa għal indikatur ewlieni wieħed.

**Tabella 1. Sommarju tal-indikaturi primarji fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali**

	Equal opportunities and access to the labour market					Dynamic labour markets and fair working conditions					Public support / Social protection and inclusion			
	Early leavers from education and training	Gender employment gap	Income quintile ratio	At risk of poverty or social exclusion rate	Youth NEET rate	Employment rate	Unemployment rate	Long-term unemployment rate	GDHI per capita growth	Net earnings of a full-time single worker earning AW	Impact of social transfers on poverty reduction	Children aged less than 3 years in formal childcare	Self-reported unmet need for medical care	Individuals' level of digital skills
Year	2019	Q2-2020	2019	2019	Q2-2020	Q2-2020	Q2-2020	Q2-2020	2019	2019	2019	2019	2019	2019
<b>Best performers</b>	EL, HR, IE, LT, SI	FI, LT, LV	BE, CZ, SI	FI, SI	CZ, LV, NL, SE	CZ, DE, NL, SE	CZ, DE, PL		EE, HU, LT, RO	DE, DK, IE, LU, NL	AT, DK, FI, IE, SI	BE, DK, ES, LU, NL, PT, SE		DE, DK, FI, NL, SE
<b>Better than average</b>	CZ, EE, FI, PL, PT, SE	AT, DE, DK, FR, LU, PT, SE, SI	AT, DK, EL, FI, IE, MT, NL	AT, CY, DE, DK, HR, NL, PL, SK	DK, EE, LU, MT, PL, SI	DK, EE, FI, LT, LV, MT, PL	BE, FR, HU, IE, IT, MT, NL, PT	CZ, DK, EE, FR, HU, NL, PL, PT	CZ, SE, SK	BE, FI, SE	BE, FR, LT, SE, SK	FR, LT, MT, SI	AT, CZ, DE, ES, LT, LU, MT, NL	AT, CZ, EE, EL, HR, IE
<b>On average</b>	AT, BE, DE, DK, FR, LV, NL, SK	BE, BG, EE, ES, HR, IE, NL, SK	DE, EE, FR, HR, HU, LU, PL, PT	BE, HU, IE, LU, PT	BE, FI, HU, LT, PT, SK	CY, FR, HU, LU, SI, SK	AT, BG, CY, DK, FI, HR, LU, RO, SI, SK	AT, BE, BG, CY, FI, HR, IE, LV, RO, SE, SI	DE, DK, FI, FR, HR, IE, LV, NL, PT, SI	CY, EL, FR, MT	CY, CZ, DE, NL, PL	CY, DE, EE, FI, IE, IT, LV	BE, BG, CY, FR, HR, HU, IE, IT, PT, SE, SI, SK	BE, ES, FR, LT, MT, PT, SI, SK
<b>Good but to monitor</b>			SK	CZ, FR				MT		AT				LU
<b>Weak but improving</b>	IT, RO	EL	LT	EL, IT, LT	RO	HR	EL	EL, ES, IT		BG, HU, LT, LV, PL, RO		SK	EE, EL, LV	
<b>To watch</b>	CY, HU, LU	CY, CZ	CY, ES, SE	EE, ES, MT, SE	AT, EL, FR, HR, IE	AT, BE, BG, IE, PT, RO	EE, LT, LV, SE	LT, LU, SK	AT, BE, ES	CZ, EE, ES, HR, IT, PT, SI	EE, HR, HU, LU, MT, PT	AT, BG, EL	DK, FI, PL, RO	CY, HU, PL
<b>Critical situations</b>	BG, ES, MT	HU, IT, MT, PL, RO	BG, IT, LV, RO	BG, LV, RO	BG, CY, ES, IT	EL, ES, IT	ES		CY, EL, IT	SK	BG, EL, ES, IT, LV, RO	CZ, HR, HU, PL, RO		BG, LV, RO

Nota: aġġornament tal-11 ta' Jannar 2021. Ir-rata ta' NEET u r-rata tal-qgħad fit-tul mhumiex disponibbli għall-DE. it-tkabbir fil-GDHI per capita ma kienx disponibbli għall-BG u MT. Il-livell ta' hiliel diġitali tal-individwi mhuwiex disponibbli għall-IT (1-2017 nieqsa). Il-waqfiet fis-serje u indikazzjonijiet statistiċi oħra ġew irrapportati fl-Annessi 1 u 2.

### 3. IR-RIFORMI SOĊJALI U TAL-IMPJIEG – IL-PRESTAZZJONI U L-AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI

Din it-taqsimha tippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-indikaturi tal-impjiegi u soċjali ewlenin u lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri fl-oqsma ta' prijorità identifikati mil-linji gwida tal-UE dwar l-impjiegi, kif adottati mill-Kunsill fl-2020<sup>37</sup>. Tibbaża fuq il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2020 tal-Istati Membri u fuq is-sorsi tal-Kummissjoni Ewropea<sup>38</sup>. Jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-miżuri ta' politika implimentati wara Ġunju 2019 biss huma ppreżentati fir-rapport. Analiżi fil-fond tal-iżviluppi reċenti fis-suq tax-xogħol tista' tinstab fil-Labour Market and Wage Developments Annual Review 2020<sup>39</sup> u fl-Employment and Social Developments in Europe Annual Review 2020<sup>40</sup>.

#### 3.1 Gwida

##### linja 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol

Din it-taqsimha tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-Linja Gwida Nru 5 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jgħidli kundizzjonijiet li jippromwovu d-domanda għall-ħaddiema u l-ħolqien tal-impjiegi. L-ewwel tippreżenta ħarsa ġenerali lejn ir-rati tal-qgħad u ta' impjieg skont l-Istati Membri, filwaqt li tikkomplementa l-analiżi fil-livell tal-UE ppreżentata fil-Kapitolu 1. Imbagħad tħares lejn ix-xejriet tal-impjiegi indipendenti, id-dinamika tal-pagi, il-paga minima u l-iżviluppi fil-porzjon ta' taxxa. It-Taqsimha 3.1.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika implimentati mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma, b'enfasi speċjali fuq ir-reazzjonijiet ta' politika sabiex jiġu ppreservati l-impjiegi u jiġi appoġġat il-ħolqien tal-impjiegi fil-kuntest tal-pandemija.

---

<sup>37</sup> ĠU L 344, 19.10.2020, p. 22–28.

<sup>38</sup> Inkluzja l-bażi tad-data LABREF, disponibbli fuq <https://europa.eu/NR68Bw>

<sup>39</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020). L-Iżviluppi fis-Suq tax-Xogħol u fil-Pagi fl-Ewropa. Rieżami Annwali tal-2020. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.


<sup>40</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020). L-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa. Rieżami Annwali tal-2020. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/MM76mf>

### 3.1.1 Indikaturi ewlenin

**In-numru ta' persuni impjegati naqas fit-tieni trimestru tal-2020, u dan jirrifletti l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19.** Matul l-2019, l-impjiegi totali (abbażi tal-kontijiet nazzjonali, impjiegi domestiċi, aġġustati skont l-istaġun) żdiedu jew baqgħu stabbli fl-Istati Membri kollha meta mqabbla mal-2018 (ħlief għal tnaqqis żgħir fil-Polonja u fir-Rumanija). It-tkabbir fl-impjiegi naqas jew sar negattiv f'diversi Stati Membri fl-ewwel trimestru tal-2020 (b'medja ta' -0.2 % fl-UE trimestru b'trimestru). Sussegwentement, l-Istati Membri kollha (bl-eċċezzjoni ta' Malta) irreġistraw tnaqqis fit-tieni trimestru (b'medja ta' -2.8 % fl-UE). Meta mqabbel mal-ogħla livell tal-impjiegi fir-raba' trimestru tal-2019, dan it-tnaqqis qabeż is-sitt miljun persuna. L-akbar tnaqqis ġie rreġistrat minn Spanja (-8.4 %, li jikkorrispondi għal 1.7 miljun persuna), mill-Irlanda (-6.1 %), mill-Estonja (-5.6 %) u mill-Ungerija (-4.6 %). It-tkabbir fl-impjiegi kien anqas minn -2 % fi tlettax-il Stat Membru ieħor (Illustrazzjoni 7). Għall-kuntrarju, it-tnaqqis kien aktar moderat f'Ċipru (-1 %), fil-Polonja (-0.5 %) u fil-Lussemburgu (-0.3 %). Malta kienet l-uniku pajjiż li rreġistra żieda fl-impjiegi, b'1.4 %. Fit-tielet trimestru tal-2020, l-impjiegi rkupraw parzjalment meta mqabbla mat-trimestru preċedenti (b'0.9 % bħala medja tal-UE). Ġew irreġistrati żidiet fi 19-il Stat Membru (mhux muriġa fil-graff), bl-akbar żidiet fl-Irlanda (+3.3 %), fi Spanja (+3.1 %), fl-Awstrija (+3 %) u fl-Ungerija (+2.4 %). Għall-kuntrarju, ir-Rumanija u l-Litwanja rreġistraw l-akbar telf ta' impjiegi, b'-1 % u -1.9 % rispettivament meta mqabbla mat-trimestru preċedenti.

## Illustrazzjoni 7: Tnaqqis sostanzjali fl-impjiegi madwar l-UE

Tibdil perċentwali fl-impjiegi totali u fis-sigħat maħduma bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2020




Sors: Eurostat, Kontijiet nazzjonali.

Nota: data aġġustata skont l-istaġun u l-kalendarju, ħlief dik aġġustata skont l-istaġun għar-CZ, EL, FR, MT, PL, PT, SK (impjiegi) u MT, SK (sigħat maħduma). Id-data dwar is-sigħat maħduma għall-BE mhijiex disponibbli.

## Illustrazzjoni 8: L-assenzi mix-xogħol żdiedu bis-saħħa madwar l-UE

L-assenzi mix-xogħol bħala sehem mill-impjiegi totali (20-64)



Sors:

Eurostat, id-data tal-LFS. Nota: data aġġustata skont l-istaġun. Id-data għall-DE mhijiex disponibbli għat-tieni trimestru tal-2020.

**L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għeni sabiex jillimitaw il-qerda tal-impjeggi.** Sa mill-bidu tal-kriżi, l-Istati Membri implimentaw b'mod estensiv u/jew saħħew l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew skemi oħra ta' preservazzjoni tal-impjeggi, bl-għan li jillimitaw it-telf ta' impjeggi, jevitaw it-tixrid tal-kapital uman fil-livell tal-kumpanniji, u jsostnu d-domanda aggregata f'fażi ta' tnaqqis ekonomiku sostanzjali. Fl-istess ħin, l-impjegaturi aġġustaw ukoll id-domanda għax-xogħol tagħhom b'mod awtonomu sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet tagħhom. Kif diġà ntweraw fit-Taqsima 1 u evidenti mill-Illustrazzjoni 7, it-tnaqqis fis-siġħat maħduma kien sostanzjalment akbar mit-tnaqqis fl-impjeggi (-13.9 % vs -3 % fl-UE fit-tieni trimestru tal-2020 meta mqabbel mar-raba' trimestru tal-2019) li jista' jiġi attribwit l-aktar għall-funzjonament tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. Fost il-pajjiżi, l-akbar diskrepanzi bejn iż-żewġ indikaturi<sup>41</sup> setgħu jiġu osservati fil-Lussemburgu, fil-Greċja, fis-Slovakkja, fil-Litwanja, fl-Italja, fil-Portugall, fis-Slovenja u fi Franza. Is-siġħat maħduma rkupraw parzjalment fit-tielet trimestru tal-2020, b'żieda medja ta' 11.9 % meta mqabbla mat-trimestru preċedenti, u żidiet fl-Istati Membri kollha minbarra r-Rumanija. Fl-istess ħin, kif jidher fl-Illustrazzjoni 8, in-numru ta' ħaddiema assenti mill-impjeg (bħala proporzjon tal-impjeggi totali) żdied f'daqqa fit-tieni trimestru, b'żieda ta' 9 pp għall-UE (minn 9.7 % fir-raba' trimestru tal-2019, wara xejra stabbli matul l-aħħar deċennju, għal 18.7 % fit-tieni trimestru tal-2020). Is-sensji temporanji waħedhom ammontaw għal kważi nofs l-assenzi kollha (żieda f'daqqa minn 0.2 % fir-raba' trimestru tal-2019 għal 7.4 % fit-tieni trimestru tal-2020). L-akbar żidiet fis-sehem ta' assenzi ġew irreġistrati f'Ċipru (+22.6 pp), fil-Greċja (+20.3 pp), fi Spanja (+18.4 pp), fl-Irlanda (+17.4 pp), fl-Italja (+16.9 pp) u fil-Portugall (+16.8 pp). Fit-tielet trimestru, is-sehem ta' ħaddiema assenti naqqas għal 9.1 % (1.1 % meta wieħed iqis is-sensji biss).

**L-użu ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar laħaq livelli mingħajr preċedent matul il-kriżi tal-COVID-19 fil-pajjiżi kollha** (li għalihom hemm data disponibbli pubblikament)<sup>42</sup>. L-użu ta' xogħol b'ħinijiet iqsar kien partikolarment mifrux fis-settur tas-servizzi (prinċipalment il-lukandi u r-ristoranti) u fin-negozju bl-immnut. L-użu kien komparattivament aktar baxx fl-Istati Membri bi skemi stabbiliti ġodda. Dan seta' kien parzjalment dovut għat-tfassil tal-iskemi tagħhom, għall-adattament bil-mod għall-proċeduri amministrattivi l-ġodda, jew għad-dewmien fl-implimentazzjoni. F'xi wħud mill-iskemi li għadhom kif ġew stabbiliti (pereżempju fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, fil-Kroazja u fl-Ungerija), ir-rekwiżit għall-kumpanniji li jaqsmu parti mill-kostijiet seta' naqqas l-adozzjoni tagħhom. Fil-Polonja, l-adozzjoni inizjali tnaqqset b'rekwiżit li jinżamm l-impjeg wara li jiskadi l-appoġġ.

<sup>41</sup> Meta jittieħed il-proporzjon tat-tnaqqis fis-siġħat maħduma mat-tnaqqis fl-impjeg.


<sup>42</sup> Għad-dettalji, ara r-Rieżami Annwali tal-2020 dwar is-Suq tax-Xogħol u l-Iżviluppi fil-Pagi: <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=113&furtherNews=yes&newsId=9873>.

**Tnaqqis limitat fir-rata ġenerali ta' impjieg jaħbi differenzi kbar fost l-Istati Membri.** Matul l-2019, ir-rata ta' impjieg (grupp ta' età 20-64) żdiedet bħala medja u fl-Istati Membri kollha (ħlief għal tnaqqis żgħir fl-Iżvezja, xorta mill-ogħla livell madwar l-UE kollha). Kif muri fit-Taqsima 1, fit-tieni trimestru tal-2020 ir-rata ta' impjieg naqset b'1.2 pp, hekk kif niżlet għal 72.1 % mill-quċċata ta' 73.3 % milħuqa fit-tieni trimestru tal-2019 (li reġġgħet lura l-indikatur għal-livell li deher fl-ewwel trimestru tal-2018). Kif imsemmi, it-tnaqqis ġenerali modest jista' jiġi attribwit għall-miżuri straordinarji meħuda fil-kuntest tal-kriżi. Madankollu, is-sitwazzjoni taħbi eteroġeneità sostanzjali madwar l-Istati Membri. Kif muri fl-Illustrazzjoni 9, abbażi tad-data tal-LFS ta' Eurostat, Spanja esperjenzat l-akbar tnaqqis (bi 3.2 pp) segwita mill-Bulgarija (3.1 pp), mill-Awstrija (2.4 pp), mill-Irlanda u mill-Portugall (2.3 pp). Għall-kuntrarju, il-Kroazja u l-Polonja rreġistraw żieda (b'0.8 u 0.1 pp rispettivament) filwaqt li Malta u l-Latvja rreġistraw rata stabbli jew tnaqqis marġinali. Fit-tielet trimestru, ir-rata ġenerali tal-impjieg rkuprat bi ftit għal 72.4 %, b'żidiet meta mqabbla mat-tieni trimestru fl-Istati Membri kollha minbarra f'erba' (l-Iżvezja, il-Latvja, Ċipru u l-Litwanja).

**Meta wieħed iħares lejn il-valutazzjoni bbażata fuq il-metodoloġija għall-indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, is-sitwazzjoni ma tinbidilx b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-snin preċedenti,** bil-Greċja, bl-Italja u bi Spanja li għadhom immarkati bħala "sitwazzjonijiet kritiċi" (b'rati ta' madwar 65 % jew anqas) filwaqt li l-Iżvezja, il-Ġermanja, iċ-Ċekja u n-Netherlands huma l-pajjiżi "bl-aħjar prestazzjoni" (b'rati qrib jew ogħla minn 80 %). Bejn wieħed u ieħor, it-tnaqqis f'daqqa fir-rati ta' impjieg fit-tieni trimestru tal-2020 jispjega l-klassifikazzjoni tal-Bulgarija, tal-Irlanda, tal-Awstrija u tal-Portugall bħala pajjiżi "li għandhom jinżammu taħt sorveljanza" (għalkemm il-livelli rispettivi għadhom qrib il-medja). Il-Belġju u r-Rumanija, b'rata ta' impjieg li naqset għal anqas minn 70 % matul l-aħħar sena, huma wkoll pajjiżi "li għandhom jinżammu taħt sorveljanza". Il-Kroazja, li xorta ppreżentat rata baxxa ta' impjieg ta' 66.9 % fit-tieni trimestru tal-2020 hija mmarkata bħala "dgħajfa iżda qed titjieb" fid-dawl taż-żieda (minkejja l-kriżi). Il-pendil pożittiv tal-linja ta' rigressjoni tissuġġerixxi li l-Istati Membri qed jesperjenzaw tendenza kemxejn diverġenti (jiġifieri r-rati ta' impjieg naqsu b'rata aktar mgħaġġla f'pajjiżi li jibdeu minn livell aktar baxx). Għad irridu naraw jekk din ix-xejra hijiex ser tiġi sostnuta maż-żmien, kif ġara fil-kriżi finanzjarja. Numru ta' Stati Membri jippreżentaw disparitajiet reġionali sinifikanti fir-rati tal-qgħad (ara l-Anness 4).

**Illustrazzjoni 9: Ir-rata ta' impjieg naqset fi kważi l-Istati Membri kollha**


Ir-rata ta' impjieg (20-64) u t-tibdil annwali fiha (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Perijodu: Il-livelli tat-tieni trimestru tal-2020 u t-tibdiliet annwali fir-rigward tat-tieni trimestru tal-2019. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, iż-żieda fil-qgħad kienet moderata s'issa.** Kif muri fit-Taqsima 1, ir-rata medja tal-qgħad għall-UE żdiedet għal 7.8 % f'Lulju 2020, jgħifieri b'1.3 pp meta mqabbla mal-livell l-aktar baxx ta' qabel il-kriżi rreġistrat fi Frar 2020, qabel ma niżlet għal 7.5 % f'Novembru 2020. Din issegwi tnaqqis kontinwu fil-maġġoranza tal-Istati Membri fl-2019. Tali żieda moderata tista' titqies bħala l-effett tal-funzjonament tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, għalkemm l-inattività tista' tispijega wkoll parti minnha (f'diversi Stati Membri, sehem imdaqqs ta' ħaddiema waqfu jfittxu impjieg b'mod attiv, speċjalment matul il-fażijiet tal-lockdown). L-Illustrazzjoni 10, li turi l-livell tar-rata tal-qgħad fit-tieni trimestru tal-2020, u t-tibdil meta mqabbla mat-tieni trimestru tal-2019, jindika li għal tali żieda medja moderata jikkorrispondu xejriet nazzjonali differenti ħafna. Għal 20 minn 27 Stat Membru, ir-rata tal-qgħad fil-fatt żdiedet matul dan il-perijodu, b'żidiet qrib jew ogħla minn 2 pp fil-Litwanja, fil-Latvja, fl-Estonja u fl-Iżvezja (ilkoll immarkati bħala pajjiżi "li għandhom jinżammu taħt sorveljanza" skont il-metodoloġija tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali). Għall-kuntrarju, ir-rata tal-qgħad fit-tieni trimestru fil-fatt naqset fl-Italja, fi Franza, fil-Portugall, fil-Belġju, fl-Irlanda, fil-Polonja u fil-Greċja (fil-każ tal-Italja, bi kważi 2 pp). Ir-rata ta' attività li kienet qed tonqos (bi 2.9 pp fil-Portugall, bi 2.8 pp fl-Italja, bi 2.7 pp fl-Irlanda, b'2 pp fi Franza, b'1.7 pp fil-Belġju, b'1.4 pp fil-Greċja) tista' tgħin biex tispijega din l-imġiba. Madankollu, iċ-ċifri għat-tielet trimestru tal-2020 jindikaw żieda reali fil-qgħad meta mqabbla ma' sena qabel għall-pajjiżi kollha minbarra l-Greċja. F'termini komparattivi, Spanja hija klassifikata "sitwazzjoni kritika" u l-Greċja bħala "dgħajfa iżda qed titjeb" (b'rati tal-qgħad ogħla minn 15 %) filwaqt li ċ-Ċekja, il-Ġermanja u l-Polonja huma l-pajjiżi "bl-aħjar prestazzjoni" (b'rati tal-qgħad ta' anqas minn 4 %). Għad hemm disparitajiet kbar fil-livell reġjonali (ara l-Anness 4) b'xi reġjuni tal-Greċja, tal-Italja u ta' Spanja li rreġistraw rati tal-qgħad ogħla minn 20 %.

**Illustrazzjoni 10: Il-qgħad żdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, b'żieda ġenerali moderata**  
 Ir-rata tal-qgħad (15-74 sena) u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Perijodu: Il-livelli tat-tieni trimestru tal-2020 u t-tibdiliet annwali fir-rigward tat-tieni trimestru tal-2019. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**L-impjieg indipendenti kien, bħala medja, anqas affettwat mill-kriżi mill-impjieg totali – iżda b'eteroġeneità ogħla fost l-Istati Membri.** Bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2020, in-numru ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom naqas bi 2.2 % (jew 677 000), meta mqabbel ma' 3 % għall-impjieg totali (ċifri tal-Kontijiet Nazzjonali, aġġustati skont l-istaġun<sup>43</sup>). Filwaqt li dan it-tnaqqis huwa mdaqqs, it-tqabbil mal-impjieg totali jissuġġerixxi li sehem sinifikanti ta' dawk li jaħdmu għal rashom irnexxielhom iżommu l-attività tagħhom għaddejja minkejja l-kollass fl-attività ekonomika, jew billi naqqsu (temporanjament) id-daqs tan-negozju tagħhom jew billi qalbu għal forum ta' telexogħol. Madankollu, dawk li jaħdmu għal rashom jirrappreżentaw waħda mill-kategoriji l-aktar friskju jekk ir-reċessjoni ddum magħna, mhux l-anqas minħabba aċċess limitat għal skemi ta' protezzjoni soċjali f'ħafna Stati Membri. Kien biss fi tmien Stati Membri li l-impjieg indipendenti naqsu b'rata aktar mgħaġġla mill-impjieg totali bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2020 (il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Finlandja). B'mod ġenerali, l-akbar tnaqqis ġie rreġistrat fir-Rumanija (-11.7 %), segwita mill-Estonja (-6.1 %), mill-Irlanda (-5.5 %) u minn Spanja (-4.6 %). Huwa interessanti li n-numru ta' persuni li jaħdmu għal rashom żdied fi ħdax-il Stat Membru bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2020, l-akbar żidiet irreġistrati fil-Latvja, fil-Kroazja u f'Malta. Fit-tielet trimestru tal-2020 in-numru ta' persuni li jaħdmu għal rashom baqa' bejn wiehied u ieħor kostanti meta mqabbel mat-tieni trimestru (kontra rkupru fl-impjieg totali). Dan kompli jonqos, b'mod partikolari, fir-Rumanija, fil-Ġermanja, fil-Finlandja, fis-Slovakkja, fi Franza, fid-Danimarka, fl-Italja, f'Ċipru u fil-Bulgarija.

---

<sup>43</sup> Iċ-ċifri tal-LFS tal-Eurostat (grupp ta' età 15-64, mhux aġġustati skont l-istaġun) jindikaw tnaqqis ta' 1.8 % fl-istess perijodu.

**F'dawn l-aħħar snin, l-impjieg indipendenti naqas bil-mod bħala sehem mill-impjieg totali.**

B'mod ġenerali, is-sehem ta' dawk li jaħdmu għal rashom mill-impjieg totali kien qed jonqos bil-mod, minn 14.3 % fl-2008 għal 13.4 % fl-2019<sup>44</sup>. Tnaqqis bħal dan kien evidenti b'mod partikolari matul il-fażi tal-espansjoni ekonomika bejn l-2013 u l-2019, meta l-ħolqien tal-impjieg seħħ b'mod aktar milli proporzjonat fost l-impjegati. Kif muri fid-dettall fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg għall-2020, dan it-tnaqqis maż-żmien jaħbi tibdil kontinwu fil-kompożizzjoni tal-impjieg indipendenti lil hinn mill-attivitajiet tradizzjonali lejn servizzi u lejn setturi b'valur miżjud oġhla – notevolment lil hinn mill-agrikoltura, mill-kummerċ u mit-trasport, lejn l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi, is-saħħa tal-bniedem u l-attivitajiet ta' ħidma soċjali. Dan it-tibdil strutturali huwa akkumpanjat minn żieda aktar mgħagħgla fil-livell edukattiv medju milħuq fost dawk li jaħdmu għal rashom milli fost l-impjegati: is-sehem ta' ħaddiema b'edukazzjoni terzjarja fost dawk tal-ewwel żdied minn 26 % fl-2008 għal 36.1 % fl-2019, kontra żieda aktar limitata (minn 26.1 % għal 34.5 %) fost l-impjegati. Il-kriżi x'aktarx li tħaffef it-tibdil lejn is-setturi tas-servizzi u livell oġhla ta' edukazzjoni fost dawk li jaħdmu għal rashom, peress li l-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet fis-setturi tradizzjonali (li ma jistgħux jitwettqu b'mod diġitali) huma fost dawk l-aktar affettwati.


---

<sup>44</sup> Id-data tal-LFS ta' Eurostat, il-grupp tal-età 15-64.

**It-tkabbir fil-pagi nominali aċċellera fl-2019 sabiex imbagħad irreaġixxa għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku.** It-tkabbir medju fl-UE-27 tal-kumpens nominali lill-impjegati kien ogħla minn 3 % u laħaq aktar minn 4 % fil-Baltiċi, fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u fl-Irlanda (Illustrazzjoni 11). Għall-Ungerija, għal-Litwanja u għall-Irlanda, it-tibdiliet fl-2019 qabżu b'mod sostanzjali dawk tas-sena ta' qabel, filwaqt li ġew irreġistrati sinjali ta' deċellerazzjoni minn xejra għolja ta' tkabbir għar-Rumanija, għall-Bulgarija, għall-Estonja u għaċ-Ċekja. Il-pagi naqsu wkoll fl-Iżvezja u speċjalment fl-Italja u fi Franza (f'din tal-aħħar, baqgħu fl-istess livell tal-2018). Fl-2020, b'diversi Stati Membri li daħlu freċċessjoni, it-tkabbir tal-kumpens għal kull impjegat beda jnaqqas fil-biċċa l-kbira tagħhom. Dan irrispons jirrifletti prinċipalment in-nuqqas ta' sigħat maħduma (u, ħafna drabi, tal-ispejjeż tal-pagi assoċjati) b'rabta mal-użu mifruż ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. Skont it-tfassil tal-iskemi nazzjonali, is-sehem tal-impjegati involuti u l-intensità tat-tnaqqis fis-sigħat maħduma, il-pagi naqsu b'mod konsiderevoli. Sat-tieni trimestru tal-2020, numru kbir (18) ta' Stati Membri rreġistraw tibdiliet negattivi (sena wara sena), bi tnaqqis sostanzjali fi Franza (-9.5 %), fil-Lussemburgu (-6.8 %) fil-Belġju (-6.7 %) u fl-Italja (-10.5 %). F'xi wħud minn dawk li jifdal, l-iżviluppi pożittivi kienu ogħla minn 3 % fil-Polonja, fil-Bulgarija, fir-Rumanija, fin-Netherlands, u kienu partikolarment sinifikanti fl-Ungerija (+5.5 %) u fil-Litwanja (+5.1 %). Barra minn hekk, peress li l-kumpanniji li jnaqqsu s-sigħat maħduma jippruvaw jiffrankaw il-kostijiet lavorattivi, il-kumpens għal kull impjegat ġie affettwat ukoll mill-iffriżar tal-komponenti varjabbli tal-paga jew mill-posponiment tat-tiġdid tal-kuntratti tax-xogħol. L-iżviluppi fil-pagi rkupraw parzjalment fit-tielet trimestru tal-2020 f'diversi pajjiżi – sitt pajjiżi biss irreġistraw tnaqqis – f'konformità maż-żieda fis-sigħat maħduma.

### Illustrazzjoni 11: It-tkabbir fil-pagi nominali sar negattiv matul il-kriżi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri

Kumpens nominali għal kull impjegat, 2018-2019 u t-tieni trimestru tal-2020, tibdil % annwali



(1) Il-pagi jitkejlu bl-indikatur "Kumpens nominali għal kull impjegat", li jiġi kkalkolat bħala kumpens totali lill-impjegati diviż bin-numru totali ta' impjegati. Il-kumpens totali huwa ddefinit bħala r-remunerazzjoni totali, fi flus jew in natura, pagabbli minn impjegatur lil impjegat bħala kumpens għal xogħol magħmul minn dan tal-aħħar matul il-perijodu bażi tal-kontijiet u għandu żewġ komponenti: i) Il-pagi u s-salarji pagabbli fi flus jew in natura; u ii) Il-kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli mill-impjegaturi. (2) Id-data kollha użata hija data tal-kontijiet nazzjonali. L-indikaturi huma bbażati fuq il-valuri tal-munita nazzjonali. L-aggregati huma medji ponderati.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-data AMECO.

**Filwaqt li l-kumpens għal kull impjegat naqas, it-tnaqqis fis-sigħat maħduma wassal għal żieda fil-pagi fis-siegħa.** Filwaqt li fiċ-Ċekja biss il-pagi fis-siegħa fil-fatt naqsu fit-tieni trimestru tal-2020 (trimestru wara trimestru), ġeneralment dawn qabżu l-kumpens għal kull impjegat. F'seba' pajjiżi, id-distakk huwa ogħla minn 10 pp, bl-ogħla valuri għal Malta, is-Slovenja u l-Italja.

**Il-pagi reali żdiedu fi kważi l-Istati Membri kollha fl-2019 u mbagħad naqsu fl-ewwel nofs tal-2020<sup>45</sup>.**


F'termini reali (deflatati bl-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur), it-*tkabbir* tal-pagi fl-2019 kien partikolarment b'saħħtu – aktar minn 5 % – fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja) u l-pajjiżi Baltiċi (l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja). Għalhekk, id-dinamika b'saħħitha tal-pagi reali fil-pajjiżi fejn il-PDG per capita jilħaq il-medja tal-UE wasslet għal tnaqqis fil-varjazzjoni tal-pagi reali fl-UE. Ġew osservati żidiet ta' anqas minn 1 % f'disa' pajjiżi, inklużi l-Iżvezja, Franza, il-Greċja, u ta' daqs kważi negliġibbli fl-Italja u fin-Netherlands (ara l-Illustrazzjoni 12). Il-Lussemburgu rreġistra *tkabbir negattiv* fil-pagi reali. Fit-tieni trimestru tal-2020 ġiet irreġistrata żieda fl-eteroġeneità tad-dinamika tal-pagi reali. F'diversi Stati Membri, il-pagi reali aggregati naqsu b'mod sever, speċjalment fil-Belġju (-7.6 %), fi Spanja (-8.0 %), fi Franza (-9.8 %) u fl-Italja (-10.6 %). Dan it-tnaqqis huwa (tal-anqas) parzjalment spjegat mill-impatt ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, skont it-tfassil tal-miżuri nazzjonali (f'pajjiżi fejn il-benefiċċji jitħallsu direttament lill-impjegati u jiġu rreġistrati bħala trasferimenti soċjali, l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar iwasslu għal tnaqqis osservat fl-ispejjeż tal-pagi)<sup>46</sup>. Bnadi oħra, l-iżviluppi pożittivi komplew tul ix-xejra l-aktar reċenti, speċjalment fil-Litwanja, fl-Ungerija, fil-Bulgarija u fil-Latvja.

<sup>45</sup> Mill-perspettiva tal-ħaddiema, l-aktar miżura rilevanti tal-pagi hija l-pagi u s-salarji grossi, u b'hekk jiġu esklużi l-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-impjegaturi.

<sup>46</sup> Dias da Silva et al. (2020), "Short-time work schemes and their effects on wages and disposable income" (Skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u l-effetti tagħhom fuq il-pagi u l-introjt disponibbli), *Bullettin Ekonomiku tal-BĊE*, Ħarġa 4/2020.

## Illustrazzjoni 12: Fl-2019, it-**tkabbir fil-pagi reali kien b'saħħtu fl-Istati Membri tal-Lvant u tal-Baltiku**

Pagi reali għal kull impjegat, 2018, 2019 u t-tieni trimestru tal-2020, tibdil % annwali



(1) Pagi u salarji grossi reali għal kull impjegat; deflatur: konsum privat. (2) Il-pajjiżi huma kklassifikati f'ordni dekrexxenti tat-**tkabbir fil-pagi reali fl-2019**. Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-data AMECO.

### Wara li naqas wara l-kriżi finanzjarja preċedenti, is-sehem tal-pagi **żdied b'mod moderat**

**bħala medja fl-2018 u l-2019**, b'mod konsistenti mal-pagi li **żdiedu bħala medja kemxejn ogħla mill-produttività tax-xogħol**. Fl-2019, is-sehem tal-pagi fl-UE-27<sup>47</sup> **żdied għal 55.4 %** (minn livell baxx ta' 55 % bejn l-2015 u l-2017), b'żidiet ogħla minn 1 pp f'Ċipru, fis-Slovenja, fis-Slovakkja, fil-Litwanja u fil-Latvja. Fl-istess ħin, is-sehem tal-pagi naqas f'seba' pajjiżi u b'tal-anqas 1 pp fi Franza, fir-Rumanija u fil-Bulgarija. Matul il-perijodu 2013-2019, is-sehem tal-pagi **żdied fl-Istati Membri li l-livelli tal-bidu tagħhom kienu komparattivament baxxi**, u b'mod partikolari fil-Latvja, fil-Litwanja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja, u dan wera ċertu grad ta' konverġenza. Fost l-akbar pajjiżi tal-UE, is-sehem tal-pagi **żdied biss fil-Ġermanja (1.7 pp)**, naqas bi f'it fl-Italja (-0.3 pp), filwaqt li Franza, Spanja u n-Netherlands irreġistraw **kontrazzjonijiet akbar minn 1 pp**.

<sup>47</sup> Sors: Il-bażi tad-data tal-AMECO.

**Matul l-aħħar tliet snin, it-tkabbir tal-qligħ nett kompli jkun aktar mgħaġġel fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u dan ikkontribwixxa għal konverġenza fil-livelli tal-introjtu mix-xogħol.** Din ix-xejra tidher b'mod ċar mid-distribuzzjoni tal-pajjiżi fl-Illustrazzjoni 13, li tiegħu bħala referenza persuna waħedha mingħajr tfal b'paga li taqla' paga ta' livell medju, fuq perijodu ta' tliet snin (2016-2019)<sup>48</sup>. Il-konverġenza 'l fuq fl-istandards tal-għajxien hija konformi mal-għanijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fin-naħa ta' isfel tad-distribuzzjoni tal-qligħ nett, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija u l-Polonja, fejn il-qligħ nett fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) huwa taħt jew madwar EUR 15 000, il-koll ippreżentaw żieda medja ta' aktar minn 5 % matul l-aħħar tliet snin, u huma kklassifikati bħala "dgħajfa iżda qed jitjiebu"<sup>49</sup>. Pajjiżi oħra li kellhom livelli baxxi simili ma esperjenzawx tkabbir mgħaġġel bħal dan, u huma kklassifikati bħala pajjiżi "li għandhom jinżammu taħt sorveljanza" (il-Kroazja, is-Slovenja, il-Portugall, iċ-Ċekja u l-Estonja) jew bħala "kritiċi" (is-Slovakkja). Fost il-pajjiżi "bl-aħjar prestazzjoni", il-qligħ nett fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist huwa qrib jew ogħla minn EUR 30 000 fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fin-Netherlands, fl-Irlanda u fil-Lussemburgu. F'dawn l-Istati Membri, il-qligħ nett kien qed jikber b'rata aktar mgħaġġla milli f'pajjiżi b'livelli simili. Spanja, il-Greċja u l-Italja, b'livelli ta' qligħ nett qrib il-medja, urew żvilupp negattiv jew staġnat matul l-aħħar tliet snin (b'mod konsistenti ma' rati għolja tal-qgħad). Huwa importanti li daww il-pajjiżi li qed jesperjenzaw tkabbir ta' qligħ nett ogħla mill-medja jenfasizzaw ukoll żieda mgħaġġla fil-kost ta' unità lavorattiva, li l-implikazzjonijiet fit-tul tagħha għall-kompetittività jeħtieġ li jġu sorveljati.


---

<sup>48</sup> Il-livelli ta' qligħ nett jitkejlu bi standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) sabiex ikun jista' jsir tqabbil siewi bejn Stat Membru u ieħor. Il-bidliet jitkejlu bil-munita nazzjonali u b'termini reali. Dan l-indikatur għandu jinftehem u jiġi interpretat flimkien ma' indikaturi oħra, bħar-rata tal-faqar fost daww li jaħdmu, il-proporzjon bejn il-ħames u l-ewwel deċili tad-distribuzzjoni tal-pagi (D5/D1) u indikaturi rilevanti oħra tal-MPI, tal-MPPS u tal-QEK.

<sup>49</sup> Huwa interessanti li bosta minn dawn il-pajjiżi jippreżentaw ukoll inugwaljanzi kbar fil-pagi bħala miżuri permezz tal-proporzjon bejn il-ħames u l-ewwel deċili tad-distribuzzjoni tal-pagi (D5/D1). Skont l-OECD, il-pajjiżi tal-UE li ppreżentaw l-akbar proporzjonijiet D5/D1 fl-2017 kienu r-Rumanija (2.9), il-Latvja (2.6), il-Litwanja (2.5) u l-Bulgarija (2.5). Fuq in-naħa l-oħra tal-iskala, il-proporzjonijiet l-aktar baxxi ġew irreġistrati fil-Finlandja (1.8), fis-Slovakkja (1.8) u fiċ-Ċekja (1.7).

**Illustrazzjoni 13: Il-qliġ nett qed jiżdied b'mod mgħaġġel fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u b'hekk qed isostni l-konverġenza 'l fuq**

Il-qliġ nett u l-bidla annwali – il-medja fuq tliet snin (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




Sors: Il-bażi tad-data tat-taxxa u tal-benefiċċji (kalkoli proprji). Perijodu: il-livelli tal-2019 (medja ta' tliet snin) u l-bidliet medji ta' kull sena 2016-2019. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. L-Istati Membri mmarkati b'asterisk huma dawk fejn il-kost nominali tal-unitajiet lavorattivi (NULC) qabeż il-livell limitu stabbilit permezz tal-Proċedura tal-Iżbilanċi Makroekonomiċi (MIP). L-indikatur tat-tabella ta' valutazzjoni għall-MIP huwa il-bidla perċentwali tal-NULC fuq tliet snin. Il-livell limitu huwa ta' 9 % għaż-żona tal-euro u ta' 12 % għall-pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-euro.

**Impjieġ mhux dejjem jipprovdi għal għajxien deċenti.** F'dawn l-aħħar snin, is-sitwazzjoni tal-ħaddiema b'paga baxxa marret għall-agħar f'ħafna pajjiżi. Il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied f'dawn l-aħħar għaxar snin, minn 8.5 % fl-2007 għal 9.8 % fl-2016 fl-UE-27, sabiex imbagħad naqas għal 9 % fl-2019<sup>50</sup>. Xejriet strutturali li jsawru mill-ġdid is-swieq tax-xogħol, bħad-diġitalizzazzjoni u ż-żieda tal-forom mhux standard tax-xogħol, qed jirriżultaw f'aktar polarizzazzjoni tal-impjieġi, fi tnaqqis tal-impjieġi f'okkupazzjonijiet b'paga medja u f'żieda simultanja ta' okkupazzjonijiet bi ħlas baxx u għoli<sup>51</sup>. Il-ħaddiema b'kuntratti temporanji jaffaċċjaw riskju oġġla ta' faqar fost dawk li jaħdmu milli għal dawk b'kuntratti permanenti (16.2 % vs 5.9 %); u hekk ukoll ħaddiema b'livell baxx ta' hilieta meta mqabbla ma' dawk b'livell għoli ta' hilieta (19 % vs 4.9 %). Barra minn hekk, il-ħaddiema li ma twildux fl-UE huma ferm aktar probabbli (20.1 %) li jesperjenzaw il-faqar fost dawk li jaħdmu min-nattivi (8.1 %). L-Illustrazzjoni 14 turi li aktar minn 10 % tal-ħaddiema kienu jinsabu f'riskju ta' faqar fir-Rumanija, fi Spanja, fl-Italja, fil-Lussemburgu, fil-Portugall u fil-Greċja. Fost dan il-grupp, ir-rata ta' faqar fost dawk li jaħdmu fil-fatt żdiedet meta mqabbla mal-2010 fi Spanja, fl-Italja, fil-Lussemburgu u fil-Portugall.

**Illustrazzjoni 14: Il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied fil-maġġoranza tal-Istati Membri matul l-aħħar għaxar snin.**

Ir-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu, tqabbil pluriennali



Sors: Eurostat, SILC. Nota: waqfiet fis-serje għal BE fl-2019 u għal DK, EE, LU, NL fis-snin preċedenti.

<sup>50</sup> Id-data tirreferi għall-aggregat tal-UE inkluż ir-Renju Unit iżda bl-esklużjoni tal-Kroazja, l-uniku wieħed komparabbli bejn l-2007 u l-2016. Fil-medja tas-27 Stat Membru attwali (jiġifieri inkluża l-Kroazja u eskluż ir-Renju Unit), il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied minn 8.5 % fl-2010 (l-aktar data bikrija disponibbli) għal 9.3 % fl-2018. Il-faqar fost dawk li jaħdmu huwa s-sehem ta' persuni li jaħdmu u li għandhom introjtu disponibbli ekwivalizzat taħt il-livell limitu tar-riskju tal-faqar, li huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali (wara t-trasferimenti soċjali).

<sup>51</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2019): L-Iżviluppi fis-Suq tax-Xogħol u fil-Pagi fl-Ewropa: Rapport ta' Rieżami Annwali 2019, Direttorat Ġenerali għall-Impjieġi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.

**In-nisa, il-ħaddiema żgħażaġh u dawk b'livell baxx ta' hiliyet, kif ukoll dawk b'impjiegi mhux standard għandhom probabbiltà oġhla li jaqilgħu l-paga minima minn ħaddiema oħra<sup>52</sup>.**

B'mod partikolari, il-ħaddiema żgħażaġh huma tliet darbiet aktar probabbli li jaqilgħu l-paga minima mill-ħaddiema akbar fl-età, filwaqt li n-nisa għandhom probabbiltà kważi doppja mqabbla mal-irġiel. B'mod simili, ix-xoġhol temporanju jżid il-probabbiltà li wieħed jaqla' l-paga minima b'fattur ta' tlieta filwaqt li x-xoġhol part-time b'fattur ta' tnejn. Madankollu, il-persuna "tipika" li taqla' l-paga minima fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandha aktar minn 25 sena, għandha edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u qed tgħix f'koppja. Dan jirrifletti parzjalment is-sehem relattivament iżgħar ta' ħaddiema żgħażaġh b'livell baxx ta' hiliyet u ta' ġenituri waħedhom fil-forza tax-xoġhol ġenerali.

**Minkejja ż-żidiet reċenti fil-paga minima f'ħafna Stati Membri<sup>53</sup>, il-pagi minimi statutorji għandhom, f'ħafna każijiet, baxxi meta mqabbla ma' pagi oħra fl-ekonomija.** Fi kważi l-Istati Membri kollha, abbażi tad-data tal-Eurostat, il-paga minima statutorja hija anqas minn 60 % mill-paga medjana u minn 50 % tal-paga medja. Fl-2019, il-paga minima statutorja tal-Portugall biss laħqet iż-żewġ valuri, filwaqt li dik tal-Bulgarija laħqet 60 % tal-medjan. Barra minn hekk, fl-istess sena, il-paga minima kienet anqas minn 50 % tal-paga medjana f'disa' pajjiżi tal-UE (l-Estonja, Malta, l-Irlanda, iċ-Ċekja, il-Latvja, il-Ġermanja, in-Netherlands, il-Kroazja u l-Greċja, ara l-Illustrazzjoni 15). Fl-istess sena, seba' pajjiżi (l-Estonja, Malta, l-Irlanda, iċ-Ċekja, il-Latvja, l-Ungerija u r-Rumanija) kellhom pagi minimi taħt l-40 % tal-paga medja<sup>54</sup>. Hemm ukoll każijiet li fihom il-paga minima ma kinitx biżżejjed sabiex tiproteġi lill-ħaddiema kontra r-riskju ta' faqar. Hemm lakuni fil-kopertura tal-pagi minimi f'diversi Stati Membri. F'pajjiżi b'paga minima statutorja, kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema mhumiex protetti mill-pagi minimi minħabba li japplikaw eżenzjonijiet. F'pajjiżi fejn il-pagi huma stabbiliti esklużivament permezz ta' negozjar kollettiv, hemm lakuni fil-kopertura għall-ħaddiema li ma jibbenefikawx, direttament jew indirettament, minn ftehimiet kollettivi.

---


<sup>52</sup> Għad-dettalji, ara l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea, SWD(2020) 245 final.

<sup>53</sup> Ara t-Taqsima 3.1.2 għad-dettalji.

<sup>54</sup> Ibbażat fuq l-Istħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qliġh (SES). L-SES ikopri negozji b'mill-inqas 10 impjegati, li jistgħu jwasslu għal żieda fl-istimi tal-qliġh fl-Istati Membri fejn l-intrapriżi ż-żgħar jikkostitwixxu parti kbira mill-ekonomija. Dan għandu jitqies f'paraguni simili u fil-paraguni bejn pajjiż u ieħor.

### Illustrazzjoni 15: Fi kważi l-Istati Membri kollha, il-paga minima statutorja hija anqas minn 60 % tal-paga medjana u minn 50 % tal-paga medja

Pagi minimi bħala perċentwal tal-paga gross medjana u medja ta' ħaddiema full-time, 2019




Sors: Kalkoli tal-Kummissjoni bbażati fuq id-data tal-Eurostat (mill-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja d-dokument tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea - SWD (2020) 245 final)

Nota: Kemm il-pagi medji kif ukoll dawk medjani huma kkalkulati abbażi ta' stħarriġ dwar il-qligħ. B'mod partikolari, l-aħħar paga disponibbli tal-Istħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qligħ (SES, li jirreferi għall-qligħ tal-2014) intużaw biex jiġu estrapolati l-pagi medji u medji fl-2019. Il-medjani u l-mezzi derivati ġew estrapolati bl-użu tal-komponent tal-pagi tad-data tal-indiċi tal-kost lavorattiv (LCI), ippubblikat fis-sett tad-data "lc\_lci\_r2\_a" tal-Eurobase. Il-proporzjonijiet finali ġew ikkalkulati bħala l-paga minima grossa ta' kull xahar fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2019 diviża bil-qligħ medjan/medju fix-xahar stmat għas-sena ta' referenza 2019. L-Istati Membri b'paga minima statutorja huma murija.

**Fit-28 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni pproponiet Direttiva tal-UE dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (2020/0310 (COD)).** Bħalissa għaddejjin negozjati dwar id-Direttiva proposta. Il-proposta tipprevedi qafas li jiżgura l-aċċess tal-ħaddiema fl-UE għal protezzjoni adegwata tal-paga minima. Hija tffittex li tippromwovi n-negozjar kollettiv dwar il-pagi fl-Istati Membri kollha u ttejjeb l-infurzar u s-sorveljanza tal-protezzjoni tal-paga minima. Għall-pajjiżi b'pagi minimi statutorji hija tippromponi rekwiżiti li jinkludu (1) l-istabbiliment ta' kriterji ċari u stabbli għall-iffissar tal-paga minima, valuri ta' referenza indikattivi biex jiggwidaw il-valutazzjoni tal-adeqwatezza, aġġornamenti regolari u f'waqthom tal-pagi minimi, (2) l-użu proporzjonat u ġustifikat ta' varjazzjonijiet fil-pagi minimi statutorji u t-tnaqis minnhom u (3) l-involviment effettiv tas-sħab soċjali fl-iffissar statutorju tal-paga minima u l-aġġornament tagħha. F'konformità mal-Artikolu 154(3) TFUE, saret konsultazzjoni f'żewġ stadji mas-sħab soċjali.

## Illustrazzjoni 16: Minkejja tnaqqis ġenerali, il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol għadu għoli f'diversi Stati Membri

Porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol fuq pagi baxxi u medji, livell u tibdil 2014-2019



Sors: Il-bażi tad-data tat-taxxi u tal-benefiċċji, il-Kummissjoni Ewropea/l-OECD.  
Nota: Id-data hija għall-ħaddiema waħedhom mingħajr tfal.

**Il-piż medju tat-taxxa fuq ix-xogħol fil-pajjiżi tal-UE-27 ikompli xejra ta' tnaqqis bil-mod, b'tibdiliet relattivament żgħir fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.** Fl-2019, it-tnaqqis fil-porzjon ta' taxxa għall-ħaddiema waħedhom li jaqilgħu l-paga medja kien l-aktar sinifikanti fil-Litwanja (-3.4 pp), filwaqt li t-tnaqqis fi bnadi oħra kien aktar limitat (anqas minn pp wieħed). L-ogħla żidiet dehru f'Ċipru (1.2 pp) u fl-Estonja (1.1 pp). Id-differenzi bejn l-Istati Membri għadhom kbar (ara l-Illustrazzjoni 16), bil-porzjon ta' taxxa jvarja minn madwar 20 % f'Ċipru għal aktar minn 45 % fil-Belġju, fil-Ġermanja, fl-Italja, fl-Awstrija u fi Franza. Bl-istess mod, il-porzjon ta' taxxa għall-ħaddiema b'introjtu aktar baxx (definit bħala dawk li jaqilgħu 67 % tal-paga medja) ivarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. F'perspettiva aktar fit-tul, il-porzjon ta' taxxa naqas kemm fil-paga medja kif ukoll għall-ħaddiema b'introjtu aktar baxx, bit-tnaqqis għal dawn tal-aħħar li bħala medja kien aktar evidenti. Bejn l-2014 u l-2019, il-porzjon ta' taxxa medju mhux ponderat fl-UE naqas b'0.7 pp (u b'1.1 pp għall-ħaddiema b'introjtu baxx). Il-Litwanja, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Belġju u l-Estonja raw tnaqqis kbir għaż-żewġ gruppi ta' introjtu (għalkemm għall-Belġju ż-żewġ livelli għadhom fost l-ogħla), filwaqt li ġie rreġistrat ukoll tnaqqis sostanzjali għall-ħaddiema b'introjtu aktar baxx fi Franza, fil-Latvja u fil-Finlandja.

**F'għadd ta' Stati Membri hemm lok għal ċaqliq tat-tassazzjoni lil hinn mix-xogħol u lejn sorsi oħra li huma anqas detrimental għat-tkabbir u aktar ta' appoġġ għall-għanijiet ambjentali.**


It-taxxi ambjentali (jiġifieri t-taxxi fuq l-enerġija, fuq it-trasport, fuq it-tniġġis u fuq ir-riżorsi) ikkontribwew għal madwar 6 % tad-dħul totali mit-taxxa fl-UE-27 fl-2018, b'shem li jvarja minn 10.9 % fil-Latvja għal 4.4 % fil-Lussemburgu (Illustrazzjoni 17). Fl-2018, it-taxxi fuq l-enerġija taw l-akbar kontribuzzjoni, li kienet tinkludi madwar 77 % tad-dħul mit-taxxa ambjentali fl-UE-27. Għall-UE-27 kollha, is-sehem tat-taxxi ambjentali mid-dħul totali mit-taxxa baqa' relattivament stabbli bejn l-2008 u l-2018. It-tibdiliet fil-livell nazzjonali kienu aktar evidenti, bl-akbar żidiet fil-Latvja u fil-Greċja u bl-akbar tnaqqis fil-Lussemburgu. Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnotat li s-sehem tat-tassazzjoni ambjentali waħdu mhuwiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż jekk is-sistema tat-taxxa ta' Stat Membru hijiex imfassla tajjeb sabiex tappoġġa objettivi ambjentali<sup>55</sup>.

---

<sup>55</sup> L-istess livell ta' tassazzjoni ambjentali jista' jirriżulta minn rata tat-taxxa baxxa fuq bażi tat-taxxa kbira (jiġifieri livell għoli ta' attività li tniġġes) jew rata tat-taxxa għolja fuq bażi tat-taxxa żgħira.

### Illustrazzjoni 17: Is-sehem tat-taxxi ambjentali ma żdiedx bhala medja fl-UE matul l-ahhar ghaxar snin

Taxxi ambjentali bħala % mit-tassazzjoni totali, 2008-2018



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, fuq il-bażi tad-data tal-Eurostat

**Jekk ma jkunux imfassla sew, it-taxxi ambjentali jista' jkollhom effetti distributtivi negattivi, billi jpoġġu piż komparattivament akbar fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx.**

Għalhekk, il-mekkaniżmi ta' kumpens jeħtieġ li jiżguraw riċiklaġġ tad-dħul adegwat jew investimenti f'beni pubbliċi, bħat-trasport pubbliku, sabiex joffru alternattivi. Fil-kuntest tal-azzjoni klimatika sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (skont il-miri u l-livelli ta' ambizzjoni msaħħa li huma proposti fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 u fl-abbozz tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima), il-prezzijiet tal-karbonju u l-kostijiet tal-enerġija huma mistennija jiżdiedu, inkluż permezz tat-taxxi fuq il-karbonju u permezz tal-estensjonijiet possibbli tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Mill-perspettiva tal-konsumatur, l-impatti tat-tnejn huma simili. L-evidenza turi li t-taxxi fuq il-fjuwils u fuq prodotti oħra tal-enerġija jpoġġu l-oġhla piż, bħala proporzjon tal-introjtu disponibbli, fuq l-unitajiet domestiċi bl-anqas introjtu<sup>56</sup>. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030<sup>57</sup> turi wkoll nefqa proporzjonata oġhla fuq l-elettriku, fuq il-gass u fuq il-fjuwils solidi minn unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx. Għalhekk, mill-perspettiva tal-ekwità, huma meħtieġa strumenti fiskali kumpensatorji sabiex jittaffew tali impatti rigressivi. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' prezz li jintlaħaq tajjeb tal-prodotti tal-enerġija jista' jaggrava l-faqar enerġetiku<sup>58</sup>. Sabiex jiġi żgurat aċċess għas-servizzi essenzjali, minqax bħala prinċipju fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jista' jiġi previst appoġġ permezz ta' aktar strumenti fiskali dedikati.

---

<sup>56</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020). L-Impjegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa. Rieżami Annwali tal-2020. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!MM76mf>

<sup>57</sup> SWD(2020) 178 final, p. 115.

<sup>58</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Faqar Enerġetiku (C(2020) 9600 final) u l-SWD li jakkumpanjaha li fihom il-Gwida tal-UE dwar il-Faqar Enerġetiku (SWD(2020) 960 final).

**It-tnaqqis kumpensatorju fit-taxxa fuq ix-xogħol wera li jwassal għal gwadanji f'termini ta' impjegi u ta' tkabbir ekonomiku.** It-tnaqqis tat-taxxi fuq ix-xogħol itejjeb l-inċentivi tax-xogħol b'mod ġenerali, b'mod partikolari għal dawk li jaqilgħu paga baxxa, u għal gruppi oħra fil-mira bħal ħaddiema zgħażaġh u anzjani. Miżura ta' kumpens li takkumpanja żieda fil-prezzijiet tal-karbonju tista' titqies bħala mod kif jissaħħu l-inċentivi tal-impjegaturi sabiex iżommu l-forza tax-xogħol tagħhom filwaqt li l-kostijiet tal-produzzjoni jiżdiedu (li jsaħħaħ id-domanda għax-xogħol). Barra minn hekk, it-tnaqqis fit-taxxa fuq ix-xogħol jista' jintuża sabiex tiżdied il-paga f'idejn il-ħaddiem (b'kostijiet lavorattivi partikolari), u b'hekk jiżdied l-inċentiv tagħhom li jkunu attivi fis-suq tax-xogħol (li jsaħħaħ il-provvista ta' ħaddiema). Dan l-aħħar, il-valutazzjoni tal-impatt imsemmija hawn fuq li takkumpanja l-Pjan tal-Miri Klimatiċi tal-2030 uriet effettivi pożittivi fuq it-tkabbir u fuq l-impjegi tar- "riċiklaġġ tad-dħul" mill-karbonju fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu jew fuq ix-xogħol<sup>59</sup>.

**Id-dħul mit-tassazzjoni ambjentali jista' jintuża sabiex isostni *kull* introjtu.** Ir-riċiklaġġ tal-introjtu mmexxi mill-ekwità ġie implimentat, pereżempju, fil-forma ta' trasferimenti ta' somom f'daqqa jew ta' għotjiet ta' "dividendi tal-karbonju", sabiex il-familji kollha mingħajr introjtu mix-xogħol ikunu jistgħu jibbenefikaw ukoll. L-Employment and Social Developments in Europe Annual Review 2020, ibbażata fuq eżerċizzju ta' mmudellar, tippreżenta l-eżempju ta' riforma fiskali newtrali għad-dħul, li tikkonsisti f'taxxa fuq l-enerġija u f'benefiċċju ta' somma f'daqqa mogħtija lill-unitajiet domestiċi kollha. Jidher li tali trasferiment jista' jtaffi kompletament l-effett negattiv tat-taxxa kemm fuq il-faqar kif ukoll fuq l-inugwaljanza. Dan minħabba li l-benefiċċju, għalkemm jingħata lil kulħadd, jipprovdi relattivament aktar appoġġ lil unitajiet domestiċi ifqar milli lil unitajiet domestiċi aktar sinjuri<sup>60</sup>.

---

<sup>59</sup> Ara riżultati simili oħra fl-Employment and Social Developments in Europe, Annual Review.

<sup>60</sup> Ara Employment and Social Development in Europe, Annual Review 2020, Kapitlu 3, Taqsima 4.2.

### 3.1.2 Miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri

**Wara t-tifqigħa tal-COVID-19, l-Istati Membri kollha qalbu għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (STW) sabiex itaffu l-konsegwenzi tax-xokk ekonomiku fuq is-suq tax-xogħol.** Minħabba l-pandemija, in-negozji madwar l-UE f'daqqa waħda kienu mġiegħla jnaqqsu jew jissospendu l-attivitajiet tagħhom minħabba interruzzjonijiet fil-ktajjen tal-provvista, l-infurzar ta' miżuri stretti ta' konteniment u t-tnaqqis konsegwenti fid-domanda għal firxa wiesgħa ta' prodotti u ta' servizzi. Bħala tweġiba għal dawn l-iżviluppi, l-Istati Membri kollha tal-UE saħħew l-iskemi eżistenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew introduċew skemi ġodda bl-objettiv li jippreservaw l-impjiegi matul l-aktar fażi akuta tal-emerġenza tas-saħħa. L-Unjoni Ewropea qed tappoġġa dan l-isforz bl-istrument temporanju *Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency (SURE)*.

**L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar huma programmi pubbliċi mmirati sabiex jevitaw it-telf eċċessiv tal-impjiegi matul tnaqqis fir-ritmu ekonomiku.** Dawn jippermettu lill-kumpanniji li jesperjenzaw diffikultajiet ekonomiċi sabiex temporanjament inaqqsu s-siġhat tax-xogħol tal-impjegati tagħhom, li min-naħa tagħhom jirċievu appoġġ għall-introjtu għas-siġhat mhux maħduma. L-iskop ewlieni ta' dawn l-iskemi huwa li jipproteġu lill-impjegati u t-tlaqqiġ tal-impjiegi, u b'hekk jillimitaw il-konsegwenzi fit-tul ta' xokk tranżitorju. Ġeneralment, dawn jintużaw f'każ ta' avvenimenti esterni li jfixxlu l-attivitajiet tan-negozju (eż. inċidenti tekniċi, kundizzjonijiet ħżiena tat-temp li jaffettwaw xogħlijiet fil-kostruzzjoni jew fl-agrikoltura, kawżi ta' forza maġġuri), u tnaqqis tranżitorju fin-negozju (eż. tnaqqis fil-fatturat jew tnaqqis fl-ordnijiet, li jkun mistenni li jkun temporanju). Karatteristika ewlenija hija li r-relazzjoni ta' impjegat tinżamm matul il-perijodu ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, anki f'każijiet li fihom is-siġhat tax-xogħol jitnaqqsu għal żero (jiġifieri sospensjoni sħiħa tax-xogħol).

**Skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-impjegaturi, għall-ħaddiema u għall-ekonomija b'mod ġenerali.** Dawn jippermettu lill-kumpanniji jaġġustaw il-kostijiet lavorattivi tagħhom meta l-attività ekonomika tiddgħajjef, filwaqt li jippreservaw l-impjiegi u l-kapital uman, filwaqt li jġarrbu proċeduri twal u għaljin ta' sensja kif ukoll kostijiet ta' reklutaġġ mill-ġdid ladarba l-attivitajiet jergħu jkomplu bħal qabel. Mill-perspettiva tal-ħaddiema, dawn l-iskemi jipprovdu introjtu ta' sostituzzjoni (parzjali) filwaqt li jipprevjenu s-sensji, li jippermettu li l-piż tal-aġġustament jinqasam b'mod aktar ugwali fost l-impjegati. Billi jillimitaw it-telf ta' impjiegi, l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar inaqqsu l-volatilità tal-impjiegi u tal-introjti, u jsaħħu r-reżiljenza tas-suq tax-xogħol, itaffu l-piż fuq is-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad u l-probabbiltà ta' qgħad fit-tul.

**Qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, 17-il Stat Membru tal-UE kellhom skema jew qafas fis-seħħ għall-għoti ta' appoġġ għax-xogħol b'ħinijiet iqsar.** Madankollu, dawn l-iskemi varjaw b'mod konsiderevoli fil-mod li bih ġew stabbiliti u amministrati, eż. permezz ta' skemi apposta, permezz tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad, jew permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

**Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Portugall kellhom skemi dedikati u stabbiliti sew qabel il-kriżi.** F'dawn il-pajjiżi, il-kumpanniji jressqu talba lill-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-iskema. Ladarba tingħata l-awtorizzazzjoni, il-kumpanija tkun tista' taġġusta s-siġhat tax-xogħol tal-impjegati tagħha, tħallashom is-salarju regolari għall-ammont ta' siġhat maħduma, u indennizz għas-siġhat mhux maħduma (ġeneralment anqas mill-paga normali). Il-kumpanija mbagħad tiġi rimborżata (kompletament jew parzjalment) permezz tal-iskema pubblika ta' xogħol b'ħinijiet iqsar<sup>61</sup>. L-Iżvezja llegeżlat skema simili fl-2014, li tiġi "attivata" f'każ ta' reċessjoni ekonomika severa u profonda. Il-Bulgarija stabbiliet il-qafas legali wara l-kriżi tal-2009, iżda l-iskema tagħha kienet "inattiva" peress li ma ġietx iffinanzjata fl-aħħar snin qabel il-kriżi tal-COVID-19. L-Ungerija kellha wkoll fis-seħħ skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ("*Azonnal Cselekszünk*"), li kienet relattivament żgħira u li kienet tintuża u tiġi ffinanzjata biss b'mod intermittenti qabel il-COVID-19.

**Fid-Danimarka, fl-Irlanda, fin-Netherlands, fi Spanja u fil-Finlandja, l-appoġġ għal xogħol b'ħinijiet iqsar kien tipikament ipprovdut (qabel il-kriżi) permezz tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad.** F'dawn is-sistemi, il-kumpanniji għandhom il-possibbiltà li jnaqqsu temporanjament il-ħin tax-xogħol tal-impjegati tagħhom (f'xi każijiet, eż. fil-Finlandja, anke temporanjament jagħtu s-sensja lill-impjegati, filwaqt li r-relazzjoni ta' impjieg xorta tibqa' fis-seħħ). Min-naħa tagħhom, il-ħaddiema affettwati jistgħu jirreġistraw bħala persuni li qed ifittxu impjieg u jitolbu l-benefiċċji tal-qgħad għal ammont proporzjonali għall-jiem mhux maħduma (l-hekk imsejħa "*benefiċċji tal-qgħad parzjali*"). Il-kundizzjonijiet għar-riċevuta ta' tali benefiċċju tal-qgħad "parzjali" huma ddefiniti fil-livell tal-ħaddiema individwali, u huma l-istess bħall-benefiċċju tal-qgħad standard ("*sħiħ*"). B'mod partikolari (b'xi eċċezzjonijiet, eż. Spanja), il-ħaddiema jistgħu jitolbu l-benefiċċju tal-qgħad parzjali jekk ikollhom ir-rekord tal-kontribuzzjoni meħtieġ, u jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti standard dwar it-tiftix ta' impjieg u d-disponibbiltà għax-xogħol (jiġifieri huma mistennija jaċċettaw offerti possibbli għal impjegi full-time).

---

<sup>61</sup> Il-Belġju huwa eċċezzjoni, peress li l-ħaddiema jirċievu l-indennizz direttament mill-aġenzija federali responsabbli għall-ħlas tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad.

**Fil-Kroazja u fis-Slovakkja, l-appoġġ għax-xogħol b'ħinijiet iqsar ġie amministrat bħala forma ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol.** Fil-bidu, dawn l-iskemi kellhom baġit limitat, numru żgħir ta' kumpanniji u ta' ħaddiema koperti u kienu jinkludu rekwiżiti dwar iż-żamma tal-impjegati (obbligu għall-impjegaturi li jippreservaw il-livelli ta' impjeg għal ċertu perijodu wara li jirċievu l-appoġġ). Dawn l-iskemi ssaħħew b'mod konsiderevoli bħala reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19, b'allokazzjonijiet baġitarji mdaqqs u b'kopertura wiesgħa tan-negozji u tal-ħaddiema.

**Wara t-tifqigħa tal-COVID-19, l-Istati Membri kollha adattaw l-iskemi nazzjonali tagħhom ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (STW) bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-użu tagħhom u jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-benefiċjarji potenzjali.** Pereżempju, huma ssimplifikaw il-proċeduri amministrattivi għall-awtorizzazzjoni tal-appoġġ għall-STW, eż. billi qassru l-perijodi ta' notifika, introduċew ġustifikazzjoni ġdida ta' "emerġenza tal-COVID-19" (awtomatikament meqjusa bħala kawża ta' forza maġġuri) u/jew billi llaxkaw ir-rekwiżiti ta' konsultazzjoni minn qabel tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u qassru l-perijodu ta' żmien sabiex jintalbu l-benefiċċji. Huma wessgħu wkoll il-kopertura tal-iskemi għal kumpanniji u għal setturi li qabel ma kinux eliġibbli. Pereżempju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Portugall u l-Finlandja emendaw ir-regoli tal-iskemi tagħhom tal-STW sabiex jissimplifikaw il-proċeduri, jiffaċilitaw l-aċċess u/jew iwessgħu l-kopertura tagħhom (eż. jinkludu lil dawk li jaħdmu għal rashom kif ukoll il-ħaddiema li għadhom kif ġew impjegati). Spanja u l-Finlandja ssimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u rrilassaw b'mod sostanzjali l-kriterji ta' eliġibbiltà, sabiex jippermettu lill-impjegati kollha jirċievu appoġġ għall-STW irrispettivament mir-rekord tal-kontribuzzjonijiet tagħhom, u mingħajr preġudizzju għall-intitolamenti dovuti tagħhom għall-benefiċċji tal-qgħad "standard". L-Istati Membri naqqsu l-kostijiet għall-impjegaturi għal zero f'xi pajjiżi. Id-durata tal-użu tal-STW żdied ukoll minħabba n-natura eċċezzjonali tal-kriżi u l-inċertezza dwar id-durata tagħha. Barra minn hekk, xi Stati Membri (fosthom il-Belġju u Franza) żiedu temporanjament il-livell tal-indennizz mogħti lill-ħaddiema jew lill-impjegaturi għas-siġħat mhux maħduma. Franza ħolqot ukoll derogi settorjali minn regoli komuni, għal setturi speċifiċi li huma aktar affettwati mill-miżuri ta' emerġenza relatati mal-COVID-19 (l-avjazzjoni, it-turiżmu).

**Xi Stati Membri għażlu li jintroduċu programmi ġodda mmirati speċifikament sabiex jippreservaw il-livelli ta' impjeg f'kumpanniji affettwati mill-pandemija tal-COVID-19.**

Pereżempju, id-Danimarka, l-Irlanda u n-Netherlands introduċew skemi ġodda ta' emerġenza (xogħol b'ħinijiet iqsar) li fihom l-appoġġ jingħata direttament permezz tal-impjegatur, aktar milli permezz tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad. Pereżempju, fin-Netherlands, l-iskema preċedenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ġiet issostitwita b'arranġament aktar ġeneruż. L-impjegaturi li jistennew telf ta' dħul (mill-inqas 20 %) jistgħu japplikaw għal allowance ta' kostijiet lavorattivi ta' massimu ta' 90 %. Din l-iskema bdiet f'Marzu 2020 u ġiet estiża sa Lulju 2021. Is-sussidju għall-kost lavorattiv naqas għal 80 % minn Ottubru 2020. Fid-dawl ta' miżuri ġodda ta' konteniment, il-gvern Netherlandiż żied il-perċentwal tas-sussidji għall-ispejjeż tal-pagi għal 85 % fl-aħħar ta' Jannar 2021.

**L-Istati Membri kollha li ma kellhomx skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar diġà ħadu miżuri ta' emerġenza sabiex jipprevjenu s-sensji fl-ispirtu ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.** Dan kien ifisser l-għoti ta' appoġġ temporanju lill-ħaddiema impjegati minn kumpanniji li l-attivitajiet tagħhom huma sospiżi jew li tnaqqsu b'mod sostanzjali. B'mod partikolari, xi pajjiżi (eż. Malta, il-Greċja, il-Litwanja u r-Rumanija), li fihom il-leġiżlazzjoni diġà kienet tippermetti lill-impjegaturi jnaqqsu l-ħin tax-xogħol jew jissospendu l-kuntratti tal-impjegati tagħhom f'każijiet debitament iġġustifikati, introduċew sussidji pubbliċi sabiex jiffinanzjaw l-appoġġ għall-introjtu għall-ħaddiema affettwati. Pereżempju, minn Ġunju 2020, l-iskema SYN-ERGASIA fil-Greċja tippermetti tnaqqis sa 50 % fil-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa ta' ħaddiema full-time f'kumpanniji li jesperjenzaw tnaqqis ta' mill-inqas 20 % fil-fatturat tagħhom. L-Istat ikopri 60 % tal-paga netta tal-impjegati u 100 % tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jikkorrispondu għas-siġhat mhux maħduma. F'każ li s-salarju nett, wara l-aġġustament imsemmi hawn fuq, ikun inqas mis-salarju minimu statutorju nett jew mill-paga ta' kuljum, id-differenza titħallas mill-baġit tal-Istat.

**Filwaqt li matul terminu qasir l-STWs huma adattati sabiex jindirizzaw il-konsegwenzi immedjati ta' xokk ekonomiku estern, l-użu fit-tul tagħhom jista' jfixkel it-tibdil strutturali.**

Il-preservazzjoni tal-impjiegi eżistenti kienet it-tfassib ewlieni fis-suq tax-xogħol fil-bidu tal-kriżi tal-COVID-19. Aktar ma l-pandemija tippersisti, l-impatt ekonomiku tal-kriżi fuq l-istruttura tad-domanda u fuq l-attività tal-kumpanniji jsir dejjem aktar evidenti u, miegħu, il-ħtieġa għal tibdil strutturali tibda tinħass dejjem aktar kruċjali. Aktar ma ddum il-kriżi, aktar ikun probabbli li l-iskemi tal-STWs jissussidjaw impjiegi f'kumpanniji li ma għadhomx vijabbli. L-iskemi tal-STWs jistgħu jnaqqsu wkoll il-probabbiltà li daww mingħajr impjieg sikur isibu xogħol u, għalhekk, jistgħu jnaqqsu r-ritmu tat-tkabbir tal-impjiegi matul l-irkupru. Għalhekk, il-politiki għall-promozzjoni tat-tibdil strutturali u tar-riallokazzjoni tal-ħaddiema fis-setturi kollha (eż. permezz ta' inċentivi għar-reklutaġġ u permezz ta' miżuri ta' taħriġ mill-ġdid imfassla tajjeb) jistgħu jiġu promossi malli jidhru sinjali ta' rkupru ekonomiku, imfassla għas-sitwazzjoni ekonomika partikolari f'kull pajjiż.

**Xi Stati Membri diġà bdew inaqqsu l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri oħra ta' emerġenza, filwaqt li oħrajn adattawhom jew tawluhom.** Pereżempju, fl-Estonja l-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu bħala reazzjoni għall-pandemija skadew matul is-sajf u (fil-mument tal-abbozzar) ma ġewx imġedda. Stati Membri oħra bdew jillimitaw l-aċċess għall-iskemi ta' emerġenza biss għal negozji li għadhom affettwati direttament minn restrizzjonijiet marbuta mal-kriżi sanitarja (eż. fil-Belġju, fil-Greċja u f'Ċipru). Fl-aħħar nett, diversi Stati Membri diġà estendew il-validità ta' xi miżuri ta' emerġenza sa tmiem l-2020 (eż. Franza<sup>62</sup>, l-Italja u l-Greċja) jew sal-2021 (eż. il-Ġermanja, Malta, l-Iżvezja, Ċipru, Spanja).

---

<sup>62</sup> Franza hija każ partikolari: il-livell ta' indennizz għall-impjegaturi tnaqqas mill-1 ta' Lulju, iżda inżamm fil-livell tal-miżuri ta' emerġenza għal daww is-setturi l-iktar milquta mill-kriżi.

**Diversi Stati Membri adottaw miżuri sabiex iżidu ż-żamma tal-impjegati u jappoġġaw id-domanda għax-xogħol permezz ta' inċentivi għar-reklutaġġ<sup>63</sup>.** Pereżempju, fil-Greċja, l-iskemi eżistenti ta' sussidju għar-reklutaġġ immexxija mis-servizz pubbliku tal-impjiegi ngħataw spinta b'postijiet ġodda, b'durata estiża (sa sentejn) u b'rata ta' sussidju miżjuda (75 %-100 % tal-ispejjeż tal-pagi b'limitu massimu ta' EUR 750-900, skont kull programm). Barra minn hekk, f'Ottubru tnediet skema ġdida li tinentiva l-ħolqien ta' 100 000 impjieg fis-settur privat permezz tal-kopertura tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal 6 xhur mill-Istat. Fil-Kroazja, skema temporanja ta' appoġġ għall-pagi (ugwali għal 50 % tal-paga minima) ġiet estiża sabiex tappoġġa lill-ħaddiema affettwati mir-restrizzjonijiet sanitarji, ħafna minnhom ħaddiema staġjonali fis-settur tat-turiżmu u tas-servizzi. Fir-Rumanija, ittieħdu diversi miżuri (minbarra l-iskemi eżistenti ta' sussidji għall-impjiegi) sabiex jiġu indirizzati l-aħħar sfidi tas-suq tax-xogħol, inkluż l-appoġġ għall-ħaddiema żgħażaġh u dawk akbar fl-età, u għal dawk li jaħdmu għal rashom. Ir-reġjun Fjamming Belġjan wettaq reviżjoni tal-inċentivi eżistenti ta' reklutaġġ għall-persuni qiegħda fit-tul, filwaqt li l-Wallonia qed jivvaluta l-qafas ġenerali tiegħu ta' inċentivi ta' reklutaġġ sabiex itejjeb l-effettività tiegħu. F'Mejju 2020, l-Ungerija adottat Pjan ta' Azzjoni sabiex tippreserva l-impjiegi u toħloq oħrajn addizzjonali f'setturi ddefiniti bħala prijorità, li jinkludu l-kura tas-saħħa, il-kostruzzjoni, l-agrikoltura, it-trasport u t-turiżmu. Il-pjan ta' Azzjoni jinkludi miżuri li, fost oħrajn, jipprovdu kumpens tal-pagi lill-kumpanniji abbażi tal-impjegati b'ħiliet għolja tagħhom fis-settur tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI) u jipprovdu sussidju tal-pagi għall-impjegaturi f'każ li jimpjegaw persuni li qed ifittxu impjieg. F'Awwissu, l-Italja introduċiet inċentiv għar-reklutaġġ biex trawwem il-ħolqien tal-impjiegi fuq bażi indefinita. Spanja introduċiet inċentivi għar-reklutaġġ immirati lejn ħaddiema affettwati b'mod negattiv fis-settur tat-turiżmu tal-Gżejjer Baleariċi u Kanarji. Fil-Latvja, sussidju ġdid tal-pagi ġie stabbilit għal tliet xhur għal perijodu sa tmiem l-2020. L-impjegatur jirċievi l-ekwivalenti ta' massimu ta' 50 % tal-paga fix-xahar tal-impjegat (massimu ta' EUR 430 fix-xahar) bil-kundizzjoni li jimpjega l-persuna li qabel kienet qiegħda mhux anqas minn tliet xhur wara t-tmiem tas-sussidju. Ċipru biħsiebu jimplimenta skemi ta' sussidju sabiex iħeġġeġ ir-reklutaġġ ta' persuni qiegħda, ta' eks priġunieri u ta' żgħażaġh lejn l-aħħar ta' Ottubru. Bħala parti minn riforma wiesgħa, il-Finlandja għandha l-għan li tissimplifika s-sistema kurrenti ta' sussidji għall-pagi sabiex jiżied l-użu tagħhom mill-kumpanniji, speċjalment mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

<sup>63</sup> Dan il-paragrafu huwa dwar sussidji għar-reklutaġġ mhux immirati. Aktar dettalji dwar miżuri mmirati lejn gruppi speċifiċi jew li ttieħdu b'mod aktar ġenerali bħala parti mill-ALMPs jinsabu fit-taqsimiet 3.2 u 3.3.

B'mod partikolari, hemm pjanijiet sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-impjegaturi u sabiex jitħaffef il-proċess tal-ħlas, li ser ikun marbut mill-qrib mal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet futuri ta' hiliel tal-impjegat. Fil-Litwanja, is-sussidji għall-pagi kienu disponibbli għal dawk li jimpjegaw ċerti persuni li jirċievu appoġġ (eż. persuni b'diżabbiltà, anzjani jew żgħażaġh, persuni qiegħda fit-tul, eċċ.). Dawn is-sussidji setgħu jitħallsu sa sitt xhur (mhux aktar mill-paga minima ta' EUR 607 fix-xahar), u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

**Il-pagi minimi statutorji żdiedu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2020 meta mqabbla mas-sena ta' qabel<sup>64</sup>.** F'xi wħud minnhom, dawn żdiedu b'mod sostanzjali (pereżempju, fil-Polonja 17 %, fis-Slovakkja 12 %, fiċ-Ċekja 11 %). Il-paga minima fir-Rumanija żdiedet b'7 %, li tammonta għal madwar 40 % tal-paga medja fil-pajjiż. Fil-Belġju, il-paga minima statutorja baqgħet iffriżata (minbarra l-indiċjar), peress li s-sħab soċjali ma setgħux jilħqu ftehim. Fi Spanja, l-aħħar żieda fil-paga minima (b'5.5 %, wara żieda ta' 22.3 % fl-2019) ġiet innegożjata u miftiehma mas-sħab soċjali, b'mod differenti minn dik preċedenti. Il-paga minima tal-Latvja ser tiżdied b'16 % minn Jannar 2021, skont deċiżjoni tal-Gvern. Fil-Ġermanja, il-Kummissjoni għall-Paga Minima pproponiet żieda ta' 10 % fil-paga minima f'erba' stadji matul is-sentejn li ġejjin. Il-Ġermanja bħalissa qed tirrieżamina l-iffissar tal-paga minima tagħha fid-dawl tal-esperjenza miksuba bl-introduzzjoni ta' paga minima statutorja. Xi gvernijiet (pereżempju Spanja) ħabbru jew qed jikkunsidraw pjanijiet sabiex iżidu l-pagi minimi statutorji tagħhom għal 60 % tal-pagi medjani jew medji. Fis-Slovakkja, fl-2019 ġie adottat mekkaniżmu ġdid għall-iffissar tal-paga minima nazzjonali, li jstabbilixxi li jekk is-sħab soċjali ma jaqblux dwar il-livell għas-sena ta' wara sal-iskadenza meħtieġa (il-15 ta' Lulju ta' kull sena), din tiġi stabbilita awtomatikament għal 60 % tal-paga gross nominali medja fl-ekonomija mis-sena ta' qabel. Il-mekkaniżmu l-ġdid kellu jiġi applikat għall-ewwel darba għall-paga minima tal-2021, iżda emenda oħra adottata mill-Parlament f'Ottubru 2020 tipprevedi żieda ad hoc fl-2021 (anqas minn dik ibbażata fuq il-kalkolu preċedenti) u tnaqqas il-formula awtomatika għal 57 % tal-paga gross nominali medja fl-aħħar sentejn. Ħafna pajjiżi qed jiddibattu żieda sostanzjali ulterjuri fil-pagi minimi għal wara l-2020, parzjalment b'rabta ma' mira relattiva, parzjalment f'termini assoluti.

---

<sup>64</sup> Ara Eurofound (2020): Pagi minimi fl-2020: Rapport Annwali. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!hR69mk>

**Matul l-aħħar sena ġew irreġistrati biss tibdiliet limitati fir-regoli u fl-oqfsa tal-iffissar tal-pagi.** Eċċezzjoni waħda hija l-Greċja, fejn f'Ottubru 2019 ġiet introdotta l-possibbiltà ta' esklużjoni fakultattiva mill-ftehimiet settorjali jew okkupazzjonali, b'mod partikolari għan-negozji li qed jaffaċċjaw problemi ekonomiċi (falliment, ristrutturar, likwidazzjoni, self improduttiv), jew ta' kategoriji speċjali bħal kumpanniji tal-ekonomija soċjali. Barra minn hekk, l-estensjoni tal-ftehimiet kollettivi hija fid-diskrezzjoni tal-Ministru għax-Xogħol, wara talba espliċita mressqa minn waħda mill-partijiet firmatarji. Din it-talba jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn analiżi tal-impatt smat fuq l-ekonomija u fuq is-suq tax-xogħol, flimkien mal-kriterju eżistenti tar-rappreżentattività (50 % tal-forza tax-xogħol diġà koperta mill-ftehim). Jinħoloq reġistru pubbliku għal, rispettivament, assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi u trade unions, sabiex tiġi vverifikata r-rappreżentattività tagħhom sabiex jikkonkludu ftehimiet kollettivi tax-xogħol. Għad irridu naraw kif dawn it-tibdiliet ser jaffettwaw in-negozjar kollettiv fil-prattika. Madwar l-UE, xi miżuri li jiffissaw il-pagi (jew miftiehma b'mod kollettiv jew fuq inizzjattiva tal-gvern) kienu mmirati lejn il-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa u f'oqfsa relatati, fil-kuntest tar-rispons għall-COVID-19. Numru ta' Stati Membri, inklużi l-Bulgarija, il-Latvja u l-Litwanja introduċew miżuri sabiex iżidu temporanjament il-pagi tal-persunal tal-kura tas-saħħa u/jew ta' kategoriji oħra ta' ħaddiema involuti direttament fil-ġlieda kontra l-pandemija. Reċentement ġew konklużi ftehimiet kollettivi relatati mas-settur tas-saħħa, pereżempju, fl-Awstrija, fil-Belġju (fil-livell federali), fi Franza u fil-Ġermanja (infermiera).

**Il-biċċa l-kbira tal-miżuri meħuda fil-qasam tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol f'dawn l-aħħar xhur tfasslu bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19.** Analiżi tar-rispons inizjali tat-taxxa tal-Istati Membri għat-tifqigħa tenfasizza li dan sar biex tiġi evitata żieda qawwija fil-qgħad u biex tittaffa l-pressjoni fuq il-kumpanniji. L-Istati Membri introduċew ukoll miżuri biex jipproteġu l-flussi tal-flus tan-negozji, bl-aktar miżura komuni tkun id-differimenti tat-taxxa. Tali differimenti ġew introdotti għall-kategoriji tat-taxxa li ġejjin: it-taxxa fuq l-introjtu korporattiv (CIT), it-taxxa fuq l-introjtu personali (PIT), it-taxxa fuq il-proprietà, il-VAT, u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (SSCs). Xi Stati Membri introduċew ukoll ħelsien mit-taxxa aktar ġenerali, inklużi skontijiet fuq it-taxxa u/jew fuq il-kontribuzzjonijiet soċjali għal pagamenti fil-ħin, tnaqqis fit-taxxa għal kumpanniji affettwati serjament, sospensjonijiet temporanji ta' ċerti pagamenti tat-taxxa u tal-SSC u krediti tat-taxxa.

**Ħafna Stati Membri fasslu miżuri fiskali mmirati lejn il-protezzjoni ta' ħaddiema, ta' setturi tal-ekonomija jew ta' kategoriji tal-popolazzjoni vulnerabbli permezz ta' miżuri temporanji mmirati.** Pereżempju, il-Belġju u l-Italja introduċew il-possibbiltà ta' differiment tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-2020. Fil-Belġju, il-persuni li jaħdmu għal rashom jistgħu jibbenefikaw ukoll minn tnaqqis jew minn tneħħija tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, skont kundizzjonijiet speċifiċi. Fi Spanja, dawk li jaħdmu għal rashom jistgħu jiddifferixxu l-ħlas tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal sitt xhur jekk l-attivitajiet ikunu ġew sospiżi permezz tad-dikjarazzjoni tal-istat ta' emerġenza. Il-Polonja implimentat eżenzjoni temporanja (jew, skont id-daqs tal-impriża, tnaqqis) tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal intrapriżi żgħar u għal kooperattivi soċjali. Il-Portugall introduċa eżenzjoni parzjali mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mill-impjegaturi sa tliet xhur għall-ħaddiema koperti minn miżuri ta' appoġġ straordinarju. Is-Slovakkja pposponiet l-iskadenza għall-ħlasijiet obligatorji tal-impjegaturi u ta' dawk li jaħdmu għal rashom għall-fondi tas-sigurtà soċjali. Skont dan il-qafas, kwalunkwe impjegatur u persuna li taħdem għal rasha li jħallsu kontribuzzjonijiet obligatorji għall-fondi ta' assigurazzjoni soċjali, u li d-dħul tagħhom min-negozju naqas b'tal-anqas 40 %, kienu intitolati li jiddifferixxu l-ħlas. Fil-Finlandja, sabiex l-impjegaturi fis-settur privat jingħataw appoġġ sabiex iżommu kemm jista' jkun impjiegi, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mill-impjegaturi tnaqqsu b'2.6 pp bejn Mejju u Diċembru 2020. Sabiex ikopru l-kostijiet addizzjonali, il-kontribuzzjonijiet ser jiżdiedu b'0.4 pp bejn l-2022 u l-2025. Din il-miżura tfasslet f'koordinazzjoni mas-sħab soċjali. Barra minn hekk, l-istat jikkofinanzja parti mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-imprendituri li rreġistraw tnaqqis fil-fatturat għal perijodu ta' 3 xhur (bil-possibbiltà ta' estensjoni). Fl-Italja għet introdotta eżenzjoni temporanja mill-kontribuzzjoni soċjali dovuta għall-impjegaturi li jagħżlu li ma jipparteċipawx fi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u li jerġgħu jibdew l-attività sħiħa tagħhom. L-Ungerija introduċiet eżenzjonijiet mit-taxxa temporanji mit-taxxi fuq il-pagi tal-impjiegi għal xi setturi u mit-taxxi ta' somma f'daqqa ta' negozji żgħar biex itaffu l-effetti tal-kriżi.

**F'każijiet oħra, ittieħdu miżuri fuq bażi aktar stabbli jew permanenti, bl-għan li jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol b'effetti potenzjalment ta' benefiċċju fuq id-domanda u fuq il-provvista tax-xogħol.** Pereżempju, il-Greċja naqqset il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-impjegati full-time b'0.9 pp b'effett minn Ġunju 2020. Il-Gvern ħabbar tnaqqis ulterjuri ta' 3 pp fl-2021. Fil-Polonja, minbarra eżenzjoni mit-taxxa għall-ħaddiema żgħażaġh, minn Ottubru 2019 l-ewwel rata tat-taxxa fuq l-introjtu tnaqqset minn 18 % għal 17 %. Żdiedu wkoll il-kostijiet deduċibbli mit-taxxa għall-impjegati. Il-Litwanja żiedet il-benefiċċju tat-taxxa fuq l-introjtu minn EUR 350/xahar għal EUR 400/xahar, b'effett minn Lulju 2020. L-Italja naqqset il-porzjon ta' taxxa għall-impjegati dipendenti: għall-introjti sa EUR 28 000 fis-sena, tingħata konċessjoni ta' EUR 600 għall-aħħar sitt xhur tal-2020, li ssir EUR 1 200 mill-2021. Huma previsti benefiċċji mnaqqsa għal introjti oġhla, sa EUR 40 000. Din il-miżura tissostitwixxi ribass preċedenti ("bonus Renzi") fuq introjti bejn EUR 8 000 u 26 600. Ġewwa Flanders (il-Belġju), mill-2021 "bonus tal-impjieg" ser iżid is-salarji netti tal-ħaddiema li s-salarju gross fix-xahar tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 1 700 b'tal-anqas EUR 50 fix-xahar. Il-bonus jonqos gradwalment għal żero għal persuni b'salarju gross fix-xahar ta' EUR 2 500. Miżura bħal din hija mistennija li tindirizza n-nases tal-qgħad u tal-inattività. Fl-Ungerija, it-taxxa tal-kontribuzzjonijiet soċjali tnaqqset minn 19.5 % għal 17.5 % mill-1 ta' Lulju 2019 u b'2 pp oħra għal 15.5 % mill-1 ta' Lulju 2020.

### **3.2 Linja Gwida Nru 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjieg, għall-ħiliet u għall-kompetenzi**

Din it-taqsimha tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-Linja Gwida Nru 6 dwar l-impjieg, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jgħallqu kundizzjonijiet li jippromwovu l-provvista ta' ħaddiema, il-ħiliet u l-kompetenzi. It-Taqsimha 3.2.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika meħuda mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma ta' politika.

### 3.2.1 Indikaturi ewlenin

**F'dawn l-aħħar għaxar snin, is-sehem ta' dawk li jtitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ<sup>65</sup> naqas b'mod sinifikanti fil-livell tal-UE, iżda l-kriżi tal-COVID-19 tenfasizza l-ħtieġa għal sforzi kontinwi.** It-tluq bikri mill-iskola kien ta' 10.2 % fl-2019, 0.2 pp biss oġġla mill-mira ewlenija tal-Istrateġija Ewropa 2020, wara titjib konsiderevoli (ta' kważi 4 pp) mill-2009. Il-progress fil-livell tal-UE kien immexxi prinċipalment minn għadd ta' Stati Membri li raw titjib sinifikanti ħafna: il-Portugall (-20.3 pp), Spanja (-13.6 pp), il-Greċja (-10.1 pp) u Malta (-8.5 pp)<sup>66</sup>. Is-Slovakkja u ċ-Ċekja biss esperjenzaw żieda fir-rati ta' tluq bikri mill-iskola matul l-aħħar għaxar snin (+3.4 u +1.3 pp rispettivament, ara l-Illustrazzjoni 17 u l-Illustrazzjoni 19). Minkejja dan, ma ġie rreġistrat l-ebda titjib kbir fil-livell tal-UE matul dawn l-aħħar erba' snin, hekk kif, bħala medja, is-sehem ta' dawk li jtitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ staġna. Għal ftit Stati Membri li għandhom punteġġ batut f'dan ir-rigward fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali – b'mod partikolari Spanja, Malta, ir-Rumanija, il-Bulgarija u l-Italja - it-tluq bikri mill-iskola għadu sfida u prijorità kbira, b'diversi livelli ta' titjib irreġistrati mis-sena ta' qabel. Numru ta' pajjiżi juru disparitajiet reġjonali kbar fir-rati ta' tluq bikri mill-iskola (ara l-Anness 4). Perijodi twal ta' għeluq tal-iskejjel minħabba l-kriżi tal-COVID-19 jistgħu jżidu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola minħabba l-effett disproporzjonat ta' tagħhom fuq l-iktar studenti vulnerabbli, u dan jesiġi sforzi kontinwi sabiex tiġi indirizzata l-isfida.

---

<sup>65</sup> Is-sehem ta' persuni li jtitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ huwa ddefinit bħala s-sehem ta' dawk li għandhom bejn 18-il sena u 24 sena li l-aktar għandhom edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell (jiġifieri livelli 0-2 tal-ISCED) u li ma jinsabux f'edukazzjoni u f'taħriġ ulterjuri matul l-erba' ġimgħat ta' qabel l-Istħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS).

<sup>66</sup> L-Istati Membri użaw varjetà ta' interventi, inkluż appoġġ mill-fondi tal-UE, biex jiksibu dan it-titjib. Analiżi hija ppreżentata fid-dokument tal-Kummissjoni Ewropea (2020), Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011 dwar politiki biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola.


**It-tluq bikri mill-iskola jaffettwa l-aktar liż-żgħażaġh li jeħtieġu appoġġ addizzjonali sabiex jibqgħu fl-edukazzjoni.**

Fl-2019, bħala medja fl-UE aktar gúvintur (11.9 %) milli tfajliet telqu kmieni mill-iskola (8.4 %). Ir-Rumanija u ċ-Ċekja biss juru stampa differenti (fir-Rumanija, 14.9 % tas-subien meta mqabbla ma' 15.8 % tal-bniet; fiċ-Ċekja, 6.6 % tas-subien meta mqabbla ma' 6.8 % tal-bniet).

B'mod ġenerali, l-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti għandu impatt qawwi fuq it-tluq bikri mill-iskola, bl-edukazzjoni tal-ġenituri li taqdi rwol ewlieni. L-isfond ta' migrazzjoni għandu rwol ukoll peress li, bħala medja fl-UE, persuni mwielda fil-pajjiż juru proporzjonijiet ferm aktar baxxi ta' persuni li jgħid li kmieni mill-iskola (8.9 %) minn dawk li twieldu f'pajjiż ieħor tal-UE (21.4 %) u dawk li twieldu barra mill-UE (22.5 %). Fi tliet Stati Membri (l-Italja, Spanja u l-Greċja), aktar minn 25 % taż-żgħażaġh li ma twildux fl-UE kienu persuni li telqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ fl-2019.

**Illustrazzjoni 18: Ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola jvarjaw b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri**


Il-persuni li jgħid li kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (% tal-popolazzjoni tal-età ta' 18-24 sena) u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Sors: Eurostat, LFS, il-kodiċi tad-data online: [\[edat\\_lfse\\_14\]](#). Perijodu: il-livelli tal-2019 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2018. Nota: L-assi huma ċċentriati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-data mhijiex affidabbli għall-HR. Waqfiet fis-serje għan-NL.

## Illustrazzjoni 19: Il-mira tal-Ewropa 2020 ta' tluq bikri mill-iskola kważi ntlaħqet

Il-persuni li jgħid li kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, 2009, 2019 u mira tal-UE 2020 (%)



Sors: Eurostat, LFS, il-kodiċi tad-data online: [\[edat\\_lfse\\_14\]](#).

Nota: Il-pajjiżi kollha: intervall fis-serje fl-2014 (bidla minn ISCED 1997 għal ISCED 2011). Id-data tal-2019 mhijiex affidabbli għall-HR.

### Madwar l-UE, aktar minn wieħed minn kull ħames studenti ma jirnexxilhomx jilhq u l-livell

#### minimu ta' profiċjenza fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza, u matul iż-żmien ġie rreġistrat biss


**progress limitat ħafna.** Il-parametru referenzjarju tal-Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u fit-Taħriġ (ET 2020) dwar it-tnaqqis (għal anqas minn 15 % fl-UE sal-2020) tar-rata ta' dawk li setgħu jmorru aħjar fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza fost dawk ta' 15-il sena ma ntlaħaqx f'xi wieħed mit-tliet oqsma ttestjati mill-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudjanti (PISA) tal-OECD. Fl-2018 fl-UE-27, 22.5 % tal-istudenti tqiesu li setgħu jmorru aħjar fil-qari, 22.9 % fil-matematika, u 22.3 % fix-xjenza. Mill-2009, is-sehem mar għall-agħar għall-UE kemm fix-xjenza kif ukoll fil-qari, u baqa' stabbli fil-matematika – ara l-Illustrazzjoni 20<sup>67</sup>. Id-differenzi bejn il-ġeneri fost dawk li setgħu jmorru aħjar kienu pjuttost żgħir fil-matematika u fix-xjenza, iżda rreġistraw diskrepanza kbira fil-qari (ir-rata ta' dawk li setgħu jmorru aħjar kienet ta' 17.4 % għall-bniet meta mqabbla ma' 27.3 % għas-subien). Sabiex tiġi xprunata azzjoni f'din il-kwistjoni fundamentali, il-Komunikazzjoni dwar il-Kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni tniedi mill-ġdid l-impenn għall-UE kollha kemm hi sabiex tnaqqas is-sehem ta' dawk li jistgħu jmorru aħjar fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza għal anqas minn 15 % sal-2030<sup>68</sup>.

<sup>67</sup> L-isfida hija ppreżentata f'aktar dettall fil-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-2019, p. 60. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!GK66PF>

<sup>68</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni", COM(2020) 625 final

## Illustrazzjoni 20: Il-prestazzjoni tal-qari turi varjazzjoni kbira fost l-Istati Membri tal-UE

Tibdil fit-tul fir-rata ta' dawk li setgħu jmorru aħjar fil-qari, 2009 – 2018 (%)



Sors: PISA 2018, OECD. Nota: Il-vireg vertikali aktar skuri jindikaw tibdilet statistikament sinifikanti bejn l-2009 u l-2018. Data mhux disponibbli għall-AT, CY u ES.

### Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat l-isfida tal-ħiliet u tad-distakki edukattivi, u dan għamilha

saħansitra aktar urġenti li jiġu stabbiliti reazzjonijiet ta' politika adegwati. Il-kriżi tal-COVID-19, bl-aċċellerazzjoni f'daqqa tad-diġitalizzazzjoni tal-apprendiment, tista' tamplifika l-korrelazzjoni persistentement b'saħħitha bejn l-isfond soċjoekonomiku u l-eżiti edukattivi. Analiżi preliminari<sup>69</sup> tissuġġerixxi li l-lockdowns kellhom effett negattiv sproporzjonat fuq dawk vulnerabbli jew dawk minn reġjuni anqas żviluppati. Pereżempju, l-apprendiment mill-bogħod jippresupponi li kull tifel jew tifla jkollhom tal-anqas kompjuter jew tablet, flimkien ma' konnessjoni tal-internet veloċi, il-ħiliet sabiex jużawhom u appoġġ adegwat mill-ġenituri sabiex jagħmlu dan. Dan mhux dejjem ikun il-każ għall-istudenti li jgħixu f'żoni jew f'familji ifqar. FI-UE, fl-2018, 3.9 % tal-unitajiet domestiċi ma setgħux jaffordjaw kompjuter. Għall-unitajiet domestiċi b'introjtu anqas minn 60 % tal-introjtu medju ekwivalizzat, iċ-ċifra kienet ta' 12.8 %, u ta' 8 % għall-unitajiet domestiċi ta' dawk li ma twildux fl-UE<sup>70</sup>. Dan jista' jkun saħansitra aktar sever għall-istudenti applikanti għall-ażil u refuġjati li l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni spiss ikun diffiċli. L-effetti reali tal-kriżi fuq l-eżiti tal-apprendiment ma jistgħux jiġu vvalutati f'dan l-istadju iżda jistħoqqilhom sorveljanza mill-qrib fis-snin li ġejjin.

<sup>69</sup> European Commission Employment and Social Developments in Europe, Annual Review 2020, p. 32.

<sup>70</sup> Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-Kummissjoni Ewropea 2020, ibbażat fuq l-istħarriġ EU-SILC tal-Eurostat "Persuni li ma jistgħux jaffordjaw kompjuter", kodiċi tad-data online: [ilc\_mddu03].

**Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal (ECEC) kienet qed tiżdied b'mod kostanti f'dawn l-aħħar għaxar snin, iżda t-tfal minn sfond soċjoekonomiku aktar baxx jipparteċipaw sa ċertu punt anqas b'mod persistenti.** Fl-2009, il-Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ET 2020) stabbilixxa l-ambizzjoni li jkun hemm tal-anqas 95 % tat-tfal bejn erba' snin u l-età sabiex wieħed jibda l-edukazzjoni primarja obligatorja fl-ECEC sal-2020<sup>71</sup>. Fl-2018, l-UE-27 kważi laħqu din il-mira, b'medja ta' 94.8 % (żieda ta' 4.5 pp mill-2009). Fl-2018, Franza, id-Danimarka u l-Irlanda pprovdew aċċess universali għall-ECEC f'dan il-grupp ta' età. Barra minn hekk, ġie rreġistrat titjib konsiderevoli fl-Irlanda (+26.4 pp), fil-Polonja (+22.1 pp) u fil-Finlandja (+17.4 pp) f'dawn l-aħħar għaxar snin. Għall-kuntrarju, ir-rati ta' parteċipazzjoni marru kemxejn għall-agħar fl-Italja (-4.9 pp), fl-Estonja (-3.3 pp), fin-Netherlands (-2.6 pp), fil-Bulgarija (-1.8 pp), fir-Rumanija (-1.7 pp), fil-Belġju (-0.8 pp) u fi Spanja (-0.4 pp). Minkejja din l-istampa pożittiva ġenerali, għad hemm sfidi importanti relatati mal-inklużjoni u mal-ugwaljanza. L-analiżi tad-data tal-istħarriġ turi rati konsiderevolment aktar baxxi ta' attendenza għall-ECEC għal tfal minn sfond soċjoekonomiku aktar baxx jew għal gruppi soċjalment żvantaġġati<sup>72</sup>. Tali inugwaljanzi tant bikrin fil-ħajja x'aktarx li jġigu riflessi aktar tard f'eżiti edukattivi, flivelli edukattivi milħuqa u fi prospetti tas-suq tax-xogħol aktar baxxi.

---

<sup>71</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020). Iż-żona Ewropea tal-Edukazzjoni issa stabbiliet l-ambizzjoni li jkun hemm mill-inqas 98 % tat-tfal bejn it-3 snin u l-età tal-bidu għall-edukazzjoni primarja obligatorja li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-2030.

<sup>72</sup> Flisi, S. and Blasko, Zs. *Nota dwar il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal minn sfond soċjoekonomiku*, 2019.

**L-isfondi soċjoekonomiċi u tal-migranti jibqgħu previżjonijiet qawwija tal-prestazzjoni edukattiva, filwaqt li jeżistu diskrepanzi kbar fil-prestazzjoni bejn iż-żoni urbani u rurali f'ħafna Stati Membri.** L-Illustrazzjoni 21 turi li fl-Istati Membri kollha l-proporzjon ta' dawk li setgħu jmorru aħjar fil-qari huwa ħafna akbar fil-kwart tal-qiegħ tal-indiċi tal-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali (ESCS)<sup>73</sup> milli fl-ogħla kwart. Il-Bulgarija (44.9 pp), ir-Rumanija (43.1 pp), l-Ungerija (38.6 pp), is-Slovakkja (37.8 pp) u l-Lussemburgu (37.5 pp) għandhom l-ogħla differenzi fil-prestazzjoni bejn l-istudenti li jappartjenu għall-kwartili ta' fuq u ta' isfel. Madankollu, pajjiżi bħall-Estonja, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Polonja, il-Kroazja u l-Latvja rnexxielhom inaqqsu l-impatt tal-isfond soċjoekonomiku fuq l-eżiti edukattivi. Barra minn hekk, l-Istati Membri b'shem baxx ta' dawk li setgħu jmorru aħjar fil-qari għandhom it-tendenza li jkollhom ukoll diverġenza iżgħar bejn il-quċċata u l-qiegħ tal-iskala tal-ESCS. Dan jissuġġerixxi li sistemi edukattivi tajbin jistgħu jippromwovu kemm il-kwalità kif ukoll l-ekwità fl-istess ħin. Fl-2018, il-proporzjon ta' dawk li setgħu jmorru aħjar fil-qari fost l-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni kien għadu ferm ogħla minn dak fost dawk bi sfond mhux ta' migrazzjoni f'ħafna Stati Membri tal-UE<sup>74</sup>. L-ostakli lingwistiċi jidhru li għandhom rwol essenzjali f'dan, li jenfasizza l-importanza tat-taħriġ fil-lingwi. Fl-aħħar nett, id-differenza fil-prestazzjoni tal-qari bejn l-istudenti li jattendu skejjel fil-bliet u fiż-żoni rurali hija statistikament sinifikanti u pjuttost kbira f'ħafna Stati Membri. Fl-Ungerija, fil-Bulgarija, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fil-Portugall, din saħansitra qabżet il-100 punt fil-punteġġ ta' PISA, li tikkorrispondi għal madwar sentejn sa tliet snin skola.


---

<sup>73</sup>L-OECD tkejjel l-indiċi tal-ESCS filwaqt li tqis varjabbli multipli relatati mal-isfond tal-familja tal-istudenti, jgħidli: l-edukazzjoni tal-ġenituri, l-impjieġ tal-ġenituri, il-beni tad-dar, l-għadd ta' kotba u riżorsi edukattivi disponibbli fid-dar.

<sup>74</sup>Biex jiġu evitati kalkoli bbażati fuq daqsijiet ta' kampjuni żgħar ħafna, dan ir-rapport juri rizzultati biss għall-Istati Membri tal-UE fejn il-perċentwal ta' studenti bi sfond ta' migrazzjoni huwa mill-inqas 5 %.

## Illustrazzjoni 21: L-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti jaffettwa l-profiċjenza fil-qari tagħhom

Dawk li setgħu jmorru aħjar fil-qari (%) skont l-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali, 2018



Sors: PISA 2018, OECD. Nota: Il-pajjiżi huma mqassma f'ordni axxendenti skont id-distakk ta' dawk li setgħu jmorru aħjar bejn il-kwart ta' isfel u ta' fuq tal-indiċi soċjoekonomiku. Id-data mhijiex disponibbli għal ES.

**L-inklużjoni tar-Rom fl-edukazzjoni hija sfida li tista' ssir aktar prominenti fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19.** Dan huwa dovut għal diversi fatturi, inklużi s-segregazzjoni fl-iskejjel, it-tagħlim mhux inklużiv, l-ostakli kkawżati mill-faqar estrem jew mis-segregazzjoni tad-djar u n-nuqqas ta' aċċess għall-apprendiment mill-bogħod. Minkejja l-isforzi sabiex tiżdied il-parteciċipazzjoni u jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola fl-età obbligatorja għall-iskola, anqas minn terz taż-żgħażaġh Rom (20-24) lestew l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell<sup>75</sup>, filwaqt li d-distakk fil-parteciċipazzjoni fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal (minn 3 snin sal-età obbligatorja tal-iskola) meta mqabbla mal-popolazzjoni ġenerali huwa partikolarment għoli, hekk kif jilħaq it-53 pp. It-tluq bikri mill-iskola, għalkemm naqas bejn l-2011 u l-2016, għadu ferm oġhla milli fost il-popolazzjoni ġenerali (68 % meta mqabbel ma' 10.2 %). Is-sehem ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ żdied fost ir-Rom bejn l-2011 u l-2016 minn 56 % għal 62 %<sup>76</sup>. Matul il-lockdowns ikkawżati mill-COVID-19, numru kbir ta' tfal Rom affaċċjaw sfidi sabiex jipparteċipaw fl-apprendiment mill-bogħod, u s-sejbiet inizjali jissuġġerixxu distakk li qed jikber mill-popolazzjoni ġenerali<sup>77</sup>. L-apprendiment mill-bogħod spiss ma jkunx aċċessibbli u/jew affordabbli għat-tfal Rom u Travellers friskju ta' faqar li ma jkollhomx tagħmir tal-IT adegwat, aċċess għall-internet jew saħansitra aċċess għall-elettriku fi djarhom, fil-kampijiet jew f'siti irregolari<sup>78</sup>.

**It-tluq bikri mill-iskola u l-livelli baxxi ta' kisba tal-edukazzjoni terzjarja fost il-persuni b'diżabbiltà jaffettwaw b'mod negattiv l-impjegabbiltà tagħhom.** FI-UE-27, fl-2018<sup>79</sup>, it-tluq bikri mill-iskola taż-żgħażaġh (18-24) b'diżabbiltà kien ta' 20.3 % meta mqabbel ma' 9.8 % ta' dawk mingħajr diżabbiltà (distakk ta' madwar 10.5 pp). Din id-differenza kienet l-iżgħar fid-Danimarka (0.4 pp) u fis-Slovenja (2.8 pp), filwaqt li relattivament għolja fil-Kroazja (18.2 pp), fil-Ġermanja (17.3 pp) u fir-Rumanija (15.5 pp). FI-istess ħin, 29.4 % biss tal-persuni b'diżabbiltà lestew edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti meta mqabbla ma' 43.8 % għal dawk mingħajr diżabbiltà. Id-distakk kien l-iżgħar fl-Italja (4.3 pp), fis-Slovenja (4.4 pp) u fil-Portugall (4.5 pp), filwaqt li l-oġhla fl-Iżvezja (27.9 pp), fil-Ġermanja (27.2 pp), fil-Bulgarija (25.8 pp) u fl-Irlanda (21.8 pp).

<sup>75</sup> Anness 2 ta' SWD(2020) 530 final li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteciċipazzjoni, COM(2020) 620 final, ibbażat fuq FRA, EU-MIDIS II 2016; FRA, RTS 2019; Eurostat [edat\_lfse\_03] 2019 (Popolazzjoni ġenerali)

<sup>76</sup> L-Istħarriġ tal-2019 dwar ir-Rom u t-Travellers li jkopri r-Rom fil-Belġju, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands u l-Iżvezja, ippreżenta rizzultat simili. FRA (2020), [Roma and travellers in six countries](#) (ir-Rom u vjaġġaturi f'sitt pajjiżi)


<sup>77</sup> FRA (2020) [Coronavirus pandemic in the EU – impact on Roma and Travellers - Bulletin #5](#) (Il-pandemija tal-coronavirus fl-UE - l-impatt fuq ir-Rom u t-Travellers - Bulletin #5).

<sup>78</sup> [Overview of the impact of coronavirus measures on marginalised Roma communities in the EU, April 2020. European Commission](#) (Harsa ġenerali lejn l-impatt tal-miżuri tal-coronavirus fuq il-komunitajiet tar-Rom emarginati fl-UE, April 2020, il-Kummissjoni Ewropea).

<sup>79</sup> Id-data ġejja mill-EU-SILC tal-2018 analizzata min-Netwerk Akkademiku Ewropew ta' Esperti dwar id-Diżabbiltà (ANED).

## Illustrazzjoni 22: Ħafna studenti għad ma għandhomx ħilet diġitali bażiċi

Id-distribuzzjoni tal-punteġġi fil-litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni fil-livelli kollha tal-iskala tal-livell milhug 2018, 2013



Sors: IEA, ICILS 2018 u ICILS 2013. Studenti taħt il-livell 2 huma kapaċi juru biss għarfien operattiv funzjonali tal-kompjuters bħala għodod u fehim bażiku tal-konsegwenzi tal-kompjuters li jkollhom aċċess għalihom diversi utenti. <sup>†</sup>Issodisfaw il-linji gwida għall-kampjunar tar-rati ta' parteċipazzjoni biss wara li ġew inklużi skejjel sostituti. <sup>††</sup>Kważi ssodisfaw il-linji gwida għall-kampjunar tar-rati ta' parteċipazzjoni biss wara li ġew inklużi skejjel sostituti. <sup>†††</sup>Il-popolazzjoni nazzjonali defnita tkopri minn 90 % sa 95 % tal-popolazzjoni nazzjonali fil-mira. <sup>2</sup>Ma ssodisfaw ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-kampjun. <sup>3</sup>L-Ittestjar sar fil-bidu tas-sena skolastika. Għalhekk, ir-riżultati mhumiex komparabbli ma' tal-Istati Membri l-oħra.

**L-istudenti tas-seklu wieħed u għoxrin huma "nattivi diġitali" iżda huma neqsin mill-ħiliet diġitali.** L-International Computer and Information Literacy Study (ICILS)<sup>80</sup>, li jivvaluta l-kapaċità ta' studenti tat-tmien grad (tfal ta' 13 jew ta' 14-il sena) fl-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), jissuġġerixxi li ħafna studenti mhumiex kapaċi jifhmu u jwettqu lanqas l-aktar operazzjonijiet bażiċi tal-ICT. L-Illustrazzjoni 22 turi li s-sehem ta' studenti li ma rnexxielhomx jilhqqu l-livell 2 tal-iskala tal-kisba ta' litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni qabeż it-30 % f'9 mill-14-il Stat Membru li pparteċipaw fl-ICILS tal-2013 u tal-2018. Fl-2018, sa 62.7 % tal-istudenti Taljani ma qabżux il-livell minimu ta' suffiċjenza<sup>81</sup>. Lanqas 50.6 % tal-istudenti fil-Lussemburgu, 43.5 % fi Franza, 33.5 % fil-Portugall, 33.2 % fil-Ġermanja, u 27.3 % fil-Finlandja. Il-bniet juru livelli oġhla ta' prestazzjoni fil-Litteriżmu fl-Infurmazzjoni u fil-Kompjuter u fix-Xjenza, fit-Teknoloġija, fl-Inġinerija u fil-Matematika (STEM)<sup>82</sup>. Bħala medja, l-istudenti minn sfond soċjoekonomiku aktar baxx u/jew bi sfond ta' migrazzjoni jmorru aġħar fil-kompetenza fl-użu tal-kompjuter u l-litteriżmu fl-informazzjoni mill-pari tagħhom minn familji soċjoekonomikament vantaġġjati jew mingħajr sfond ta' migrazzjoni. Issa l-Komunikazzjoni dwar il-Kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni pproponiet il-mira li jitnaqqas is-sehem ta' studenti tat-tmien grad b'livell baxx ta' kisbiet fil-litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni għal anqas minn 15 % sal-2030.


<sup>80</sup> L-ICILS ikejjel il-kisba tal-istudenti permezz ta' valutazzjoni bbażata fuq il-kompjuter f'żewġ oqsmi ta' kompetenzi diġitali: il-litteriżmu tal-kompjuter u tal-informazzjoni u l-ħsieb komputazzjonali. S'issa tlestew żewġ ċikli fl-2013 u l-2018. Total ta' 14-il Stat Membru ħadu sehem, disgħa fl-ewwel ċiklu u sebgħa fit-tieni ċiklu (id-Danimarka u l-Ġermanja biss ipparteċipaw fit-tnejn). Ir-riżultati tal-ICILS huma ppreżentati fi Fraillon, J., Ainley, J., Schulz, W., Friedman, T., Duckworth, D. (2019). [Preparing for Life in a Digital World: \(Tħejjija għall-Ħajja f'Dinja Diġitali\) IEA International Computer and Information Literacy Study 2018 International Report](#) (Studju Internazzjonali tal-2018 dwar l-Istudju Internazzjonali dwar il-Litteriżmu fil-Kompjuters u l-Infurmazzjoni). Amsterdam: International Association for the Evaluation of Educational Achievement (IEA) (Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA)); u Fraillon, J., Ainley, J., Schulz, W., Friedman, T., Gebhardt, E. (2014). [Preparing for Life in a Digital Age: the IEA International Computer and Information Literacy Study International Report](#) (Tħejjija għall-Ħajja f'Era Diġitali: ir-Rapport Internazzjonali tal-Istudju Internazzjonali dwar il-Kompetenza fl-Użu tal-Kompjuter u l-Litteriżmu fl-Infurmazzjoni tal-IEA.). Cham: Springer.

<sup>81</sup> Minħabba li l-ittestjar fl-Italja seħħ fil-bidu tas-sena skolastika, ir-riżultati mhumiex komparabbli mal-Istati Membri l-oħra.

<sup>82</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea (2020) li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 - Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali

### Illustrazzjoni 23: Hemm diskrepanzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fil-ħiliet diġitali bażiċi

Is-sehem mill-popolazzjoni b'ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aħjar u t-tibdil annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




Sors: Eurostat, il-kodiċi tad-data online [\[TEPSR\\_SP410\]](#). Perijodu: il-livelli tal-2019 u t-tibdiliet fir-rigward tal-2017. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Waqfa fis-serje għaċ-Ċekja, għall-Italja, għal-Latvja, għal-Lussemburgu fl-2019. Id-data tal-2017 mhijiex disponibbli għall-IT (2019: 42 %).

**Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat il-livelli insuffiċjenti ta' ħiliet diġitali tal-adulti u d-distakki kbar bejn il-pajjiżi.** Il-miżuri ta' lockdown meħuda fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-ewwel nofs tal-2020 enfasizzaw l-importanza tal-ħiliet diġitali għall-kontinwità tan-negozju, għall-edukazzjoni u t-taħriġ, għall-kura tas-saħħa, kif ukoll għall-interazzjoni soċjali ordinarja. Ħiliet diġitali baxxi jillimitaw l-innovazzjoni kif ukoll il-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà. Il-progress miexi bil-mod ħafna: bħala medja, fl-2019, fl-UE-27 56 % tal-popolazzjoni ta' bejn is-16 u l-74 sena kellha tal-anqas ħiliet diġitali bażiċi (1 pp aktar mill-2017<sup>83</sup>), b'erba' persuni minn għaxra li baqgħu mingħajr ħiliet diġitali bażiċi (Illustrazzjoni 23). Fil-livell tal-UE, l-irgħiel għandhom ħiliet diġitali kemxejn ogħla min-nisa (58 % meta mqabbla ma' 54 % fl-2019), iżda d-distakk naqas b'2 pp mill-2015. Mill-2015, iċ-Ċekja, l-Irlanda, il-Greċja, il-Litwanja, in-Netherlands u r-Rumanija biss kisbu titjib ta' 5 pp jew aktar. Hemm diverġenza wiesgħa madwar l-UE: f'ħames pajjiżi (f'ordni axxendenti d-Danimarka, il-Ġermanja, l-Iżvezja, il-Finlandja u n-Netherlands), is-sehem kien ta' bejn 70 u 80 %, iżda f'sebgħa, baqa' taħt il-50 % (anqas minn 40 % fil-Bulgarija u fir-Rumanija). L-aspetti soċjodemografiċi huma kruċjali, peress li anqas minn kwart tal-anzjani (65-74) għandhom ħiliet diġitali bażiċi, meta mqabbla ma' tmienja minn kull għaxar żgħażaġħ (16-24); dan is-sehem jilħaq it-32 % għal dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni meta mqabbla ma' 84 % għal persuni b'livell għoli ta' edukazzjoni. L-inizjattivi reċenti tal-UE għandhom l-għan li jżidu l-ħiliet diġitali bażiċi tal-adulti u taż-żgħażaġħ fl-UE: l-Aġenda għall-Ħiliet tistabbilixxi mira ta' 70 % għall-adulti sal-2025, u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni mira ta' 85 % għal dawk li għandhom 14-il sena sal-2030.

**Illustrazzjoni 24: Madwar wieħed minn kull ħames għalliema jirrapportaw livell għoli ta' ħtieġa għal taħriġ fl-ICT**

Perċentwal ta' għalliema li jirrapportaw livell għoli ta' ħtieġa għal żvilupp professjonali fil-ħiliet tal-ICT għat-tagħlim



Sors: OECD, Bażi ta' data TALIS 2018. Nota: Ir-riżultati huma bbażati fuq it-tweġibiet tal-għalliema tas-sekondarja tal-ewwel livell. Id-data mhijiex disponibbli għall-DE, EL, PL, LU u IE.

<sup>1</sup> Il-medja ponderata tal-UE bbażata fuq it-22 Stat Membru parteċipanti f'TALIS 2018.

<sup>83</sup> Id-data mhijiex disponibbli għall-2018.

**It-tranżizzjoni lejn l-apprendiment online u mill-bogħod ikkawżata mill-kriżi tal-COVID-19 toħloq sfidi ġodda għall-professjoni tal-għalliema.** L-għalliema jeħtieġ li jkunu mgħammra bil-kompetenzi meħtieġa sabiex jieħdu vantaġġ mill-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali għat-titjib tat-tagħlim u tal-apprendiment u għall-preparazzjoni tal-istudenti tagħhom għall-ħajja f'soċjetà diġitali<sup>84</sup>. Skont TALIS 2018, il-perċentwal ta' għalliema tas-sekondarja tal-ewwel livell li ħassew li kienu "ppreparati tajjeb" jew "ippreparati tajjeb ħafna" sabiex jużaw l-ICT għat-tagħlim ivarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. Fir-Rumanija (69.5 %), fis-Slovenja (67 %), fl-Ungerija (65.7 %) u f'Ċipru (61.8 %), ishma akbar ta' għalliema jhossuom preparati b'mod adegwat sabiex jużaw l-ICT għat-tagħlim milli fl-Awstrija (19.9 %) jew fil-Finlandja (21.5 %)<sup>85</sup>. Meta ġew mistoqsija dwar il-livell ta' hteġa tagħhom għal taħriġ fil-ħiliet tal-ICT, bħala medja 18 % tal-għalliema madwar l-UE rrapportaw "livell għoli ta' bżonn". Fl-2018, il-ħtiġijiet kienu l-ogħla fil-Kroazja (26.2 %), fil-Litwanja (23.6 %) u fi Franza (22.9 %), filwaqt li fis-Slovenja anqas minn wieħed minn kull għaxar għalliema rrapportaw hteġa kbira għal taħriġ fil-ħiliet tal-ICT (Illustrazzjoni 24).

**L-UE kollha kemm hi laħqet il-mira ewlenija tagħha ta' 40 % ta' kisba ta' edukazzjoni terzjarja għall-2020 għalkemm għad hemm differenzi kbar fost l-Istati Membri u gruppi differenti tal-popolazzjoni<sup>86</sup>.** Fl-2019, 40.3 % tal-persuni ta' bejn it-30 u l-34 sena kellhom lawrja mill-edukazzjoni terzjarja fl-UE. Il-progress mill-2009 'il quddiem kien partikolarment sinifikanti fis-Slovakkja (+22.5 pp), fl-Awstrija (+19 pp), fiċ-Ċekja (+17.6 pp), fil-Litwanja (+17.4 pp) u fil-Greċja (+16.5 pp). L-Istati Membri bl-ogħla livelli ta' kisba terzjarja fost dawk bejn it-30 u l-34 sena huma Ċipru (58.8 %), il-Litwanja (57.8 %), il-Lussemburgu (56.2 %), u l-Irlanda (55.4 %), filwaqt li r-Rumanija (25.8 %), l-Italja (27.6 %), il-Bulgarija (32.5 %) u l-Kroazja (33.1 %) għandhom l-aktar punteġġ baxx. Fl-UE, il-qasma urbana-rurali fil-kisba tal-edukazzjoni terzjarja kienet ta' 22.1 pp. L-akbar lakuni ġew irreġistrati fil-Lussemburgu (41.2 pp), fir-Rumanija (38.4 pp), fis-Slovakkja (35.5 pp), u fil-Bulgarija (35.4 pp) (Illustrazzjoni 25). Bħala medja, fl-UE għad hemm differenzi konsiderevoli fir-rati ta' kisba bejn in-nisa u l-irġiel (45.6 % vs 35.1 %). Madwar 29.4 % biss tal-persuni b'diżabbiltà (grupp ta' età 30-34) lestew edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti, meta mqabbla ma' 43.8 % għall-persuni mingħajr diżabbiltà fl-2018.


<sup>84</sup> Redecker, C. (2017). [European Framework for the Digital Competences of Educator](#): (Qafas Ewropew għall-Kompetenzi Diġitali tal-Edukaturi) [DigCompEdu](#).

<sup>85</sup> L-istħarriġ ħa nota tal-opinjoni personali u mhux tal-livell ta' kompetenza. B'riżultat ta' dan, xi għalliema li huma ppreparati sew biex jużaw l-ICT fit-tagħlim xorta jstgħu jirrapportaw il-hteġa għal taħriġ addizzjonali biex jissodisfaw il-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu għall-użu profiċjenti tad-diġitalizzazzjoni fl-apprendiment u fit-tagħlim.

<sup>86</sup> Iż-żona Ewropea tal-Edukazzjoni pproponiet bħala mira li s-sehem ta' dawk bejn it-30 u l-34 sena li kisbu edukazzjoni terzjarja għandu jkun mill-inqas 50 % sal-2030.

## Illustrazzjoni 25: Disparitajiet sostanzjali fil-kisba tal-livell terzjarju bejn iż-żoni rurali u l-bliet

Id-distakk urban-rurali fil-livell edukattiv terzjarju milħuq skont il-pajjiż, 2019 (% ta' persuni tal-età ta' 30-34 sena)



Sors: Eurostat, Stħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol. Kodiċi tad-data online: [\[edat\\_lfs\\_9913\]](#) Note: L-indikatur ikopri s-sehem tal-popolazzjoni totali tal-età ta' 30-34 sena li jkun irnexxielhom itemmu l-edukazzjoni terzjarja (ISCED 5-8). Id-data għaż-żoni rurali mhijiex affidabbli għal Malta.

**L-infiq pubbliku fuq l-edukazzjoni baqa' relattivament kostanti fil-livell tal-UE fl-aħħar ħames snin, għalkemm il-ħtiġijiet ta' investiment qed jiżdiedu.** Fl-2018, l-Istati Membri investew 4.6 % tal-PDG totali fuq l-edukazzjoni u fuq it-taħriġ, u s-sehem medju tal-UE tan-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni kien ta' 9.9 %. Madankollu, jeżistu differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri, b'ċerti pajjiżi li qed jaffaċċjaw diffikultajiet sabiex jiżguraw riżorsi adegwati bl-għan li jkopru l-ħtiġijiet ta' investiment tagħhom f'termini ta' edukazzjoni u ta' taħriġ. Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jistma li d-diskrepanza fl-investment fl-infrastruttura tal-edukazzjoni għall-UE-27 sal-2030 hija ta' madwar EUR 8 biljun fis-sena<sup>87</sup>. Fl-istess ħin, l-użu pedagoġiku tat-teknoloġiji diġitali jiddependi wkoll fuq id-disponibbiltà, fuq l-aċċessibbiltà u fuq il-kwalità tar-riżorsi tal-ICT<sup>88</sup>. In-nuqqas ta' riżorsi qed jaffettwa b'mod differenti l-iskejjel madwar il-pajjiżi tal-UE. TALIS 2018 jirrapporta li, bħala medja, 35.9 % tal-għalliema tas-sekondarja tal-ewwel livell fl-UE jidentifikaw li l-investment fl-ICT huwa ta' importanza kbira. F'Ċipru (66.3 %) u fl-Ungerija (56.3 %) aktar minn 50 % tal-għalliema jqisuh bħala prijorità. Stħarriġ reċenti fost l-għalliema kompli jenfasizza l-importanza relattiva tat-tagħmir tal-ICT u enfasizza kif l-għalliema jipperċepixxu l-ostakli relatati mat-tagħmir bħala dawk li jħallu l-akbar effett avvers fuq l-użu tat-teknoloġiji diġitali<sup>89</sup>.

**Qabel il-kriżi tal-COVID-19, id-distakk bejn id-domanda u l-provvista tal-ħiliet kien qed jonqos madwar l-UE.** Din ix-xejra kienet prinċipalment xprunata mit-tnaqqis fis-sehem ta' dawk b'livell baxx ta' ħiliet u miż-żieda ġenerali fil-livell edukattiv milħuq<sup>90</sup>. Iż-żieda fir-rati ta' impjieg ta' dawk b'livell baxx u medju ta' ħiliet b'rabta mal-kuntast makroekonomiku favorevoli kkontribwiet ukoll għal din ix-xejra. Madankollu, għad hemm diskrepanzi kbar fir-rati ta' impjieg skont il-livell edukattiv milħuq f'diversi pajjiżi. Fl-2019, bħala medja fl-UE-27, ir-rata ta' impjieg kienet ta' 55.7 % għal dawk li ma lestewx l-ekwivalenti tal-iskola sekondarja tat-tieni livell, ta' 73.4 % għal dawk bi kwalifiki ta' livell medju u ta' 84.8 % għal dawk bi kwalifiki ta' livell għoli (Illustrazzjoni 26). Skont ix-xejriet u l-politiki settorjali sabiex jiġu ppreservati l-impjiegi u jiġi evitat jew indirizzat il-qgħad fil-kriżi kurrenti tal-COVID-19, it-tnaqqis fl-ispariġġ makroekonomiku fil-ħiliet jista' jnaqqas ir-ritmu jew saħansitra jerġa' lura f'xi pajjiżi.

<sup>87</sup> Bank Ewropew tal-Investment (BEI), *Investment Report 2018/2019 – Retooling Europe's Economy* (Rapport dwar l-Investment 2018/2019 – *Ngħammru mill-Ġdid l-Ekonomija Ewropea*, 2018)


<sup>88</sup> OECD (2019). [PISA 2021 ICT Framework](#) (Qafas tal-ICT PISA 2021 - April 2019). Paġna 6.

<sup>89</sup> Kummissjoni Ewropea (2019). [2nd Survey of Schools: ICT in Education. Objective 1: Benchmark progress in ICT in schools](#) (It-tieni Stħarriġ tal-Iskejjel: L-ICT fl-Edukazzjoni. Objettiv 1: Valutazzjoni tal-progress tal-ICT fl-iskejjel).

<sup>90</sup> L-analiżi ppreżentata f'dan il-paragrafu u fil-paragrafi li ġejjin tibni fuq aġġornament tal-qafas ta' valutazzjoni komparattiva tal-UE dwar il-ħiliet u t-tagħlim għall-adulti.

## Illustrazzjoni 26: L-edukazzjoni għolja hija korrelatata ma' rati ogħla ta' impjieg fl-Istati Membri kollha

Rati ta' impjieg skont il-livell edukattiv milħuq, grupp ta' età 20-64 (2019)




Sors: Eurostat, il-kodiċi tad-data online [[lfsa\\_ergaed](#)]. Nota: waqfa fis-serje kronoloġika għan-NL.

### Il-livell edukattiv milħuq fost il-popolazzjoni adulta ilu jizzied mill-2009 madwar l-UE kollha.

L-analiżi fil-qafas ta' valutazzjoni komparattiva tal-UE rigward il-ħiliet u l-apprendiment għall-adulti wriet li, fl-2019, aktar minn tliet kwarti tal-popolazzjoni tal-UE (78.7 %) fil-grupp ta' età bejn il-25 u l-64 sena kellhom tal-anqas edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell. Dan huwa titjib meta mqabbel mal-valur ta' 72 % fl-2009 (Illustrazzjoni 27). Filwaqt li ż-żewġ ġeneri rreġistraw żidiet bejn l-2009 u l-2019, kien hemm ħafna aktar progress għan-nisa milli għall-irġiel: fost il-persuni li għandhom bejn il-25 u l-64 sena, in-nisa kienu 1.8 pp lura fl-2009, u 1 pp 'il quddiem fl-2019. L-Istati Membri bl-ogħla sehem ta' popolazzjoni b'tal-anqas edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell jinkludu l-Litwanja, iċ-Ċekja, il-Polonja u s-Slovakkja. Għall-kuntrarju, il-Portugall, Malta, Spanja u l-Italja huma fost il-pajjiżi bl-ogħla ishma ta' persuni b'livell baxx ta' kwalifiki, minkejja titjib sinifikanti matul l-aħħar għaxar snin fost uħud minnhom (b'mod partikolari Malta u l-Portugall). Din iż-żieda fil-provvista tal-ħiliet kienet akkumpanjata minn żieda fid-domanda għal ħiliet medji u għoljin, riflessa fir-rati ogħla ta' impjieg ta' adulti b'livell medju u għoli ta' kwalifiki.

## Illustrazzjoni 27: Aktar minn tliet kwarti tal-adulti kollhom tal-anqas edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell fl-2019

Popolazzjoni b'tal-anqas edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, grupp ta' età 25-64 (2009 u 2019)




Sors: Eurostat, il-kodiċi tad-data online [[edat\\_lfs\\_9903](#)]. Nota: waqfa fis-serje kronoloġika għal EL, CY u LU fl-2009; BG, DE, HR, NL, PL, RO fl-2010; CZ, MT, NL, PT, SK fl-2011; FR, NL fl-2013; għall-pajjiżi kollha fl-2014; LU fl-2015; DK fl-2016; BE, DK, IE fl-2017, SE fl-2018, NL fl-2019.

**Madankollu, aktar minn kwart tal-adulti żgħażaġh (bejn it-30 u l-34 sena) għandhom biss kwalifika baxxa jew kwalifika sekondarja tat-tieni livell ġenerali.** Dan ifisser li huma ma kisbux ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol la permezz tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali (VET) u lanqas permezz tal-edukazzjoni terzjarja (Illustrazzjoni 28). Hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri, b'40 sa 50 fil-mija tal-adulti żgħażaġh (bejn it-30 u l-34 sena) li jaqgħu taħt din il-kategorija f'Malta, fil-Portugall, fi Spanja, fil-Bulgarija u fil-Lussemburgu, meta mqabbla ma' anqas minn 20 fil-mija f'9 Stati Membri tal-UE (il-Kroazja, iċ-Ċekja, is-Slovakkja, is-Slovenja, il-Polonja, il-Ġermanja, il-Finlandja, l-Awstrija u n-Netherlands). Bħala medja, il-gradwati reċenti mill-VET (79.1 %) u mill-edukazzjoni terzjarja (85.0 %) kellhom eżiti aħjar fl-impjiegi mill-gradwati reċenti tal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell minn programmi ta' orjentazzjoni ġenerali (62.8 %) kif ukoll minn dawk b'livell baxx ta' kwalifiki (53.9 %). Fi Stati Membri b'shem kbir ta' adulti żgħażaġh b'livell baxx ta' kwalifiki u b'distakk sinifikanti fir-rati ta' impjieg tagħhom (ara l-Illustrazzjoni 28 u l-Illustrazzjoni 29), gwida u offerti ta' apprendiment (ibbażati fuq ix-xogħol) xierqa jistgħu jgħinu fit-tranżizzjoni minn edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell għal perkors vokazzjonali sekondarju tat-tieni livell ta' kwalità u jnaqqsu l-ispariġġi eżistenti fil-ħiliet. Fi Stati Membri b'shem kbir ta' gradwati ġenerali sekondarji tat-tieni livell li ma laħqux livell edukattiv terzjarju, dan jista' jinkiseb billi tittejjeb il-permeabbiltà tal-perkorsi tal-edukazzjoni u billi jiġi estiż il-forniment ta' ETV postsekondarju mhux terzjarju, ta' ETV terzjarju ta' ċiklu qasir jew ta' edukazzjoni terzjarja.

**Illustrazzjoni 28: Aktar minn kwart taż-żgħażaġh ma għandhomx kwalifika li tipprovdi aċċess dirett għas-suq tax-xogħol**


Il-livell edukattiv milħuq u l-orjentazzjoni tal-adulti żgħażaġh ta' bejn it-30 u l-34 sena, 2019



Sors: Eurostat, LFS, is-sors tad-data online [[edat\\_lfs\\_9914](#)].

## Illustrazzjoni 29: Il-gradwati żgħażagħ bi kwalifiki tal-edukazzjoni għolja jew vokazzjonali ta' livell medju għandhom prospettivi aħjar fis-suq tax-xogħol

Ir-rati ta' impjieg tal-gradwati reċenti ta' bejn 20 u 34 sena skont il-livell edukattiv miksub, 2019 (%)



Sors: Eurostat (EU-LFS, 2019, il-kodiċi tad-data online [[edat\\_lfse\\_24](#)]). Nota: Id-data teskludi lil dawk li jkunu għandhom irreġistrati fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ. Fejn disponibbli, id-data tinkludi biss individwi li ggradwaw sena sa tliet snin qabel l-istħarriġ. Fil-BG, CZ, EE, IE, EL, HR, CY, LV, LT, HU, MT, AT, RO, SI, SK, u FI, id-data dwar ir-rata ta' impjieg ta' gradwati reċenti b'livell baxx ta' kwalifiki mhijiex disponibbli, u, minflok, għal dawn il-pajjiżi l-illustrazzjoni turi r-rata ta' impjieg tal-gradwati kollha b'livell baxx ta' kwalifiki li għandhom bejn 20 u 34 sena.

**B'riżultat tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, id-domanda għall-ispeċjalisti tal-ICT fl-UE hija akbar mill-provvista.** Il-ħiliet fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika (STEM), inklużi l-ħiliet fl-ICT, għandhom rwol ewlieni fl-ixprunar tal-innovazzjoni, u fit-twassil ta' tkabbir u ta' gwadanji fil-produttività mmexxija mill-għarfien<sup>91</sup>. Analiżi tas-CEDEFOP tal-postijiet tax-xogħol vakanti turi li l-ħiliet tal-kompjuter għall-kontroll tal-kwalità, għall-ġestjoni tad-data u għall-komunikazzjoni huma t-tielet l-aktar ħila mitluba, hekk kif dehru f'madwar 13.5-il miljun post tax-xogħol vakanti online bejn Lulju 2018 u Diċembru 2019, wara l-kapaċità ta' adattament għal tibdil u l-użu tal-Ingliż<sup>92</sup>. L-istess analiżi identifikat l-iżviluppaturi tas-software bħala t-tieni okkupazzjoni ewlenija f'dak il-perijodu (1.6 miljun post tax-xogħol vakanti) u l-analisti tas-sistemi fit-tielet post (1.3 miljun post tax-xogħol vakanti). Flimkien, il-professjonisti tal-ICT (ISCO b'2 ċifri) kienu t-tieni l-aktar grupp ta' okkupazzjonijiet mitlub, bi 8.2 % tal-postijiet tax-xogħol vakanti kollha. Madankollu, l-ispeċjalisti tal-ICT jammontaw għal anqas minn 4 % tal-forza tax-xogħol tal-UE, b'żieda żgħira mill-2016 (3.7 %) għall-2018 (3.9 %)<sup>93</sup>. Iż-żieda fil-gradwati tal-ICT seħħet saħansitra aktar bil-mod, minn 3.5 % fl-2017 għal 3.6 % fl-2019. Hemm distakk ċar bejn id-domanda u l-provvista: fl-2019, aktar minn nofs (57 %) il-kumpanniji tal-UE li kienu qed ifittxu speċjalisti tal-IT sabuha diffiċli biex jirreklutawhom (**Illustrazzjoni 30**). Id-differenzi bejn il-ġeneri huma parti sinifikanti mill-isfida: minkejja li n-nisa jlestu l-edukazzjoni terzjarja b'rata oġġla b'mod sinifikanti mill-irġiel, minn kull tliet gradwati fl-STEM, waħda biss hija mara<sup>94</sup>. Barra minn hekk, in-nisa għandhom biss 17 % tal-pożizzjonijiet fis-settur tat-teknoloġija (għalkemm hemm diverġenza wiesgħa bejn il-pajjiżi)<sup>95</sup>. Sabiex tindirizza din l-isfida, il-Kummissjoni pproponiet azzjonijiet ġodda dwar il-ġeneri fl-oqsma STEM u diġitali fil-Komunikazzjoni dwar il-Kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025.

<sup>91</sup> Shapiro et al., 2015; Peri et al., 2015; Deming and Noray, 2018

<sup>92</sup> CEDEFOP's [Skills-OVATE](#) (Online vacancy analysis tool for Europe) (Skills-OVATE tas-CEDEFOP (Għodda ta' analiżi online għall-postijiet vakanti għall-Ewropa)).


<sup>93</sup> Din id-data u data oħra f'dan il-paragrafu huma mill-indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali 2020, [Human capital and digital skills](#) (Il-kapital uman u l-ħiliet diġitali).

<sup>94</sup> Il-kodiċi tad-data tal-Eurostat [educ\_uae\_grad04].

<sup>95</sup> Parlament Ewropew (2020). L-edukazzjoni u l-impjieg tan-nisa fix-xjenza, it-teknoloġija u l-ekonomija diġitali, inkluż l-IA u l-influenza tagħha fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

### Illustrazzjoni 30: In-nuqqas ta' speċjalisti tal-ICT jista' jxekkel it-tranżizzjoni diġitali

Kumpanniji li rrekutaw jew li ppruvaw jirrekutaw speċjalisti tal-ICT u kellhom pożizzjonijiet vakanti diffiċli biex jimtlew fl-2019 (%)



Sors: Stħarriġ komunitarju tal-Eurostat dwar l-użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku fl-intrapriżi [[isoc\\_ske\\_itcrn2](#)]

**L-isfida tal-ħiliet għall-kumpanniji tmur lil hinn mid-diġitali, u testendi għal ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-ħiliet trasversali, u huma meħtieġa sforzi sostnuti sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jevolvu.** Fl-2019, l-iskarsezza ta' persunal bi kwalifiki għoljin baqgħet l-aktar raġuni frekwenti għal-limitazzjoni tal-investimenti fit-tul, imsemmija minn 77 % tal-kumpanniji<sup>96</sup>. Il-kumpanniji kollha ser ikollhom jadattaw l-attività ekonomika u l-ħiliet interni tagħhom fid-dawl tal-bidla lejn Ewropa newtrali għall-klima. Madankollu, ftit li xejn hemm informazzjoni kwantitattiva dwar il-ħiliet meħtieġa jew disponibbli fir-rigward tal-"impjegi ekoloġiċi", l-aktar minħabba li għad ma hemmx definizzjoni maqbula tal-kunċetti rilevanti<sup>97</sup>. L-antiċipazzjoni u l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-ħiliet mhumiex possibbli mingħajr ma jiġu stabbiliti xenarji ta' prospettiva mal-industrija f'ekosistemi industrijali speċifiċi u sakemm dawn il-kunċetti jiġu ddefiniti kif xieraq, li jkun jiffaċilita wkoll l-identifikazzjoni u l-validazzjoni xierqa tal-ħiliet relatati mal-impjegi, mal-attivitajiet u mal-proċessi ekoloġiċi. Sabiex tkun utli, l-antiċipazzjoni tal-ħiliet jenħtieġ li titwettaq fil-livell tal-ekosistemi industrijali, mhux biss fil-livell makro. Hemm xi evidenza li r-riorganizzazzjoni tal-postijiet tax-xogħol ikkawżata mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi żżid l-importanza ta' ħiliet trasferibbli bħall-awtoorganizzazzjoni, il-komunikazzjoni, il-ġestjoni, il-kreattività u l-kuxjenza. Il-produttività tax-xogħol hija assoċjata b'mod pożittiv ma' dawn il-karatteristiċi, anki wara li jitqiesu d-differenzi fil-ħiliet konjittivi<sup>98</sup>. Hemm ukoll xi evidenza ta' effett ta' interazzjoni, b'tali mod li l-pussess ta' ħiliet mhux konjittivi huwa prerekwiżit għall-użu tal-potenzjal sħiħ tal-ħiliet konjittivi. Dan jenfasizza li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ser iżidu d-domanda għal firxa wiesgħa ta' ħiliet, u jitlob li jiġi promoss l-apprendiment għall-adulti b'mod aktar ġenerali.

---

<sup>96</sup> Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment, [Investment Survey 2019](#) (Stħarriġ dwar l-Investment 2019), p. 19.

<sup>97</sup> Ara Cedefop, Skills for green jobs: [Aġġornament tal-2018](#), p. 47 u Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe, Annual Review 2020

<sup>98</sup> Maria Chiara Morandini, Anna Thum-Thysen u Anneleen Vandeplass (2020). [Facing the Digital Transformation: are Digital Skills Enough?](#) (Niffaċċjaw it-Trasformazzjoni Diġitali: il-Ħiliet Diġitali Biżżejjed?) Economic Brief 054, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

**Kien hemm progress limitat fil-parteċi-pazzjoni ġenerali fl-apprendiment għall-adulti bejn l-2009 u l-2019.** Il-parteċi-pazzjoni fl-apprendiment għall-adulti fl-UE-27 żdiedet bi 3 pp matul l-aħħar għaxar snin, minn 7.8 % għal 10.8 %, u b'hekk għadha mbiegħda b'mod sinifikanti mill-mira tal-ET 2020 ta' 15 % tal-popolazzjoni tal-UE fil-grupp ta' età 25-64 li jkunu pparteċipaw f'edukazzjoni u f'taħriġ formali jew mhux formali fl-aħħar erba' ġimgħat (Illustrazzjoni 31). L-aktar rati baxxi ta' apprendiment għall-adulti huma osservati fir-Rumanija, fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fis-Slovakkja, fil-Greċja u fil-Polonja (anqas minn 5 % tal-popolazzjoni adulta), filwaqt li l-ogħla rati huma osservati fl-Iżvezja, fil-Finlandja u fid-Danimarka (aktar minn 25 %). Xi Stati Membri (id-Danimarka, is-Slovenja u Ċipru) raw deterjorament f'dan il-qasam matul l-aħħar għaxar snin, filwaqt li l-pajjiżi bl-aktar titjib notevoli (aktar minn 5 pp) kienu jinkludu l-Estonja, il-Finlandja u l-Iżvezja<sup>99</sup>. Barra minn hekk, il-parteċi-pazzjoni fl-apprendiment għall-adulti hija anqas frekwenti għal ċerti sottogruppi. Pereżempju, fir-rigward ta' persuni li twieldu barra mill-UE (fl-età ta' 25-64 sena), bħala medja tal-UE dawn kellhom probabbiltà ugwali li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (fl-aħħar 4 ġimgħat) (11.1 %) fl-2019 bħal dawk nattivni (10.8 %). Madankollu, is-sitwazzjoni tvarja bejn il-pajjiżi. Fi Franza, fl-Estonja, fis-Slovenja, fl-Italja u fil-Latvja, persuni nattivni għandhom probabbiltà sostanzjalment ogħla minn dawk li ma twildux fl-UE li jkollhom aċċess għall-edukazzjoni għall-adulti. Id-distakki f'dawk il-pajjiżi huma saħansitra aktar evidenti fost in-nisa migranti. 2.4 % biss tal-persuni b'diżabbiltà pparteċipaw f'apprendiment fil-grupp ta' età 25-64 meta mqabbla ma' 4.1 % ta' dawk mingħajr diżabbiltà fl-2016. Kif diskuss hawn taħt, it-tagħlim għall-adulti jseħħ primarjament f'kundestanti mhux formali. L-Aġenda għall-Ħiliet tal-2020 tipproponi titjib fl-indikatur għall-apprendiment għall-adulti billi tbiddel il-perijodu tal-kejl mill-aħħar erba' ġimgħat għall-aħħar sena<sup>100</sup>. L-ambizzjoni hija li jinkisbu żidiet sinifikanti fil-parteċi-pazzjoni tal-adulti fl-apprendiment kif imkejjel matul dan il-perijodu ta' żmien, minn 38 % fl-2016<sup>101</sup> għal 50 % fl-2025. L-indikatur il-ġdid ser ibiddel ukoll il-valuri bażi għal xi pajjiżi.


<sup>99</sup> MT, LU, IE u FR irreġistraw ukoll żieda kbira fil-parteċi-pazzjoni, madankollu qtugħ fis-serje ta' żmien għal dawn il-pajjiżi jagħmilha diffiċli biex dawn jiġu interpretati.

<sup>100</sup> Id-data għall-parteċi-pazzjoni fit-tagħlim għall-adulti matul l-aħħar 12-il xahar ser tkun disponibbli mill-2022 fl-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol kull sentejn. Għalissa, l-informazzjoni mill-Edukazzjoni tal-Adulti tal-2016 tista' tintuża biex jitkejlu r-rati ta' parteċi-pazzjoni matul dan il-perijodu itwal ta' osservazzjoni. Ara l-"Monitor għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020" għal diskussjoni dwar il-vantaġġi tal-użu ta' perijodu ta' referenza itwal biex titkejjel il-parteċi-pazzjoni fit-tagħlim għall-adulti.

<sup>101</sup> L-indikatur jinkludi tagħlim formali jew mhux formali għall-adulti bl-eċċezzjoni ta' taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol. Għad-dettalji, ara l-Kummissjoni Ewropea (2020). Aġenda Ewropea

### Illustrazzjoni 31: Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment hija baxxa u tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri

Is-sehem ta' adulti (bejn 25-64 sena) li jieħdu sehem fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, l-2009 u l-2019



Sors: Eurostat, LFS, 2019, il-kodiċi tad-data online [[trng\\_lfs\\_01](#)]. Nota: waqfa fis-serje kronoloġika fid-DK, IE, LU, SE, UK fl-2007; DE, EL, PL, SE, UK fl-2008; EE, IE, EL, CY, LU fl-2009; DE, NL, PL, RO fl-2010; CZ, NL, PT, SK fl-2011; CZ, FR, NL, PL fl-2013; ES, FR fl-2014; LU, HU fl-2015; DK fl-2016 u BE, IE u MT fl-2017; PL u SE fl-2018.

**Il-persuni b'livell baxx ta' kwalifiki u dawk li qed ifittxu impjieg huma gruppi fil-mira prijoritarji għal politiki li jtejbu l-parteċipazzjoni ġenerali fl-apprendiment għall-adulti.**


B'mod partikolari, dawk b'livell baxx ta' kwalifiki jeħtieġu titjib tal-ħiliet sabiex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. Fl-2019, is-sehem tagħhom ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment matul l-aħħar erba' ġimgħat qabel l-istħarriġ kien iwarja minn 0.5 % fil-Kroazja sa kważi 23.7 % fl-Iżvezja (medja tal-UE-27: 4.3 %, **Illustrazzjoni 32**). Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, anqas minn 10 % tal-adulti b'livell baxx ta' kwalifiki jipparteċipaw fl-apprendiment. Min-naħa l-oħra, fil-Finlandja, fid-Danimarka u fl-Iżvezja 16.8 %, 17.7 % u 23.7 % jipparteċipaw rispettivament, filwaqt li jenfasizzaw li huwa possibbli li jinkisbu rati għolja ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment anke fost dawk b'livell baxx ta' kwalifiki. It-tieni grupp fil-mira ta' prijorità għall-apprendiment huma dawk li qed ifittxu impjieg, li għalihom it-taħriġ jista' jkun effettiv ħafna sabiex iżidu l-prospetti fis-suq tax-xogħol u jevitaw il-qgħad fit-tul<sup>102</sup>. Hemm distakki kbar fost l-Istati Membri fis-sehem ta' adulti qiegħda li pparteċipaw fi kwalunkwe attività ta' taħriġ matul l-aħħar erba' ġimgħat qabel l-istħarriġ, b'valuri li jvarjaw minn 2.4 % fil-Kroazja sa kważi 46 % fl-Iżvezja fl-2019 (medja tal-UE-27: 10.7 %). Fis-Slovenja, fil-Ġermanja, fil-Latvja, fl-Italja, f'Ċipru, fiċ-Ċekja, fil-Greċja, fil-Polonja, fil-Litwanja, fil-Kroazja, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fl-Ungerija, anqas minn 10 % tal-adulti qiegħda jipparteċipaw fl-apprendiment. Min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni tagħhom hija għolja, aktar minn 25 %, fid-Danimarka, fil-Lussemburgu u fil-Finlandja. L-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet 2020 għandha l-għan li tiżgura titjib sinifikanti fil-parteċipazzjoni ta' persuni b'livell baxx ta' kwalifiki u ta' persuni li qed ifittxu impjieg fl-apprendiment u, b'mod partikolari, din ipproponiet li kważi tirdoppja s-sehem tal-UE-27 ta' persuni li qed ifittxu impjieg b'esperjenza reċenti ta' apprendiment għal 20 % sal-2025 (minn 11 % fl-2016).

---

<sup>102</sup> Pereżempju, ara Card, Kluge u Weber (2018), "[What Works? A Meta Analysis of Recent Active Labor Market Program Evaluations](#)" (X'Jaħdem? Metaanaliżi ta' Evalwazzjonijiet Reċenti tal-Programmi tas-Suq tax-Xogħol Attiv), Journal of the European Economic Association.

## Illustrazzjoni 32: Minkejja differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri, l-adulti b'livell baxx ta' kwalifiki u dawk qiegħda jaffaċċjaw sfidi f'termini ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' apprendiment

Is-sehem ta' adulti ta' bejn il-25 u l-64 sena b'livell baxx ta' kwalifiki fil-livelli ISCED 0-2 (bħala sehem mill-adulti kollha b'livell baxx ta' kwalifiki) u qiegħda (bħala sehem mill-adulti qiegħda kollha, l-assi tal-lemin) li jipparteċipaw fl-apprendiment, 2019



Sors: Eurostat, LFS, 2019, il-kodiċi tad-data online [[trng\\_lfse\\_03](#)]. Nota: Id-data għar-RO u għas-SK mhijiex disponibbli, u dan jirrifletti li n-numru ta' studenti f'dawn il-gruppi huwa baxx wisq sabiex jiġi ppubblikat indikatur affidabbli. Madankollu, dan jirrifletti rati baxxi ħafna ta' parteċipazzjoni għal dan il-grupp. Għall-Kroazja, iċ-ċifra tal-2018 tintuża minħabba d-data nieqsa għall-2019. Id-data għall-BG, HR, CY, LT, PL, u SI mhijiex affidabbli għall-istess raġuni.

Sors (l-assi tal-lemin): Eurostat, LFS, 2019, il-kodiċi tad-data online [[trng\\_lfse\\_02](#)]. Nota: Id-data għall-BG, RO u SK mhijiex disponibbli, u dan jirrifletti numru ta' studenti f'dawn il-gruppi li huwa baxx wisq sabiex jiġi ppubblikat indikatur affidabbli. Madankollu, dan jirrifletti rati baxxi ħafna ta' parteċipazzjoni għal dan il-grupp. Id-data mhijiex affidabbli għall-HR, CY, LT, HU u SI għall-istess raġuni.

**L-akbar parti mill-apprendiment għall-adulti jseħħ f'kuntesti mhux formali jew informali, u hemm kunsens mifrux dwar ir-rilevanza tal-validazzjoni tal-ħiliet sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet**<sup>103</sup>. Fl-istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti tal-2016 (l-aħħar data disponibbli), 42.1 % tal-adulti fl-UE-27 ipparteċipaw fl-edukazzjoni mhux formali fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ u 5.1 % biss ipparteċipaw fl-edukazzjoni formali. Dan jenfasizza l-importanza tal-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jevalwa r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012 dwar il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, ippubblikat fl-1 ta' Lulju 2020<sup>104</sup>, sab li, minkejja l-progress ċar mill-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni, ħafna nies ma għandhomx aċċess għal opportunitajiet ta' validazzjoni. L-arranġamenti ta' validazzjoni issa huma fis-seħħ fl-Istati Membri kollha. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-arranġamenti għandhom xi restrizzjonijiet (eż. persuni b'esperjenza tax-xogħol biss jistgħu japplikaw), ħafna mhumiex komprensivi (eż. għal kwalifiki ta' taħriġ vokazzjonali biss) u jistgħu jkunu jeżistu arranġamenti differenti fl-istess pajjiż mingħajr koordinazzjoni. L-informazzjoni kwantitattiva dwar l-użu għadha limitata u frammentata. L-aġġornamenti tal-inventarju Ewropew tal-validazzjoni<sup>105</sup> juru li l-validazzjoni hija ġeneralment preżenti fl-aġendi ta' politika nazzjonali u l-provvista tagħha tgiebet mill-2012, b'xi eċċezzjonijiet (Illustrazzjoni 33). Hemm xi evidenza ta' "effett ta' evaporazzjoni" li fiha xi persuni li jinvolvu ruħhom fi proċedura ta' validazzjoni jonqsu milli jlestuha<sup>106</sup>. Fil-fatt, l-involviment fi proċessi ta' validazzjoni jeħtieġ impenn serju mill-individwi<sup>107</sup> u d-disponibbiltà ta' appoġġ attiv, bħal ħin imħallas mill-impjegatur jew għajjnuna finanzjarja. Dawn il-forom ta' appoġġ attiv mhumiex komuni: it-tweġibiet għal konsultazzjoni pubblika speċifika juru li benefiċjarju wieħed biss minn kull għaxra rċieva xi forma ta' appoġġ sabiex jipparteċipa f'validazzjoni<sup>108</sup>.

<sup>103</sup> "Kien hemm żieda fl-għarfien fost dawk li jfasslu l-politiki li t-tagħlim barra mill-klassi u kuntesti formali oħra huwa sors sinjur fil-kapital uman", OECD (2018), Education Working Paper Nru 180, Making skills transparent: recognising vocational skills acquired through work-based learning, p. 11 (Dokument ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Nru 180, Nagħtu trasparenza lill-ħiliet: ir-rikonoxximent tal-ħiliet vokazzjonali miksuba permezz tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, p. 11). Disponibbli fuq: <https://doi.org/10.1787/5830c400-en>

<sup>104</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2020)121, Evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/Uk64Pk>

<sup>105</sup> Inventarju Ewropew tal-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, disponibbli fuq is-sit web tas-Cedefop, b'mod partikolari l-aġġornamenti 2016 u 2018 (maħruġ fl-2020).

<sup>106</sup> [Studju li jappoġġa l-evalwazzjoni](#) tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, taqsima 4.1.1.3, p. 40.

<sup>107</sup> Ara OECD 2018, ikkwotata hawn fuq, p. 59.

<sup>108</sup> Ara l-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, Mistoqsija 17.

### Illustrazzjoni 33: Ħafna nies ma għandhomx aċċess għal opportunitajiet ta' validazzjoni b'differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri

Ix-xejra fin-numru ta' persuni li jużaw il-validazzjoni (2018 meta mqabbla mal-2016)

BE	BG	CZ	DK	DE	IE	EL	ES	FR	IT	CY	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SK	FI	SE
↑	↑	↔	↓	↔	↔	↑	↑	↓	↑	↑	↑	↑	↑	↓	↕	↑	↓	↑	↑	↑

↑ żieda fin-numri; ↓ tnaqqis fin-numri; ↔ numri stabbli; ↕ varjazzjoni tan-numri f'setturi differenti

Sors: Cedefop, European Inventory of validation tal-2016 u tal-2018. L-ebda data ma hija disponibbli għall-Awstrija, għall-Kroazja, għall-Estonja, għall-Ungerija, għal-Litwanja, għas-Slovenja.

**Il-pandemija tal-COVID-19 iżżid il-ħtieġa għal titjib tal-ħiliet u għal taħriġ mill-ġdid, iżda tista' twassal għal livelli aktar baxxi ta' provvista mingħajr rispons ta' politika.** It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku minħabba l-COVID-19 ser ikollu effett sproporzjonat fuq xi setturi ekonomiċi u, flimkien mat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, ser joħloq il-ħtieġa għal ħiliet ġodda jew aġġustati. Ser inaqqas ukoll l-kost tal-għażla tal-investment tal-ħin fit-taħriġ. Madankollu, analiżijiet reċenti<sup>109</sup> sabu li fl-UE-27 bejn l-2005 u l-2019, il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti ma żdieditx matul tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, li diġà għandhom it-tendenza li jkollhom rati baxxi ta' parteċipazzjoni, l-apprendiment għall-adulti naqas saħansitra aktar fi żminijiet ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. L-istess jgħodd għal persuni li ma għandhomx impjeg, li jista' jirrifletti pressjonijiet fuq il-baġits pubbliċi tat-taħriġ fi żminijiet ta' qgħad li qed jiżdedied. Min-naħa l-oħra, l-analiżijiet jissuġġerixxu li nefqa pubblika oġhla fuq it-taħriġ hija assoċjata ma' mgħiba aktar kontroċiklika tal-apprendiment għall-adulti. Dan jenfasizza l-importanza ta' riformi u ta' investimenti pubbliċi f'sistemi ta' apprendiment għall-adulti sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom fi żminijiet ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku.

<sup>109</sup> Giorgio Di Pietro, Zbigniew Karpiński u Federico Biagi (2020), "Adult learning participation and the business cycle" (Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti u ċ-ċiklu kummerċjali), rapport imħejji miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għal DG EMPL (mhux ippubblikat). Marco Bertoni u Giorgio Brunello (2020), "Skills Investment and the Business Cycle in Europe", (Investment fil-Ħiliet u ċ-Ċiklu Kummerċjali fl-Ewropa) abbozz preliminari ta' rapport għan-Network Ewropew ta' Esperti dwar l-Ekonomija tal-Edukazzjoni.


**Minħabba l-COVID-19, l-Istati Membri jistgħu jkunu qed jaffaċċjaw kriżi possibbli fit-tul fl-impjiegi fost iż-żgħażaġh li titlob reazzjonijiet ta' politika ġodda.** Qabel il-kriżi, iċ-ċifri tal-qgħad fost iż-żgħażaġh kienu jammontaw għal 15.2 % f'Marzu 2020 fl-UE-27 bħala medja, titjib ta' 0.2 pp minn 15.4 % f'Marzu 2019. Madankollu, iċ-ċifra qabżet għal 17.7 % f'Novembru 2020. Iċ-ċifri rispettivi għall-popolazzjoni totali kienu ta' 6.6 % f'Marzu u ta' 7.5 % f'Novembru. Ħames Stati Membri esperjenzaw żidiet qawwija fil-qgħad fost iż-żgħażaġh bejn l-ewwel u t-tieni trimestru tal-2020 (l-Estonja 8.2 pp, il-Litwanja 6.1 pp, il-Lussemburgu 5.6 pp, il-Kroazja 5.5 pp, il-Bulgarija 5.3 pp). Madwar l-UE kollha, il-qgħad fost iż-żgħażaġh kien ta' 17.9 % fit-tielet kwart tal-2020, meta mqabbel ma' 7.4 % għall-popolazzjoni totali. L-esperjenza mill-kriżi ekonomika preċedenti ġġib magħha tħassib. Filwaqt li r-rata medja tal-qgħad fost iż-żgħażaġh tal-UE kompliet titjieb b'mod konsiderevoli qabel il-kriżi tal-COVID-19 (ara l-Illustrazzjoni 34), din dejjem baqgħet aktar mid-doppju tar-rata tal-qgħad osservata għall-popolazzjoni adulta (6.7 % fl-2019), u dan jindika sfiċa strutturali anki fin-nuqqas ta' aktar xokkijiet. Qabel il-kriżi, id-dispersjoni fir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh – għalkemm naqset maż-żmien – baqgħet għolja u l-qgħad fost iż-żgħażaġh kien għadu oġhla minn 30 % f'xi Stati Membri (il-Greċja: 35.2 %; Spanja: 32.5 %). L-irkupru tal-impjiegi mhux dejjem wassal għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għaż-żgħażaġh: fl-2019, 14.6 % tal-impjegati ta' bejn 15-il sena u 24 sena kienu impjegati b'mod b'kuntratti temporanji għax ma setgħux isibu impjieg permanenti (meta mqabbla ma' 7.2 % tal-ħaddiema bejn 25 u 64 sena); il-proporzjon kien aktar minn wieħed minn tlieta fi Spanja, fil-Portugall, fil-Kroazja u fl-Italja<sup>110</sup>. Sabiex tindirizza l-isfidi tal-COVID-19 u dawk strutturali, f'Lulju 2020 il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. L-inizjattiva l-ġdida ser tespandi l-faxxa ta' età għall-eliġibbiltà għal 29 sena, issaħħaħ l-enfasi fuq gruppi vulnerabbli, tappoġġa l-ħiliet għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u ttejjeb is-servizzi ta' konsulenza, ta' gwida u ta' mentoraġġ.

---

<sup>110</sup> Sors: Eurostat (il-kodiċi tad-data online: LFSA\_ETGAR)

### Illustrazzjoni 34: Ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh żdiedu matul il-kriżi tal-COVID-19, iżda għadhom aktar baxxi milli fl-2014

Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (15-24), tqabbil pluriennali tat-tieni trimestru tal-2014, tal-2019 u tal-2020



Sors: Eurostat, LFS, il-kodiċi tad-data online: [\[une\\_rt\\_q\]](#).


**Ix-xokk tal-COVID-19 reġġa' lura t-titjib tar-rati ta' NEET fl-Istati Membri kollha minbarra tnejn.** Qabel il-kriżi, l-Istati Membri kienu qed jagħmlu progress kostanti fit-tnaqqis tar-rati ta' żgħażaġh ta' bejn il-15 u l-24 sena barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET): bejn it-tieni trimestri tal-2013 u tal-2019, ir-rati ċkienu mir-rekord għoli ta' 13.1 % għal rekord baxx ta' 9.8 %. Il-kriżi qalbet ix-xejra b'mod qawwi: bejn it-tieni trimestri tal-2019 u tal-2020, ir-rati ta' NEET tal-UE-27 żdiedu b'1.8 pp (minn 9.8 % għal 11.6 %), u mbagħad naqsu f'it għal 10.8 % bejn it-tieni u t-tielet trimestru tal-2020. L-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali (Illustrazzjoni 35) juri li r-rati ta' NEET żdiedu sena wara sena fit-tieni trimestru tal-2020 fl-Istati Membri kollha minbarra tlieta (il-Latvja u Malta: -0.8 pp; ir-Rumanija: -0.4 pp). Ħames Stati Membri wrew żieda ferm ogħla mill-medja fir-rati ta' NEET (l-Awstrija, l-Irlanda, Spanja, l-Italja u Franza), għalkemm ir-rati ta' NEET tal-Awstrija baqgħu taħt il-medja tal-UE-27. In-Netherlands, iċ-Ċekja u l-Iżvezja kellhom l-aħjar prestazzjoni f'din il-miżura. Id-diverġenza fir-rati ta' NEET setgħet kienet parzjalment xprunata minn miżuri tas-saħħa pubblika differenti, li setgħu kellhom impatt fuq il-vijabbiltà tas-setturi bl-ogħla konċentrazzjoni ta' ħaddiema żgħażaġh (eż. l-ospitalità u l-bejgħ bl-imnut). B'mod ġenerali, l-effett tal-COVID-19 kien mingħajr preċedent: l-ewwel u t-tieni trimestri tal-2020 irreġistraw l-akbar qabża trimestrali fir-rati ta' NEET minn meta l-Eurostat beda jiġbor id-data fl-2006<sup>111</sup> (minn 10.4 % għal 11.6 %). Minkejja l-irkupru żgħir fit-tielet kwart tal-2020, huwa kruċjali li s-sitwazzjoni tiġi ssorveljata mill-qrib u li jiġu introdotti miżuri mmirati għan-NEETs, bħal dawk proposti fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa ta' Lulju 2020 adottata f'Ottubru.

---

<sup>111</sup> [L-analiżi tal-Eurostat](#) uriet li ż-żgħażaġh (15-24) kellhom probabbiltà akbar mill-medja li jitilfu l-impjiegi fil-bidu tal-kriżi tal-COVID-19 fl-Istati Membri kollha tal-UE li għalihom kien hemm data disponibbli (data nieqsa għall-Ġermanja, l-Estonja, il-Kroazja, Malta).

### Illustrazzjoni 35: Ir-rati ta' NEET żdiedu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u l-livelli joħlqu tħassib f'diversi pajjiżi

Ir-rata ta' NEET (15-24) u t-tibdil bejn it-tieni trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2020 (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali).




Sors: Eurostat. Perijodu: Il-livelli tat-tieni trimestru tal-2020 u t-tibdiliet annwali fir-rigward tat-tieni trimestru tal-2019. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Data nieqsa għall-DE għat-tieni trimestru tal-2020.

**It-tibdiliet fir-rata ta' NEET matul tnaqqis fir-ritmu ekonomiku huma dovuti l-aktar għal żidiet fil-qgħad aktar milli fl-inattività, b'din tal-aħħar li tippreżenta sfida li żammet aktar stabbli maż-żmien.** Sal-kriżi tal-COVID-19, ix-xejra kienet li t-tnaqqis fil-qgħad fost iż-żgħażaġh kien jikkorrispondi għal żieda fis-sehem ta' NEETs inattivi<sup>112</sup> (dawn kienu jirrappreżentaw 46.9 % tal-grupp fl-2013, u 59.4 % fl-2019). Mill-2019, is-sehem ta' NEETs inattivi kien partikolarment għoli fil-Bulgarija (85.4 %), fiċ-Ċekja (75.4 %), fin-Netherlands (74.4 %) u fid-Danimarka (72.7 %). Dan kien partikolarment baxx fi Spanja (43.8 %), fil-Greċja (44.0 %), fil-Portugall (47.5 %) u fil-Lussemburgu (48.2 %). Fost in-NEETs nisa, l-inattività hija aktar frekwenti mill-qgħad, filwaqt li ż-żewġ ishma huma kważi fl-istess livell għall-irġiel. Fuq il-bażi ta' tagħlima meħuda mill-kriżi ekonomika preċedenti, is-sehem ta' NEETs qiegħda x'aktarx li jżidded b'mod pjuttost rapidu. Wara l-irkupru, ir-rati ta' inattività x'aktarx li jerġgħu jsiru l-isfida predominanti relatata mal-NEETs.

**Illustrazzjoni 36: Il-maġġoranza tan-NEETs hija inattiva, iżda b'differenzi sostanzjali minn Stat Membru għall-ieħor**

Profil tan-NEETs (15-24 sena fl-Istati Membri tal-UE fl-2019 (%))



Sors: Eurostat, LFS, il-kodiċi tad-data online: [\[edat\\_lfse\\_20\]](#).

<sup>112</sup> NEETs inattivi mhumiex qed ifittxu impjieg minħabba, pereżempju, il-mard jew id-diżabbiltà tagħhom stess, ir-responsabbiltajiet tagħhom ta' kura ta' tfal jew adulti inabilitati jew responsabbiltajiet personali jew familjari oħra.

**Iż-żgħażaġh bi sfond ta' migrazzjoni huma aktar probabbli li jkunu NEETs.** Ir-rata ta' NEETs taż-żgħażaġh li twieldu barra mill-UE (15-24 sena) kienet ta' 17.1 % fl-2019 meta mqabbla ma' 9.9 % fost dawk nattivi<sup>113</sup>. Id-distakk kien oġhla minn 10 pp f'diversi Stati Membri bħall-Greċja, is-Slovenja, il-Belġju, il-Ġermanja, l-Awstrija, Franza, Malta u Spanja. Barra minn hekk, bħala medja, is-sitwazzjoni kienet aktar negattiva għan-nisa migranti żgħażaġh (rata ta' NEETs ta' 25.9 %, 13.2 pp oġhla minn dik tal-pari nattivi tagħhom). Minbarra l-persuni li twieldu barra l-UE, huwa probabbli li dawk li twieldu fl-UE f'familja ta' migranti jkunu affettwati: fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE, kellhom probabbiltà akbar li jkunu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ minn dawk li kellhom ġenituri li twieldu fl-UE. Id-distakk kien partikolarment kbir (rata oġhla minn 8 pp) fsitt Stati Membri (il-Belġju, iċ-Ċekja, Franza, il-Lussemburgu, in-Netherlands, is-Slovenja)<sup>114</sup>. Iż-żgħażaġh li jikkombinaw sfond ta' migrazzjoni u livell baxx ta' edukazzjoni kienu partikolarment friskju. Ir-rata ta' NEET tar-Rom hija ħafna oġhla minn dik tal-popolazzjoni ġenerali (distakk ta' 52 pp)<sup>115</sup>.

---

<sup>113</sup> Eurostat, [[edat lfse 28](#)]

<sup>114</sup> OECD/UE (2018), *Settling In 2018: Indikaturi tal-integrazzjoni tal-immigranti* (Illustrazzjoni 7.19). Disponibbli fuq: <https://www.oecd.org/publications/indicators-of-immigrant-integration-2018-9789264307216-en.htm>

<sup>115</sup> Anness 2 ta' SWD(2020) 530 final li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar il-qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteciċipazzjoni COM (2020) 621 final, abbażi tal-FRA, EU-MIDIS II 2016; FRA, RTS 2019.

**Ir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età (bejn il-55 u l-64 sena) baqgħet b'saħħitha minkejja tnaqqis ikkawżat mill-kriżi tal-COVID-19.** Is-sehem ta' persuni impjegati f'dan il-grupp ta' età kien ta' 59.2 % fit-tieni trimestru tal-2020, bi tnaqqis żgħir ta' 0.5 % mit-trimestru preċedenti u mhux varjat mill-istess perijodu fl-2019. Madankollu rkupra għal 59.7 % fit-tielet trimestru, oġhla minn sena qabel. Ir-rata qawwija ta' attività fis-suq tax-xogħol<sup>116</sup> ta' persuni ta' bejn il-55 u l-64 sena kienet il-bażi tal-prestazzjoni tal-UE matul dawn l-aħħar snin: bejn it-tieni trimestru tal-2013 u l-2020, ir-rata ta' attività ta' dawk bejn il-55 u l-64 sena żdiedet b' 9.3 pp, meta mqabbla maż-żieda ta' 0.7 pp għall-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena. Madankollu, hemm bżonn li titkompla s-sorveljanza tas-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema akbar fl-età. Fi sħarriġ li sar fl-UE kollha fl-2019<sup>117</sup>, 47 % tar-rispondenti rrapportaw li l-età kienet fattur li jista' jqiegħed lill-applikanti għal impjieg fi żvantaġġ. Dan jista' jwassal għal effett negattiv għall-ħaddiema akbar fl-età li jtilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-kriżi tal-COVID-19, u potenzjalment iwassal ukoll għal irtirar bikri involontarju. Is-sorveljanza hija meħtieġa b'mod partikolari fl-Istati Membri li raw tnaqqis fir-rati ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età bejn l-ewwel u t-tielet kwart tal-2020 (l-akbar erba' każijiet ta' tnaqqis kienu f'Malta 2.4 pp, fl-Irlanda 1.1 pp, fil-Latvja 0.8 pp, fil-Litwanja 0.7 pp). Ir-rati ta' impjieg fost il-persuni akbar fl-età jistgħu jgħinu wkoll sabiex isostnu t-tkabbir fl-impjegi għal ftit snin oħra anke hekk kif il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol qed tonqos. In-nisa akbar fl-età, b'mod partikolari, għad għandhom potenzjal sinifikanti li jżidu l-impjieg tagħhom (ir-rata ta' impjieg tan-nisa ta' bejn il-55 u l-64 sena kienet ta' 53.4 % fit-tielet trimestru tal-2020 meta mqabbla ma' 66.7 % għall-irġiel).

---


<sup>116</sup> Ir-rata ta' attività hija l-kejl tal-parteciżazzjoni tal-popolazzjoni, kemm jekk impjegata kif ukoll jekk qiegħda, fis-suq tax-xogħol.

<sup>117</sup> Sħarriġ tal-Ewrobarometru 2019, Diskriminazzjoni fl-UE.

**Wara snin ta' żieda kostanti, il-kriżi kkawżat tnaqqis fir-rata ta' impjieg tan-nisa, bejn wieħed u ieħor bl-istess pass bħall-irġiel.** Bejn it-tieni trimestri tal-2019 u tal-2020, ir-rata ta' impjieg tan-nisa (ta' bejn l-20 u l-64 sena) naqset b'1.2 pp u kienet tammonta għal 66.3 % fil-livell tal-UE-27 fit-tieni trimestru tal-2020. Minħabba tnaqqis kemxejn akbar fir-rati ta' impjieg tal-irġiel matul il-perijodu (ta' 1.3 pp), l-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg rreġistra titjib żgħir (Illustrazzjoni 37). L-Istati Membri kollha minbarra tnejn esperjenzaw tnaqqis fir-rati ta' impjieg tan-nisa bejn it-tieni trimestri tal-2019 u tal-2020 (l-eċċezzjonijiet kienu l-Kroazja u l-Lussemburgu). B'mod partikolari, ġie rreġistrat tnaqqis ta' 3 pp jew aktar fil-Bulgarija u fi Spanja. Minkejja tnaqqis ta' 2.1 pp, l-Iżvezja għadha l-pajjiż bl-aħjar prestazzjoni b'rata ta' impjieg ta' 77.9 % għan-nisa segwita mill-qrib mil-Litwanja, mill-Ġermanja, min-Netherlands u mil-Latvja, il-koll b'rati ta' impjieg tan-nisa oġhla minn 75 %. L-aktar differenzi baxxi fir-rati ta' impjieg bejn il-ġeneri fit-tieni trimestru tal-2020 kienu jinsabu fil-Litwanja (1.4 pp), fil-Finlandja (3.1 pp), fil-Latvja (3.8 pp) u fl-Iżvezja (5.1 pp). Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru hemm l-Italja (19.9 pp), Malta (19 pp), il-Greċja (19 pp), u r-Rumanija (18.6 pp). Il-pajjiżi kollha msemmija fl-aħħar huma vvalutati bħala "sitwazzjonijiet kritiċi" fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bl-eċċezzjoni tal-Greċja, li hija "dgħajfa iżda qed titjeb" bis-saħħa ta' tnaqqis qawwi ta' 1.5 pp sena wara sena. Mill-Illustrazzjoni 37 jirriżulta li mhix qed isseħħ konverġenza f'dan l-indikatur, hekk kif diversi Stati Membri b'diskrepanzi għoljin – jew qrib il-medja – fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg rreġistraw deterjorament fl-2020. Fit-tielet kwart tal-2020, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg baqgħet stabbli b'11.5 pp.

### Illustrazzjoni 37: Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjigi għadha kbira, b'differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri

Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjigi u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Perijodu: Il-livelli tat-tieni trimestru tal-2020 u t-tidiliet annwali fir-rigward tat-tieni trimestru tal-2019. Nota: L-assi huma ċċentriati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**F'ekwivalenti full-time (FTE), id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kompliet tikber.** Anqas nisa ta' bejn l-20 u l-64 sena fl-UE ħadmu full-time fl-2019 milli rġiel (58.7 % meta mqabbla ma' 76.1 %). Fl-2019, id-differenzi fl-FTE bejn il-ġeneri kienu l-aktar baxxi fil-Litwanja, fil-Finlandja u fil-Latvja, u l-ogħla f'Malta (24.3 pp), fl-Italja (24.2 pp) u fin-Netherlands (24.1 pp). Dawn l-eżiti huma marbuta ma' ishma f'xogħol part-time. Minn dawk impjegati, 29.4 % tan-nisa kienu jaħdmu part-time meta mqabbla ma' 7.8 % tal-irġiel fl-2019, bin-nisa li esperjenzaw rati aktar baxxi ta' xogħol part-time involontarju mill-irġiel (23.5 % vs 33 % rispettivament). Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, is-sehem ta' nisa li jaħdmu part-time tradizzjonalment ikun anqas minn 10 % (il-Bulgarija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Litwanja u l-Polonja). Min-naħa l-oħra, għalkemm naqas bil-mod għar-raba' sena konsekuttiva, baqa' l-ogħla fin-Netherlands (73.4 %). Politiki flessibbli dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-involviment tal-ġenituri u tal-persuni li jindukraw fis-suq tax-xogħol, iżda jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal differenzi akbar fl-impjiegi FTE. Dan huwa partikolarment evidenti fi Stati Membri b'ishma sinifikanti ta' nisa li jaħdmu part-time (eż. in-Netherlands, l-Awstrija u l-Ġermanja), li minnhom in-Netherlands esperjenzaw ukoll differenzi kbar fl-FTE bejn il-ġeneri. Is-sehem żbilanċjat tar-responsabbiltajiet ta' kura mġarrba min-nisa jrawwem preġudizzji fis-suq tax-xogħol li jidhru fid-differenzi bejn il-ġeneri bħall-qgħad, il-pagi u l-pensjonijiet. Fil-fatt, dan juri, pereżempju, li d-differenza bejn il-ġeneri fis-sehem ta' persuni qiegħda hija l-akbar fil-grupp ta' età li fih in-nisa l-aktar li jkollhom tfal 30-44<sup>118</sup>.


**Id-differenzi fl-impjiegi tal-UE-27 huma akbar għan-nisa bit-tfal.** Il-paternità twessa' d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-Istati Membri kollha. Fl-2019, għall-ġenituri (25-49 sena) b'tal-anqas wild wieħed ta' anqas minn sitt snin, ir-rati ta' impjieg żdiedu għall-irġiel fl-Istati Membri kollha (b'9.6 pp fil-livell tal-UE) filwaqt li naqsu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għan-nisa (b'14.3 pp fil-livell tal-UE). L-eċċezzjonijiet huma l-Iżvezja, il-Portugall, is-Slovenja, il-Kroazja u d-Danimarka fejn l-impatt li n-nisa jkollhom tal-anqas wild wieħed ta' anqas minn sitt snin fuq ir-rati ta' impjieg tan-nisa huwa pożittiv jew inkella newtrali. Fiċ-Ċekja, fl-Ungerija u fis-Slovakkja, l-impatt negattiv tal-maternità fuq in-nisa li jkollhom tal-anqas wild wieħed ta' anqas minn sitt snin huwa partikolarment għoli (aktar minn 40 pp) (Illustrazzjoni 38)<sup>119</sup>. Il-livelli tal-edukazzjoni huma importanti biex jispjegaw l-impatt tal-maternità fuq ix-xogħol: ir-rata ta' impjieg ta' nisa b'livell baxx ta' ħilet b'tal-anqas wild wieħed ta' anqas minn sitt snin kienet ta' 36.3 % biss.

<sup>118</sup> Is-sehem ta' persuni qiegħda bħala proporzjon tal-popolazzjoni attiva (dawk li jaħdmu u jfittxu x-xogħol).

<sup>119</sup> Il-kwistjoni ġiet diskussa fid-dettall fil-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe, Annual Review 2019, p. 130. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!tN33hy>

### Illustrazzjoni 38: L-impatti fuq l-impjieg għall-irġiel u għan-nisa b'wild taħt is-sitt snin iwarjaw ħafna; l-impatt huwa pożittiv għall-irġiel fl-Istati Membri kollha

L-impatt tal-paternità fuq l-impjieg għall-irġiel u għan-nisa (20-49 sena) fl-2019



Sors:

Eurostat [lfst\_hheredch]. Nota: l-impatt fuq l-impjieg meta wieħed isir ġenitur huwa d-differenza f'pp fir-rata ta' impjieg għall-ommijiet u għall-missirijiet li jkollhom tal-anqas wild wieħed taħt is-sitt snin.

### Id-differenza persistenti fl-impjieg hi riflessa wkoll fid-differenza sinifikanti bejn il-ġeneri fil-pagi.

Id-differenza mhux aġġustata fil-pagi kienet għadha prattikament l-istess fl-UE-27, 14.1 % fl-2018 bi tnaqqis ta' 0.4 pp mill-2017 'l hawn. Dan imur kontra ż-żieda fid-differenza fil-livell edukattiv miksub favur in-nisa ta' bejn 30 u 34 sena meta mqabbla mal-irġiel (45.6 % vs 35.1 % rispettivament), fl-2019. Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet tenfasizza kif in-nisa għadhom irrappreżentati żżejjed f'setturi u okkupazzjonijiet bi hłas aktar baxx, u jesperjenzaw restrizzjonijiet fl-għażliet professjonali tagħhom marbuta mal-obbligi tal-kura tal-familja. Barra minn hekk, ir-riċerka<sup>120</sup> turi li fatturi bħad-differenzi fl-esperjenza, fil-livell ta' edukazzjoni u fit-tip ta' kuntratt, kienu jirrappreżentaw anqas minn terz tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi. Il-parti tad-differenza li tista' tiġi spjegata kienet dovuta l-aktar għall-attività ekonomika u għall-ħin tax-xogħol.


<sup>120</sup> Leythienne, D., Ronkowski, P., (2018) A decomposition of the unadjusted gender pay gap using Structure of Earnings Survey data, Dokumenti ta' Ħidma Statistiċi, Eurostat. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!pu34qq>

### **Id-differenzi bejn il-pajjiżi fid-differenza mhux aġġustata bejn il-ġeneri fil-pagi huma**

**konsiderevoli; id-differenzi fil-pagi jistgħu jwasslu għal differenzi fil-pensjonijiet.** Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għadha ogħla minn 20 % fl-Estonja, fl-Awstrija, fiċ-Ċekja u fil-Ġermanja, bl-iżgħar valuri (bejn 1 u 4 %) irreġistrati fir-Rumanija, fil-Lussemburgu u fl-Italja. Mill-2014, is-sitwazzjoni tjiebet b'mod konsiderevoli fl-Estonja, fil-Portugall, fil-Greċja u fil-Lussemburgu (b'6.3 pp, 6 pp, 4.6 pp u 4 pp rispettivament), filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi żdiedet b'aktar minn 2 pp fil-Latvja, f'Malta u fis-Slovenja.

### **Illustrazzjoni 39: Għad hemm diskrepanza sinifikanti bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa**

Id-differenza mhux aġġustata bejn il-ġeneri fil-pagi fl-2014 u fl-2018



Sors: Eurostat, il-kodiċi tad-data online: [\[SDG\\_05\\_20\]](#). Nota: id-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi (GPG) mhux aġġustata titkejjel bħala d-differenza bejn il-qligħ gross medju fis-siegħa tal-impjegati bil-paga rġiel u nisa bħala perċentwal mill-qligħ gross medju fis-siegħa tal-impjegati bil-paga rġiel. Id-data tal-2018 hija sostitwita b'data tal-2017 għall-IE. Il-kalkolu għall-EL u għall-IT u għalhekk, għall-UE7, huwa proviżorju.


**L-impjieg tan-nisa huwa affettwat ħafna mill-aċċess għal servizzi ta' edukazzjoni u ta' kura bikrija tat-tfal u għal servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli.** L-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar l-indukrar tat-tfal jistma li l-parteċipazzjoni tat-tfal taħt l-età ta' tliet snin fl-edukazzjoni u fil-kura formali bikrija tat-tfal (ECEC) hija ta' 35.5 % fil-livell tal-UE-27 fl-2019 u, b'hekk, taqbeż il-mira ta' Barcellona ta' 33 % (Illustrazzjoni 40). Madankollu, għad hemm differenzi fost il-pajjiżi bi 15-il Stat Membru li għad iridu jilħquha. Filwaqt li r-rata ta' parteċipazzjoni f'ECEC formali għal tfal taħt l-età ta' tliet snin tilħaq is-60 % u aktar fid-Danimarka, fil-Lussemburgu u fi Spanja, ħames pajjiżi jirrapportaw "kritika" fl-analiżi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali (ir-Rumanija, l-Ungerija, il-Polonja, iċ-Ċekja, il-Kroazja<sup>121</sup>). Ġew irreġistrati rati ta' titjib ferm ogħla mill-medja fin-Netherlands, fi Spanja, f'Malta u fil-Litwanja. In-nuqqas ta' provvista ta' ECEC jew il-provvista insuffiċjenti ta' dawn, inkluż f'termini ta' ħinijiet tal-ftuħ, hija assoċjata mal-impatt negattiv tal-maternità fuq l-impjieg tan-nisa (Illustrazzjoni 38). Filwaqt li anke ftit sigħat fil-ġimgħa mqattgħin f'ECEC għandhom effett ta' benefiċċju fuq it-tfal f'termini tas-soċjalizzazzjoni u tal-livell edukattiv milħuq futur tagħhom, sabiex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi huwa kruċjali li l-indukrar formali tat-tfal jiġi pprovdut għal aktar minn 30 siegħa fil-ġimgħa. Dan jipprevjeni milli ġenitur wieħed, normalment l-omm, ikun imġiegħel jaħdem part-time, b'konsegwenzi negattivi fuq l-avvanz fil-karriera u fuq il-qligħ tul il-ħajja. Anki l-politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bħal arranġamenti tax-xogħol flessibbli jew liv tal-familja, għandhom rwol importanti fit-tnaqqis tal-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'responsabbiltajiet ta' indukrar. Jekk jintużaw b'mod ibbilanċjat min-nisa u mill-irġiel, dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi.

---

<sup>121</sup> Is-Slovakkja turi wkoll rata ta' parteċipazzjoni baxxa ħafna (1.4 %) ibbażata fuq id-data tal-2018 (id-data għall-2019 mhijiex disponibbli fil-mument tal-abbozzar).

## Illustrazzjoni 40: Għad hemm differenzi kbar f'termini ta' parteċipazzjoni fis-servizzi ta' indukrar tat-tfal fost l-Istati Membri

Tfal ta' anqas minn tliet snin fl-indukrar formali tat-tfal u bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Sors: Eurostat, UE-SILC. Perijodu: il-livelli tal-2019 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2018. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Interruzzjonijiet fis-serje għall-BE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Id-diżinċentivi finanzjarji mis-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji għarrqu l-parteciċpazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.** Jekk it-taxxa fuq l-introjtu tiġi imposta fuq l-introjtu tal-unitajiet domestiċi aktar milli fuq l-introjtu individwali, dan jista' jgħid idizinċentiv għall-ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' introjtu (fil-biċċa l-kbira nisa) biex jinvolvu ruħhom f'xogħol imħallas (nassa tal-inattività). Karatteristiċi oħra tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji jistgħu jiskoraġġixxu l-provvista ta' ħaddiema, fosthom it-tnaqqis għall-familji, it-tnaqqis għall-konjuġi dipendenti u t-tnaqqis trasferibbli. Faċilitajiet ta' indukrar għaljin iżidu wkoll in-nases ta' inattività, b'mod partikolari għall-ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' introjtu u għall-familji b'introjtu baxx. Fl-2019, l-akbar nases ta' inattività għall-ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' dħul deħru fi Franza, fil-Ġermanja, fis-Slovenja u fil-Belġju. In-nassa tal-pagi baxxi kienet l-ogħla fil-Belġju, fin-Netherlands, fl-Italja u fil-Ġermanja<sup>122</sup>.

**Minkejja sfidi persistenti, qabel il-kriżi tal-COVID-19, is-sitwazzjoni tal-impjieg ta' persuni li twieldu barra mill-UE kienet tjebet kontinwament matul l-aħħar tliet snin.** Fl-2019, 64.2 % tal-persuni li ma twildux fl-UE u li għandhom età tax-xogħol (20-64 sena) kellhom impjieg, rata kważi 3 pp ogħla minn dik ta' sentejn qabel (2017). Madankollu, din tibqa' 10 pp aktar baxxa mir-rati ta' impjieg fost dawk nattivi (73.9 %). F'xi Stati Membri (l-Iżvezja, il-Belġju, in-Netherlands, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza u l-Ġermanja), id-distakk qabeż 15-il pp fl-2019. Is-sehem akbar ta' persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni fost dawk li twieldu barra mill-UE meta mqabbla ma' dawk nattivi (38.5 % u 19.6 % rispettivament fil-livell tal-UE-27 fost dawk li għandhom bejn 25 u 64 sena) jispjega parzjalment ir-rata ta' impjieg aktar baxxa ta' dawk tal-ewwel. Madankollu, anke individwi li twieldu barra mill-UE b'livell edukattiv milħuq għoli ma jilħqux l-istess livelli ta' impjieg bħal dawk nattivi u, għalhekk, dan għadu nuqqas sinifikanti ta' użu tal-ħiliet u tal-kwalifiki tal-migranti<sup>123</sup>. Is-sitwazzjoni għadha partikolarment sfavorevoli għal nisa li ma twildux fl-UE b'rata ta' impjieg ta' madwar 54.6 % fl-2019, 14 pp taħt il-livell irreġistrat fost in-nisa nattivi<sup>124</sup>. Dan jissuġġerixxi li b'miżuri xierqa ta' integrazzjoni u ta' attivazzjoni, l-UE tista' tibbenefika aħjar mit-talent u mill-potenzjal ta' individwi li ma twildux fl-UE. It-tiġib f'dawn l-aħħar snin huwa dovut b'mod partikolari għal rati ogħla ta' impjieg fost il-"wasliet reċenti" (residenti li twieldu barra mill-UE li ilhom anqas minn ħames snin).

<sup>122</sup> In-nassa ta' inattività għall-ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' introjtu tkejjel ir-rata tat-taxxa effettiva marġinali fuq l-introjtu mix-xogħol mit-tieni membru ta' koppja li tgħaddi mill-assistenza soċjali għax-xogħol. In-nassa tal-pagi baxxi tiġi kkalkolata għal koppja mingħajr tfaġġ fejn il-ħaddiem li jkun it-tieni sors ta' introjtu jżid il-qligħ minn 33 % għal 67 % tal-paga medja u fejn is-sors prinċipali ta' introjtu jkun jaqla' 100 % tal-paga medja (il-Bażi tad-Data dwar it-Taxxi u l-Benefiċċji tal-Kummissjoni Ewropea).

<sup>123</sup> Eurofound (2019) How your birthplace affects your workplace, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu

<sup>124</sup> Din id-differenza bejn il-ġeneri tista' tiġi spjegata parzjalment mir-rati ta' attività ħafna aktar baxxi fost in-nisa mhux imwiġda fl-UE speċjalment fil-Belġju, fil-Kroazja, fi Franza u fl-Italja (b'livelli rreġistrati taħt is-60 %, Eurostat [Ilsa\_argacob]). Ara wkoll JRC (2020) [Gaps in the EU Labour Market Participation Rates: an intersectional assessment of the role of gender and migrant status](#).

**Hemm evidenza li t-tnaqqis imbassar fl-impjieg minħabba l-kriżi tal-COVID-19 ser jaffettwa lill-migranti mhux tal-UE b'mod aktar qawwi min-nattivi<sup>125</sup>.** Id-data tindika impatt aktar qawwi tal-lockdown u tar-reċessjoni xprunati mill-COVID fuq ir-rata ta' impjieg tal-migranti mhux tal-UE ta' 20-64 sena (tnaqqis minn 64.4 għal 60.9 % bejn it-tieni trimestri tal-2019 u l-2020) milli fuq in-nattivi<sup>126</sup>. B'riżultat ta' dan, bejn it-tieni trimestru tal-2019 u l-2020, id-distakk medju madwar l-UE żdied b'aktar minn żewġ pp u b'madwar 4 pp jew aktar f'pajjiżi bħal Spanja, il-Polonja u l-Awstrija<sup>127</sup>. Dan huwa dovut għal sehem akbar ta' ħaddiema temporanji fost il-migranti, żamma iqsar ta' impjieg, ishma aktar baxxi ta' ħaddiema impjegati f'impjieg li jistgħu jsiru b'arranġamenti ta' telexoġhol u/jew f'setturi pubbliċi kif ukoll ishma oġhla f'setturi li x'aktarx jiġu affettwati b'mod aktar qawwi mir-reċessjoni (attivitajiet ta' servizzi ta' akkomodazzjoni u tal-ikel, turiżmu, settur tas-servizzi, kostruzzjoni eċċ).

**Ir-rati baxxi ta' impjieg u ta' attività ta' persuni b'diżabbiltà jindikaw potenzjal ta' talent mhux sfruttat.** Fl-UE-27 fl-2018, ir-rata ta' impjieg ta' persuni b'diżabbiltà kienet ta' 50.8 % meta mqabbla ma' 75 % għal dawk mingħajr<sup>128</sup>. Id-diskrepanza fl-impjieg tvarja b'mod sostanzjali bejn l-Istati Membri<sup>129</sup>, minn 15.2 pp fl-Italja għal 40.3 pp fl-Irlanda. Minkejja żieda żgħira, 62.4 % biss tal-persuni b'diżabbiltà fl-UE-27 kienu ekonomikament attivi, meta mqabbla ma' 82.2 % ta' dawk mingħajr diżabbiltà, li jissuġġerixxi bidla żgħira fl-ostakli sinifikanti li jaffaċċjaw persuni b'diżabbiltà biex jidħlu fis-suq tax-xoġhol. Ir-rata ta' impjieg ta' nisa b'diżabbiltà (47.8 %) baqgħet aktar baxxa minn dik ta' rgjel b'diżabbiltà (54.3 %). Fl-2019, kien aktar probabbli li persuni b'diżabbiltà jaffaċċjaw riskji ta' faqar fost dawk li jaħdmu minn dawk mingħajr (10.5 % meta mqabbla ma' 8.9 % bħala medja fl-UE)<sup>130</sup>.

---

<sup>125</sup> Ara d-dokument tal-OECD *What is the impact of the Covid 19 pandemic on immigrants and their children*, <http://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/what-is-the-impact-of-the-covid-19-pandemic-on-immigrants-and-their-children-e7cbb7de/>

<sup>126</sup> Eurostat, [[edat lfse 28](#)]

<sup>127</sup> B'riflessjoni tan-natura staġjonali tax-xoġhol tal-migranti, ir-rwoli differenti tagħhom fl-ekonomiji nazzjonali, u t-tweġibiet differenti tal-pajjiżi għall-COVID-19, iċ-ċifri nbidlu b'mod sinifikanti fit-tielet kwart tal-2020. Pereżempju, il-Polonja rreġistrat qabża ta' 10.9 pp fir-rati ta' impjieg ta' migranti mhux mill-UE f'dak il-perijodu.

<sup>128</sup> Id-data ġejja mill-EU-SILC tal-2018 analizzata min-*Network Akkademiku Ewropew ta' Esperti dwar id-Diżabbiltà (ANED)*.

<sup>129</sup> Il-prevalenza tad-diżabbiltà tvarja wkoll konsiderevolment fost l-Istati Membri. Hi komparattivament baxxa fil-każ ta' Malta bi 12 %, l-Irlanda bi 15.9 %, il-Bulgarija b'16.8 %, li kollha jippreżentaw diskrepanza fl-impjieg oġhla mill-medja, meta mqabbla mal-medja tal-UE-27 (24.7 %) fl-2018 (grupp ta' età ta' bejn 16 u 64 sena).

<sup>130</sup> UE-SILC (2019) Ir-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu [hlth\_dpe050]

### 3.2.2 Miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri

**Appoġġ immirat lejn gruppi vulnerabbli huwa fundamentali sabiex jitnaqqsu t-tluq bikri mill-iskola u l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni kif ukoll sabiex tiġi promossa l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni ġenerali.** Ħafna Stati Membri qed jikkunsidraw dawn l-aspetti fit-tfassil tal-politika tagħhom. Fl-Irlanda, in-National Council for Special Education (NCSE) nieda l-*School Inclusion Model* għall-appoġġ tal-edukazzjoni inklużiva f'kuntasti tal-iskola primarja u sekondarja ġenerali, u għall-bini tal-kapaċità tal-iskejjel sabiex jinkludu studenti bi ħtiġijiet addizzjonali. Il-Latvja għamlet passi sinifikanti lejn l-edukazzjoni inklużiva billi l-leġiżlat liema huma l-programmi edukattivi speċjali li jridu jiġu implimentati biss b'mod inklużiv fl-iskejjel ġenerali minn Settembru 2020. Il-firxa ta' miżuri ta' appoġġ li għandhom jiġu pprovduti fil-proċess edukattiv ġiet estiża f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull tifel jew tifla. Fil-Polonja, il-gvern nieda skema sabiex jappoġġa x-xiri ta' kotba tal-iskola u ta' materjal edukattiv/ta' taħriġ għal studenti b'diżabbiltà, li hija attiva sal-2023. L-awtoritajiet tal-iskejjel fl-Iżvezja kienu qed jaħdmu fuq miri u fuq indikaturi nazzjonali għas-sorveljanza tal-attivitajiet tal-iskejjel sabiex itejbu l-ekwità u jifhmu aħjar il-fatturi ta' suċċess tal-iskejjel, li mbaġħad ser jintużaw kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak nazzjonali bħala bażi għall-allokazzjoni tal-finanzjament.

**Il-kriżi tal-COVID-19 żvelat disparitajiet fil-prontezza diġitali tal-iskejjel u ta' segmenti differenti tas-soċjetà, li jirriskjaw li jwessgħu l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni marbuta mal-iżvantaġġ soċjoekonomiku.** Fl-Istati Membri, madwar 58 miljun tifel u tifla ngħaddew għal apprendiment mill-bogħod, u dan ipoġġi lit-tfal vulnerabbli fi żvantaġġ ċar. L-Istati Membri ħadu azzjonijiet differenti sabiex itaffu l-impatt tal-għeluq tal-iskejjel. Pajjiżi bħall-Bulgarija, Ċipru, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Belġju, ir-Rumanija u Spanja pprovdew lill-istudenti żvantaġġati bit-tagħmir meħtieġ għall-apprendiment mill-bogħod (kompjuters/tablets, aċċess għall-internet, sim cards, eċċ.), għalkemm b'mod differenti. L-Istati Membri qassmu tagħmir tal-IT lil studenti vulnerabbli (il-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Litwanja, Malta, il-Polonja), inċentivaw donazzjonijiet privati ta' kompjuters (il-Belġju, l-Estonja, il-Greċja, Spanja) jew għamlu l-klassijiet disponibbli sabiex l-istudenti serrħu rashom li setgħu jagħmlu x-xogħol tad-dar jew jattendu għall-konferenzi viżwali tagħhom (il-Lussemburgu). Barra minn hekk, għaxar Stati Membri (il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Litwanja, Malta, il-Portugall, is-Slovakkja u Spanja) komplew, f'xi forma jew oħra, jipprovdu ikliet bla ħlas għal studenti żvantaġġati. F'xi Stati Membri (eż. Franza, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Portugall) muniċipalitajiet jew skejjel individwali kienu responsabbli sabiex jindirizzaw l-isfida. Ġeneralment, dawk il-miżuri ta' emerġenza ma ssodisfawx id-domanda (eż. fl-Ungerija 20 % tal-istudenti ma kellhomx aċċess jew kellhom aċċess limitat għall-edukazzjoni diġitali li xekklet is-sehem tagħhom fit-tagħlim mill-bogħod).

**L-Istati Membri adottaw strateġiji differenti sabiex jiżguraw l-aċċess għall-apprendiment taħt lockdown.** Il-Greċja għaddiet leġiżlazzjoni ta' emerġenza li tippermetti lill-muniċipalitajiet jużaw dak li ġemmgħu mill-ispejjeż operatorji matul l-għeluq tal-iskejjel għall-akkwist ta' tagħmir tal-ICT u s-self tiegħu lill-istudenti fil-bżonn. Barra minn hekk, fil-Greċja, bl-appoġġ ta' kumpanniji privati, aktar minn 17 000 tablet u laptop ġew mislufa lil studenti (l-aktar minn gruppi żvantaġġati) u lil għalliema għall-apprendiment mill-bogħod. Bl-istess mod, fl-Irlanda, f'April 2020 tħabbar fond speċjali ta' EUR 10 miljun għax-xiri ta' teknoloġija u ta' apparati għal studenti żvantaġġati fil-livell primarju u postprimarju, b'mod partikolari għall-inizjattiva "Inġibu l-Ugwaljanza fl-Opportunitajiet fl-Iskejjel" (DEIS). Fl-Italja, EUR 85 miljun ġew allokati sabiex jappoġġaw l-apprendiment mill-bogħod, inkluż l-akkwist ta' apparati diġitali. In-Netherlands introduċew appoġġ ta' madwar EUR 244 miljun immirat lejn il-prevenzjoni tal-iżvantaġġ edukattiv u d-dewmien fl-apprendiment. Ir-Rumanija approvat Programm Nazzjonali "*Skola Domestika*" u allokati finanzjament mill-Fond ta' Riżerva Baġitarja għad-dispożizzjoni tal-gvern. Fil-Polonja, il-gvern alloka madwar EUR 81 miljun għall-gvernijiet lokali għax-xiri ta' tagħmir tal-ICT għal studenti żvantaġġati u għall-iskejjel u għall-għalliema taħt il-Programm Operazzjonali tal-FEŻR "*Polonja Diġitali*". Fis-Slovakkja, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, nieda sit web li jappoġġa l-apprendiment online. Is-settur tal-IT appoġġa l-iskejjel u l-għalliema b'software u b'soluzzjonijiet diġitali mingħajr ħlas. Numru ta' Stati Membri organizzaw ukoll korsijiet lingwistiċi nazzjonali matul is-sajf għal tfal żvantaġġati sabiex jillimitaw l-impatt fuq il-proċess tal-apprendiment tal-lingwi. Pereżempju, l-Awstrija bdiet programm skolastiku tas-sajf għal ġimagħtejn li għen lil madwar 24 000 student vulnerabbli jirkupraw il-ħiliet lingwistiċi qabel ma l-iskejjel jinfetħu mill-ġdid f'Settembru. Bl-istess mod, fil-Bulgarija, l-istudenti li ma setgħux jieħdu sehem fl-apprendiment mill-bogħod ġew inklużi fi klassijiet ta' rimedju, permezz tal-proġett "*Appoġġ għas-Suċċess*", ikkofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew. Fis-Slovakkja, il-Ministeru alloka EUR 500 000 għall-organizzazzjoni ta' skejjel tas-sajf sabiex jikkumpensa għall-għeluq temporanju tal-iskejjel. Fi Franza, ġie stabbilit programm ta' "*Btajjel ta' Tagħlim*" maħsub għal miljun tifel u tifla ta'bejn is-sitt snin u s-16-il sena s-sajf li għadda (EUR 200 miljun).

**L-iżgurar li kull student jilħaq ċertu livell ta' profiċjenza fil-ħiliet bażiċi bħall-qari, il-matematika u x-xjenza, kif ukoll il-kompetenzi diġitali, sar prijorità ewlenija għall-UE.** Is-Slovenja adottat *Strateġija nazzjonali għall-iżvilupp tal-Litteriżmu fil-Qari sal-2030*, li tistabbilixxi miri għal gruppi ta' età u għal gruppi fil-mira differenti (90 % ta' dawk li għandhom 15-il sena b'tal-anqas ħiliet bażiċi fil-PISA u 10 % fl-ogħla livelli sal-2030). F'Jannar 2020, l-awtoritajiet nazzjonali Taljani ppreżentaw pjan ta' azzjoni sabiex inaqqsu d-diviżjonijiet reġjonali fil-kisba tal-kompetenzi (*Piano di intervento per la riduzione dei divari territoriali in istruzione*). Dan ser jidentifika skejjel "f'diffikultà" f'ħames reġjuni tan-Nofsinhar (Campania, Calabria, Sqallija, Sardinja u Apulia), u johlq task force f'kull reġjun sabiex tipproponi interventi mmirati, inizjalment għall-aħħar sena tal-iskola sekondarja tal-ewwel livell (grad 8). Fil-Litwanja, ser jiġi ppilotat kurrikulu ġdid ibbażat fuq il-kompetenzi fl-2021 u ser jiġi implimentat mill-2022, akkumpanjat minn Prattiki Ġodda ta' Evalwazzjoni Formattiva. Hija għandha l-għan li tintroduċi pedagoġiji ġodda sabiex tindirizza aħjar il-ħtiġijiet ta' apprendiment tal-istudenti u ttejjeb il-kompetenzi diġitali diġà fil-livell primarju. Malta implimentat inizjattiva nazzjonali ġdida fl-iskola sekondarja inferjuri, "Il-Vjaġġ Tiegħi: Nasal minn Toroq Differenti", bl-għan li jinbena kurrikulu aktar inklużiv u orjentat lejn l-ugwaljanza. F'Ġunju 2020, il-Greċja adottat leġiżlazzjoni skolastika ġdida li tipprevedi reviżjonijiet tal-kurrikuli u tal-kotba testwali fil-livelli kollha (inkluż l-ECEC) sabiex titbiegħed minn enfasi qawwija fuq il-kontenut lejn l-iżvilupp tal-ħiliet madwar erba' pilastru tematiċi: ambjent, benesseri, kreattività u edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza. Issaħħaħ ukoll l-edukazzjoni diġitali u tintroduċi l-apprendiment tal-lingwi barranin (l-Ingliż) diġà sa mill-edukazzjoni preprimarja. Fil-Lussemburgu, l-ikkowdjar ser ikun inkorporat fil-klassijiet tal-matematika fiċ-ċiklu 4 (eta' ta' bejn għaxar snin u 11-il sena) mill-2020-21, u fis-suġġetti kollha fiċ-ċikli 1 sa 3 (eta' ta' bejn erba' u disa' snin) mill-2021-22. L-għalliema ser jirċievu taħriġ u appoġġ minn għalliema speċjalizzati sabiex jiġu rreklutati fl-2020. Fl-edukazzjoni sekondarja, ix-xjenza tal-kompjuters ser tidher bħala suġġett ġdid fl-2021-22, inkluż l-ikkowdjar u l-ħsieb komputazzjonali.

**L-appoġġ lill-ġhalliema u lill-ħarrieġa fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u tal-kompetenzi pedagoġiċi tagħhom, kif ukoll fl-indirizzar tad-distakk diġitali, huma passi fundamentali lejn**

**edukazzjoni diġitali li tibbenefika lil kulħadd.** Ħafna Stati Membri diġà introduċew miżuri ta' politika effettivi f'dan ir-rigward. Franza ħabbret fl-2019 li l-ITC ser jiġu mgħallma fl-iskola postsekondarja b'ħala dixxiplina b'ġhalliema dedikati sabiex jiġi żgurat li l-istudenti kollha jkunu diġitalment litterati u jżied in-numru ta' studenti tal-ICT (speċjalment bniet) fl-edukazzjoni għolja. L-Awstrija ħabbret *Pjan ta' Tmien Punti għat-tagħlim diġitali*, li għandu l-għan li mill-2020-21 jintroduċi portal uniku għall-applikazzjonijiet u għall-komunikazzjoni bejn l-istudenti, l-ġhalliema u l-ġenituri ("*Digital Schule*"), iħejji lill-ġhalliema kollha għall-apprendiment imħallat u mill-bogħod permezz ta' żvilupp professjonali kontinwu intensifikat, jipprovdi aċċess għal apprendiment armonizzat u għal materjal tal-apprendiment u tat-tagħlim, u jtejjeb l-infrastruttura tal-IT sabiex l-istudenti kollha jkollhom aċċess għall-apparati. Fil-Polonja, "*Lezzjoni: Idħol*" huwa l-akbar proġett nazzjonali tal-edukazzjoni diġitali għall-ġhalliema u għall-iskejjel, appoġġat mill-Programm Operazzjonali tal-FEŻR "*Polonja Diġitali*". L-għan ewlieni tiegħu huwa li jħarreġ u jħeġġeġ lill-ġhalliema jużaw aktar ta' spiss il-kontenut u l-għodod diġitali. Madwar 15 % tal-forza tax-xogħol tat-tagħlim (jiġifieri 75 000 għalliem) għandhom jitħarrġu bejn l-2019 u l-2023. Fil-Kroazja, fl-iskejjel primarji, l-istudenti kollha fil-ħames u s-seba' grad irċievew tablets, u l-iskejjel irċievew ukoll tablet 1 għal kull erba' studenti għal xogħol fil-klassi fi gradi aktar baxxi. Fl-iskejjel sekondarji, it-tablets tqassmu lil studenti żvantaġġati. L-iskejjel irċievew ukoll tagħmir għall-klassijiet (smart boards, proġetturi, tagħmir tal-laboratorju) u laptops għall-ġhalliema mill-*proġett Skejjel elettroniċi*.

**It-twessigħ tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni terzjarja b'apprendiment aktar inklużiv u flessibbli, u l-attrezzar tal-istudenti b'ħiliet u b'kompetenzi rilevanti għas-suq tax-xogħol għadhom prijoritajiet.** Fil-Finlandja, aktar minn 10 000 post addizzjonali ser jiġu allokat lill-universitajiet u universitajiet tax-xjenzi applikati matul il-perijodu 2020-22 sabiex jgħollu l-livell tal-edukazzjoni u jwieġbu għan-nuqqas ta' ħaddiema esperti f'oqsma u f'reġjuni differenti. Mis-sena akkademika 2020-21, il-Bulgarija eliminat it-tariffi tal-universitajiet għal parteċipanti ġodda fi tmien oqsma ta' studju professjonali fl-oqsma tax-xjenzi pedagoġiċi u naturali u fi tmien speċjalitajiet protetti. Skont leġiżlazzjoni li għaddiet f'Jannar 2020, fil-Greċja l-finanzjament tal-universitajiet ser ikun parzjalment ibbażat fuq il-kriterji tal-prestazzjoni (20 %), inklużi l-internazzjonalizzazzjoni, l-assorbiment tal-gradwati fis-suq tax-xogħol u l-proporzjon ta' parteċipanti ġodda meta mqabbla mal-gradwati. Fil-Polonja, il-formula tal-istudji dottoralni nbidlet b'riżultat tar-riforma tal-edukazzjoni għolja u x-xjenza adottata fl-2018 (il-Liġi 2.0): issa jistgħu jsiru biss fuq bażi full-time fl-iskejjel tad-dottorat u l-istudenti kollha tal-PhD jirċievu boroż ta' studju. Barra minn hekk, l-istudenti tad-dottorat jistgħu japplikaw għall-Programm ta' Dottorat Industrijali li joffri opportunità biex tinkiseb esperjenza fis-sistema doppja ta' studji f'kooperazzjoni mal-intraprenditur. Fl-aħħar nett, l-Irlanda nediet l-*Action Plan for increasing Traveller Participation in Higher Education* bl-għan li tippromwovi l-aċċess għall-edukazzjoni għolja għal studenti marġinalizzati.

**L-Istati Membri adottaw miżuri sabiex itejbu l-parteċipazzjoni u l-livell edukattiv milħuq ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' tfal bi sfond ta' migrazzjoni u ta' studenti żvantaġġati oħra.** Il-Ministeru Slovakk tal-Edukazzjoni, tax-Xjenza, tar-Riċerka u tal-Isport alloka EUR 48 000 għal proġetti li jappoġġaw studenti bi sfond ta' minoranzi. Is-Slovenja żiedet in-numru ta' siġhat ta' lezzjonijiet tal-lingwa Slovena disponibbli għall-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni fl-ewwel sena tad-dħul fis-sistema edukattiva, minn 35 għal minimu ta' 120 siegħa għal kull student. Fl-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, l-Iżvezja kompliet tistituzzjonalizza d-dritt tal-istudenti kollha li jkollhom mentor. Iċ-Ċekja żviluppat il-programm "Appoġġ għall-Barranin fl-Edukazzjoni fl-Iskejjel" għall-2020, sussidju maħsub sabiex jadatta t-tagħlim taċ-Ċek għall-ħtiġijiet tat-tfal barranin u jaġġusta l-kundizzjonijiet għall-edukazzjoni tagħhom. Fi ħdan il-*"Patt ta' Eċċellenza fl-Edukazzjoni"* Belġjan, li jestendi sal-2030, bosta skejjel adottaw approċċi ġodda għall-apprendiment tal-lingwa Franċiża għal studenti li jkunu għadhom kif waslu u għal dawk vulnerabbli. Malta waqqfet programmi ta' induzzjoni għal tfal li għadhom kif waslu li ma jafux jitekellmu bil-Malti jew bl-Ingliż, bl-iskejjel pubbliċi meħtieġa jimplimentaw il-qafas inklużiv tal-2019. Numru ta' Stati Membri kellhom l-għan speċifiku li jżidu l-parteċipazzjoni tat-tfal minn ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal. Pereżempju, il-Bulgarija u Franza naqqsu l-età tal-iskola obbligatorja għal erba' snin u għal tliet snin rispettivament, bl-għan li jkun hemm integrazzjoni aħjar tat-tfal minn familji vulnerabbli. Il-Greċja qed testendi gradwalment l-attendenza obbligatorja ta' qabel l-iskola għal dawk li għandhom erba' snin (għas-sena skolastika li jmiss 2020-21 ser jiġu inklużi l-40 muniċipalità li jifdal).

**Xi Stati Membri żiedu r-riżorsi finanzjarji sabiex jappoġġaw l-edukazzjoni, li tista' tkun ta' benefiċċju wkoll għal tfal bi sfond ta' migrazzjoni.** Fi Franza, it-tisħiħ tal-edukazzjoni preprimarja u dik primarja u l-indirizzar tal-inugwaljanzi huma prijoritajiet baġitarji fl-2020, b'żieda fil-baġit ta' EUR 991 miljun għall-edukazzjoni obbligatorja. Fl-Irlanda, komplew l-isforzi sabiex jittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni għolja għal gruppi vulnerabbli u ġew iddedikati EUR 27 miljun sabiex jappoġġaw 30 000 student tal-edukazzjoni għolja minn dawn il-gruppi. L-Iżvezja poġġiet EUR 460 miljun fl-2020 fil-għotja għall-ugwaljanza lill-organizzaturi tal-iskejjel għal miżuri biex jiżdiedu l-ekwità u l-kwalità. L-allokkazzjoni tal-fondi ssegwi indiċi soċjoekonomiku. Barra minn hekk, f'Lulju 2019 l-Iżvezja introduċiet garanzija ġdida li tintervjeni aktar kmieni fil-vjaġġ edukattiv tal-istudent, li tippermettilhom jirċievu appoġġ bikri fl-iskola tagħhom. Id-Danimarka investiet u warrbet DKK 1.8 biljun (EUR 238 miljun) għal aktar persunal pedagoġiku f'żoni bi tfal minn ambjenti vulnerabbli u għat-titjib tal-ħiliet rispettivi tal-persunal pedagoġiku f'faċilitajiet tat-tfulija bikrija u tal-kura fis-snin 2018-2023. F'Diċembru 2019, l-Italja żiedet il-vawċer annwali għall-attendenza tal-preprimarja, l-hekk imsejjaħ *Bonus Nido*, b'EUR 1 500 addizzjonali għall-familji b'introjtu aktar baxx.

**L-infurzar effettiv tal-bidliet leġiżlattivi għall-inklużjoni tar-Rom fl-edukazzjoni ġenerali għadu importanti.** Diversi Stati Membri riċentement introduċew riformi li jnaqqsu l-età obbligatorja tal-edukazzjoni preprimarja li tista' tkun ta' benefiċċju għall-istudenti żvantaġġati. Għalkemm azzjoni affermattiva<sup>131</sup> għenet sabiex ittejjeb il-parteciġazzjoni tar-Rom fl-edukazzjoni, huwa importanti li jiġi evitat li jiġu ddedikati postijiet speċifiċi għar-Rom li, fi kwalunkwe każ, ikunu jikkwalifikaw għal ammissjoni regolari. Miżuri attivi għall-ġlieda kontra s-segregazzjoni fl-iskejjel u fil-klassijiet jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn appoġġ finanzjarju u professjonali addizzjonali sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni tat-tfal Rom fl-iskejjel ġenerali. Il-Bulgarija dan l-aħħar baxxiet l-età obbligatorja tal-preprimarja għal erba' snin. Miżuri attwalment fis-seħħ li huma ta' benefiċċju għall-istudenti Rom jinkludu medjaturi edukattivi, boroż ta' studju, attivitajiet ekstrakurrikulari, korsijiet addizzjonali tal-Bulgaru u trasport b'xejn f'xi lokalitajiet. Sa mill-2018, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza tal-Bulgarija beda jalloka finanzjament addizzjonali għall-iskejjel<sup>132</sup> li jaħdmu ma' tfal vulnerabbli u/jew f'żoni rurali.

---

<sup>131</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea (2020): dokument analitiku li jakkumpanja l-qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteciġazzjoni

<sup>132</sup> Il-finanzjament addizzjonali huwa allokat għal studenti ta' lawrja primarja u sekondarja tal-ewwel livell.

Ir-regoli differenti, l-awtonomija, u d-daqs tad-distretti tal-iskejjel jillimitaw l-impatt potenzjali tal-miżuri fuq it-tneħħija tas-segregazzjoni effettiva fl-edukazzjoni fl-Ungerija<sup>133</sup>. Wara l-emenda tal-2017 tal-*Atti tal-Ungerija għat-Trattament Ugwali u l-Atti għall-Edukazzjoni Pubblika*, sa mill-2018 ġew stabbiliti uffiċjali kontra s-segregazzjoni u gruppi ta' ħidma f'distretti edukattivi. Madankollu, għad hemm differenzi fil-kompożizzjoni tal-istudenti bejn l-iskejjel tal-gvern u tal-knisja. Barra minn hekk, il-modifika ta' Lulju 2020 tal-*Atti għall-Edukazzjoni Pubblika* tirriskja li tnaqqas l-effetti dissważivi tas-sanzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni fl-edukazzjoni. Għalkemm ġew implimentati diversi programmi u miżuri sabiex titjeb is-sistema edukattiva fir-Rumanija, l-istudenti Rom għadhom jaffaċċjaw diversi sfidi, b'differenzi sinifikanti bejn iż-żoni rurali u dawk urbani. Fl-2016, il-Ministeru għall-Edukazzjoni Nazzjonali ħareġ Ordni Qafas ġdida li tipprojbixxi s-segregazzjoni fl-iskejjel ta' qabel l-università iżda fl-2020 l-implimentazzjoni tagħha għadha pendent. Madankollu, il-metodoloġija għas-sorveljanza tas-segregazzjoni fl-iskejjel fl-edukazzjoni sekondarja ġiet approvata biss fil-bidu tal-2020 permezz ta' ordni ministerjali. Il-metodoloġija ta' sorveljanza ser titmexxa fl-ewwel fażi f'numru limitat ta' skejjel primarji u sekondarji fi tliet kontej. Fis-Slovakkja, fejn sehem sproporzjonat ta' tfal Rom għadu jitqiegħed fi skejjel speċjali jew fi klassijiet għal tfal b'diżabilitajiet mentali, il-*Pjan ta' Azzjoni rivedut għall-integrazzjoni tar-Rom* qed jiġi implimentat iżda r-riżultati għadhom ma bdewx jidhru. Barra minn hekk, is-Slovakkja adottat Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni fuq għaxar snin li jenħtieġ li jindirizza wkoll l-aspetti tal-inklużività u tal-kwalità tal-edukazzjoni<sup>134</sup>, anke għat-tfal Rom. L-introduzzjoni ta' edukazzjoni preprimarja obligatorja mill-età ta' ħames snin mill-2021 'il quddiem, akkumpanjata minn abolizzjoni tal-grad zero li għaliha jattendu l-iktar it-tfal Rom, jista' jkollha xi impatt pożittiv f'dan ir-rigward, iżda għad hemm nuqqas ta' miżuri attivi ta' desegregazzjoni.

---

<sup>133</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020). Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020: Ungerija. <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/63aabc75-2496-11eb-9d7e-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-171316678>

<sup>134</sup> Minkejja titjib parzjali fl-ugwaljanza tar-Rom fl-edukazzjoni, l-aktar minħabba l-investimenti tal-FSE/FEŻR fl-edukazzjoni inklużiva kif irrappurtat mill-partijiet ikkonċernati, il-progress kien limitat. Il-Kummissjoni Ewropea għalhekk ħarġet opinjoni motivata fl-2019 fil-kuntest tal-proċedimenti ta' ksur li għaddejjin kontra s-Slovakkja.

**Id-daqs tal-isfida kurrenti fil-ħiliet jitlob bidla fundamentali fil-politiki dwar il-ħiliet sabiex jiġu żgurati rkupru u tkabbir inklużivi u sostenibbli fil-futur.** L-istrateġiji nazzjonali dwar il-ħiliet ibbażati fuq previżjonijiet effettivi tal-ħiliet jeħtieġ li jiġu integrati sabiex jgħinu fl-implimentazzjoni ta' approċċ olistiku ta' gvern sħiħ għall-iżvilupp tal-ħiliet. Sal-lum, għaxar Stati Membri kienu involuti fit-tħejjija ta' strateġija nazzjonali dwar il-ħiliet bl-għajnuna teknika tal-OECD<sup>135</sup>. Il-Litwanja dan l-aħħar bdiet tħejji Strateġija dwar il-Ħiliet. Il-Portugall, is-Slovenja u l-Latvja mxew mill-fażi dijanjostika għall-fażi ta' azzjoni, b'enfasi fuq it-titjib tal-ħiliet tal-adulti<sup>136</sup>. Il-Ġermanja adottat l-istrateġija nazzjonali tagħha dwar il-ħiliet fl-2019<sup>137</sup>. Minbarra l-programmi ta' titjib tal-ħiliet fl-ICT, inkluż għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet li qed ifittxu impjieg<sup>138</sup>, il-Latvja qed tieħu passi biex ittejjeb il-ħiliet diġitali tal-forza tax-xogħol tagħha, inkluż permezz tal-Linji Gwida li daqt joħorġu dwar it-Trasformazzjoni Diġitali bbażati fuq r-riżultati tal-eżami mill-OECD tat-trasformazzjoni diġitali, "Going Digital"<sup>139</sup>. L-Aġenda Ewropea tal-Ħiliet tal-2020 tipproponi Patt għall-Ħiliet (Azzjoni 1) sabiex jiġi mobilizzat u iċċentrat l-investiment fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid u jingħata appoġġ lill-Istati Membri kollha għall-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali komprensivi dwar il-ħiliet (Azzjoni 3), fost l-oħrajn billi tissaħħaħ l-informazzjoni dwar il-ħiliet (Azzjoni 2). Skont il-prijoritajiet nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jiffokaw b'mod partikolari fuq sfidi bħat-tneħħija ta' diskrepanzi partikolari fil-ħiliet, il-promozzjoni tal-apprendiment tul il-ħajja, jew it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki mfassla speċifikament għall-ħtiġijiet ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-2016 tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet.

---

<sup>135</sup> Spanja, il-Portugall, l-Italja, is-Slovenja, ir-Repubblika Slovakkja, il-Belġju (ir-reġjun Fjamming), il-Latvja u l-Polonja b'appoġġ finanzjarju mill-UE, kif ukoll l-Awstrija u n-Netherlands mingħajr appoġġ mill-UE.

<sup>136</sup> Ara l-paġna tal-OECD dwar l-istrateġiji tal-ħiliet nazzjonali fuq <http://www.oecd.org/skills/buildingeffectiveskillsstrategiesatnationalandlocallevels.htm>

<sup>137</sup> Ara l-paġna speċifika fuq is-sit web tal-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali.

<sup>138</sup> OECD (2019), Evaluating Latvia's Active Labour Market Policies, Connecting People with Jobs, OECD Publishing, Paris, <https://doi.org/10.1787/6037200a-en>.

<sup>139</sup> OECD (2021). <https://www.oecd.org/latvia/going-digital-in-latvia-8eec1828-en.htm>

**It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jipprovdu sfidi iżda wkoll opportunitajiet li l-Ewropa jeħtieġ li tkun lesta li taħtaf.** Biex dan jinkiseb, hemm bżonn ta' żvilupp tal-ħiliet xierqa fil-livelli kollha: kulħadd jeħtieġ livell bażiku ta' kapaċità sabiex iwettaq attivitajiet ta' kuljum b'mod ambjentalment sostenibbli u sabiex jgħix u jaħdem f'soċjetà dejjem aktar diġitali. Fl-istess ħin, il-kumpanniji u l-istituzzjonijiet jeħtieġu nies bil-ħiliet it-tajba sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Ħafna azzjonijiet tal-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet, mill-Patt għall-Ħiliet sa informazzjoni aħjar dwar il-ħiliet u l-iżvilupp ta' standards għall-mikrokredenzjali, ser jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ħiliet għat-tranżizzjoni doppja. Sabiex tindirizza n-nuqqas ta' ċarezza tat-terminu "ħiliet ekoloġiċi", l-Aġenda għall-Ħiliet tipprevedi l-produzzjoni ta' tassonomija maqbula tal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika, u li tiddefinixxi sett ta' ħiliet ewlenin rilevanti għas-suq tax-xogħol. Flimkien mal-azzjonijiet relatati maż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, l-għan huwa li jiġu żviluppatti sett ta' indikaturi u qafas ta' kompetenza Ewropew dwar l-edukazzjoni għat-tibdil fil-klima u għall-iżvilupp sostenibbli. Hemm fehim aktar ċar tal-ħiliet diġitali u tal-ħtiġijiet relatati tas-suq tax-xogħol. Minbarra l-ħtieġa urġenti li jiżdied il-grupp ta' talenti ta' speċjalisti tal-ICT u jissaħħaħ ir-rikonossiment tal-professjoni tal-ICT, l-Aġenda għall-Ħiliet tipprevedi b'mod partikolari żewġ attivitajiet: ir-rispons għall-ħtiġijiet tal-SMEs permezz ta' Korsijiet Diġitali Rapidi li jsaħħu l-kompetenza diġitali tal-persunal tagħhom għal livell xieraq, u l-appoġġ lill-ħaddiema sabiex itejbu l-ħiliet diġitali permezz ta' taħriġ li jagħtihom spinta fl-ICT. Barra minn hekk, il-Programm Ewropa Diġitali l-ġdid ser jappoġġa l-iżvilupp ta' opportunitajiet eċċellenti ta' taħriġ f'oqsma diġitali, bħall-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà, sabiex jitħarrġu u jiġu attirati l-aqwa talenti fl-UE.

**L-iżvilupp ta' ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol jeħtieġ li jkun akkumpanjat mir-rikonoxximent u mill-użu xierqa tagħhom.** Kwalifiki fdati mogħtija kif xieraq għadhom il-mezz ewlieni li bih jiġu rikonoxxuti l-ħiliet tan-nies. It-trasparenza tagħhom hija kruċjali sabiex jiġi sostnut il-moviment liberu tal-istudenti u tal-ħaddiema fis-suq intern. L-Istati Membri kollha ħlief Spanja rreferew l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki tagħhom għall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) u l-biċċa l-kbira (il-Bulgarija u l-Kroazja huma l-eċċezzjonijiet) jindikaw il-livell tal-QEK fuq il-kwalifiki jew fuq is-supplimenti tagħhom, sabiex b'hekk ikunu aktar ċari u komparabbli. Barra minn hekk, l-enfasi fuq l-eżiti tal-apprendiment tagħmilha aktar faċli li l-kwalifiki formali jintrabtu mal-validazzjoni tal-ħiliet miksuba barra mill-programmi formali kif ukoll ma' forom innovattivi emerġenti ta' rikonoxximent tal-ħiliet. Fost dawn tal-aħħar, il-mikrokredenzjali jista' jkollhom rwol sinifikanti sabiex jagħmlu l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u kontinwi aktar flessibbli u risponsivi għall-ħtiġijiet emerġenti. Dawn jistgħu jgħinu lin-nies jinvolvu ruħhom f'titjib tal-ħiliet u f'taħriġ mill-ġdid immirati u qosra, u huma partikolarment siewja għal persuni li jkunu jeħtieġu li jmorru jaħdmu f'okkupazzjoni jew f'settur ieħor. Sabiex jappoġġaw żviluppi koerenti, l-Aġenda għall-Ħiliet tal-2020 u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni jipprevedu ħidma lejn approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali (azzjoni 10), li jiżgura standards minimi maqbula għall-kwalità u għat-trasparenza.

**Il-mikrokredenzjali jistgħu jkunu siewja wkoll għar-rikonoxximent u għall-validazzjoni ta' ħiliet żviluppata barra mill-edukazzjoni u mit-taħriġ formali, wara proċess ta' validazzjoni xieraq kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-2012 tal-Kunsill dwar il-validazzjoni<sup>140</sup>. L-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni<sup>141</sup> tikkonferma li l-Istati Membri kollha ħadu azzjoni sabiex japplikaw il-prinċipji tagħha. Fi 23 Stat Membru, il-validazzjoni tista' twassal biex ħafna kwalifiki (fi 13-il pajjiż, kollha) jiġu inklużi fil-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki, fi 22 din twassal għal kreditu formali lejn kwalifika u fi 17 tippermetti lin-nies jaċċessaw programmi ta' edukazzjoni formali u eżenzjoni minn partijiet minnhom. Madankollu, ħafna mill-arranġamenti ta' validazzjoni mhumiex komprensivi u mhumiex miftuħa għal kulħadd. It-tagħlima ewlenija mill-evalwazzjoni hija li l-iżviluppi jenħtieġ li jiffokaw fuq l-estensjoni tal-aċċess għall-validazzjoni għall-persuni kollha u fuq l-appoġġ attiv għall-individwi sabiex jinvolvu ruħhom f'perkorsi ta' validazzjoni. Fi tmien Stati Membri (il-Belġju-Flanders, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Portugall, il-Lussemburgu u l-Iżvezja), l-arranġamenti ta' validazzjoni diġà jkopru l-oqsma kollha tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol, għalkemm għad hemm xi restrizzjonijiet fuq l-aċċess. Approċċ promettenti sabiex jitwessa' l-aċċess, jekk ikun koordinat kif xieraq, jingħata permezz taż-żieda fil-provvista ta' opportunitajiet ta' validazzjoni mingħajr relazzjoni diretta mal-edukazzjoni u mat-taħriġ formali. Fl-2018, ġiet ipprovduta validazzjoni fir-rigward tar-riformi fis-suq tax-xogħol fi 17-il pajjiż (l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, l-Iżvezja), spiss bi rwol għas-sistemi pubbliċi tal-impjiegi, filwaqt li ġew ipprovduti opportunitajiet ta' validazzjoni minn organizzazzjonijiet tat-tielet settur fi 19-il pajjiż (l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja).**

---

<sup>140</sup> Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22.12.2012 dwar il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/jk88yN>

<sup>141</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2020)121 tal-1.7.2020.

**Il-kriżi tal-COVID-19 kompliet tenfasizza l-importanza tas-servizzi ta' gwida tul il-ħajja għall-ġestjoni tal-karriera personali tul il-ħajja, inkluża l-ħtieġa għal rwol aktar b'saħħtu tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) u tas-sħab soċjali u għal arranġamenti ta' validazzjoni aħjar. Ir-reazzjoni għall-kriżi ser taċċellera l-esperimentazzjoni u l-integrazzjoni ta' prattiki u ta' għodod innovattivi ta' gwida, inkluż billi jittieħed vantaġġ mit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u billi jiġi involut sett usa' ta' atturi<sup>142</sup>. Il-PES jaqdu rwol ewlieni f'inizjattiva Taljana li tipprovdi lill-individwi bi tfassil ta' profil u ta' dokumentazzjoni dwar il-ħiliet u b'appoġġ imfassal apposta bħala gwida dwar il-karriera. Fil-Belġju, il-PES Fjamming jipprovdi lill-ħaddiema b'vawċers ta' gwida għall-karriera li jistgħu jużaw fi stadji differenti tal-karriera tagħhom. Il-validazzjoni tal-apprendiment preċedenti u l-gwida għall-karriera huma integrati fi pjanijiet ta' apprendiment personalizzati offruti lill-adulti fil-Finlandja. Is-sistema Franċiża ta' kontijiet ta' taħriġ individwali tappoġġa lill-adulti sabiex jaċċessaw opportunitajiet ta' gwida u programmi ta' titjib tal-ħiliet – waħda mill-prattiki nazzjonali li l-Aġenda għall-ħiliet tal-2020 tipproponi li jiġu esplorati għal integrazzjoni aktar mifruxa (Azzjoni 9). Il-PES Ċeki introduċew il-proġett ta' Rikollokament li saħħaħ l-attivitajiet ta' taħriġ sabiex tiżdied l-impjegabbiltà tal-ħaddiema friskju ta' tkeċċija minħabba l-kriżi tal-COVID-19 (CZK 3.6 biljun, EUR 130 miljun).**

---

<sup>142</sup> Ara *Il-Politika u l-prattika ta' gwida tul il-ħajja fl-UE: xejriet, sfidi u opportunitajiet*, Kummissjoni Ewropea 2020. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/VY66fv>

**L-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma essenzjali għall-iżvilupp tal-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, iżda jeħtieġ li jadattaw għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għall-isfidi ppreżentati mill-COVID-19.** Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu b'mod rapidu, l-iżvilupp tal-ħiliet jeħtieġ kooperazzjoni b'suċċess fost il-ħafna atturi involuti. Il-Patt għall-Ħiliet (l-Azzjoni Nru 1 tal-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet) ser ihegġegħ sħubijiet pubbliċi u privati fuq skala kbira bejn diversi partijiet konċernati f'ekosistemi industrijali ewlenin sabiex jiġbru flimkien l-għarfien espert u r-riżorsi bħal faċilitajiet ta' taħriġ u finanzjament, lejn azzjonijiet konkreti ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid b'impenji ċari. Skemi ta' apprendiment u ta' apprendistat imsejsa fuq ix-xogħol jistgħu jiżguraw l-eqreb rabtiet bejn l-educazzjoni u d-dinja tax-xogħol. Għaldaqstant, l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati<sup>143</sup> msaħħa ser tkompli tippromwovi l-koalizzjonijiet nazzjonali, tappoġġa lill-SMEs u żżid l-involvement tas-sħab soċjali. Sabiex jiġu ffaċilitati r-riformi tal-Istati Membri, il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (Azzjoni 4) tippromponi prinċipji għal governanza effettiva tal-ETV, rabtiet aktar b'saħħithom ma' strateġiji ekonomiċi li jħarsu 'l quddiem, opportunitajiet flessibbli ta' progressjoni, opportunitajiet indaqs u assigurazzjoni tal-kwalità. L-Istati Membri qed jimmodernizzaw b'mod attiv is-sistemi tal-ETV u l-iskemi ta' apprendistat tagħhom, u 25 minnhom jipparteċipaw fil-pilastru tat-Tagħlim Komparattiv tas-Servizzi ta' Appoġġ għall-Apprendistati. Barra minn hekk, bħala reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19, bosta investew riżorsi finanzjarji sabiex jissalvagwardjaw il-provvista tal-apprendistati: Il-Ġermanja nediet programm ta' EUR 500 miljun sabiex tappoġġa lill-SMEs permezz ta' primjum ta' darba ta' EUR 2 000 għal kull kuntratt ta' taħriġ ġdid konkluż u ta' EUR 3 000 għal kuntratti ta' taħriġ addizzjonali ġodda. Il-kumpanniji Awstrijaċi jirċievu bonus ta' EUR 2 000 għal kull apprendistat ġdid sabiex isalvaw madwar 10 000 post ta' apprendistat f'riskju. L-Irlanda implimentat pagament ta' EUR 3 000 lill-impjegaturi għal kull reġistrazzjoni ġdida għall-apprendisti, li rriżulta f'irkupru qawwi tar-reġistrazzjonijiet annwali. L-Iskema ta' Inċentivizzazzjoni tal-Apprendistat, li tirriżulta mill-pakkett Irlandiż ta' Lulju għall-Stimolu għall-Impjiegi għadha għaddejja. Fid-Danimarka ftehim tripartitiku jalloka mill-ġdid surplus mill-Għotja għall-Edukazzjoni tal-Impjegaturi (AUB) sabiex jipprovdi skema ta' sussidju tal-pagi għall-apprendistati. Franza nediet programm ta' appoġġ mill-Istat ta' EUR 2 biljun għar-reklutaġġ ta' apprendisti. Fil-Litwanja, il-kumpens għall-impjegaturi għal persuni impjegati msemmija mill-PES taħt il-kuntratt ta' apprendistat żdied minn 40 għal 70 fil-mija tal-kuntratt. Żdied ukoll il-finanzjament għat-taħriġ vokazzjonali għal kwalifiki jew kompetenzi inklużi fil-lista ta' kwalifiki ta' valur miżjud għoli.

<sup>143</sup> L-EAfA msaħħa hija waħda mill-Pilastru tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Appoġġ għall-Impjiegi taż-Żgħażaġħ: pont għall-Impjiegi għall-Ġenerazzjoni li Jmiss", COM(2020) 276 final. Disponibbli fuq <https://europa.eu/VK79Vc>

**L-Istati Membri huma impenjati li jaħdmu lejn l-objettivi ta' politika komuni ddefiniti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda Ewropea għall-Apprendiment għall-Adulti (2011), li hija parti mill-qafas usa' għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (ET 2020). Il-grupp ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-apprendiment għall-adulti evalwa l-progress fl-erba' oqsma prijoritarji (il-governanza, il-provvista u l-adozzjoni, l-aċċess u l-kwalità) tal-Aġenda Ewropea għat-Tagħlim tal-Adulti fl-2019<sup>144</sup>. Mil-lat pożittiv, l-apprendiment għall-adulti qed jirċievi dejjem aktar attenzjoni minn dawk li jfasslu l-politika – xejra aċċellerata aktar minħabba l-isfidi marbuta man-natura li dejjem tinbidel tax-xogħol, l-awtomatizzazzjoni u l-iżviluppi demografiċi. Diversi Stati Membri adottaw miżuri sabiex isaħħu l-governanza tal-apprendiment għall-adulti, b'mod partikolari billi jaġġornaw u jtejbu l-leġiżlazzjoni u jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni aħjar. Il-finanzjament Ewropew għandu rwol importanti fl-appoġġ għall-apprendiment għall-adulti f'haqna pajjiżi, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri li jimplementaw il-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet<sup>145</sup>. L-evidenza mill-grupp ta' ħidma tindika żewġ sfidi relatati ma' xulxin, jiġifieri l-iżgurar ta' aċċess ugwali għall-apprendiment għall-adulti għal kulħadd u l-għoti ta' appoġġ għal gruppi vulnerabbli li fuqhom ħalliet impatt il-COVID-19. Barra minn hekk, l-opportunitajiet għall-professjonalizzazzjoni tal-persunal tal-apprendiment għall-adulti għadhom limitati.**

---

<sup>144</sup> Kummissjoni Ewropea (2019), Achievements under the Renewed European Aġenda for Adult Learning, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!Up64bh>

<sup>145</sup> Kummissjoni Ewropea (2019), Council Recommendation on Upskilling Pathways: New Opportunities for Adults - Taking stock of implementation measures, SWD(2019) 89. Disponibbli fuq <https://europa.eu/!Wh39md>

**L-Istati Membri, filwaqt li rrikonoxxew l-isfidi affaċċjati mis-sistemi tagħhom ta' apprendiment għall-adulti, wettqu numru ta' inizjattivi matul it-tieni nofs tal-2019 u l-2020.** Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi d-dritt tal-adulti għall-apprendiment tul il-ħajja, bħala mod sabiex jinkisbu l-ħiliet meħtieġa bl-għan li jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà u sabiex jiġu mmaniġġjati b'suċċess it-tranżizzjonijiet fix-xogħol. Numru ta' Stati Membri adottaw miżuri sabiex jappoġġaw it-titjib tal-ħiliet ta' adulti b'livell baxx ta' kwalifiki jew qiegħda. Minn Settembru 2019, il-Finlandja impenjat ruħha f'forma parlamentari kontinwa dwar it-tagħlim kontinwu sabiex tħejji politika komprensiva li tiffoka fuq l-iżvilupp professjonali u fuq l-edukazzjoni matul il-ħajja tax-xogħol. Il-*proġett ta' Titjib tal-ħiliet ta' CZ* jappoġġa n-network ta' korpi tal-QNK awtorizzati sabiex jorganizzaw u jwettqu eżamijiet li jwasslu għal dik li tisesejjah il-kwalifika professjonali sħiħa fil-livelli 3 u 4 tal-QNK. Fil-Bulgarija, l-*"operazzjoni Ĥiliet"* tfasslet sabiex tippermetti lill-impjegaturi jħarrġu kemm lil persuni impjegati kif ukoll lil dawk li kienu qiegħda rreklutati riċentement fl-intrapriżi tagħhom. B'baġit ta' EUR 17-il miljun, din jenħtieġ li tipprovdi taħriġ għal kwalifika professjonali, kompetenzi ewlenin u taħriġ speċifiku lil tal-anqas 5 500 persuna. Id-Danimarka laħqet ftehim politiku dwar l-allokkazzjoni ta' DKK 102 miljun (EUR 13.7 miljun) sabiex ittejjeb il-ħiliet tal-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, filwaqt li tipprovdihom il-kompetenzi meħtieġa sabiex jaqilbu għal impjiegi bi kwalifiki għoljin. Ċipru, l-Italja u l-Latvja riċentement introduċew miżuri sabiex jappoġġaw lill-persuni qiegħda. Il-Latvja żiedet l-offerta tagħha ta' apprendiment għall-adulti għal dawk impjegati, inkluż l-apprendiment mill-bogħod, moduli ta' studju u korsijiet fl-universitajiet u fil-kulleġġi. L-appoġġ għall-impjegati ġie estiż ukoll sabiex ikopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom lejn is-sit tat-taħriġ.

**L-Istati Membri appoġġaw ukoll l-għażla tal-individwi ta' taħriġ li jissodisfa l-preferenzi u l-ħtiġijiet ta' apprendiment individwali tagħhom.** Fl-2019, Franza għaddiet digrieti sabiex timplimenta l-liġi tal-2018 dwar il-libertà li wieħed jagħżel il-karriera futura tiegħu, li tagħti lill-impjegati u lil persuni li qed ifittxu impjieg aċċess għal taħriġ u l-użu tal-kont tat-taħriġ personali. Mill-2020, in-Netherlands nedew l-*iskema SLIM*, Skema ta' Inċentiv għall-Apprendiment u għall-Iżvilupp fl-SMEs. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu l-ġdid ta' finanzjament STAP sabiex jistimola l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol mistenni li jidħol fis-seħħ fl-2022. Dan ser jippermetti lil kull min għandu rabta mas-suq tax-xogħol Netherlandiż sabiex jitħarreġ għall-iżvilupp u għall-impjegabbiltà tiegħu stess. L-Awstrija qed tippjana li tintroduċi kont tal-apprendiment ("*Bildungskonto*") fuq il-bażi ta' ftehim mas-sħab soċjali sabiex jiġu ffinanzjati r-risultazzjonijiet vokazzjonali, it-taħriġ u l-edukazzjoni ulterjuri. Fl-Iżvezja, l-investiment fl-edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti ser jiżied b' SEK 700 miljun (EUR 68.2 miljun). L-Istat neħħa r-rekwiżit għall-kofinanzjament mill-muniċipalitajiet għall-2020 u barra minn hekk ser jiffinanzja 1 500 post addizzjonali u appoġġ għall-istudju relatat.

**Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-2013 ħolqot opportunitajiet għaż-żgħażaġh u aġixxiet bħala xprunatur b'saħtu għar-riformi strutturali u għall-innovazzjoni.** B'risultat ta' dan, il-maġġoranza tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) tejbju u espannew is-servizzi tagħhom għaż-żgħażaġh<sup>146</sup>. Matul is-seba' snin ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19, fl-UE kien hemm madwar 1.7 miljun żaġħżuġh u żaġħżuġha anqas li la kellhom impjieg u lanqas ma kienu f'edukazzjoni jew ftahriġ (NEETs)<sup>147</sup>. Għad li l-kuntest makroekonomiku li qed jitjieb ċertament kellu rwol f'dan, l-evidenza tissuġġerixxi li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ kellha effett trasformattiv kbir. Aktar minn 24 miljun żaġħżuġh u żaġħżuġha li darba kienu rreġistrati fi skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ irċivew offerta ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprendistati u traineeships. Madankollu, f'ħafna Stati Membri, il-proporzjon stmat ta' NEETs irreġistrati f'dawn l-iskemi matul is-sena għadu ta' inqas minn 50 %<sup>148</sup>. Qabel il-pandemija tal-COVID-19, il-miżuri ta' politika li huma l-bażi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ kienu mmirati aktar lejn gruppi vulnerabbli speċifiċi. F'Lulju 2020, il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ billi tespandi l-kopertura għall-persuni ta' bejn il-15 u d-29 sena (li żdiedet minn 25 sena), issir aktar inklużiva, issaħħaħ ir-rabta mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u tipprovdi konsulenza, gwida u mentoraġġ.

---

<sup>146</sup> Filwaqt li l-ġestjoni ġenerali tal-iskemi nazzjonali jew reġjonali tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tista' tkun ir-responsabbiltà ta' Ministeru partikolari, livell ieħor ta' gvern jew is-servizz pubbliku tal-impjiegi (PES), dan tal-aħħar normalment imexxi l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fuq il-post, jirreġistra ż-żgħażaġh u jipprovdi servizzi tal-impjiegi speċifiċi. Ara r-Rapport tal-2019 dwar l-Implimentazzjoni tal-PES tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ (disponibbli fuq <https://europa.eu/!rR34MQ>) u r-Rapport ta' Valutazzjoni tal-2018 dwar il-Kapaċità tal-PES (disponibbli fuq <https://europa.eu/!Xg73Ux>).

<sup>147</sup> Data mill-Eurostat għall-grupp tal-età ta' bejn il-15 u l-24 sena, 2013-2019, bl-użu tal-medja tal-UE-27. B'kategorija akbar ta' età ta' bejn il-15 u l-29 sena, adottata f'ħafna Stati Membri (ara t-Taqsima 2.2), it-tnaqqis assolut huwa ta' madwar 3.2 miljun.

<sup>148</sup> Il-kopertura limitata f'ħafna pajjiżi x'aktarx hi marbuta mal-kompożizzjoni li qed tinbidel tal-popolazzjoni ta' NEETs (sehem aktar baxx ta' NEETs qiegħda) u tnaqqis fin-numru kumplessiv ta' NEETs.

**Qabel il-pandemija, l-Istati Membri bdew itejbu s-sensibilizzazzjoni u l-attivazzjoni taż-żgħażaġh li huma l-aktar diffiċli li jintlaħqu, filwaqt li jsaħħu d-dimensjoni tal-ġeneru tal-inizjattivi.** Il-Greċja adottat programm pilota li jipprovdi appoġġ temporanju għall-intraprenditorija lil 3 000 żaġġżuġh u żaġġżuġha qiegħda (18-29 sena). L-appoġġ jinkludi l-evalwazzjoni u l-ikkowċjar ta' pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju, segwiti minn programm ta' sussidji għal 2 500 imprenditur żaġġżuġh. Dan tal-aħħar jiffoka b'mod partikolari fuq nisa żgħażaġh (tal-anqas 60 % tal-kollokamenti), u jammonta għal EUR 10 000 għal 12-il xahar jew għal EUR 17 000 għal 18-il xahar. L-Awstrija ppjanat li tirriforma l-*Arbeitsmarktservice* tagħha, bl-għan li tikseb tnaqqis aktar sostenibbli tal-qgħad. Il-miżuri previsti jimmiraw b'mod partikolari lejn l-istereotipizzazzjoni tal-ġeneru, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni qiegħda fit-tul u għandhom l-għan li jsaħħu l-effiċjenza bl-introduzzjoni ta' punti uniċi ta' servizz għal dawk li qed ifittxu impjieg. L-Awstrija ppjanat ukoll li tintroduċi revizzjoni komprensiva tas-sistema ta' apprendistat tagħha sabiex timmodernizzaha, u ssaħħa il-kapaċità tagħha li tibbenefika lil gruppi vulnerabbli, bħal żgħażaġh bi bżonnijiet speċjali, dawk li jtilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, u l-applikanti għall-ażil. Il-PES tal-Ġermanja għandu strument għall-persuni li jaħdmu fil-gwida edukattiva u vokazzjonali sabiex jidentifika aktar malajr żgħażaġh li x'aktarx ma jibqgħux jistudjaw u joffrilhom miżuri effettivi ta' konsulenza u ta' appoġġ. Il-Kulleġġ (*Hochschule*) tal-Aġenzija Federali tal-Impjiegi huwa responsabbli għal strument għall-prevenzjoni ta' terminazzjonijiet bikrin tal-apprendistati. Il-Gvern Fjamming u s-sħab soċjali ffirmaw dikjarazzjoni ta' intenzjoni li jtejbu l-attivazzjoni ta' persuni inattivi, speċjalment NEETs żgħażaġh, li għandha tiġi implimentata f'kollaborazzjoni mill-qrib mas-sistema federali tas-sigurtà soċjali (eż. RIZIV) u mas-servizzi ta' integrazzjoni soċjali (OCMW).

**Il-kriżi ekonomika ġġenerata mill-COVID-19 laqtet ħażin liż-żgħażaġh u għamlithom grupp ta' prijorità għall-appoġġ madwar l-Istati Membri.** Franza ħabbret il-ħolqien ta' 300 000 *contrats d'insertion professionnelle* (impjiegi sussidjati) addizzjonali b'appoġġ tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xoġhol. Barra minn hekk, ġie implimentat sussidju ta' sa EUR 4 000 għal kumpanniji li jimpjegaw ħaddiem żaġħżuġh taħt is-26 sena fuq impjiegi b'salarju sad-doppju tal-paga minima minn Awwissu 2020 sa Jannar 2021 biex itejbu l-aċċess taġħhom għas-suq tax-xoġhol. Il-Belġju estenda d-durata tal-allokazżjoni għal min ifittex impjieg għal dawk li jtilqu mill-iskola u qed ifittxu impjieg (*inschakelingsuitkering*) b'ħames xhur. Fil-Latvja, l-istudenti full-time qieġhda għandhom l-opportunità li jipparteċipaw fit-tiġib tal-ħiliet għall-ħiliet diġitali kif ukoll għar-riċerka u l-ħiliet organizzattivi fl-università jew fil-kulleġġ taġħhom. L-istudenti li jipparteċipaw fil-miżura ser jitħallsu borża ta' studju ta' EUR 10 għal kull jum ta' parteċipazzjoni (madwar EUR 200 fix-xahar). Il-Latvja introduċiet ukoll benefiċċju temporanju ta' appoġġ għall-qgħad għal gradwati żgħażaġh għal perijodu totali ta' erba' xhur, iżda mhux wara l-31 ta' Diċembru 2020, ta' EUR 500 fix-xahar għall-ewwel xahrejn u ta' EUR 375 fix-xahar għall-aħħar xahrejn. Fil-Litwanja, il-possibbiltà li jirċievu l-"benefiċċju għal dawk li qed ifittxu impjieg" (EUR 200 għal dawk li ma jirċevux benefiċċju tal-qgħad jew EUR 42 għal dawk li jirċevuh) ġiet estiża għal studenti u persuni li ma kinux eliġibbli għall-benefiċċju tal-qgħad. Il-benefiċċju jista' jitħallas sa sitt xhur iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

**L-Istati Membri adottaw miżuri sabiex iwessgħu l-parteċi-pazzjoni fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal u jtejbu l-provvista ta' kwalità tagħhom, bħala element ewlieni sabiex it-tfal jitħejjew bl-għan li jirnexxu tul ħajjithom.** Il-Bulgarija u l-Belġju naqqsu l-età obbligatorja għall-iskola preprimarja, minn ħames snin għal erba' u minn sitta għal ħamsa rispettivament. Fil-Kroazja, qed jinbnew jew jiġu rinnovati kważi 500 kindergarten, li ħafna minnhom qegħdin fi bliet b'anqas minn 5 000 abitant. Barra minn hekk, għotja ta' EUR 1.8 miljun hija għad-dispożizzjoni tal-unitajiet tal-gvern lokali sabiex itejbu d-disponibbiltà u l-kwalità tal-ECEC. L-Irlanda nediet in-*National Childcare Scheme* f'Novembru 2019, li tagħmel is-sussidji bbażati fuq l-introjtu disponibbli għall-unitajiet domestiċi b'introjtu stmat tal-unità domestika sa EUR 60 000 fis-sena sabiex tkopri l-kostijiet tal-indukrar tat-tfal barra l-ħinijiet tal-iskola preprimarja jew tal-iskola. L-għan huwa li jiġu pprovvuti ECEC u kura ta' wara l-iskola ta' kwalità, aċċessibbli u affordabbli lill-familji kollha u huwa mistenni li ser jiġu rreġistrati 70-80 000 tifel u tifla fis-sena fil-fażijiet bikrin tagħha. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet nazzjonali Irlandiżi adottaw il-*Workforce Development Plan (2020-2028)*, li għandu l-għan li jgħolli l-profil tal-karrieri fl-ECEC billi jistabbilixxi rekwiżiti ta' kwalifiki, qafas tal-karriera u opportunitajiet ta' żvilupp fit-tmexxija. L-Italja rdoppjat il-vawċer tal-iskola preprimarja ta' EUR 1 500 fis-sena (*Bonus Nido*) għal familji b'introjtu aktar baxx għal EUR 3 000. In-Netherlands ser iżidu l-allowance għall-ECEC u l-baġit relatat mat-tfal sabiex jappoġġaw lill-ġenituri bi kważi EUR 500 miljun għall-koppji b'introjtu medju mill-2020. Il-familji b'aktar minn żewġ itfal ser jirċievu EUR 617 addizzjonali għal kull tifel/tifla fis-sena mit-tielet tarbija 'l quddiem mill-2021, li tippreżenta żieda sostanzjali għaċ-ċifra attwali. Qed jespandu wkoll l-intitolament għall-allowance tal-ECEC għall-unitajiet domestiċi fejn sieħeb wieħed mill-konjuġi jkun jaħdem u l-ieħor ikun jeħtieġ kura fit-tul. L-*Att dwar l-Edukazzjoni* ta' Malta tal-2019 żied ir-rekwiżit ta' dħul minimu għall-persunal tal-ECEC għal-livell ta' grad ta' Baċċellerat sabiex tingħata spinta lill-kwalità fis-settur. Fl-Ungerija, il-ġenituri li jirritornaw fis-suq tax-xogħol jirċievu appoġġ ta' madwar EUR 112 kull xahar biex idaħħlu lil uliedhom f'nurseries tal-familja u tal-post tax-xogħol kif ukoll skejjel tat-trabi jew skejjel tat-trabi żgħar b'manutenzjoni li mhijiex mill-awtorità lokali minn Settembru 2019.

**Ħafna Stati Membri introduċew miżuri temporanji għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19.** Tali miżuri temporanji ttieħdu, pereżempju, fiċ-Ċekja sabiex jappoġġaw lill-ġenituri permezz ta' allowance għall-kura fid-djar għal tfal iżgħar minn 13-il sena jew li l-persuna li tindokraham kellha diżabbiltà, filwaqt li l-iskejjel kienu magħluqin. Ħaddiema li jaħdmu għal rashom li jeħtieġu li joqogħdu d-dar ma' tfal ta' bejn is-sitt snin u 13-il sena wkoll irċevew kontribuzzjoni ta' CZK 424 kuljum (EUR 16 kuljum) f'Marzu u kontribuzzjoni ta' CZK 500 kuljum (EUR 18 kuljum) f'April. Il-Litwanja introduċiet provvedimenti ġodda tas-sigurtà soċjali għall-ġenituri li jaħdmu u għall-persuni li jaħdmu u li jindukraw l-anzjani jew il-persuni b'diżabbiltà (primarjament nisa) wara s-sospensjoni tal-iskejjel u tal-ġhoti tal-kura, li jħallsu 65.9 % tal-introjtu ddikjarat fil-benefiċċju tal-mard. Franza żgurat servizzi tal-ECEC għall-ħaddiema essenzjali u żiedet il-kapaċità tas-servizzi individwali, sa sitt itfal fl-istess ħin, matul il-perijodu ta' emerġenza sanitarja statali. L-Italja offriet vawċer ta' EUR 1 200 lill-familji, li żdied sa EUR 2 000 jekk dawn kienu ħaddiema fil-qasam tas-saħħa.

**Il-liv tal-familja ntuża bħala miżura ewlenija ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata matul l-emerġenza tal-COVID.** B'reazzjoni għall-kriżi, il-Belġju introduċa skema speċjali ta' liv tal-ġenituri minħabba l-COVID-19 (part-time) li tippermetti lill-ġenituri li jaħdmu bi tfal iżgħar minn 12-il sena jikkombinaw ix-xogħol u l-kura matul il-pandemija. Minn Mejju sa Settembru 2020, l-impjegati setgħu jnaqqsu l-ħin tax-xogħol tagħhom<sup>149</sup>. Peress li kienet teħtieġ xahar servizz biss għall-eliġibbiltà, b'benefiċċju 25 % oġhla mill-mudell ta' qabel, din ħeġġet ukoll lill-missirijiet sabiex jużawha. Fl-Italja, ħaddiema bi tfal ta' anqas minn 12-il sena setgħu jieħdu sa 30 jum liv tal-ġenituri b'nofs paga sal-aħħar ta' Lulju. Familji li l-introjtu ekwivalizzat tagħhom ma jaqbix l-EUR 40 000 jirċievu kreditu ta' taxxa għall-btajjel. Ċipru ta liv speċjali mħallas, fuq il-bażi tas-salarji, lill-ġenituri (tfal ta' anqas minn 15-il sena) li ma setgħux jagħmlu telexogħol minħabba l-ECEC u l-għeluq tal-iskejjel. Il-Lussemburgu introduċa liv tal-familja mħallas għas-settur privat u għal dawk li jaħdmu għal rashom li kienu obbligati jwaqqfu x-xogħol sabiex jieħdu ħsieb persuna anzjana b'diżabbiltà jew dipendenti fl-unità domestika tagħhom minħabba l-għeluq ta' faċilitajiet approvati. Il-ġenituri li kellhom jieħdu ħsieb it-tfal (ta' anqas minn 13-il sena) minħabba l-ECEC u l-għeluq tal-iskejjel, setgħu jibbenefikaw minn liv għal raġunijiet tal-familja, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. Ir-Rumanija tat jiem bi ħlas b'xejn lill-ġenituri matul l-għeluq tal-istabbilimenti edukattivi, minħabba kundizzjonijiet meteoroloġiċi sfavorevoli jew "sitwazzjonijiet estremi oħra", bħall-pandemija tal-COVID-19. L-allowance hija ta' 75 % tas-salarju bażiku sa 75 % tas-salarju nazzjonali gross medju (jiġifieri RON 5 429, jew EUR 1 115). Il-ġenituri jew ir-rappreżentanti legali ta' tfal jew ta' adulti b'diżabbiltà, li mhumiex fl-iskola jew li jeħtieġu l-kura, ukoll jirċievu jiem bi ħlas. Fi Spanja, tingħata flessibbiltà lill-impjegati sabiex jadattaw jew inaqqsu s-siġhat tax-xogħol tagħhom (sa 100 %), bi tnaqqis ekwivalenti fis-salarju, f'każ ta' responsabbiltajiet ta' indukrar relatati mal-pandemija. Fil-Bulgarija, il-liv bla ħlas permess żdied minn 30 għal 60 jum sabiex jiġi mminimizzat l-impatt negattiv tal-pandemija.

---

<sup>149</sup> Il-ġenituri jistgħu jnaqqsu l-ħin tax-xogħol tagħhom b'20 % (għal dawk li jaħdmu full-time) jew 50 % (għal dawk li jaħdmu full-time u dawk li jaħdmu 75 %). Barra minn hekk, minn Lulju 2020 'l hawn il-ġenituri waħedhom u l-ġenituri ta' tfal b'diżabbiltà jistgħu jnaqqsu l-ħin tax-xogħol tagħhom b'mod sħiħ.

### **Fl-Istati Membri, qed jiġu adottati dejjem aktar miżuri permanenti dwar il-liv tal-familja.**

Dan jista' jirrifletti parzjalment id-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw adottata fl-2019<sup>150</sup>. Iċ-Ċekja żiedet il-konċessjoni tal-ġenituri għal CZK 300 000 (EUR 11 300, żieda ta' 50 % għal tewmin jew għal diversi wlied f'daqqa). Il-limitu ta' kull xahar għal tfal taħt is-sentejn irreġistrati fl-ECEC żdied minn 46 għal 92 siegħa u l-limitu tal-konċessjoni tal-ġenituri żdied għal CZK 10 000 (EUR 376) għall-ġenituri mingħajr assigurazzjoni tal-mard. L-Italja żiedet il-liv tal-paternità minn ħamest ijiem għal sebat ijiem, u ressqet il-politika tagħha eqreb għad-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, li tistipula liv tal-paternità mħallas ta' 14-il jum. Il-Litwanja estendiet id-dritt li jintuża l-liv tal-ġenituri ta' 30 jum minn tliet xhur għal sena wara t-twelid. Fin-Netherlands, mill-1 ta' Lulju 2020 il-missirijiet jew it-tieni ġenituri jistgħu jieħdu liv addizzjonali sa ħames ġimgħat matul l-ewwel sitt xhur wara t-twelid. L-impjegaturi jistgħu japplikaw mal-aġenzija tal-assigurazzjoni tal-impjegati għal benefiċċju tal-liv għall-impjegati tagħhom sa 70 % tal-paga ta' kuljum (sa mhux aktar minn 70 % tal-paga massima ta' kuljum).

### **Xi Stati Membri introduċew miżuri ta' xogħol flessibbli bħala reazzjoni għall-kriżi tal-**

**COVID-19.** Malta introduċiet skema biex issostni lill-impjegaturi u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li tkopri 45 % tal-kostijiet eliġibbli sa EUR 500 għal kull ftehim ta' telexogħol u sa EUR 4 000 għal kull impenn favur teknoloġija tat-telexogħol. Is-Slovakkja introduċiet miżuri li jippermettu lill-impjegaturi u lill-impjegati jidħlu fi skema miftiehma b'mod reċiproku ta' xogħol mid-dar. Iċ-Ċekja adottat il-kondiviżjoni tal-impjiegi fil-Kodiċi tax-Xogħol sabiex tgħin lill-impjegati jirrikonċiljaw aħjar ix-xogħol u l-ħajja tal-familja. Il-kondiviżjoni tal-impjiegi jenħtieġ li tappoġġa lill-impjegaturi sabiex joffru ħinijiet tax-xogħol iqsar sabiex jipprovdu lil xi impjegati alternattiva għat-tluq mis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari minħabba l-kura tal-familja. L-emenda daħlet fis-seħħ minn Jannar 2021.

---

<sup>150</sup> Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE.

### **Ġew adottati miżuri sabiex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi fi ftit Stati**

**Membri.** Fiċ-Ċekja, qed jiġi żviluppat Pjan ta' Azzjoni għall-Paga Indaqs li ser jipproponi miżuri speċifiċi sabiex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi. Huma involuti atturi ewlenin bħall-Uffiċċju Statali tal-Ispezzjoni tax-Xogħol (SLIO), l-Uffiċċju tad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet, l-uffiċċju tax-xogħol, is-sħab soċjali u impjegaturi speċifiċi mis-settur pubbliku u privat. L-Estonja qed tipprova miżuri li jagħtu spinta sabiex jiżied is-sehem ta' studenti u ta' impjegati nisa fl-ICT. Franza introduċiet indiċi li ser iżid il-viżibbiltà tal-inugwaljanzi multidimensjonali fil-pagi għall-impriżi kollha b'aktar minn 50 impjegat. Fi Spanja, żewġ digrieti f'Ottubru introduċew l-obbligu li l-impjegaturi kollha jżommu rekords tal-pagi medji tal-irġiel u tan-nisa, filwaqt li l-kumpanniji b'aktar minn 50 impjegat iridu jinnegozjaw pjanijiet ta' ugwaljanza mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-Kummissjoni qed tippjana li ttipponi Direttiva dwar miżuri ta' trasparenza fil-pagi bl-għan li jittejjeb l-aċċess tal-ħaddiema għall-informazzjoni dwar il-pagi, ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar id-diskriminazzjoni u jsir aktar faċli li tiġi infurzata paga indaqs.

### **Ġew stabbiliti politiki attivi tas-suq tax-xogħol u servizzi mmirati sabiex jappoġġaw l-impjieg**

**tan-nisa.** L-Awstrija qed tippjana li żżid l-opportunitajiet għan-nisa fiż-żoni rurali permezz tad-diġitalizzazzjoni, permezz tal-edukazzjoni u permezz tal-opportunitajiet ta' taħriġ. Il-Greċja qed tippjana diversi programmi sabiex tappoġġa l-impjieg tan-nisa bħal "*Ħiliet Avvanzati għan-Nisa*" - programm ta' taħriġ fl-ICT għal nisa qiegħda; "*Appoġġ ta' Konsulenza, Taħriġ u Ċertifikazzjoni għal nisa qiegħda fis-Settur tal-Industrija Kreattiva*"; u programm għall-kisba ta' ħiliet għal nisa qiegħda li għandhom sa 29 sena. Spanja introduċiet leġiżlazzjoni ġdida biex tiproteġi lin-nisa affettwati minn telf ta' impjiegi f'setturi prekarji ddominati min-nisa. Ġie introdott sussidju straordinarju (70 % tal-pagi) fis-Sistema Speċjali tal-Impjegati tal-Unitajiet Domestiċi tar-Reġim Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali għall-ħaddiema domestiċi li jtilfu l-impjiegi għalkollox jew parzjalment matul il-pandemija u li ma jirċevux benefiċċju tal-qgħad.

**L-Istati Membri nedew diversi miżuri sabiex jipromwovu l-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà,** li jinkludu miżuri temporanji biex itaffu l-impatt negattiv tal-kriżi tal-COVID-19. Fuq il-bażi tal-Att il-ġdid dwar il-Persuni b'Diżabbiltà, il-Bulgarija qed timplimenta l-Programm Nazzjonali l-ġdid għall-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà maħsub biex joħloq kundizzjonijiet ta' impjieg għalihom. Il-Lussemburgu introduċa liġi li ttejjeb l-aċċess għas-suq tax-xogħol regolari (is-settur privat) u t-tkomplija tal-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà jew f'rirklassifikazzjoni esterna. Dan jinkiseb permezz ta' miżuri ta' akkumpanjament (sa 150 siegħa għal kuntratt jew ALMP ta' mill-inqas 12-il xahar u 300 siegħa għal aktar minn 24 xahar) taħt il-gwida ta' "assistent għall-inklużjoni fl-impjieg". Malta pprovdiet appoġġ temporanju mid-9 ta' Marzu sal-5 ta' Ġunju 2020 lil persuni b'diżabbiltà li jaħdmu fis-settur privat li kienu rreġistrati ma' Jobsplus (PES) u li riedu jibqgħu d-dar għal raġunijiet ta' saħħa u ta' sikurezza matul il-kriżi tal-COVID-19. B'reazzjoni għall-COVID-19, minn April 2020 il-Polonja żiedet ir-rati ta' kofinanzjament tal-pagi tal-impjegati b'diżabbiltà kklassifikati bħala diżabbli gravement jew moderatament. L-ammont tas-suppliment tal-pagi żdied ukoll għal impjegati b'diżabbiltà b'mard speċjali (eż. mard mentali, diżabbiltà intellettuali, disturbi tal-iżvilupp mifruxa jew epilessija, u għall-għomja). Sa minn qabel il-pandemija tal-COVID-19, il-Finlandja kienet nediet il-programm ta' Kapaċità għax-xogħol għal persuni b'kapaċità għax-xogħol parzjali bi EUR 33 miljun allokati għall-2020–22. Il-programm jinkludi miżuri sabiex tiġi identifikata l-kapaċità għax-xogħol tal-individwu u miżuri li jiggwidaw lil dawk li qed ifittxu impjieg fis-servizzi ta' appoġġ li jeħtieġu. Huwa marbut mill-qrib mal-programm ta' Ċentri tas-Saħħa u tas-Servizzi Soċjali tal-Futur 2020–2022 li għaddej bħalissa. Il-programm jipprevedi wkoll li s-servizzi tal-PES ser jaħtru aktar koordinaturi tal-kapaċità għax-xogħol sabiex itejbu s-servizzi disponibbli. Franza implimentat għajna temporanja għar-reklutaġġ biex tappoġġa l-impjieg ta' nies b'diżabbiltà matul il-kriżi u tipromwovi bidla fil-mentalità.

**Għadd ta' Stati Membri nedew azzjonijiet sabiex jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, spiss flimkien ma' taħriġ fil-lingwi.** Bosta Stati Membri introduċew jew irrevdedew pjanijiet ta' azzjoni/strateġiji bħala reazzjoni għall-ħtieġa li jiġu intensifikati l-isforzi dwar l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Xi wħud wessgħu wkoll l-offerta tagħhom ta' miżuri ta' integrazzjoni u żiedu l-parteċipazzjoni obbligatorja f'korsijiet lingwistiċi u f'taħriġ dwar l-integrazzjoni. Il-Portugall ippubblika ordinanza li tnedi programm ġdid ta' korsijiet lingwistiċi bil-Portugiż aġġustat għall-ħtiġijiet ta' apprendiment tal-migranti bħala mod kif jiġu promossi l-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali. Il-Ġermanja żviluppat linji gwida sabiex tappoġġa lill-kumpanniji fl-integrazzjoni operazzjonali tar-refuġjati permezz ta' proġetti pilota ta' merħba, bl-għan li toffri appoġġ individwali komprensiv għall-integrazzjoni tar-refuġjati. Fl-Awstrija, il-"*proġett suprareġjonali ta' għoti ta' apprendistati*" ġie implimentat fil-pajjiż kollu fl-2019, wara diversi snin ta' pilotaġġ. Dan jimmira lejn l-ispariġġ bejn postijiet vakanti ta' apprendistati u żgħażagħ qiegħda b'enfasi partikolari fuq ir-refuġjati. F'Diċembru 2019, iċ-Ċekja adottat pjan ta' azzjoni ġdid dwar l-integrazzjoni. F'nofs l-2019 Ċipru ppreżenta wkoll Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-Integrazzjoni tal-Migranti 2020-2022, filwaqt li s-Slovenja adottat Strateġija ġdida dwar il-Migrazzjoni (Lulju 2019).

**Xi Stati Membri ħadu miżuri sabiex itejbu l-ħiliet u jħarrġu mill-ġdid lill-adulti, li spiss jibbenefikaw minnhom ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala wieħed mill-gruppi fil-mira.** Pereżempju, l-Iżvezja ppjanat investiment ġdid (SEK 150 miljun, jiġifieri madwar EUR 14.6 miljun) imwarrba għal "impjiegi ekoloġiċi" għall-persuni li huma mbiegħda mis-suq tax-xogħol, inklużi l-immigranti. Fil-Belġju, il-Gvern ta' Walloon ppropona skema ġdida sabiex jappoġġa u jiggwida lill-ħaddiema li jixtiequ jtejbju l-ħiliet tagħhom jew jirridirezzjonaw lejn impjieg li qed jaffaċċja nuqqas ta' ħaddiema, b'enfasi fuq ħaddiema akbar fl-età u fuq ħaddiema li jtilfu l-impjieg tagħhom, filwaqt li r-reġjun ta' Flanders qed jippjana li jindirizza dejjem aktar il-ħiliet ta' litteriżmu u ta' numeriżmu u li jinstalla Pjattaforma ġdida għat-Tagħlim tul il-Ħajja. Fl-aħħar nett, l-Awstrija kompliet timplimenta l-Inizjattiva tagħha għall-Edukazzjoni għall-Adulti (*Initiative Erwachsenenbildung*), li għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-apprendiment għall-adulti għal persuni soċjoekonomikament żvantaġġati u li żżid il-livell ta' edukazzjoni tagħhom, b'parteċipazzjoni predominanti ta' adulti bi sfond ta' migrazzjoni. L-Italja nediet il-Fond għal Ħiliet Ġodda (*Fondo Nuove Competenze*) biex itejjeb il-ħiliet tal-forza tax-xogħol u jerġa' jharrigha b'attenzjoni speċifika għall-kompetenzi ekoloġiċi u diġitali.

**L-Istati Membri wettqu wkoll riformi mmirati lejn ir-rikonoxximent u/jew il-validazzjoni ta' kwalifiki jew ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.** Pereżempju, fi Frar 2020, il-Ġermanja stabbiliet iċ-Ċentru Ċentrali l-ġdid ta' Servizzi għar-Rikonoxximent tal-Professjonijiet fl-Aġenzija Federali tal-Impjiegi<sup>151</sup>. Dan is-servizz il-ġdid jaġixxi bħala l-uffiċċju nazzjonali għal dawk li jkunu barra mill-pajjiż u li qed ifittxu rikonoxximent tal-kwalifiki jew tal-ħiliet. L-Att tal-Ġermanja għas-Sospensjoni Temporanja ta' Deportazzjoni għat-Taħriġ u għall-Impjiegi jagħti wkoll il-possibbiltà li wieħed jirċievi permess ta' residenza għal sentejn wara li jtemm b'suċċess l-edukazzjoni jew it-taħriġ vokazzjonali jew wara li jkun ilu impjegat għal 30 xahar. Il-Finlandja ħejjiet linji gwida ġodda sabiex tivvaluta l-ħiliet u l-kapaċitajiet tax-xogħol, u, barra minn hekk, il-Ministeru għall-Affarjiet Ekonomiċi u għall-Impjiegi qed jipproponi żieda ġenerali ta' EUR 3 miljun fil-baġit għall-integrazzjoni tal-migranti (inkluża l-identifikazzjoni tal-ħiliet).

---

<sup>151</sup> Zentrale Servicestelle Berufsankennung (ZSBA): <https://www.erkennung-in-deutschland.de/html/de/pro/zsba.php>

**Għadd ta' Stati Membri ħadu miżuri biex jiffaċilitaw l-ammissjoni ta' ħaddiema migranti minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet u dawk li jimlew impjiegi li għandhom nuqqas ta' ħaddiema.** Wara l-Employment Permits (Amendment) Regulations 2018, l-Irlanda ppubblikat l-aħħar verżjoni tal-Ħiliet Kritiċi u tal-Listi Ineliġibbli tal-Impjiegi, li daħlet fis-seħħ minn Jannar 2020, bl-objettiv li tindirizza n-nuqqasijiet immedjati ta' ħaddiema f'setturi ewlenin bħall-ospitalità, il-kostruzzjoni, is-saħħa u t-trasport tal-merkanzija bit-triq<sup>152</sup>. Fl-2019, il-gvern Franċiż ħabbar li kien ser jimplimenta politika ta' immigrazzjoni professjonali skont is-settur ta' attività, ibbażata fuq l-ewwel reviżjoni (mill-2008) tal-listi reġjonali ta' okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema. Sabiex timmaniġġa ż-żieda fl-influssi tal-migrazzjoni tal-ħaddiema, f'Lulju 2019 il-Litwanja introduċiet kwoti għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi li jiġu sabiex jaħdmu f'impjiegi li jkun fihom nuqqas ta' ħaddiema, bl-ewwel lista ta' okkupazzjonijiet li għandha tiġi stabbilita fl-2021. F'Settembru 2019, iċ-Ċekja introduċiet kwoti annwali ġodda għall-aċċettazzjoni ta' applikazzjonijiet għal Kards tal-Impjegati u għal viżi għal negozju fit-tul, flimkien ma' tliet programmi ġodda ta' migrazzjoni tal-ħaddiema. Fil-Latvja, l-emendi għal-Liġi dwar l-Immigrazzjoni daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2019, u dawn jipprovdu l-possibbiltà li impjegatur jimpjega ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq il-bażi ta' viża fit-tul, bil-perijodu minimu għall-applikazzjoni għal pożizzjoni vakanti u bir-rekwiżit ta' pubblikazzjoni pożizzjoni vakanti abolit għal ċerti każijiet. Il-Finlandja espondiet il-programm orizzontali tagħha "*Talent Boost*" għall-migrazzjoni tal-ħaddiema fuq skala akbar, b'enfasi aktar qawwija fuq l-immigrazzjoni u fuq l-integrazzjoni ta' studenti u ta' riċerkaturi internazzjonali. Bħala parti mill-programm, ser jittieħdu miżuri sabiex jitħaffef il-proċess tal-permessi ta' residenza bbażat fuq ix-xogħol, sabiex ikun aktar faċli għall-istudenti u għar-riċerkaturi li jidħlu u jibqgħu fil-Finlandja.

---

<sup>152</sup> Ara l-lista fuq <https://dbei.gov.ie/en/What-We-Do/Workplace-and-Skills/Employment-Permits/Employment-Permit-Eligibility/Ineligible-Categories-of-Employment/>

**Il-kriżi tal-COVID-19 wasslet sabiex ħafna Stati Membri jirrestrinġu l-libertà tal-moviment minn barra u fi ħdan il-fruntieri tal-UE, u dan irriżulta f'nuqqas ta' ħaddiema f'xi oqsma bħall-agrikoltura u l-kura tas-saħħa.** Sabiex jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet ta' ħaddiema, pajjiżi bħall-Belġju, l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, il-Finlandja, Franza, l-Italja u s-Slovenja ħaffu r-rilaxx u/jew estendew il-validità tal-viżi għal xogħol (staġjonali) għal ħaddiema agrikoli speċifiċi u/jew għal professjonisti fil-kura medika<sup>153</sup>. B'mod aktar speċifiku għas-settur tal-kura tas-saħħa, fl-Irlanda ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment mingħajr aċċess għas-suq tax-xogħol kellhom il-possibbiltà li jwieġbu għas-sejħa nazzjonali għal ħaddiema tal-kura tas-saħħa u japplikaw għal tibdil fl-istatus sabiex jaħdmu bħala persunal tal-kura tas-saħħa. Fi Franza, għet implimentata proċedura speċifika u simplifikata għal tobba minn pajjiżi terzi b'diploma mhux tal-UE li assistew fl-indirizzar tal-emerġenza tas-saħħa. Il-Greċja applikat flessibbiltà fil-permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dokumenti għall-impjieg esklussiv tagħhom fl-agrikoltura. Fi Spanja, migranti regolari b'permessi ta' residenza li jiskadu bejn l-14 ta' Marzu u t-30 ta' Settembru setgħu wkoll jiġu impjegati regolarment mill-bdiewa. Barra minn hekk, Spanja żgurat ukoll protezzjoni msaħħa lill-ħaddiema staġjonali, kemm f'termini ta' aċċess għal skemi tal-qgħad temporanji (ERTEs) kif ukoll għall-benefiċċji tal-qgħad. Iċ-Ċekja żviluppat miżuri sabiex tgħaqqad liċ-ċittadini disponibbli ta' pajjiżi terzi li jinsabu fil-periklu li jtilfu l-impjieg tagħhom ma' impjegaturi li kienu qed ifittxu ħaddiema ġodda, b'mod partikolari fl-agrikoltura. Il-Finlandja u l-Belġju implimentaw derogi temporanji għad-dritt tax-xogħol għall-applikanti għal ażil. Barra minn hekk, il-Finlandja emendat l-Att dwar il-Barranin u l-Att dwar il-Ħaddiema Staġjonali, u b'hekk ippermettiet liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà jgħixu fil-pajjiż ibiddu l-impjegatur jew is-settur mingħajr ma japplikaw għal permess estiż jew ġdid. Xi pajjiżi neħħew b'mod eċċezzjonali l-projbizzjoni fuq id-dħul għal kategoriji speċifiċi, bħal-Lussemburgu, li ma applikax il-projbizzjoni għar-riċerkaturi u għall-esperti li pprovdew pariri fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, u għall-ħaddiema staġjonali.

---

<sup>153</sup> Ara wkoll EMN/OECD (2020). Maintaining labour migration in essential sectors in times of pandemic. Informazzjoni tal-EMN-OECD. Brussell: Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni. [https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/00\\_eu\\_inform3\\_labour\\_migration\\_2020\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/00_eu_inform3_labour_migration_2020_en.pdf)

### **3.3 Linja Gwida Nru 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieg tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali**

Din it-taqsimha tagħti ħarsa lejha l-implimentazzjoni tal-Linja Gwida Nru 7 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jtejjbu l-funzjonament tas-suq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali. Dan jinkludi l-ibbilanċjar tal-flessibilità u tas-sigurtà fil-politiki tas-suq tax-xogħol, il-prevenzjoni tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, il-ġlieda kontra x-xogħol mhux dikjarat u t-trawwim tat-tranżizzjoni lejha kuntratti indefiniti, l-iżgurar tal-kopertura tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, l-għoti ta' benefiċċji tal-qgħad adegwati, u l-promozzjoni tal-mobilità tal-forza tax-xogħol u tal-istudenti. Fuq il-bażi tal-prattiki nazzjonali eżistenti, jiġu diskussi wkoll il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u l-involvement tas-soċjetà ċivili. It-Taqsimha 3.3.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma.

### 3.3.1 Indikaturi ewlenin

**Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat id-differenzi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol bejn l-individwi, u enfasizzat il-konsegwenzi negattivi tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol.** Filwaqt li qed jonqsu b'mod ġenerali, l-impjieggi temporanji u part-time involontarji għadhom għoljin f'xi Stati Membri. Id-duwalità fis-suq tax-xogħol għandha konsegwenzi negattivi fuq il-ħaddiema affettwati, b'mod partikolari ż-żgħażaġh u dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Dan sar evidenti fil-kuntest kurrenti: filwaqt li s-segment tal-forza tax-xogħol li jgawdi minn prospetti ta' impjieg u minn sigurtà aħjar kien aktar protett fil-kriżi tal-COVID-19, dawk b'kundizzjonijiet tax-xogħol aktar prekarji jew anqas adattabbli, u/jew b'anqas aċċess għall-protezzjoni soċjali, ġarrbu impatt akbar<sup>154</sup>. Il-gruppi fil-livell inferjuri tad-distribuzzjoni tal-introjtu mix-xogħol kellhom probabbiltà akbar li jesperjenzaw aktar telf ta' introjtu u ta' impjieggi, b'mod partikolari l-ħaddiema temporanji, iż-żgħażaġh impjegati u dawk f'okkupazzjonijiet b'livell baxx ta' ħiliet. Mill-perspettiva, huwa importanti li l-Istati Membri jevitaw regolamenti mfassla ħażin li jaġixxu bħala ostaklu għall-ħolqien tal-impjieggi, u jiżguraw li l-impjieggi temporanji jservu ta' xprun għal forom kuntrattwali ta' xogħol aktar protetti. Żewġ prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jappoġġaw l-isforzi f'din id-direzzjoni. B'mod partikolari, il-Prinċipju 5 ("*Impjieg sigur u adattabbli*") u l-Prinċipju 7 ("*Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensja*") għandhom l-għan li jiżguraw trattament ugwali bejn il-ħaddiema, irrispettivament mit-tip ta' relazzjoni ta' impjieg.

---

<sup>154</sup> Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea (2020), *The impact of COVID confinement measures on EU labour market*, Science for Policy Briefs, disponibbli fuq <https://europa.eu/!QK78dV>; L-analiżi sperimentali tal-Eurostat (2020), *COVID-19 labour effects across the income distribution*, disponibbli fuq <https://europa.eu/!nV98vQ>

**Xogħol flessibbli bit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), u b'mod partikolari t-telexogħol, saru element ewlieni tax-xejriet u tal-prattiki tax-xogħol li dejjem qed jinbidlu.** L-emerġenza tas-saħħa qajmet id-dibattitu dwar l-estensjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli billi jiġu sfruttati l-ICTs. Dan jista' jkollu benefiċċji ċari għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li jippermettilhom jadattaw il-ħin u l-post tax-xogħol għall-ħtiġijiet tagħhom. Madankollu, dan jista' jwassal ukoll għal intensifikazzjoni tax-xogħol, anke fil-preżenza ta' livelli għoljin ta' flessibbiltà u ta' awtonomija. Dawn l-aspetti rawmu d-dibattitu dwar ir-regolamentazzjoni tal-ħin tax-xogħol f'arranġamenti ta' xogħol mill-bogħod f'numru ta' Stati Membri u fil-livell tal-UE<sup>155</sup>. Barra minn hekk, l-ambjenti tax-xogħol ikkaratterizzati minn użu għoli tal-ICT jistgħu joħolqu riskji għas-saħħa tal-ħaddiema.


L-aspetti marbuta mal-kwalità tal-impjegi huma rilevanti wkoll fil-kuntest tax-xogħol ibbażat fuq l-ICT. Filwaqt li xi ħaddiema jirnexxilhom jużaw il-flessibbiltà akbar u l-livell oġġla ta' awtonomija inerenti f'xogħol ibbażat fuq l-ICT għall-benefiċċju tagħhom stess, madwar kwart tal-ħaddiema (24 %) f'ambjent tax-xogħol ibbażat fuq l-ICT jesperjenzaw kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji (eż. huma aktar probabbli li jkollhom kuntratt għal terminu fiss, jaqilgħu introjtu baxx, jesperjenzaw nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg u ma jkollhomx opportunitajiet ta' taħriġ). Dawk li jaħdmu għal rashom u li jagħmlu xogħol flessibbli fuq il-bażi tal-ICT ukoll x'aktarx li jkunu f'sitwazzjoni bħal din.

---

<sup>155</sup> Għal aktar dettalji ara Eurofound (2020), *Telework and ICT-based mobile work: Flexible working in the digital age*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

### Illustrazzjoni 41: Il-pandemija tat spinta lix-xogħol mill-bogħod

• Il-post tax-xogħol tal-impjegati matul ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19 fuq il-mobbiltà individwali (skont l-Istat Membru, f%)



Sors: Eurofound (2020), *Living, working and COVID-19*, serje COVID-19, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Nota: Affidabbiltà baxxa (\*) f'Ottobru 2020 għal CY, LV, MT u PL. L-UE-27 tirreferi għall-medja ponderata tas-27 Stat Membru. Hija meħtieġa kawtela fl-interpretazzjoni ta' dawn ir-riżultati peress li d-distribuzzjoni settorjali tal-ħaddiema fil-kampjun taffettwa d-distribuzzjoni tat-telexogħol skont il-pajjiż.

**It-telexogħol sar il-mod normali ta' xogħol għal ħafna nies li qabel kellhom esperjenza limitata jew l-ebda esperjenza ta' xogħol mill-bogħod.** Skont id-data tal-LFS,<sup>156</sup> 5.5 % biss mit-total tal-persuni impjegati (20-64 sena) fl-UE-27 kienu qed jaħdmu mid-dar fuq bażi regolari fl-2019. L-ogħla ishma ġew irreġistrati fin-Netherlands (15 %), fil-Finlandja (14.5 %), fil-Lussemburgu (11.5 %) u fl-Awstrija (10.2 %). Filwaqt li x-xejra kienet qed tiżdied bil-mod fis-snin li għaddew, ix-xogħol mid-dar kien kważi eċċezzjoni fil-Bulgarija, fir-Rumanija, fl-Ungerija, f'Ċipru, fil-Kroazja u fil-Greċja, b'perċentwali taħt jew madwar 2 % tal-impjegi totali fl-2019. Dan kollu nbidel fl-2020, bir-restrizzjonijiet fuq il-mobbiltà individwali u bil-miżuri ta' tbeġħid soċjali li ttieħdu sabiex tiġi miġġielda l-pandemija. Stħarriġ elettroniku reċenti tal-Eurofound jipprovdi għarfien rilevanti dwar din il-bidla fix-xejriet tax-xogħol tan-nies<sup>157</sup>. L-Illustrazzjoni 41 turi differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri rigward il-post tax-xogħol awtorapportat matul il-pandemija. Is-sehem ta' rispondenti li indikaw li qed jaħdmu esklużivament mid-dar matul il-pandemija tal-COVID-19 ivarja minn madwar 20 % fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fl-Ungerija, fil-Polonja u fis-Slovakkja għal aktar minn 40 % fi Franza, fi Spanja, fl-Italja u fl-Irlanda, u aktar minn 50 % fil-Belġju. Analiżi dettaljata tal-okkupazzjonijiet vulnerabbli fl-Istati Membri tal-UE (jiġifieri dawk li jinkludu kompiti intensivi fil-kuntatt u kompiti li ma jistgħux jitwettqu mill-bogħod) tista' tinstab fl-edizzjoni 2020 tal-Labour Market and Wage Developments<sup>158</sup>.

---


<sup>156</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *EU Labour Force Survey ad hoc module 2019 on work organisation and working time arrangements*, Eurostat, Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Kwalità. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!Fq97qU>

<sup>157</sup> Nota: L-istħarriġ elettroniku tal-Eurofound "*Living, working and COVID-19*" huwa għodda online mfassla biex tinġabar malajr informazzjoni minn persuni ta' aktar minn 18-il sena b'aċċess għall-Internet bl-użu ta' metodu ta' kampjunar mhux probabilistiku. L-istħarriġ elettroniku sar f'darbtejn, f'April u f'Lulju 2020. B'kollox, tlestew 91 753 kwestjonarju, 87 477 minn persuni li jgħixu fl-UE-27.

<sup>158</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Labour Market and Wage Developments in Europe*, Rieżami Annwali tal-2020. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

## Illustrazzjoni 42: L-inċidenza tat-telexogħol kienet akbar f'ċerti profili u setturi

1 Ix-xogħol mid-dar matul il-COVID-19, il-karatteristiċi ewlenin tal-ħaddiema parteċipanti



(UE-27, f%)

3. Sors: L-istħarriġ elettroniku tal-Eurofound (2020) "Living, working and COVID-19" (Il-ħajja, ix-xogħol u l-COVID-19).

**Fuq il-bażi ta' evidenza tal-istħarriġ, il-persuni li jaħdmu mid-dar kienu fil-biċċa l-kbira ħaddiema bbażati f'żoni urbani, ħaddiema mhux manwali fis-settur tas-servizzi u b'livell edukattiv terzjarju milħuq.** Sa 74 % tal-impjegati b'edukazzjoni terzjarja ħadmu mid-dar, meta mqabbla ma' 34 % ta' dawk b'edukazzjoni sekondarja u ma' 14 % fost dawk b'edukazzjoni primarja. Kif jista' jkun mistenni, hemm ukoll differenzi importanti fl-inċidenza tax-xogħol mid-dar skont is-settur, bl-ogħla inċidenza f'ħafna mis-setturi tas-servizzi (b'mod partikolari, fl-edukazzjoni, fil-finanzi u fl-amministrazzjoni pubblika) u bl-aktar baxxa fis-setturi "tal-ewwel linja" bħas-saħħa, it-trasport u l-agrikoltura, kif ukoll f'setturi soġġetti għal restrizzjonijiet speċifiċi, bħan-negozju bl-imnut u l-ospitalità. L-impjegati li jgħixu fil-bliet għandhom ukoll probabbiltà akbar li jaħdmu mid-dar meta mqabbla ma' dawk li jgħixu fil-kampanja jew f'żoni anqas popolati. Sehem relattivament ogħla ta' nisa indikaw li jaħdmu mid-dar meta mqabbla mal-irġiel. L-impjegati iżgħar kienu fl-aħħar mill-aħħar aktar probabbli li jaħdmu mid-dar minn koorti ta' età oħra. Dawn is-sejbiet huma konformi mad-data mill-istħarriġ tal-UE dwar l-użu tal-ICT<sup>159</sup>.

**L-evidenza mill-aħħar stħarriġ online COLLEEM II, miġbura qabel il-pandemija, turi li x-xogħol fuq pjattaforma diġitali għadu fenomenu limitat iżda li qed jikber**<sup>160</sup>. Proporzjon żgħir biss (madwar 1.4 %) tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol fl-Istati Membri mistħarrġa fl-2018 kienet tipprovdi servizzi permezz ta' pjattaformi diġitali tax-xogħol bħala l-attività ewlenija tagħha (tnaqqis ta' 0.9 pp meta mqabbla mal-2017). Madankollu, il-perċentwal huwa aktar sinifikanti għal dawk li jiddikjaraw li jipprovdu dawn is-servizzi bħala attività sekondarja (4.1 % tat-total ta' dawk li wiegħbu; żieda ta' 0.5 pp meta mqabbla mal-2017), b'differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri. Ix-xogħol fuq pjattaforma diġitali għadu attività eteroġenja bil-kundizzjonijiet tax-xogħol, bl-istatus u bl-introjtu tal-ħaddiema tal-pjattaformi li jiddependu ħafna fuq it-tip ta' kompiti mwettqa, fuq il-mudell ta' negozju u fuq il-mekkaniżmi ta' governanza applikati mill-pjattaforma. Madankollu, l-istimi miksuba huma importanti sabiex jiġu analizzati r-rilevanza tax-xogħol fuq pjattaforma diġitali fl-Istati Membri, u kunsiderazzjonijiet relatati mal-kwalità tal-impjiegi<sup>161</sup>.

<sup>159</sup> Sostero M., *et al.* (2020), *Teleworkability and the COVID-19 crisis: a new digital divide?*, Kummissjoni Ewropea, 2020, JRC121193. Disponibbli fuq <https://europa.eu/!PR73qN>

<sup>160</sup> Urzi Brancati, C., *et al.* (2019), *New evidence on platform workers in Europe. Results from the second COLLEEM survey*. Disponibbli fuq <https://europa.eu/!qQ33cP> Nota: COLLEEM II għadu għaddej u jestendi l-ħidma li saret fl-istħarriġ COLLEEM preċedenti ("Ekonomija u Impjiegi Kollaborattivi). Dan huwa stħarriġ online ta' panel dwar il-pjattaformi diġitali kkummissjonat mid-DG EMPL u kkoordinat mill-JRC. Sar fi 15-il Stat Membru: CZ, DE, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, NL, PT, RO, SE, SK u fir-Renju Unit.

<sup>161</sup> Għal aktar dettalji dwar ix-xogħol fuq pjattaforma, ara r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2020 u s-sorsi tad-data bħala bażi.

**Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat l-ekonomija tal-pjattaformi f'diversi Stati Membri.** Xi pjattaformi adattaw malajr il-mudelli ta' negozju tagħhom sabiex jespandu l-konsenji tagħhom u jinkludu prodotti jew servizzi addizzjonali, inkluża l-kura tas-saħħa. Dan seta' kkontribwixxa biex jiffaċilita l-provvista ta' oġġetti essenzjali, jimminimizza r-riskju ta' interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista u jappoġġa ż-żamma tal-impjiegi. Madankollu, ir-riskji relatati mas-saħħa u mas-sikurezza u t-tħassib relatat mal-intensità għolja tax-xogħol saru aktar evidenti matul il-pandemija. Pjattaformi oħra, li spiss jipprovdu servizzi ta' mobbiltà u domestiċi, kellhom iġarrbu tnaqqis f'daqqa fl-attività wara r-restrizzjonijiet imposti fuq il-mobbiltà u l-miżuri ta' tbeġħid soċjali. Skont il-Eurofound,<sup>162</sup> id-domanda għax-xogħol fuq pjattaforma diġitali żdiedet minn meta faqqgħet il-pandemija fil-Belġju, fil-Kroazja, fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fi Franza, fil-Greċja, fil-Litwanja, f'Malta, fin-Netherlands, fil-Portugall, fis-Slovenja u fi Spanja. F'dawn l-Istati Membri u f'oħrajn, il-pjattaformi ħadu miżuri sabiex jipprovdu lill-ħaddiema bi gwida dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, appoġġ għall-introjtu u garanziji kuntrattwali sabiex jikkumpensaw għall-perjodi ta' assenza u għall-waqfien mix-xogħol. Madankollu, l-impatt f'termini ta' kopertura u ta' adegwatezza ta' dawn il-miżuri fuq il-ħaddiema tal-pjattaformi x'aktarx jirrikjedi sorveljanza mill-qrib.

---

<sup>162</sup> Eurofound (2020), *Platform economy: Developments in the COVID-19 crisis*.


**Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol,<sup>163</sup> kif indikata mis-sehem ta' impjegati temporanji, tista' tkun sors addizzjonali ta' vulnerabbiltà fil-kuntest tal-kriżi attwali<sup>164</sup>.** Kif enfasizzat fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2020, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol jista' jkollha konsegwenzi ekonomiċi u soċjali importanti, bħal effiċjenza limitata fl-allokazzjoni tar-riżorsi, introjtu aktar baxx, tkabbir dgħajjed fil-produttività u żvilupp batut tal-kapital uman, riskji ogħla ta' faqar, inugwaljanza jew mobbiltà soċjali mnaqqsa. Matul l-aħħar għaxar snin, is-sehem ta' kuntratti temporanji meta mqabbla mal-impjegati totali (kategorija ta' bejn il-15 u l-64 sena) kien bħala medja fl-UE-27 ta' madwar 15 %, għalkemm hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri. Id-differenza bejn l-Istati Membri bl-ogħla u bl-anqas ishma kienet ta' 25 pp fl-2019, wara xejra ta' tnaqqis mill-ogħla livell ta' 31 pp fl-2005, u ammontat għal 21.6 pp fit-tieni trimestru tal-2020, anki jekk f'it-tieni trimestru tal-2020 (22.5 pp) għat-tielet trimestru tal-2020. Tnaqqis sostanzjali fis-sehem ta' impjegati temporanji (15-64; aġġustat skont l-istaġun) ġie osservat tnaqqis sostanzjali fis-sehem ta' impjegati temporanji fit-tieni trimestru tal-2020 fl-UE-27 (bi 2.2 pp), meta mqabbel mat-tieni trimestru tal-2019. Dan jissuġġerixxi li t-telf ta' impjiegi minħabba x-xokk ekonomiku seħħ l-aktar minħabba n-nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratti għal terminu fiss, filwaqt li skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u restrizzjonijiet fuq l-għoti ta' sensja setgħu evitaw it-telf tal-impjiegi sa ċertu punt akbar fost il-ħaddiema permanenti. Madankollu, din id-differenza hija inqas evidenti fit-tielet trimestru tal-2020, meta mqabbla mat-tielet trimestru tal-2019 (1.7 pp). Xi Stati Membri bħal Spanja, il-Kroazja, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovenja rreġistraw tnaqqis fl-ishma tagħhom ta' impjegati temporanji ta' aktar minn 3.5 pp bejn it-tieni trimestru tal-2020 u t-tieni trimestru tal-2019, filwaqt li s-sehem globali tagħhom għadu għal xi wħud minnhom fl-livelli għoljin (aktar minn 15 %). Fit-tieni trimestru tal-2020, seba' Stati Membri (l-Iżvezja, Franza, l-Italja, il-Kroazja, Ċipru, id-Danimarka u l-Greċja) għad għandhom ishma f'firxa ta' bejn 10 % u 15 %, filwaqt li l-ishma l-aktar baxxi huma rreġistrati fil-Litwanja, fir-Rumanija, fil-Latvja, fl-Estonja u fil-Bulgarija, b'ċifri anqas minn 5 %.

<sup>163</sup> Skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), hija d-diviżjoni tas-suq tax-xogħol f'sotto swieq jew segmenti separati, distinti minn karatteristiċi u regoli ta' mgħiba differenti bħal arranġamenti kuntrattwali, livell ta' infurzar jew tipi ta' ħaddiema kkonċernati. Ir-riċerka dwar is-suġġett għandha l-għan li tidentifika segmenti ewlenin tas-suq tax-xogħol, il-livell ta' tranżizzjonijiet bejniethom u l-konsegwenzi għall-ekwi-tà u l-effiċjenza tas-suq tax-xogħol, biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi negattivi ta' dan il-fenomeno.

<sup>164</sup> Ir-rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2020 ippreżenta analiżi estensiva tal-kwistjonijiet marbutin mas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol b'għarfien mill-Eurofound (2019), *Labour market segmentation: Piloting new empirical and policy analyses*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

### Illustrazzjoni 43: L-impjegi temporanji għadhom sfida f'diversi Stati Membri

Is-sehem ta' impjegati temporanji min-numru totali ta' impjegati (15-64), data trimestrali, aġġustata skont l-istaġun.




Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Nota: L-aktar data trimestrali reċenti mhijiex disponibbli għal DE.

**In-nisa, l-impjegati iżgħar fl-età u l-ħaddiema li ma twildux fl-UE huma aktar probabbli li jkunu f'impjieg temporanju minn gruppi oħra tal-popolazzjoni.** Fit-tieni trimestru tal-2020, is-sehem ta' impjegati nisa (15-64 sena) b'kuntratti temporanji fl-UE-27 kien ta' 13.6 %, meta mqabbel ma' 12.4 % għall-irġiel, bi tnaqqis ta' 2.2 pp kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa bejn it-tieni trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2020 (iċ-ċifri annwali għall-2019 kienu ta' 15.5 % għan-nisa u ta' 14.4 % għall-irġiel, b'differenza ġeneralment stabbli matul dawn l-aħħar snin). L-akbar ishma ta' impjieg temporanju tan-nisa (15-64) fuq l-għadd totali ta' impjegati ġew osservati fi Spanja (27.3 % fl-2019; 24.6 % għat-tieni trimestru tal-2020), il-Polonja (22.9 % u 19.8 %, rispettivament), in-Netherlands (21.2 % u 18.3 %, rispettivament) u l-Portugall (21.1 % u 17.3 %, rispettivament). Fl-2019, is-sehem ta' impjegi temporanji fost iż-żgħażaġh impjegati (bejn 15 u 24 sena) kien ferm ogħla, b'49.6 % (45.4 % fit-tieni trimestru tal-2020), meta mqabbel ma' 12.7 % (11.1 % fit-tieni trimestru tal-2020) għal dawk li għandhom bejn 25 u 54 sena u ma' 6.8 % (5.7 % fit-tieni trimestru tal-2020) għal dawk li għandhom bejn 55 u 64 sena. Is-sehem ta' impjegi temporanji kien ukoll ħafna akbar fost l-impjegati li twieldu barra mill-UE (22 %) milli fost in-nattivi (13 %), bid-distakk ikun partikolarment kbir (differenza ta' aktar minn 20 pp) fil-Polonja u f'Ċipru u relattivament kbir (madwar 10-15 pp) fl-Iżvezja, fi Spanja u fil-Greċja.

## Illustrazzjoni 44: L-iżgurar tal-"effett ta' xprun" ta' kuntratti temporanji jikkontribwixxi għat-tkabbir inklużiv

Ir-rata ta' tranżizzjoni għal impjieg permanenti (medja għall-2018 u għall-2019) u s-sehem ta' ħaddiema temporanji mit-total tal-impjegati 15-64 (2019).



Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, SILC.


Nota: It-tranżizzjonijiet tax-xogħol għal LV jirreferu għall-2017; il-valur għal SK jirreferi għall-2016.

**L-iżgurar li l-kuntratti temporanji jkunu "xprun" għal impjieg permanenti u ma jsirux punti li joħonqu l-karriera huwa kruċjali għat-tkabbir inklużiv.** Sehem għoli ta' impjegati temporanji flimkien ma' rati baxxi ta' tranżizzjoni minn impjieg temporanji għal permanenti jistgħu jkunu sinjal ta' duwalità fis-suq tax-xogħol. L-Illustrazzjoni 44 turi r-rati ta' tranżizzjoni minn kuntratti temporanji għal kuntratti permanenti (medja għall-2018 u għall-2019), ipplottjati meta mqabbla mad-data annwali l-aktar reċenti dwar l-impjegati temporanji bħala perċentwal mill-impjiegati totali (15-64 sena). Tliet Stati Membri (Spanja, Franza, l-Italja) juru rati għoljin ta' impjiegati temporanji (ogħla mill-medja tal-UE ta' 12.8 % fl-2019) flimkien ma' rati baxxi ta' tranżizzjoni minn kuntratti għal terminu fiss għal kuntratti indefiniti (anqas minn 20 %). Pajjiżi oħra bħall-Polonja, in-Netherlands jew il-Portugall juru rati mdaqqsqa ta' impjiegati temporanji, iżda b'rati ta' tranżizzjoni ogħla (aktar minn 30 %). Min-naħa l-oħra, fir-Rumanija, fl-Estonja, fiċ-Ċekja, fis-Slovakkja u fl-Awstrija ġew osservati rati baxxi ta' impjiegati temporanji u rati ta' tranżizzjoni relattivament għoljin għal kuntratti indefiniti (ogħla minn 30 %).

**L-impjiegi temporanji involontarji għadhom mifruxa f'xi Stati Membri.** F'xi Stati Membri, ir-raġuni ewlenija għal kuntratt temporanju għadha l-impossibbiltà li jinstab impjieg permanenti. Is-sehem ta' impjegati temporanji involontarji min-numru totali ta' impjegati fl-UE-27 naqas bil-mod iżda b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin, minn 56.2 % fl-2016 għal 52.1 % fl-2019, għalkemm b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri (ara l-Illustrazzjoni 45). F'pajjiżi bħall-Kroazja, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja u l-Italja, madwar 80 % jew aktar tal-impjegati temporanji (15-64 sena) jirrapportaw li jinsabu f'din is-sitwazzjoni minħabba li ma setgħux isibu impjieg permanenti. F'Ċipru, minkejja li s-sehem ta' impjegati temporanji (13.9 % fit-tieni trimestru tal-2020) huwa qrib il-medja tal-UE, 93.4 % minnhom huma meqjusa bħala impjegati temporanji involontarji, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 52.1 %. L-aktar rati baxxi ta' ħaddiema temporanji involontarji huma rreġistrati fil-Lussemburgu, fl-Awstrija u fil-Ġermanja, b'ċifri taħt il-15 %.

**Illustrazzjoni 45: Is-sehem tal-persuni meqjusa li huma f'impjieg temporanju involontarjament għadu sinifikanti f'xi Stati Membri**

Ħaddiema temporanji involontarji bħala sehem mit-total tal-impjegati temporanji (2019) u s-sehem ta' ħaddiema temporanji min-numru totali ta' impjegati (2019).




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, SILC.  
 Nota: L-impjiegi temporanji involontarji għall-EE jirreferu għall-2018.

**Is-sehem tal-impjeggi part-time naqas dan l-aħħar, iżda x-xogħol part-time involontarju għadu qed jaffettwa numru sinifikanti ta' impjegati.** Is-sehem ta' ħaddiema part-time (15-64, aġġustat skont l-istaġun) fl-UE-27 laħaq is-17 % fit-tieni trimestru tal-2020, 1.4 pp anqas mit-tieni trimestru tal-2019. F'termini ta' varjazzjoni trimestrali, l-Ungerija, l-Estonja u n-Netherlands irreġistraw żieda reċenti fl-impjeggi part-time (bejn 1.1 pp u 0.5 pp fit-tieni trimestru tal-2019, meta mqabbla mal-istess trimestru fl-2020), filwaqt li fil-Portugall, fis-Slovenja, fi Spanja, fil-Finlandja u fl-Irlanda dan is-sehem naqas b'mod sinifikanti (bejn -2.3 u -1 pp) (ara l-Illustrazzjoni 46). Fit-tieni trimestru tal-2020, is-sehem tal-ħaddiema part-time huwa daqs jew oġhla minn 20 % f'ħames Stati Membri (in-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka u l-Iżvezja), filwaqt li anqas minn 5 % fi tlieta oħra (il-Bulgarija, is-Slovakkja u l-Kroazja). Qabel il-pandemija, is-sehem ta' xogħol part-time involontarju mill-impjeggi totali (15-64 sena) kien qabad xejra ta' tnaqqis, minn 32 % fl-2014 għal 25.8 % fl-2019. Madankollu, l-ishma jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri (madwar 62 pp bejn l-anqas u l-oġhla rati fl-2019), bil-Greċja, bl-Italja, b'Ċipru u bir-Rumanija jirrapportaw ċifri ta' oġhla minn 55 %, filwaqt li oħrajn (il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija u s-Slovenja) juru ċifri ta' anqas minn 5 %. Għadu kmieni wisq sabiex wieħed jara fid-data jekk il-kriżi attwali hijiex ser twassal sabiex jirpilja s-sehem ta' ħaddiema part-time involontarji.

**Illustrazzjoni 46: Is-sehem ta' xogħol part-time baqa' ġeneralment stabbli maż-żmien, għalkemm b'varjazzjonijiet importanti f'xi Stati Membri**

Is-sehem ta' impjeggi part-time mill-impjeggi totali (15-64), data trimestrali, aġġustata skont l-istaġun.




Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Nota: L-aktar data trimestrali reċenti mhijiex disponibbli għal DE.

**L-istatus ta' impjieg indipendenti ta' ħaddiem waħdu (l-hekk imsejħa ħaddiema awtonomi) għadu mifrux.** Qabel il-pandemija, is-sehem ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom ta' bejn 20 u 64 sena mill-impjieg totali kien relattivament stabbli jew naqas bi ftit fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, għalkemm b'differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi u s-setturi (ara t-Taqsima 3.1). L-istatus ta' impjieg indipendenti normalment ikun volontarju u sinjal pożittiv ta' spirtu intraprenditorjali. Madankollu, jista' jaħbi wkoll relazzjonijiet ta' impjieg dipendenti (madankollu hemm limitazzjonijiet sabiex tiġi vvalutata d-dipendenza ekonomika u organizzazzjonali bi statistika komparabbli tal-Eurostat)<sup>165</sup>. Fl-2019, is-sehem ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati kienu jirrappreżentaw 9.4 % tal-impjieg totali fl-UE. Il-Greċja, l-Italja u r-Rumanija kellhom l-ogħla rati (ogħla minn 14 %), segwiti mill-Polonja, miċ-Ċekja, min-Netherlands u mis-Slovakkja, b'rati ta' bejn 12 % u 13.6 % (ara l-Illustrazzjoni 47). Għall-kuntrarju, Stati Membri bħal-Lussemburgu, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Iżvezja, il-Kroazja u l-Ungerija wrew rati taħt jew qrib il-5 %. F'Malta, fin-Netherlands, f'Ċipru u fil-Portugall, is-sehem ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati żdied (b'0.5 pp jew aktar) fl-2019 meta mqabbla ma' sena qabel; filwaqt li fil-Greċja u fil-Bulgarija naqas b'tal-anqas 0.5 pp matul l-istess perijodu. Fil-kuntest attwali, l-iżgurar ta' aċċess għall-protezzjoni soċjali għal kulħadd, inkluż għal dawk li jaħdmu għal rashom, jista' jnaqqas l-inċertezza u jtejjeb il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol.

**Illustrazzjoni 47: Filwaqt li qed jonqos, in-numru ta' ħaddiema awtonomi għadu għoli f'xi Stati Membri u jeħtieġ sorveljanza mill-qrib sabiex jiġi evitat impjieg indipendenti "fittizju"**

Il-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati bħala perċentwal tal-impjieg totali.



Sors: Eurostat, LFS (kalkoli tad-DĠ EMPL).

<sup>165</sup> Għal aktar informazzjoni, ara r-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg tal-2020 u l-modulu ad-hoc tal-2017 dwar l-impjieg indipendenti mill-Eurostat.

**Il-COVID-19 kellha impatt qawwi fuq l-individwi involuti f'xogħol mhux dikjarat.** Ix-xogħol mhux dikjarat għadu sfida sinifikanti għall-UE u jieħu ħafna forom differenti, minn nuqqas ta' dokumentazzjoni għal sottorapportar tas-siġhat, pagi fl-idejn u impjeg indipendenti fittizju. Skont stħarriġ tal-Ewrobarometru speċjali, 33 % tal-Ewropej jafu lil xi ħadd li jaħdem xogħol mhux dikjarat, u 10 % jirrapportaw li xtraw oġġetti jew servizzi li jinvolvu xogħol mhux dikjarat tul is-sena li għaddiet. Il-pandemija kellha impatt kbir fuq il-biċċa l-kbira tas-setturi ekonomiċi madwar l-UE, inklużi dawk bi proporzjonijiet tradizzjonalment għoljin ta' ħaddiema mhux dikjarati li spiss ikollhom aċċess limitat għall-protezzjoni soċjali u riskji oġhla ta' telf ta' introjtu u ta' impjeg. Dan iqajjem sfidi ġodda għall-ispettorati tax-xogħol, li kellhom jadattaw il-prattiki u l-prijoritajiet tax-xogħol tagħhom fid-dawl tal-pandemija. F'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Pjattaforma Ewropea għat-tiġib tal-kooperazzjoni biex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux dikjarat irreaġixxiet għall-isfidi immedjati b'azzjonijiet li jħeġġu t-tranżizzjoni minn xogħol mhux dikjarat għal xogħol dikjarat (ara t-Taqsima 3.3.2 għal aktar dettalji).


**Leġiżlazzjoni mfassla tajjeb għall-protezzjoni tal-impjiegi tista' tiffaċilita l-adattament tas-suq tax-xogħol u t-tibdil strutturali** billi tiproteġi lill-ħaddiema mill-effetti tax-xokkijiet ekonomiċi u trawwem tranżizzjonijiet mingħajr xkiel fis-suq tax-xogħol. Bl-involvement tas-šhab soċjali, din issostni wkoll ambjent stabbli li fih in-nies u n-negozji jikkunsmaw u jinvestu b'kunfidenza. L-Illustrazzjoni 48 tippreżenta r-riżultati ewlenin tal-aġġornament tal-2020 tal-indikaturi tal-protezzjoni tal-impjiegi mill-OECD għall-Istati Membri parteċipanti<sup>166</sup>. Filwaqt li dawn l-indikaturi għandhom valur normattiv limitat, huma jenfasizzaw l-eteroġeneità tal-mudelli fost il-pajjiżi kollha (kif indikat mid-differenzi kemm fl-indikatur ġenerali kif ukoll għal kull wieħed mis-subindikaturi) u jippermettu osservazzjonijiet tal-evoluzzjoni tagħhom maż-żmien. Barra minn hekk, ir-relazzjoni bejn l-EPL għall-ħaddiema regolari u dik għall-ħaddiema temporanji tista' tgħin biex jinkiseb għarfien dwar il-fatturi determinanti tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Bħala medja, l-Istati Membri parteċipanti jgħibu punteġġ ta' madwar 2 fl-indikatur ġenerali tal-Leġiżlazzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Impjiegi (EPL) tal-OECD, fi klassifikazzjoni minn 0 sa 6. Xi Stati Membri, bħad-Danimarka, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda u l-Awstrija, għandhom punteġġ ġenerali tal-indikatur tal-EPL taħt it-2, li jindika regolamentazzjoni aktar flessibbli tas-swieq tax-xogħol; filwaqt li oħrajn, bħall-Belġju, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Latvja, in-Netherlands u l-Portugall juru indikatur tal-EPL ta' bejn 2.5 u 3, li jindika swieq tax-xogħol regolati aktar b'saħħa. Il-ħdax-il Stat Membru li jifdal analizzaw il-punteġġ fin-nofs b'valuri tal-indikatur ta' bejn 2 u 2.5. F'termini ġenerali, għar-rappurtar tal-perijodu 2008-2019, xi Stati Membri bħan-Netherlands, iċ-Ċekja u l-Irlanda mxew lejn valuri oġhla tal-indikatur, jiġifieri regolamentazzjoni aktar stretta (b'punteġġi li żdiedu b'0.4 ta' punt jew aktar) (ara l-Illustrazzjoni 49). Għall-kuntrarju, f'pajjiżi bħall-Awstrija, il-Greċja, is-Slovenja, il-Ġermanja u l-Lussemburgu, kien hemm tnaqqis fil-valur tal-indikatur globali b'madwar 0.8 ta' punt jew aktar, li jindika tibdil lejn regolamentazzjoni aktar flessibbli.

---

<sup>166</sup> L-indikaturi tal-leġiżlazzjoni tal-OECD dwar il-protezzjoni tal-impjiegi (EPL) għat-tkeċċija tal-ħaddiema regolari jgħibu punteġġi miż-0 sal-6. Jevalwa d-dispożizzjonijiet nazzjonali għat-tkeċċija ta' ħaddiema regolari abbażi ta' erba' kategoriji wesgħin: i) Rekwiżiti proċedurali; ii) Avviż u kumpens għat-terminazzjoni tal-impjiegi; iii) Qafas regolatorju għal sensji iġusti; iv) L-infurzar tar-regolament dwar is-sensji iġusti. L-indikatur tal-EPL tal-OECD huwa l-medja tal-erba' punteġġi. Sar f'22 Stat Membru: BE, CZ, DK, DE, EE, IE, EL, ES, FR, IT, LU, HU, LV, LT, NL, AT, PL, PT, SI, SK, FI u SE. Sors: <http://oe.cd/epl>

## Illustrazzjoni 48: L-Istati Membri sawru b'modi differenti l-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-protezzjoni tal-impjegi

Indikaturi tal-OECD: Rigorożità tar-regolamentazzjoni tas-sensji individwali ta' ħaddiema regolari, 2019



(\*) L-UE-22 tirreferi għall-punteġġ medju tat-22 Stat Membru analizzat fil-bażi ta' data dwar l-EPL tal-OECD.

Sors: Indikaturi tal-OECD tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjegi.


**Id-differenzi bejn il-kuntratti fir-rekwiżiti proċedurali, fil-kostijiet tar-reklutaġġ u tat-tkeċċija u fir-regolamenti dwar is-sensji inġusti jistgħu jinfluwenzaw il-preferenzi ta' reklutaġġ tal-impjegaturi u s-sigurtà tal-impjieg għall-impjegati.** Il-punteġġ medju<sup>167</sup> tat-22 pajjiż tal-UE analizzati f'termini tar-rekwiżiti proċedurali huwa ta' 2, b'sitt Stati Membri (l-Awstrija, l-Ungerija, id-Danimarka, il-Greċja, l-Irlanda u s-Slovenja) li juru ċifri taħt il-1.3, u tlieta oħra (is-Slovakkja, iċ-Ċekja u n-Netherlands) b'punteġġ oġġla minn 2.8. It-tul tal-avviż formali u l-ammont tal-ħlas għat-terminazzjoni tal-impjieg juru punteġġ medju relattivament baxx (1.9), b'differenza ta' 2.5 pp bejn l-oġġla valur (3.4 fil-Litwanja) u l-anqas (0.9 fl-Awstrija). Id-differenzi fil-qafas regolatorju għas-sensji inġusti jew għal kumpensi f'każ ta' tilwim (jiġifieri l-kost tal-infurzar tas-sensja inġusta permezz tal-ħlas għat-terminazzjoni tal-impjieg jekk tiġi ġġudikata "inġusta" mill-qorti) jistgħu jaffettwaw ukoll il-mudelli ta' reklutaġġ tal-impjegaturi. Il-punteġġ medju fl-UE-22 għall-infurzar tas-sensji inġusti huwa ta' 3.1, b'distakk ta' 2.8 pp bejn l-aktar punteġġi baxxi (fl-Awstrija, fis-Slovakkja, fl-Ungerija u fil-Litwanja) u l-oġġla (osservati fil-Finlandja, fil-Belġju, fil-Lussemburgu, fl-Italja u fil-Greċja).

---

<sup>167</sup> Il-punteġġ huwa l-medja mhux ponderata tal-valuri rrapportati għas-22 Stat Membru tal-UE li jipparteċipaw fl-indikaturi tal-OECD dwar il-protezzjoni tal-impjiegi. Għal kull sena, l-indikaturi jirreferu għar-regolamentazzjoni fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. Għal aktar informazzjoni, ara [www.oecd.org/employment/protectionanalysis](http://www.oecd.org/employment/protectionanalysis)

## Illustrazzjoni 49: F'xi Stati Membri, il-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjegi nbidlet sostanzjalment maż-żmien

Indikaturi tal-OECD: Rigorożità tal-protezzjoni tal-impjegi, sensji individwali u kollettivi (kuntratti regolari), bażi tad-data tal-2019, tal-2013 u tal-2008




(\*) L-UE-22 tirreferi għall-punteġġ medju tat-22 Stat Membru analizzat fil-bażi ta' data dwar l-EPL tal-OECD.

Sors: Indikatur tal-OECD tal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjegi ppubblikati fl-2009, fl-2014 u fl-2020. Nota: Il-valuri tal-EPL għall-2008 (ippubblikati fl-2009) mhux disponibbli għal LV u LT.

**Ir-rigorożità tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjieg għal kuntratti temporanji ġiet adattata wkoll maż-żmien.** F'termini ġenerali, l-indikatur tar-rigorożità tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjieg (jiġifieri r-rigorożità tar-regolamentazzjoni dwar ir-reklutaġġ) għall-ħaddiema b'kuntratti temporanji naqas minn punteġġ ta' 1.85 fl-2000 għal 1.78 fl-2008 (jiġifieri l-kundizzjonijiet għar-reklutaġġ b'kuntratti temporanji trattbu matul dak il-perijodu), sabiex żdied aktar tard (minn 1.78 fl-2008 għal 1.84 fl-2019), tant li mar lura kważi għal-livell tal-2000. Madankollu, hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tar-rigorożità tal-protezzjoni tal-impjieg b'kuntratti temporanji, b'punteġġi li jvarjaw minn anqas minn 1 fl-Irlanda, fl-Iżvezja u fil-Latvja, għal punteġġi oġhla minn 3 fl-Estonja, fi Franza, fl-Italja u fil-Lussemburgu. Fir-rigward tal-perijodu 2000-2019, kien hemm tnaqqis progressiv fil-punteġġ kumplessiv (jiġifieri anqas rigorożità) fl-Iżvezja, fil-Ġermanja, fil-Portugall, fil-Greċja u fi Spanja. Għall-kuntrarju, il-punteġġ żdied bi ftit (jiġifieri rigorożità oġhla) fis-Slovakkja, fil-Polonja, fiċ-Ċekja u fl-Ungerija.

**Illustrazzjoni 50: Filwaqt li qed jonqos, il-qgħad fit-tul għadu għoli f'xi pajjiżi tal-Ewropa tan-Nofsinhar u tal-Lvant**

Il-qgħad fit-tul (ta' bejn 15 u 74 sena) bħala perċentwal tal-popolazzjoni attiva, data trimestrali, aġġustata skont l-istaġun



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Nota: L-aktar data trimestrali reċenti mhijiex disponibbli għal DE.


**Minkejja titjib sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, l-inċidenza tal-qgħad fit-tul għadha għolja f'xi Stati Membri.** L-Illustrazzjoni 50 turi, għat-tieni trimestru tas-snin magħżula, ir-rata tal-qgħad fit-tul (jiġifieri l-proporzjon bejn in-numru ta' persuni qiegħda għal aktar minn sena u l-popolazzjoni attiva, aġġustata skont l-istaġun, meqjusa bħala indikatur tajjeb għall-effettività tal-ALMPs)<sup>168</sup>. Bħala medja fl-UE-27, kien hemm tnaqqis kostanti fir-rati tal-qgħad fit-tul f'dawn l-aħħar snin, minn 5.4 % fit-tieni trimestru tal-2013 għal 2.1 % fit-tieni trimestru tal-2020 (jew minn 5.5 % fl-2014 għal 2.8 % fl-2019 f'ċifri annwali) . Madankollu, l-inċidenza tal-qgħad fit-tul għadha tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, b'rati fit-tieni trimestru tal-2020 li jvarjaw minn 0.5 % fiċ-Ċekja, 0.6 % fil-Polonja jew 0.8 % fin-Netherlands, għal 3.8 % fl-Italja u 4.4 % fi Spanja. Xi Stati Membri oħra juru ċifri oġġla mill-medja tal-UE (2 % fit-tieni trimestru tal-2020), inkluż is-Slovakkja (3.2 % fit-tieni trimestru tal-2020), Franza (2.5 %), il-Litwanja (2.4 %) u l-Latvja (2.3 %). Iċ-ċifri tal-qgħad fit-tul evolwew b'mod ġenerali 'l fuq fit-tielet trimestru tal-2020 meta mqabbla mat-tieni trimestru tal-2020 għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Minkejja dan, it-titjib fit-tieni trimestru tal-2020 fir-rigward ta' sena qabel kien sostanzjali (b'aktar minn 1.2 pp) fl-Italja, fi Spanja u fil-Portugall. Min-naħa l-oħra, fil-Litwanja u fil-Lussemburgu, ir-rata tal-qgħad fit-tul żdiedet b'mod notevoli (b'aktar minn 0.5 pp) meta mqabbla mat-tieni trimestru tal-2019 (Illustrazzjoni 51). Ir-rata tal-qgħad fit-tul tippreżenta disparitajiet reġjonali kbar (l-Anness 4). F'sitt Stati Membri, hemm tal-anqas reġjun wieħed b'rata tal-qgħad fit-tul oġġla minn 5 %.

**Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul għadha rilevanti għall-politiki meħtieġa sabiex jittaffew l-effetti dannużi tal-kriżi.** Iż-żieda fil-qgħad minħabba l-pandemija tal-COVID-19 hija mistennija li taggrava l-qgħad fit-tul wara ċertu żmien (jiġifieri sena), filwaqt li l-kwalità tal-appoġġ għal dan il-grupp għadha tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. Fost il-politiki attivi eżistenti tas-suq tax-xogħol, hemm lok sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni mmirata, sabiex tittejjeb il-kwalità tal-valutazzjonijiet magħmula mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-impjegaturi. Il-koordinazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u s-servizzi soċjali hija wkoll sfida f'xi pajjiżi, ħafna drabi minħabba kapacià limitata, nuqqas ta' approċċ strateġiku u impenn politiku sabiex jiġi żgurat tibdil istituzzjonali jew leġiżlattiv.

<sup>168</sup> Ir-rata tal-qgħad fit-tul ġiet miftiehma mill-**Kumitat tal-Impjiegi** bħala indikatur primarju tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali biex jiġi ssorveljat is-sostenn attiv għall-impjieg.

### Illustrazzjoni 51: L-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni qiegħda fit-tul sabiex jergħu lura għax-xogħol jistgħu jiġu aggravati mill-pandemija

Ir-rata tal-qgħad fit-tul (indikator primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Perijodu: Livelli tal-2020 u tibdilat trimestrali fir-rigward tal-2019. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**L-Istati Membri daħlu fil-kriżi b'rati differenti ta' parteċipazzjoni f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol.** Hemm differenzi kbar f'termini ta' parteċipazzjoni f'miżuri ta' attivazzjoni, inkluż fir-rigward tas-sehem ta' persuni qiegħda fit-tul fil-pajjiżi (ara l-Illustrazzjoni 52)<sup>169</sup>. Mill-2014, diversi Stati Membri (bħal-Litwanja, is-Slovenja, Malta, is-Slovakkja, l-Italja u l-Polonja) irreġistraw rati ta' parteċipazzjoni taħt it-30 %, għalkemm bi żviluppi pożittivi f'dawn l-aħħar snin. Għal diversi pajjiżi, li jinkludu l-Greċja, ir-Rumanija, Ċipru, il-Latvja, il-Bulgarija u l-Kroazja, kemm l-investimenti u l-parteeċipazzjoni f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) għadhom baxxi meta mqabbla mal-medja (10 % jew anqas f'termini ta' parteċipazzjoni u anqas minn 0.2 % tal-PDG f'termini tan-nefqa). Fl-Istati Membri b'rati baxxi ta' parteċipazzjoni qabel il-kriżi tas-saħħa, investimenti addizzjonali u aktar immirati fl-ALMPs jistgħu jqarrbu lil kulħadd lejn is-suq tax-xogħol u jiżguraw irkupru li jkun inklużiv.

**Illustrazzjoni 52: Jeżistu differenzi kbar f'termini ta' parteċipazzjoni fl-ALMPs**

Il-parteeċipazzjoni f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol (għal kull 100 persuna li jridu jaħdmu)



Sors: Eurostat, bażi ta' data tal-LMP.

Nota: Għal CZ u EL, id-data hija għall-2017 minflok għall-2018.

<sup>169</sup> Madankollu, dan l-indikatur għandu jiġi interpretat bil-galbu, peress li jkejjel biss il-parteeċipazzjoni fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol (u mhux l-effettività tagħhom), u għal għadd ta' pajjiżi dan jippreżenta problemi ta' affidabbiltà statistika, b'rabta mal-proċess tal-għbir tad-data.

**Billi jsaħħu r-rabtiet bejn il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) u l-provvista tal-ħiliet, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu r-riformi fis-suq tax-xogħol aktar effettivi u jippromwovu rkupru inklużiv u sostenibbli.** L-iżgurar tal-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli li jkun ta' kwalità għolja jeħtieġ provvista b'suċċess ta' ALMPs immirati u adattabbli, b'enfasi partikolari fuq l-investimenti fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet għall-etajiet kollha. Dan ser jappoġġa rkupru aktar inklużiv, b'mod partikolari għal dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) kienu jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni ta' sħubijiet li jinvolvu firxa wiesgħa ta' atturi u aktar skambji ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattiki rigward l-ALMPs. Issa l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jużaw diversi strumenti, li jinkludu l-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza,<sup>170</sup> biex jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet fil-livelli kollha, b'mod partikolari taħt l-inizjattiva emblematika "Taħriġ mill-Ġdid u Titjib tal-Ħiliet". Koordinazzjoni b'saħħitha u definizzjoni ċara tal-oġġettivi previsti, tar-riformi, tal-investimenti u tal-miżuri sabiex dawn jintlaħqu, kif ukoll id-diversi kontribuzzjonijiet ta' finanzjament ser ikunu kruċjali għal eżekuzzjoni effettiva<sup>171</sup>.


---

<sup>170</sup> COM(2020) 408 final. *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill li jstabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza*. Disponibbli fuq <https://europa.eu/!fp38Ng>

<sup>171</sup> COM(2020) 575 final. *L-Istrateġija Annwali għall-Iżvilupp Sostenibbli 2021*. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!DY66vx>

**Illustrazzjoni 53: L-infiq fuq is-servizzi u fuq il-miżuri tas-suq tax-xogħol ivarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, spiss mingħajr ebda rabta diretta mal-livelli tal-qgħad**


L-infiq fuq is-servizzi u l-miżuri tas-suq tax-xogħol (2018) u s-sehem ta' persuni qiegħda fit-tul (2019)



Sors: Il-bażi ta' data tal-LMP u LFS.

**Illustrazzjoni 54: Maż-żmien, l-infiq fuq is-servizzi u fuq il-miżuri tas-suq tax-xogħol inbidel b'mod sinifikanti f'ħafna Stati Membri**

Infiq fuq politiki attivi tas-suq tax-xogħol f'pp għal kull persuna li tixtieq taħdem




Sors: Bażi ta' data tal-LMP. Nota: Għall-BG, għad-DK u għall-IT, in-nefqa fuq l-ALMP tirreferi għall-2017.

**Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) qed jaqdu rwol importanti fit-trażżin tal-impatt tal-kriżi u fl-appoġġ ta' persuni li qed jaffaċċjaw ostakli għall-impjieg.** L-Illustrazzjoni 55 turi s-sehem ta' persuni qiegħda li jużaw il-PES għat-tfittix ta' impjieg. Hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fl-2019, b'ċifri li jvarjaw minn 30 % fl-Italja, fi Spanja, fin-Netherlands u fir-Rumanija, għal 75 % fil-Litwanja, fil-Greċja, fiċ-Ċekja, fl-Awstrija, fis-Slovakkja, fis-Slovenja u fil-Ġermanja. Bħala medja fl-UE-27, l-użu tal-PES mill-persuni qiegħda qabad xejra ta' tnaqqis, hekk kif naqas minn 50.8 % fl-2013 għal 44.2 % fl-2019, għalkemm xi Stati Membri jirreġistraw żidiet notevoli f'dan il-perijodu (il-Greċja b'10.7 pp; L-Estonja bi 8.4 pp; Ċipru b'5 pp; id-Danimarka bi 3.3 pp). Iż-żgħażaġh, dawk b'livell baxx ta' ħiliet u dawk akbar fl-età li qed ifittxu impjieg għadhom irrappreżentati żżejjed fost dawk li jfittxu l-assistenza mill-PES, u x'aktarx li jibqgħu hekk taħt l-effetti tal-kriżi.

**Illustrazzjoni 55: L-użu tal-PES fl-Istati Membri varja maż-żmien**

Is-sehem ta' persuni qiegħda li jużaw is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi għat-tfittix ta' impjieg, ċifri għall-2013, għall-2017 u għall-2019



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS.

**Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi qed imorru lil hinn mill-modi tradizzjonali ta' ħidma sabiex jindirizzaw iż-żieda qawwija fin-numru ta' persuni li qed ifittxu impjeg u jappoġġaw it-tranżizzjonijiet tagħhom bejn l-okkupazzjonijiet jew is-setturi<sup>172, 173</sup>** Il-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ f'kuntast dejjem aktar remot titlob aktar investimenti f'teknoloġija aġġornata u fi pjattaformi online, flimkien mal-iżvilupp tal-ħiliet tal-ICT għall-persunal. Barra minn hekk, l-iżgurar ta' rispons adegwat u effettiv għall-ħtiġijiet ta' dawk li qed ifittxu impjeg u tal-impjegaturi jista' jirrikjedi l-espansjoni tal-kapaċità f'ċerti servizzi sabiex isiru aktar individwalizzati u effettivi. Flimkien mal-assistenza u mal-konsulenza għat-tfittix ta' impjeg, għodod imtejba ta' tfassil ta' profili għal dawk li qed ifittxu impjeg jistgħu jsostnu kollokamenti f'impjeg billi s-servizzi jiġu mmirati aħjar lejn gruppi speċifiċi u lejn ħtiġijiet individwali.

**L-imġiba fit-tfittix ta' impjeg tvarja minn Stat Membru għal ieħor.** Bħala medja fl-UE-27, 68.1 % tar-rispondenti jsostnu li jużaw konnessjonijiet soċjali (eż. ħbieb, qraba u trade unions) fit-tfittix ta' impjeg tagħhom, segwiti minn applikazzjonijiet diretti għall-impjegaturi (56.6 %), minn assistenza mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (44.2 %) u minn kuntatt ma' uffiċċji privati tal-impjiegi (21 %) (ara l-**Illustrazzjoni 56**). Fil-livell nazzjonali, ma hemmx xejriet ċari ta' sostituzzjoni bejn il-metodi ta' tfittix ta' impjeg. Madankollu, l-Istati Membri fejn l-użu tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) huwa baxx għandhom it-tendenza li juru wkoll użu akbar ta' metodi informali bħall-konnessjonijiet soċjali jew l-applikazzjonijiet diretti mibgħuta lill-impjegaturi. Bħala medja, 21 % ta' dawk li jfittxu impjeg jikkuntattjaw lil aġenziji privati tal-impjiegi sabiex ifittxu impjeg, b'ishma fost l-Istati Membri li jvarjaw minn 2.3 % sa 42.2 %. Kollox ma' kollox, l-effettività tal-assistenza pprovduta mill-PES lil dawk li jfittxu impjeg tradizzjonalment titkejjel b'kont meħud ta' fatturi bħall-kapaċità (f'termini ta' nefqa u ta' persunal), il-grad ta' integrazzjoni diġitali u teknoloġika, u l-livell u l-firxa tas-sħubijiet. Dawn l-istess fatturi issa huma strumentali fl-appoġġ tal-adattament rapidu tal-PES sabiex ilaħħqu mat-tfikkil assoċjat mal-pandemija u mal-ħtieġa għal servizzi ta' tlaqqiġ imtejba (ILO, 2020<sup>174</sup>).

---


<sup>172</sup> OECD (2020). *Public employment services in the frontline for employees, jobseekers and employers*.

<sup>173</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020). *PES measures and activities responding to COVID-19*, Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, studju bbażat fuq sħarriġ, Ġunju 2020.

<sup>174</sup> Avila, Z., & Mattozzi, G. (2020), *COVID-19: public employment services and labour market policy responses*. Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, ILO Policy Brief.

### Illustrazzjoni 56: L-użu tal-PES fit-tfittix ta' impjieg ivarja ħafna bejn l-Istati Membri

Is-sehem ta' persuni qiegħda li jużaw metodi speċifiċi ta' tiftix ta' impjieg (2019)



Sors: Eurostat, id-data tal-LFS.


**It-tul ta' żmien u l-livell tal-benefiċċji u l-eliġibbiltà għalihom huma karatteristiċi tal-iskemi tal-benefiċċji tal-qgħad li huma kruċjali sabiex jittaffa l-impatt soċjoekonomiku tal-kriżi.** L-għoti ta' benefiċċji adegwati tal-qgħad b'durata raġonevoli, aċċessibbli għall-ħaddiema kollha u akkumpanjat minn miżuri attivi effettivi tas-suq tax-xogħol huwa essenzjali sabiex il-persuni li jfittxu impjieg jingħataw appoġġ matul it-tranżizzjonijiet. Fil-kuntest attwali, individwi b'rekord qasir jew anqas kontinwu ta' xogħol jeħtieġu attenzjoni partikolari, peress li ħafna drabi jkunu anqas koperti minn skemi ta' benefiċċji tal-qgħad. Diversi Stati Membri saħħew dawn l-iskemi fil-kriżi kurrenti. L-analiżi komparattiva ppreżentata fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi hija bbażata fuq il-qafas ta' valutazzjoni komparattiva tal-benefiċċji tal-qgħad u fuq l-ALMPs maqbuli mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO). Din l-analiżi għadha valida ġeneralment. Din it-taqsimha tipprovdi aġġornament tal-eżerċizzju, b'mod partikolari dwar l-indikaturi tal-lieva politika<sup>175</sup>.

<sup>175</sup> Għal aktar dettalji, ara l-Kummissjoni Ewropea (2020). *L-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa. Quarterly review*, Ġunju 2020. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

**Bħala medja, fl-UE, qabel il-kriżi tal-COVID-19, madwar terz tal-persuni qiegħda għal terminu qasir kienu koperti mill-benefiċċji tal-qgħad.** Is-sehem ta' persuni qiegħda għal terminu qasir (jiġifieri dawk li ilhom qiegħda għal anqas minn 12-il xahar) li jirċievu benefiċċji tal-qgħad baqa' stabbli f'dawn l-aħħar snin, bi ftit varjazzjoni fil-klassifikazzjoni tal-pajjiżi (ara l-Illustrazzjoni 56). L-ogħla rati ta' kopertura (aktar minn 50 %) huma murija mill-Ġermanja, mill-Awstrija u mill-Finlandja, segwiti mill-Belġju, mid-Danimarka u minn Franza. Min-naħa l-oħra, l-aktar kopertura baxxa tista' tiġi osservata fil-Polonja (12 %), segwita mill-Italja u mill-Kroazja, b'madwar 20 %. Dawn id-differenzi bejn il-pajjiżi jistgħu jiġu spjegati minn differenzi fit-tfassil tal-iskemi tal-benefiċċji tal-qgħad, b'mod partikolari dwar il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, id-durata massima, ir-rigorożità tar-rekwiżiti għat-tfittix ta' impjieg u t-trikkib ma' skemi oħra ta' protezzjoni soċjali.

**Illustrazzjoni 57: Is-sehem ta' persuni qiegħda għal terminu qasir koperti mill-benefiċċji tal-qgħad ivarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri**

Kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għall-persuni qiegħda għal terminu qasir (15-64)




Sors: Eurostat, id-data tal-LFS. Nota: id-data għal IE u NL mhix disponibbli. Id-data għal BG u RO tirreferi għall-2018.

**Fl-Istati Membri kollha ħliet wieħed, sena ta' impjieg hija biżżejjed biex wieħed jikkwalifika għall-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad, iżda din tikkorrispondi għal perijodi ta' intitolament differenti ħafna.** Parametru importanti sabiex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà huwa l-perijodu minimu ta' kontribuzzjoni meħtieġ sabiex il-ħaddiema jkunu intitolati għall-benefiċċji tal-qgħad. F'madwar nofs l-Istati Membri, huwa meħtieġ rekord ta' impjieg ta' sena sabiex wieħed jikkwalifika għall-benefiċċji (Illustrazzjoni 58). Fis-Slovakkja biss, ir-rekwiżit huwa ogħla (sentejn ta' impjieg matul l-erba' snin ta' qabel). Fil-pajjiżi li jifdal, il-perijodu minimu meħtieġ huwa ta' sitt xhur jew ta' disa' xhur. Huwa l-aktar baxx fl-Italja, fejn 13-il ġimgħa ta' assicurazzjoni tax-xogħol huma biżżejjed sabiex wieħed jikkwalifika għall-benefiċċji. Madankollu, rekord tal-assigurazzjoni daqshekk qasir jikkorrispondi għal intitolament ta' sitt ġimgħat u nofs (peress li t-tul ta' żmien tal-benefiċċji tikkorrispondi għal 50 % tar-rekord tal-assigurazzjoni, limitata għal massimu ta' sentejn). Perjodi iqsar ta' intitolament jippermettu aċċess aktar faċli għall-benefiċċji tal-qgħad għall-ħaddiema b'karrieri qosra jew mhux kontinwi, għalkemm min-naħa tagħhom jistgħu jippromwovu tibdil bla bżonn tal-ħaddiema (jiġifieri rata ta' attrizzjoni). Kif turi l-Illustrazzjoni 59, il-ħaddiema li jingħataw is-sensja wara sena ta' impjieg ikunu intitolati għal benefiċċji għal durati differenti ħafna, skont il-pajjiż. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, il-benefiċċji jistgħu jintalbu għal mhux aktar minn sitt xhur. Fil-Greċja u fil-Lussemburgu d-durata hija eżattament ta' 12-il xahar, filwaqt li fil-Belġju, fid-Danimarka u fi Franza hija itwal minn sena. Minbarra s-Slovakkja (fejn persuna b'rekord ta' impjieg ta' sena ma tkunx intitolata għall-benefiċċji), l-iqsar durata (ta' ħames ġimgħat biss) tinsab fl-Ungerija.

**Illustrazzjoni 58: F'madwar nofs l-Istati Membri, il-perijodu ta' kontribuzzjoni sabiex wieħed jikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad huwa ta' sena (52 ġimgħa)**

Tul tal-perijodu ta' kwalifika meħtieġ, 2020 (f'ġimgħat)



Sors: Il-bażi ta' data tal-MISSOC (Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali), Jannar 2015 u Jannar 2020. Nota: F'MT, il-kriterji minimi ta' kwalifika huma 50 ġimgħa ta' kontribuzzjonijiet imħallsa li minnhom tal-anqas 20 tħallsu jew ġew ikkreditati fis-sentejn kalendarji ta' qabel; f'IE, iridu jkunu tħallsu tal-anqas 104 kontribuzzjonijiet ta' kull ġimgħa minn meta l-persuna bdiet taħdem għall-ewwel darba. Il-graff ma tirriflettix il-bidliet fil-perijodi ta' kwalifika li seħew wara Jannar 2020.

**L-adegwatezza tal-benefiċċji tal-qgħad tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri.** Ir-rati netti ta' sostituzzjoni fil-bidu tal-perijodu tal-qgħad<sup>176</sup> għal individwi b'paga baxxa (jiġifieri bi qligħ preċedenti ta' 67 % tal-paga medja), li ġeneralment ikunu fost il-benefiċjarji ewlenin tal-benefiċċji tal-qgħad, ivarjaw minn anqas minn 20 % fl-Ungerija għal 90 % fil-Belġju, bil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li jvarjaw bejn 60 % u 80 % (ara l-Illustrazzjoni 60). L-appoġġ għall-introjtu riċevut (matul perjodi differenti tal-qgħad) ġeneralment jonqos maż-żmien minħabba t-tnaqqis fil-ġenerożità tal-benefiċċji maż-żmien jew it-tranżizzjoni minn assigurazzjoni tal-qgħad għal skemi ta' assistenza għall-qgħad. Għal din ir-raġuni, ir-rati netti ta' sostituzzjoni ġeneralment ikunu ogħla fit-tieni xahar tal-qgħad meta mqabbla mat-12-il xahar<sup>177</sup>. Ħames Stati Membri (Ċipru, in-Netherlands, l-Italja, il-Portugall u l-Bulgarija) juru l-akbar differenzi bejn ir-rati netti ta' sostituzzjoni fit-tieni u fit-12-il xahar.


---

<sup>176</sup> Ir-rati netti ta' sostituzzjoni (NRR) jipprovdu indikazzjoni tal-adegwatezza tal-funzjoni ta' sostituzzjoni tal-introjtu tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad. L-NRR huwa normalment definit bħala l-proporzjon tal-introjtu nett waqt li wieħed ikun qiegħed (prinċipalment benefiċċji tal-qgħad jekk tkun qiegħed jew benefiċċji skont eżami tal-mezzi jekk ikun fuq assistenza soċjali) diviż bid-dħul nett waqt li wieħed ikollu xogħol.

<sup>177</sup> Malta hija l-uniku każ fejn ir-rati netti ta' sostituzzjoni huma ogħla fit-12-il xahar ta' qgħad milli fit-tieni u dan huwa minħabba l-fatt li l-assistenza tal-qgħad (l-unika waħda li għaliha l-individwi għandhom aċċess wara 12-il xahar ta' qgħad) hija ogħla mill-assigurazzjoni tal-qgħad.

**Illustrazzjoni 59: It-tul ta' żmien tal-benefiċċji tal-qgħad (għal ħaddiem b'rekord ta' kontribuzzjoni ta' sena) tvarja b'mod sinifikanti madwar l-UE**


Tul ta' żmien massimu tal-benefiċċji f'numru ta' ġimgħat b'rekord ta' xogħol ta' sena, 2015 u 2020



Sors: Il-bażi ta' data tal-MISSOC, Jannar 2015 u Jannar 2020. Nota: F'BE, ma hemm l-ebda limitu fuq it-tul ta' żmien tal-benefiċċji. F'CY, il-ġimgħat jiġu kkalkulati abbażi ta' sitt ijiem tax-xogħol fil-ġimgħa. F'IE, il-benefiċċju jitħallas biss għal 39 ġimgħa (234 jum) għall-persuni b'260 kontribuzzjoni PRSI imħallsa fil-ġimgħa jew iktar. F'SK, persuna li tkun ilha taħdem għal sena ma tistax tikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad (huma meħtieġa minn tal-anqas sentejn ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-qgħad matul l-aħħar erba' snin). F'PL, it-tul ta' żmien ivarja skont il-livell tar-rata tal-qgħad tar-reġjun meta mqabbel mal-medja nazzjonali. Il-graff ma tirriflettix bidliet fit-tul ta' żmien li seħew wara Jannar 2020. Għal IT, id-data li tidher għall-2015 hija qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar il-benefiċċji tal-qgħad f'Mejju 2015.

**Illustrazzjoni 60: Hemm differenzi kbar f'termini ta' livelli tal-benefiċċji madwar l-UE**

Ir-rata netta ta' sostituzzjoni ta' 67 % tal-paga medja, fit-tieni u t-12-il xahar tal-qgħad (2019)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, abbażi tal-Mudell tal-OECD dwar il-Benefiċċji tat-Taxxa.

Nota: L-indikatur huwa kkalkulat għall-każ ta' persuna waħedha mingħajr tfal b'esperjenza qasira ta' xogħol (sena) u tal-età ta' 20 sena. Komponenti ta' introjtu differenti, benefiċċji tal-qgħad u benefiċċji oħra (bħall-assistenza soċjali u l-allowances għall-akkomodazzjoni) huma inklużi.

**Qabel il-pandemija, il-mobilità intra-UE kompliet bit-tendenza ta' żieda.** Fl-2019, 7.3 miljun ċittadin tal-UE (minbarra r-Renju Unit) bejn l-20 u l-64 sena kienu attivi fi Stat Membru differenti mill-pajjiż taċ-ċittadinanza tagħhom. Minbarra dawn, kien hemm madwar 7 miljun persuna fl-UE-27 li kienu marru jgħixu f'pajjiż ieħor mingħajr ma kienu attivi (eż. membri tal-familja inattivi, studenti u pensjonanti). Fl-2019, madwar 1.9 miljun (inklużi l-pajjiżi tal-EFTA) kienu jaqsmu l-fruntieri sabiex imorru x-xogħol u ġew irreġistrati madwar tliet miljun stazzjonament ta' ħaddiema. 17-il miljun ċittadin mhux tal-UE li kienu hađu r-residenza tagħhom fl-UE kkomplementaw din il-mobilità intra-UE. Dawn kollha flimkien ammontaw għal madwar 10 % tal-popolazzjoni tal-UE. Mat-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, tfaċċaw diversi kwistjonijiet marbuta mal-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Il-ħaddiema transfruntiera u l-ħaddiema mobbli għal terminu qasir bħall-ħaddiema staġjonali u l-ħaddiema ppustjati kienu fost l-aktar affettwati. Il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet gwida u pariri prattiċi sabiex tiżgura li l-ħaddiema mobbli fl-UE, u b'mod partikolari daww f'okkupazzjonijiet kritiċi, setgħu jaslu fil-post tax-xogħol tagħhom<sup>178</sup>. L-Istati Membri jenħtieġ li jiskambjaw informazzjoni u jistabbilixxu proċeduri speċifiċi sabiex jiżguraw passaġġ mingħajr xkiel għal ħaddiema mobbli għal terminu qasir (eż. ħaddiema staġjonali), sabiex iwieġbu aħjar għan-nuqqas ta' ħaddiema u għall-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-kriżi. Barra minn hekk, il-provvista ta' informazzjoni fl-oqsma tal-liġi tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali lill-ħaddiema transfruntiera u lill-ħaddiema mobbli għal terminu qasir jenħtieġ li titjeb; barra minn hekk, l-ostakli legali u amministrattivi jenħtieġ li jitnaqqsu mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet reġjonali.

**Sehem sinifikanti ta' studenti fl-UE huma mobbli.** L-apprendiment mingħajr fruntieri jikkontribwixxi għall-iżvilupp personali u edukattiv kemm tal-istudenti individwali kif ukoll tal-kuntesti edukattivi li fihom iseħħ l-apprendiment. Fl-2018, 13.5 % tal-gradwati tal-edukazzjoni għolja fl-UE kienu mobbli (jiġifieri studjaw barra minn pajjiżhom, parzjalment jew kompletament). Ċipru, il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Lussemburgu u n-Netherlands għandhom l-ogħla ishma ta' mobbiltà 'l barra ta' gradwati terzjarji fl-UE. Fl-2018, l-ogħla ishma ta' gradwati mobbli 'l ġewwa ġew irreġistrati fil-Lussemburgu (24.2 %), fin-Netherlands (18.8 %), fl-Awstrija (16.0 %) u fid-Danimarka (15.1 %).

---

<sup>178</sup> C/2020/2051. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COVID-19 Linji Gwida rigward l-eżerċitar tal-moviment liberu tal-ħaddiema (2020/C 102 I/03).

**Id-djalogu soċjali huwa karatteristika ewlenija tar-relazzjonijiet industrijali u element importanti sabiex jitravmu l-irkupru u r-reżiljenza soċjali.** Dan jinkludi n-negozjati u l-konsultazzjonijiet kollha bejn l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-gvern, li jappoġġaw ambjenti tax-xogħol sikuri, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u swieq tax-xogħol reżiljenti. Djalogu soċjali f'waqtu u effettiv huwa ċentrali sabiex tinbena s-sjieda nazzjonali tar-riformi u sabiex jiġi żgurat is-suċċess dejjiemi tagħhom. Kemm il-Linja Gwida dwar l-Impjiegi 7 kif ukoll il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenfasizzaw l-importanza li jiġi żgurat involviment suffiċjenti tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tar-riformi u tal-politiki rilevanti.

**F'konformità mal-prattiki nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jappoġġaw aktar id-djalogu soċjali permezz ta' żieda fil-kapaċità operazzjonali tas-sħab soċjali.** Kif indikat fl-aħħar Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, iċ-ċifri tas-sħubija tal-unions, bħala medja, naqsu madwar l-Ewropa f'dawn l-aħħar snin. Madankollu, id-densità tal-unions mhijiex l-unika indikazzjoni tal-kapaċità tal-unions li jimmobilizzaw il-ħaddiema. Aspetti bħall-kopertura tan-negozjar kollettiv<sup>179</sup> (jiġifieri s-sehem ta' impjegati koperti minn ftehimiet ta' negozjar kollettiv tal-pagi, bl-esklużjoni ta' setturi jew ta' okkupazzjonijiet li ma għandhomx id-dritt ta' negozjar) u l-livell fix-xenarju tat-trade unions jista' jkollhom rwol ukoll. Filwaqt li l-kopertura tan-negozjar kollettiv naqset matul l-aħħar deċennji,<sup>180</sup> f'xi Stati Membri din għadha istituzzjoni ewlenija tas-suq tax-xogħol għall-iffissar tal-pagi fil-livelli kollha. Il-proposta tal-Kummissjoni għal pagi minimi adegwati (2020/0310 (COD)) għandha l-għan li tippromwovi n-negozjar kollettiv tal-pagi fl-Istati Membri kollha.


---

<sup>179</sup> Il-kopertura tan-negozjar kollettiv hija fost l-indikaturi li jistgħu jiddeskrivu bl-aħjar mod il-prevalenza tan-negozjar kollettiv fi Stat Membru. Madankollu, għandha għadd ta' żvantaġġi statistiċi u kunċettwali importanti li jillimitaw ir-rappreżentattività u l-komparabbiltà tagħha, b'mod partikolari fl-analiżi tal-funzjonalità tiegħu. Id-diversi dimensjonijiet preżenti fin-negozjar kollettiv jeħtieġu studju preċiż tal-qafas funzjonali u l-indikaturi eżistenti biex jiġu vvalutati l-eżiti ekonomiċi u soċjali tagħhom.

<sup>180</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Employment and Social developments in Europe, Annual review*, Settembru 2020. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

**Illustrazzjoni 61: Il-kopertura u l-livell tan-negozjar kollettiv ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor**

Kopertura u livell tan-negozjar kollettiv (l-aktar sena aġġornata disponibbli)



Sors: Bażi ta' data dwar il-Karatteristiċi Istituzzjonali tat-Trade Unions, l-Iffissar tal-Pagi, l-Intervent tal-Istat u l-Patti Soċjali (ICTWSS). Intuża s-sors li fih data aktar reċenti għal kull SM. Nota: snin tad-data: l-2018 għal AT, DE, FR, IT, LT, NL; l-2017 għal ES, HR, HU, IE, LU; l-2016 għal BE, BG, CY, CZ, DK, EL, FI, MT, PT, RO, SE, SI. l-2015 għal EE, PL. Livell dominanti ta' negozjar: 5 = fil-biċċa l-kbira fil-livell ċentrali jew transindustrijali u hemm normi jew drawwiet vinkolanti u ddeterminati ċentralment li għandhom jiġu rrispettati minn ftehimiet innegozjati f'livelli aktar baxxi; 4 = intermedju jew jalterna bejn in-negozjar ċentrali u tal-industrija; 3 = fil-biċċa l-kbira fil-livell tas-setturi jew tal-industriji; 2 = intermedju jew jalterna bejn in-negozjar fil-livell tas-setturi jew tal-kumpanniji; 1 = fil-biċċa l-kbira fil-livell lokali jew tal-kumpanniji. Snin tad-data l-2018 minbarra: l-2017 għal DE, SE, SI, SK.


**Is-sħab soċjali jistgħu jipprovdu kontribut importanti għal inizjattivi ppjanati mill-gvernijiet sabiex itaffu waqfiet f'daqqa fl-attività ekonomika jew jakkomodaw żviluppi teknoloġiċi ġodda.** Huma għandhom rwol importanti fil-governanza tar-relazzjonijiet ta' impjeg u jistgħu jikkontribwixxu għall-appoġġ ta' suq tax-xogħol fi tranżizzjoni li jkun sostenibbli u ġust. Id-djalogu soċjali kien qafas importanti għan-negozjar tar-rispons soċjoekonomiku immedjat għall-kriżi tal-COVID-19, li jinkludi miżuri sabiex jiġu protetti s-saħħa, l-introjt u l-impjegi tal-ħaddiema tal-ewwel linja u essenzjali. Is-sħab soċjali jistgħu jinnegozjaw ukoll adattamenti rapidi għal ftehimiet eżistenti, bħall-estensjoni ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew is-simplifikazzjoni ta' proċeduri għall-promozzjoni tat-telexogħol u, b'mod aktar ġenerali, tax-xogħol mobbli bbażat fuq l-ICT. Skont il-Eurofound,<sup>181</sup> f'madwar 40 % tal-każijiet reġistrati li fihom il-gvern għadda leġislazzjoni jew għamel testi mhux vinkolanti oħra b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 bejn April u Ottubru 2020, is-sħab soċjali kienu "involuti" (jiġifieri jew ġew ikkonsultati, innegozjaw jew finalment qablu mal-miżura). L-Illustrazzjoni 62 turi kif dan l-involvement iwarja skont il-qasam tematiku. Is-sħab soċjali kienu involuti l-aktar f'azzjonijiet relatati mal-protezzjoni u maż-żamma tal-impjegi, li jinkludu primarjament skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u skemi oħra ta' protezzjoni tal-introjt. Huma kienu ferm involuti wkoll f'miżuri li jipromwovu l-irkupru, li jinkludu l-protezzjoni tal-introjt lil hinn mix-xogħol b'ħinijiet iqsar u l-appoġġ għan-negozji. L-aktar grad baxx ta' involviment ġie rrapportat għal miżuri li jappoġġaw il-kontinwità tan-negozju u jipprevjenu t-tbatija soċjali.

---

<sup>181</sup> Il-bażi tad-data tal-Osservazzjoni tal-Politika dwar il-COVID-19 tal-Eurofund issegwi l-miżuri ta' politika, il-ftehimiet kollettivi u l-prattiki tal-kumpanniji mill-gvernijiet, is-sħab soċjali u atturi oħra, biex jilqgħu għall-effetti soċjoekonomiċi tal-kriżi. Sat-8 ta' Ottubru 2020, il-bażi tad-data kien fiha total ta' 564 każ marbutin ma' leġislazzjoni jew testi mhux vinkolanti li tqiesu li kienu fid-dominju tas-sħab soċjali.

## Illustrazzjoni 62: L-involvement tas-sħab soċjali jvarja skont il-qasam tematiku

Forma ta' involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-miżuri ta' politika b'ħala reazzjoni għall-kriżi



Sors: Eurofound (2020), il-bażi tad-data tal-Osservazzjoni tal-Politika dwar il-COVID-19.

**Minkejja l-progress reċenti madwar l-UE, għad hemm lok għal involviment akbar tas-sħab soċjali fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politiki u ta' riformi.** Il-kriżi tal-COVID-19 poġġiet taħt pressjoni l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u leġiżlattivi fil-maġġoranza tal-Istati Membri. F'kuntest bla preċedent, ħafna Stati Membri adottaw miżuri straordinarji ta' emerġenza jew approvaw proċeduri rapidi ta' leġiżlazzjoni li mhux dejjem kienu jinkludu l-parteciċipazzjoni tas-sħab soċjali. Xi sinjali ta' żieda fl-intensità tal-konsultazzjoni tas-sħab soċjali ġew irrappurtati f'xi Stati Membri b'involviment tradizzjonalment baxx tas-sħab soċjali, jiġifieri l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija. Madankollu, għad fadal sfidi strutturali importanti fir-rigward tal-funzjonament tad-djalogu soċjali f'termini operattivi. Il-progress ġenerali u l-isfidi eżistenti ġew analizzati u vvalutati mill-Kumitat tal-Impjiegi fil-ħarifa tal-2018 u tal-2019. Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2020 enfasizzaw nuqqas ta' involviment tas-sħab soċjali fit-tliet Stati Membri msemmija qabel. Sabiex jiġi żgurat li l-irkupru jippromwovi impjiegi ta' kwalità għolja kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u ġusti, huwa kruċjali li l-Istati Membri jinvolve ruħhom fi djalogu ta' politika wiesja mas-sħab soċjali, inkluż għat-tnejn u għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u għar-reżiljenza<sup>182</sup>.

**Il-konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tista' tipprovdi għarfien u appoġġ siewja għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-politiki.** L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) kienu minn ta' quddiem nett sabiex itaffu l-impatt tal-pandemija fl-Ewropa. Pereżempju, huma spiss aġixxew bħala network ta' appoġġ għall-provvista ta' servizzi soċjali u ta' kura fl-Istati Membri. Kif enfasizzat fil-Linji Gwida riveduti dwar l-Impjiegi adottati f'Ottubru 2020,<sup>183</sup> fejn ikun rilevanti u abbażi tal-prattiki nazzjonali eżistenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-esperjenza dwar l-impjiegi u kwistjonijiet soċjali ta' organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili. L-OSC jista' jkollhom rwol importanti fl-implimentazzjoni fil-pront u responsabbli ta' miżuri, ta' riformi u ta' investimenti eċċezzjonali sabiex jappoġġaw l-irkupru u r-reżiljenza soċjali. L-isforzi sabiex l-irkupru jsir aktar inklużiv u sostenibbli jiddependu wkoll fuq l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u fuq il-kooperazzjoni bejniethom.

---

<sup>182</sup> COM(2020) 575 final. *L-Istrateġija Annwali għall-Iżvilupp Sostenibbli 2021*.

<sup>183</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1512 tas-13 ta' Ottubru 2020 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri.

### 3.3.2 Miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri

**L-iżviluppi reċenti fis-suq tax-xogħol ġiegħlu lil xi Stati Membri jadattaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'enfasi partikolari fuq il-protezzjoni tal-ħaddiema vulnerabbli.** F'Marzu 2020, Spanja introduċiet projbizzjoni temporanja fuq sensji oġġettivi u s-sospensjoni ta' kuntratti temporanji affettwati minn skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (STW), sabiex l-impjegati affettwati ma jarawx il-kuntratti tagħhom jiskadu matul ir-restrizzjonijiet fuq ix-xogħol. L-Italja adottat miżura sabiex tipprojbixxi l-ġhoti ta' sensja lill-ħaddiema matul perijodu ta' ħames xhur li beda fit-23 ta' Frar 2020. Il-Belġju introduċa miżura temporanja li ppermettiet kuntratti konsekuttivi qosra għal terminu fiss f'setturi kritiċi għal perijodu massimu ta' 3 xhur. Barra minn hekk, sabiex jindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi b'shem sinifikanti ta' xogħol ta' studenti, il-gvern Belġjan introduċa deroga temporanja tan-numru massimu ta' sigħat ta' xogħol tal-istudenti (475 fis-sena) sa tmiem l-2020. Wara l-Att ta' Emerġenza maħruġ f'Marzu 2020, il-Finlandja estendiet il-perijodu ta' avviż għal sensji individwali għall-ħaddiema kollha fis-setturi tal-kura tas-saħħa u tas-servizzi soċjali, inklużi s-servizzi ta' salvataġġ u ta' emerġenza, sabiex twieġeb għan-nuqqas possibbli ta' ħaddiema f'setturi kritiċi u li jsalvaw il-ħajjiet. Bħala parti minn riforma wiesgħa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali, fl-2019 il-Portugall adotta miżuri sabiex jiżgura d-drittijiet tal-ħaddiema temporanji għal kumpens għat-terminazzjoni tal-kuntratti u azzjonijiet immirati lejn kuntratti għal terminu qasir ħafna (eż. estensjoni tad-durata massima minn 15 għal 35 jum) u kuntratti intermittenti (eż. tnaqqis tal-perijodu minimu minn sitt xhur għal ħamsa). Miżura addizzjonali, "CONVERTE +" tappoġġa l-konverżjoni ta' kuntratti għal terminu fiss f'kuntratti permanenti billi tipprovdi assistenza finanzjarja lill-impjegaturi (erba' darbiet daqs is-salarju nett tal-kuntratt indefinit, sa limitu ta' EUR 439). Żieda ta' 10 % hija inkluża jekk il-konverżjoni sseħħ f'territorji ekonomikament żvantaġġati jew tkun immirata lejn persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, li jinkludu l-persuni b'diżabbiltà.

**Stati Membri oħra qed jipproponu regolamenti ġodda jew emendati dwar il-ħinijiet tax-xogħol sabiex iwiegħbu għall-isfidi eżistenti, ġodda u emerġenti tas-suq tax-xogħol. Fil-**

Finlandja, bejn Marzu u Ġunju 2020 ġiet adottata deroga temporanja sabiex jinkiseb il-kunsens tal-impjegati sabiex jaħdmu s-sahra, sabiex jiġu żgurati perjodi ta' mistrieħ regolari u sabiex jiġu osservati l-intitolamenti għal-liv annwali għall-ħaddiema kollha fis-setturi tal-kura tas-saħħa u tas-servizzi soċjali, li jinkludu lil dawk fiċ-ċentri ta' reazzjoni f'każ ta' emerġenza. F'Marzu 2020, Spanja adottat miżura temporanja li tipprijoritizza l-arranġamenti tat-telexogħol u d-dritt ta' adattament jew ta' tnaqqis tal-ħinijiet tax-xogħol wara l-impatt tal-pandemija. F'April 2020, Franza adottat sett ta' emendi għal-liġi tax-xogħol għall-impjegati taċ-ċivil (esklużi l-għalliema), bl-għan li l-arranġamenti tax-xogħol (jiġifieri s-siġħat tax-xogħol, ix-xogħol mid-dar, il-liv imħallas u l-jiem ta' mistrieħ) jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti għall-impjegati fis-settur privat. L-Ungerija adottat digriet sabiex tipprovdi aktar flessibbiltà f'termini ta' ħin tax-xogħol u ta' organizzazzjoni. Il-Belġju aġġorna temporanjament il-leġiżlazzjoni tiegħu dwar il-protezzjoni tal-impjegi sabiex iżid in-numru ta' jiem ta' xogħol staġjonali u jiffaċilita is-sekondar temporanju ta' ħaddiema permanenti minn kumpanniji oħra lil impjegaturi f'setturi meqjusa kritiċi. Il-Finlandja adottat liġi ġdida li tistabilixxi l-qafas għar-regolamentazzjoni tas-siġħat tax-xogħol fis-setturi kollha. Il-liġi, li daħlet fis-seħħ minn Jannar 2020, tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-banek tas-siġħat tax-xogħol, li ser jippermettu lill-impjegati jfaddlu s-siġħat tax-xogħol, jaqilgħu intitolamenti għal-liv annwali jew benefiċċji monetarji bi skambju għal-liv. Għall-kuntrarju, fil-Portugall, l-eliminazzjoni tal-għadd tas-siġħat tax-xogħol fuq il-bażi ta' ftehim individwali bejn l-impjegatur u l-impjegat minn Ottubru 2020 tista' tagħmel ir-regolamentazzjoni tas-siġħat tax-xogħol aktar stretta.

**Jeżistu differenzi fir-rigward tal-kontenut u tal-kopertura tar-regolamenti fil-livell nazzjonali relatati mat-telexogħol u max-xogħol mobbli bbażat fuq l-ICT.** Ġie adottat approċċ ġenerali f'xi Stati Membri billi ġie rregolat it-telexogħol, mingħajr ma saret rabta diretta mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (eż. il-Ġermanja). Pajjiżi oħra rregolaw it-telexogħol sabiex jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, iżda mingħajr ma inkludew dispożizzjonijiet dwar l-effetti negattivi potenzjali ta' ħidma flessibbli mal-ICTs (eż. il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija). Fi Spanja, f'Settembru 2020 għaddiet liġi ġdida sabiex tirregola t-telexogħol strutturali (jiġifieri meta tal-anqas 30 % tal-ħin tax-xogħol ikun remot). L-impjegaturi huma obbligati jikkumpensaw lill-ħaddiema għall-kostijiet imġarrba u jiggarrantixxu trattament u opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Xi Stati Membri oħra adottaw leġislazzjoni li tippromwovi l-użu tal-ICT sabiex tappoġġa mudelli tax-xogħol flessibbli, filwaqt li tistabbilixxi diviżjoni ċara bejn il-ħin tax-xogħol u dak mhux tax-xogħol. F'pajjiżi oħra, kwistjonijiet relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jiġu rregolati permezz ta' negozjar kollettiv fil-livell tal-kumpanniji jew dak settorjali, li jibni fuq prattiki nazzjonali eżistenti.

**Fil-kuntest attwali, diversi Stati Membri aġġornaw u saħħew ir-regolamenti tagħhom sabiex jiżguraw saħħa u sikurezza okkupazzjonali adegwati.** Flimkien mas-sħab soċjali, f'Marzu 2020 l-Italja adottat protokoll konġunt li jiddefinixxi miżuri sabiex jiġu żgurati livelli adegwati ta' protezzjoni tas-saħħa għall-ħaddiema kollha. Il-miżura tinkludi baġit ta' EUR 50 miljun għax-xiri ta' tagħmir u ta' għodod ta' protezzjoni personali. Barra minn hekk, huwa disponibbli kreditu ta' taxxa għall-kumpanniji sabiex jiffinanzjaw sa 60 % (jew EUR 60 000) tal-miżuri tas-saħħa u tas-sikurezza tagħhom fl-2020. F'April, il-Litwanja aġġornat il-liġi tagħha dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed sabiex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-persuni assigurati mill-baġit tal-Istat u tkopri aħjar ir-riskji assoċjati mal-pandemija u ma' mard serju ieħor. F'Mejju 2020, ir-Rumanija adottat linji gwida u miżuri sabiex tirregola r-ritorn għall-attività tal-impjegaturi u tal-impjegati. Dan huwa mistenni li jiġi tradott fi protokoll aktar speċifiku fil-livell settorjali jew tal-kumpanniji sabiex jiġu identifikati u eliminati jew ikkontrollati l-perikli relatati max-xogħol. F'Ġunju, l-Estonja emendat l-Att dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali biex tispeċifika t-terminu "impjegatur", sabiex tiżgura li l-ispettortati tax-xogħol ikunu jistgħu jagħtu multi lil dawk il-kumpanniji li jonqsu milli jissodisfaw l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza okkupazzjonali, inkluż f'termini ta' tagħmir tax-xogħol u f'termini tal-prevenzjoni tal-fatturi ta' riskju. Bħala parti minn pakkett usa', f'Lulju 2020 il-Portugall adotta gwida u miżuri temporanji li jappoġġaw l-akkwist ta' apparati ta' kontroll tas-saħħa għall-impjegati.

**Il-proċess ta' modernizzazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi kompli b'diversi modi f'diversi Stati Membri sabiex tiġi miġġielda s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol.** Bħala parti minn riforma usa' f'Ottubru 2019, il-Greċja introduċiet miżura sabiex issaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema part-time, rekwiżiti addizzjonali dwar kuntratti bil-miktub u regolamentazzjoni tas-sahra sabiex jiġi evitat l-abbuż ta' dan it-tip ta' kuntratt (spiss meqjus li jaħbi xogħol full-time mhux dikjarat). Skont l-istess riforma s-sistema ta' reġistrazzjoni "ERGANI II" ser tissaħħaħ biex tkopri forom addizzjonali ta' impjieg mhux standard. Din ser tinkludi l-introduzzjoni ta' pjattaforma diġitali ġdida għar-reġistrazzjoni effiċjenti tal-ħin tax-xogħol. F'Ottubru 2019, il-Portugall irrevoda l-kodiċi tax-xogħol tiegħu sabiex jistabbilixxi kundizzjonijiet aktar restrittivi għall-użu ta' kuntratti għal terminu fiss, jiżgura l-protezzjoni soċjali u jiskoraġġixxi x-xogħol mhux dikjarat. B'mod aktar speċifiku, il-miżuri jfittxu li jnaqqsu d-durata massima ta' kuntratti għal terminu fiss (minn tliet snin għal sentejn), jirrestrinġu r-reklutaġġ għal żmien fiss għal karigi permanenti u t-tiġdid ta' kuntratti temporanji (eż. tiġdid limitat għal massimu ta' sitt darbiet). F'Jannar 2020, fin-Netherlands daħlet fis-seħħ miżura ġdida sabiex ittejjeb il-bilanċ bejn il-kuntratti permanenti u l-kuntratti għal terminu fiss billi tagħmilha aktar faċli li jinħatru impjegati fuq bażi permanenti u billi tnaqqas l-attraenza tar-reklutaġġ għal terminu fiss. L-Estonja żiedet ir-rigorożità tal-miżuri għal protezzjoni aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema ppustjati u dawk b'kundizzjonijiet simili li jipprovdu servizzi permezz ta' aġenziji temporanji.

**Xi Stati Membri segwew l-isforzi tal-passat sabiex jindirizzaw ix-xogħol mhux dikjarat u jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol b'miżuri u b'riżorsi addizzjonali.** Fil-Greċja, f'Ottubru 2019 tnieda segwitu għall-pjan ta' azzjoni 2017-19 sabiex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux dikjarat. L-awtoritajiet Griegi stabbilew ukoll reġistru elettroniku ġdid ta' kumpanniji li fil-passat kienu ġew immultati talli impjegaw ħaddiema mhux dikjarati u wara dan ser ikun hemm lista elettronika ta' kumpanniji konformi. Hemm ukoll pjanijiet biex jiddefinixxu kodiċi ta' etika ġdid għall-ispettorati tax-xogħol, sabiex itejbu s-sistema eżistenti ta' analiżi tar-riskju u sabiex jipprovdu taħriġ imsaħħa għall-ispettorati tax-xogħol ispirati mill-aħjar Prattiki tal-UE. Fl-Italja, il-gvern żied ir-riżorsi ddedikati għall-indirizzar tax-xogħol irregolari u tal-isfruttament fis-settur agrikolu b'total ta' EUR 31 miljun, parzjalment sostnut mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. Barra minn hekk, f'Mejju 2020, l-Italja ħadet passi sabiex tirregolarizza l-istatus fl-impjieg u toħroġ permessi ta' residenza temporanji għaċ-ċittadini barranin. Din il-miżura għandha fil-mira setturi ekonomiċi speċifiċi bi prevalenza qawwija ta' xogħol mhux dikjarat, bħall-agrikoltura, is-servizzi personali u dawk domestiċi. Fi Spanja, l-estrazzjoni u t-tqabbil ta' data ntużaw sabiex jiġu identifikati aħjar pretensjonijiet frodulenti marbuta ma' skemi ta' appoġġ għall-impjiegi. Iż-żieda fil-prevenzjoni hija karatteristika importanti oħra, b'pajjiżi bħall-Bulgarija, il-Portugall u s-Slovakkja li żviluppaw servizzi ġodda ta' komunikazzjoni fir-rigward tal-ħaddiema u tal-kumpanniji fil-kuntest tal-kampanja pan-Ewropea #EU4FairWork.

**L-Istati Membri qed jemendaw l-oqfsa eżistenti jew jintroduċu sistemi ġodda tal-ALMPs sabiex jirreaġixxu aħjar għall-kundizzjonijiet il-ġodda tas-suq tax-xogħol, b'enfasi partikolari fuq il-persuni qiegħda fit-tul u fuq gruppi vulnerabbli oħra.** Bl-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) tal-Bulgarija qed ilestu l-"Proġett Impjiegi" mmirat lejn il-persuni qiegħda u inattivi fit-tul, li nbeda fl-2018. Ir-reġjun Belġjan tal-Wallonia qed jimplementa skema ġdida ta' appoġġ immirata b'mod speċjali sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' dawk li qed ifittxu impjieg. L-iskema tiffoka b'mod speċjali fuq gruppi vulnerabbli (eż. dawk b'livell baxx ta' ħiliet, dawk qiegħda fit-tul u persuni bi sfond ta' migrazzjoni). Fiċ-Ċekja, il-miżuri adottati f'Marzu 2020 ifittxu li jtejbu l-aċċessibbiltà għall-uffiċċju tax-xogħol billi jippermettu li ssir reġistrazzjoni online għall-assistenza fit-tiftix ta' impjieg u billi jneħħu l-obbligu għal dawk li qed ifittxu impjieg milli jirreġistraw fil-post ta' residenza permanenti tagħhom. Fl-Estonja, miżura ġdida adottata f'April 2020 żiedet l-għażliet għall-persuni qiegħda sabiex jikkonsultaw il-PES virtwalment, inkluż permezz ta' għodod tal-IT bħal Skype. Fi Franza, bħala parti minn riforma wiesgħa, il-ftehim tripartitiku ffirmat bejn il-gvern, il-PES u l-Unjoni Professjonali Nazzjonali għall-Impjiegi fl-Industrija u fil-Kummerċ "UNEDIC" f'Diċembru 2019 għandu l-għan li jsaħħaħ il-gwida pprovduta lill-persuni qiegħda rreġistrati u, b'mod partikolari, lil dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Il-Ġermanja adottat diversi miżuri bejn Marzu u Ġunju sabiex tgħin lill-gruppi vulnerabbli. Dawn il-gruppi bbenefikaw ukoll minn miżuri ġenerali tas-suq tax-xogħol li jinkludu servizzi ta' konsulenza u taħriġ sabiex jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. F'April 2020, il-Polonja introduċiet appoġġ temporanju għal persuni qiegħda jew dawk f'riskju li jtilfu xogħolhom. L-iskema tikkofinanzja azzjonijiet sabiex tingħata spinta lill-impjegabbiltà tal-benefiċjarji u titrawwem it-tranżizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, li tinkludi t-tranżizzjonijiet minn impjieg għal ieħor.

**L-Istati Membri qed jieħdu passi ulterjuri sabiex jipprovdu appoġġ aktar individwalizzat u jintegraw aħjar is-servizzi għall-qiegħda fit-tul.** Fil-kuntest ta' riforma usa', Franza adottat miżuri sabiex issaħħa il-kooperazzjoni mal-impjegaturi, tivvaluta aħjar il-ħtiġijiet differenti tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u ttejjeb il-gwida għal dawk li qed ifittxu impjeg, b'mod partikolari għal dawk li jkunu qiegħda fit-tul. Issa l-pjan huwa li jiġu adottati tibdiliet leġiżlattivi li jiproteġu lill-impjegati minn riskji marbuta mal-qgħad permezz ta' mekkaniżmi ta' identifikazzjoni bikrija. Bħala parti minn tweġiba ġenerali għall-kriżi, f'Ġunju 2020 il-Greċja approvat 36 500 post għal kuntratt ta' impjeg ta' tmien xhur fis-settur pubbliku (Programm għax-Xogħlijiet Pubbliċi/ "Kinofelis"), inkluż 150 siegħa ta' taħriġ u ta' ċertifikazzjoni tal-ħiliet miksuba. Il-Finlandja qed tieħu miżuri sabiex fil-PES tipprovdi assistenza aktar individwalizzata u mfassla apposta għal dawk li qed ifittxu impjeg u għal min ibiddel l-impjeg. Ċipru introduċa diversi inċentivi għal taħriġ fuq il-post tax-xogħol għal LTU reklutati ġodda. Fl-2019, 92 persuna li qabel kienu qiegħda fit-tul ibbenefikaw minn din l-iskema mmirata u l-pjanijiet huma li sa tmiem l-2020 jintlaħqu 300 parteċipant.

**Fil-kuntest kurrenti, l-Istati Membri adottaw miżuri (l-aktar ta' natura temporanja) sabiex isaħħu s-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad tagħhom.** F'Marzu, id-Danimarka estendiet id-durata tal-benefiċċji tal-qgħad u tal-paga għall-mard sa Ġunju 2020 u llaxkat il-kundizzjonijiet għal dawk li diġà qed jieħdu l-benefiċċji tal-qgħad u tal-mard. F'Ġunju 2020, l-Estonja adottat miżuri sabiex iżżid il-benefiċċji tal-qgħad u ssaħħa il-miżuri ta' protezzjoni soċjali tagħha. Dan jinkludi, minn Settembru 2020 'il quddiem, żieda fil-benefiċċju tal-assigurazzjoni tal-qgħad (minn 50 % għal 60 % tal-paga preċedenti tal-persuna li għandha kif tisfa qiegħda), u minn Jannar 2021 'il quddiem, żieda fil-benefiċċju tal-qgħad (minn 35 % għal 50 % tal-paga minima fix-xahar ta' din is-sena, jew EUR 292). Dawn il-miżuri jsegwu l-adozzjoni f'Diċembru 2019 taż-żieda annwali fil-benefiċċju tal-assigurazzjoni tal-qgħad. Ir-rata minima l-ġdida fix-xahar għall-2020 żdiedet għal EUR 279 (għal 31 jum), meta mqabbla ma' EUR 258 fl-2019. F'Marzu, Malta adottat benefiċċju temporanju tal-qgħad (li jammonta għal EUR 800) għall-persuni kollha li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-kriżi tas-saħħa. Bħala parti minn riforma usa', f'April 2020 l-Iżvezja adottat numru ta' miżuri sabiex issaħħa temporanjament is-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad tagħha, inkluż l-illaxkar tar-rekwiżiti dwar l-aċċess u l-ammonti (jiġifieri żieda fl-ammonti minimi) tal-fond tal-assigurazzjoni tal-qgħad. Minn Ottubru 2020, il-Bulgarija żiedet bi 30 % il-benefiċċju minimu ta' kuljum u estendiet it-tul ta' żmien tiegħu minn erba' xhur għal sebgħa għal dawk il-każijiet definiti fil-leġiżlazzjoni. Il-Lussemburgu approva estensjoni awtomatika tal-benefiċċji tal-qgħad għad-durata tal-istat ta' kriżi, sabiex jappoġġa lill-benefiċjarji li l-benefiċċji tagħhom kienu qed jiskadu matul il-kriżi tas-saħħa. Bi tweġiba għat-tifqigħa tal-COVID-19, il-Greċja u Franza estendew il-perijodu ta' eliġibbiltà għall-benefiċċji tal-qgħad. Is-Slovakkja għamlet l-istess minn April sa Awwissu 2020 għal dawk il-benefiċjarji li l-perijodu ta' appoġġ tagħhom kien qed jintemm matul il-kriżi tas-saħħa. F'Lulju 2020, il-Portugall estenda l-benefiċċju soċjali tal-qgħad sal-aħħar tas-sena. F'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, f'April Ċipru adotta skema temporanja speċjali sabiex jappoġġa lill-persuni qiegħda li kienu eżawrew il-benefiċċji tal-qgħad regolari. Hija stabbilita għal EUR 360-500 fix-xahar u ser tibqa' valida sa Diċembru 2020. F'April, il-Latvja introduċiet benefiċċju ta' assistenza għall-qgħad (stabbilit għal EUR 180 fix-xahar) għal perijodu ta' erba' xhur għal dawk li eżawrew il-benefiċċji tal-qgħad tagħhom. Dan ser jibqa' fis-seħħ sa tmiem l-2020. F'Marzu, Franza introduċiet miżuri ta' sostituzzjoni tal-introjt ta' emerġenza sabiex tappoġġa lil dawk li qed ifittxu impjieg li jaslu fi tmiem l-intitolament tagħhom.

F'Marzu l-Italja warrbet madwar EUR 10 biljun sabiex issaħħaħ is-sistema tagħha ta' xibka ta' sikurezza soċjali ("Cassa Integrazione") u tappoġġa l-impjiegi u l-livelli ta' introjtu ta' dawk l-aktar milquta mill-kriżi. F'każ li l-persuna qiegħda ma tkunx eliġibbli għall-benefiċċju soċjali msemmija qabel (li tammonta għal EUR 600 fix-xahar), hija gawdjet minn estensjoni awtomatika tal-benefiċċji tal-qgħad (jekk jintemmu qabel l-1 ta' Mejju 2020) għal perijodu sa xahrejn.

F'koordinazzjoni mas-sħab soċjali, il-Finlandja introduċiet emendi temporanji għall-"Att dwar is-Sigurtà għall-Qgħad" f'April 2020 sabiex tqassar il-perijodu tar-rekwiżit tax-xogħol għall-eliġibbiltà għall-benefiċċju tal-qgħad relatat mal-qligħ, minflok il-benefiċċju bażiku tal-qgħad (EUR 34 għal kull jum tax-xogħol). Aktar derogi temporanji għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ temporanju usa' għall-aċċettazzjoni tax-xogħol, b'mod partikolari għall-ħaddiema fis-settur tal-agrikoltura u tal-forestrija. Fil-Litwanja, il-persuna bi status ta' qiegħda u li ma tkunx qed tipparteċipa f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol tista' tingħata benefiċċju għal min qed ifittex impjieg (EUR 200 għal persuni qiegħda li ma jirċevux benefiċċji tal-qgħad jew EUR 42 għal dawk li jirċievu benefiċċji tal-qgħad). Il-benefiċċji jistgħu jitħallsu għal perijodu massimu ta' sitt xhur, iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

**Xi wħud mill-miżuri adottati sabiex isaħħu s-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad huma mfassla sabiex itejbu s-sitwazzjoni speċifika ta' ċerti gruppi.** F'Marzu 2020, il-Belġju estenda bi tliet xhur id-durata tal-benefiċċju tal-qgħad għal dawk li telqu mill-iskola u li kienu qed ifittxu impjeg. Din il-miżura temporanja kienet segwita minn iffriżar temporanju tad-digressività tal-benefiċċji tal-qgħad (jiġifieri t-tnaqqis gradwali fl-ammont tal-benefiċċji) li beda f'April 2020 u baqgħet valida għal kemm iddum il-kriżi. Franza estendiet il-perijodu ta' eliġibbiltà tal-benefiċċji tal-qgħad u d-drittijiet assoċjati għal kategoriji ġodda ta' ħaddiema (impjegati staġjonali u impjegati mħaddma minn persuna li taħdem għal rasha, fost oħrajn). Bħala parti minn riforma wiesgħa, l-iskema ta' "qgħad parzjali" ġiet immodifikata wkoll fi Franza sabiex tadatta għall-konsegwenzi negattivi tal-pandemija fuq gruppi speċifiċi (eż. ħaddiema tal-indukrar tat-tfal, ħaddiema mid-dar, ħaddiema temporanji u intermittenti, ħaddiema freelancers u ħaddiema staġjonali) u ċerti setturi. F'April, il-Latvja estendiet il-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għal dawk li jaħdmu għal rashom u għas-sidien tal-mikrointrapriżi affettwati mill-pandemija sa tmiem l-2020. F'Marzu, Spanja adottat miżuri straordinarji sabiex tiżgura appoġġ temporanju għall-introjtu għal gruppi speċifiċi affettwati mill-pandemija. B'mod partikolari, il-miżuri huma mmirati lejn ħaddiema temporanji jew dawk li jaħdmu fis-settur domestiku li l-impjieg tagħhom ġie interrott totalment jew parzjalment (inkluża t-terminazzjoni tal-impjieg) u ma kellhomx aċċess għal benefiċċji tal-qgħad regolari. Il-Finlandja adottat ukoll miżura mmirata sabiex tiżgura li l-benefiċċji tal-qgħad jitħallsu mingħajr deċiżjoni, bħala ħlas bil-quddiem, għal perijodu ta' sitt xhur minflok il-perijodu normali ta' xahrejn.

**F'dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri rrieżaminaw il-perjodi ta' kwalifikazzjoni għall-benefiċċji tal-qgħad sabiex isibu l-bilanċ it-tajjeb bejn l-attivazzjoni u l-kundizzjonalità.** Fil-Litwanja, il-perijodu meħtieġ sabiex wieħed jikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad tnaqqas minn 18 għal 12-il xahar fl-2017, filwaqt li żdied minn disa' għal 12-il xahar fil-Bulgarija (fl-aħħar 18-il xahar) u fil-Latvja sa mill-2018 u mill-2020, rispettivament. Mill-2020, il-Latvja naqqset ukoll l-ammonti u d-durata tal-benefiċċji tal-qgħad minn disa' xhur għal tmienja. Fl-Awstrija huwa meħtieġ rekord tal-assigurazzjoni ta' 52 ġimgħa (fl-aħħar 24 xahar) għall-applikazzjonijiet għall-ewwel darba, iżda dan jitnaqqas għal 28 ġimgħa għal applikazzjonijiet sussegwenti, u għal 26 ġimgħa (fl-aħħar 12-il xahar) għal ħaddiema taħt il-25 sena. Fl-aħħar nett, fil-kuntest ta' riforma wiesgħa tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad tagħha, Franza żiedet it-tul minimu meħtieġ ta' impjieg minn erba' xhur għal sitta minn Novembru 2019, u żiedet fl-istess ħin id-durata tal-intitolament. Madankollu, biex jitqies il-kuntest tal-kriżi, dan il-perijodu tnaqqas temporanjament lura għal erba' xhur kif kien inizjalment sa Frar 2021.

**F'ħafna Stati Membri, is-sħab soċjali pprovdew l-aktar kontribut importanti tagħhom lil dawk li jfasslu l-politika fil-qasam tal-protezzjoni u taż-żamma tal-impjiegi.**<sup>184</sup> L-involviment tas-sħab soċjali wara t-tifqigħa tal-pandemija kien l-aktar b'saħħtu f'dawk l-Istati Membri bi strutturi ta' djalogu soċjali żviluppati sew. F'Marzu 2020, il-gvern Daniż u s-sħab soċjali laħqu ftehim tripartitiku sabiex jappoġġaw iż-żamma tal-impjiegi. Fl-Awstrija ntlaħqu ftehimiet simili għall-protezzjoni tal-impjiegi u tal-introjti ta' appoġġ, flimkien mal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' telexoġhol wara r-restrizzjonijiet relatati mas-saħħa. Fi Spanja, il-ftehimiet tripartitiċi wasslu għall-estensjoni ta' skemi għaż-żamma tal-impjiegi tal-anqas sa Jannar 2021, u għall-approvazzjoni ta' liġi ġdida dwar it-telexoġhol. Fil-Ġermanja, diversi setturi, bħas-settur kimiku u dak pubbliku, laħqu ftehimiet bipartitiċi għall-impjiegi u għall-protezzjoni tal-introjtu. Fi Franza u fl-Italja, is-sħab soċjali żviluppaw protokoll ta' sikurezza sabiex jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza tal-impjegati kollha fuq il-post tax-xoġhol. F'Ċipru, fl-2020 ġiet introdotta konsultazzjoni ġdida tat-tip pilota sabiex ittejjeb l-effettività tal-proċess u tiffaċilita l-għoti ta' input fl-istadju inizjali tat-tnejjija tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma (PNR). Fil-Litwanja, inħoloq korp bipartitiku ġdid sabiex irawwem il-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u sabiex ittejjeb l-involviment tagħhom fis-Semestru Ewropew. Ta' min isemmi wkoll il-kontribut siewi pprovdut mis-sħab soċjali għal inizjattivi reċenti tal-UE bħal, pereżempju, l-Aġenda għall-Filiet il-ġdida u l-inizjattiva dwar il-Paga Minima<sup>185</sup>.

---

<sup>184</sup> Eurofound (2020), *Involvement of national social partners in policymaking – 2019*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

<sup>185</sup> Ġew ippjanati aktar laqgħat ta' konsultazzjoni sa tmiem l-iskadenza tal-abbozzar ta' dan ir-rapport dwar inizjattivi oħra ta' politika bħall-garanzija għat-tfal u x-xoġhol ta' pjattaformi.

**L-appoġġ għall-involviment tas-sħab soċjali evolva b'għadd ta' modi fl-Istati Membri.** Fi Franza, ir-rekwiżit legali li jitwaqqaf Kunitat Soċjali u Ekonomiku f'kull ditta li tħaddem aktar minn ħdax-il impjegat ilu fis-seħħ minn Jannar 2020. Il-miżura għandha l-għan li tissostitwixxi t-tliet korpi diġà eżistenti għad-djalogu soċjali u li tiddeċentralizza n-negozjati għal-livell tal-kumpanniji. Fil-Portugall, miżura tistabbilixxi ċerti talbiet qabel it-terminazzjoni ta' ftehimiet kollettivi, inklużi l-motivazzjoni u r-raġunijiet wara t-terminazzjoni. Kwalunkwe waħda mill-partijiet involuti tista' titlob arbitraġġ mit-Tribunal tal-Impjiegi. F'Ġunju 2020, l-Estonja mmodifikat l-Att għat-Trade Unions biex tispeċifika t-terminu "impjegatur" sabiex tiżgura li l-ispettorati tax-xogħol ikunu jistgħu jimponu multi f'każ ta' azzjonijiet li jxekklu l-parteċipazzjoni f'attivitajiet relatati mat-trade unions. Fi Spanja, il-gvern nazzjonali, it-trade unions u l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi ffirmaw ftehim f'Lulju 2020 biex jerġgħu jniedu r-roundtables tripartitiċi li jinnegozjaw riformi tal-impjiegi u soċjali importanti. Il-ħidma f'dawn ir-roundtables ilha sospiża minn Marzu 2019. Fil-Polonja, dispożizzjonijiet ġodda taw is-setgħa lill-gvern li jkeċċi membri tal-Kunsill tad-Djalogu Soċjali taħt ċerti ċirkostanzi. Dawn id-dispożizzjonijiet ilhom fis-seħħ minn Marzu sa Diċembru 2020 u implikaw dgħajfien potenzjali tal-awtonomija tas-sħab soċjali u tbeġħid mill-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

**Ir-reazzjonijiet għall-emerġenza tas-saħħa wrew il-potenzjal għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali u s-sħab soċjali fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politiki u ta' riformi.** Fi sħarriġ immexxi mill-Eurofound,<sup>186</sup> is-sħab soċjali vvalutaw il-kwalità tal-proċeduri u tal-istrutturi ta' governanza nazzjonali fis-seħħ għad-diskussjoni tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma (PNR) bħala simili għall-kwalità ta' dawk fis-seħħ fis-snin preċedenti. Is-sejbiet juru proċeduri speċifiċi li għandhom l-għan li jiddiskutu l-PNR li ġew immodifikati f'xi pajjiżi biss (eż. il-Belġju). Madankollu, huma jissuġġerixxu wkoll li l-involviment tas-sħab soċjali fl-2020 kien globalment ta' livell anqas mill-istandards ta' kwalità normali, b'mod notevoli minħabba l-konsultazzjonijiet u l-iskambji limitati f'numru ta' Stati Membri. L-istess sejbiet juru li ġeneralment is-sħab soċjali huma sodisfatti bil-kontenut tal-politiki tal-PNR, anke fl-Istati Membri fejn l-involviment tagħhom fil-proċess tas-Semestru Ewropew mhuwiex kompletament istituzzjonalizzat. Fi ftit pajjiżi biss, it-trade unions irrapportaw valutazzjoni pjuttost negattiva tal-kontenut f'dawn id-dokumenti. B'mod ġenerali, dan il-feedback pożittiv jista' jiġi parzjalment spjegat mill-fatt li s-sħab soċjali f'xi Stati Membri kienu involuti fit-tfassil ta' wħud mir-risponsi ta' politika ewlenin fil-livell nazzjonali.

---

<sup>186</sup> Sors: Eurofound (2020), *National social partners and policymaking during the health crisis*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

### **3.4 Linja Gwida Nru 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqg għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar**


Din it-taqsimha tħares lejha l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 8 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jippromwovu opportunitajiet indaqg, jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali. It-Taqsimha 3.4.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika mill-Istati Membri fl-oqsma tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, inkluż l-iskemi tal-introjtu minimu, il-benefiċċji tal-familja, il-politiki dwar l-abitazzjoni, il-pensjonijiet, il-kura fit-tul, il-kura tas-saħħa u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilitajiet.

#### *3.4.1 Indikaturi ewlenin*

**Id-dinamika pożittiva tal-ekonomija li dehret fis-snin preċedenti kienet kostanti qabel ma faqqgħet il-kriżi tal-COVID-19, bl-introjti aggregati tal-unitajiet domestiċi (GDHI) li kienu qed jiżdiedu fl-Istati Membri kollha tal-UE-27.** L-introjtu tal-unitajiet domestiċi kiber kullimkien fl-Ewropa fl-2019, xprunat minn introjtu ogħla mix-xogħol u f'konformità mal-progress ġenerali tal-introjtu disponibbli gross per capita. Madankollu, il-firxa tar-rata reali ta' tkabbir tal-GDHI kienet wiesgħa madwar l-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant komplew il-proċess ta' konverġenza, u dan juri li l-GDHI żdied b'rata ogħla mill-medja. Min-naħa l-oħra, f'pajjiżi fejn l-introjti tal-unitajiet domestiċi kien naqas l-aktar mill-kriżi tal-2008 'l hawn, it-tkabbir baqa' flivelli baxxi, fejn il-Greċja kienet eċċezzjoni. Il-GDHI per capita f'ħames Stati Membri (Ċipru, l-Italja, Spanja, l-Awstrija u l-Greċja) kien għadu taħt il-livelli milħuqa qabel ir-reċessjoni tal-2008-2009.

**Illustrazzjoni 63: L-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi kien għadu qed jiżdied qabel il-kriżi tal-COVID-19, iżda r-rati ta' tkabbir ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri**

Il-GDHI reali per capita, l-indiċi tal-2008 = 100 u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Sors: Eurostat, il-Kontijiet Nazzjonali [nasq\_10\_nf\_tr u namq\_10\_gdp], il-kalkoli proprji. Indiċi reali tal-GDHI per capita 2008=100. Perijodu: il-livelli tal-2019 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2018. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Fil-11 ta' Jannar 2021, ma kienx hemm data disponibbli għal BG u MT.


**Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (ARPE) kien qed jonqos għas-seba' sena konsekuttiva qabel ma laqtet il-kriżi tal-COVID-19, iżda l-progress kien qed jonqos f'pajjiżi b'rati oġhla.** Fl-2019, is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (ARPE) fl-UE-27 naqas b'0.7 ta' punt perċentwali ieħor meta mqabbel mal-2018, għal 20.9 % (jew 3.39 miljun persuna anqas mill-2018). Kien qed iseħħ ċertu grad ta' konverġenza madwar l-UE (ara l-Illustrazzjoni 64), għalkemm b'pass aktar bil-mod, hekk kif it-titjib f'xi pajjiżi bl-oġhla livelli naqas meta mqabbel mas-sena ta' qabel. B'mod partikolari, fil-Bulgarija r-rata ta' ARPE kienet biss 0.5 pp aktar baxxa milli fl-2018, meta mqabbla ma' tnaqqis ħafna akbar fis-sinjura preċedenti (li wassal għal tnaqqis kumulattiv ta' 16.8 pp mill-quċċata tal-2012). Bl-istess mod, fir-Rumanija, ir-rata ARPE naqset b'1.3 pp mill-2018 (-12 pp mill-2012), u fil-Latvja b'1.1 pp (-8.9 pp sa mill-2012). L-aktar titjib notevoli jista' jiġi osservat fil-Litwanja (-2 pp), fil-Greċja (-1.8 pp), fl-Italja (-1.7 pp), f'Ċipru (-1.6 pp) u fil-Kroazja (-1.5 pp). Minkejja t-titjib, dawn l-Istati Membri lkoll għadhom oġhla mill-medja tal-UE. Fost il-pajjiżi taħt il-medja tal-UE, is-Slovenja (-1.8 pp) u l-Ġermanja (-1.3 pp) tjiebu konsiderevolment, filwaqt li Malta (+ 1.1 pp) u Franza (+ 0.5 pp) marru għall-agħar<sup>187</sup>. Numru ta' Stati Membri jippreżentaw disparitajiet reġjonali kbar fir-rati ta' ARPE (Anness 4).

---

<sup>187</sup> Fil-mument tal-abbozzar, is-sinjalar għas-sinjifikat statistiku tal-bidliet annwali mhux disponibbli.

## Illustrazzjoni 64: Is-sehem ta' nies f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas f'ħafna mill-Istati Membri

Il-perċentwal tal-popolazzjoni f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, il-livelli tal-2019 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Sors: Eurostat, SILC. Perijodu: il-livelli tal-2019 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2018. Nota: l-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Waqfiet fis-serje għal BE. Bidliet statistikament sinifikanti huma mmarkati bi stilla (\*).

**Is-sehem ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROE) kien qed jonqos f'dawn l-aħħar ftit snin qabel il-kriżi tal-COVID-19.** Fl-2019, ir-rata ġenerali ta' AROE fl-UE-27 kienet ta' 22.2 % għat-tfal, meta mqabbla ma' 21.3 % għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (18-64) u ma' 18.5 % għall-anzjani (65 sena jew aktar)<sup>188</sup>. B'mod ġenerali, l-ogħla rati huma rreġistrati fir-Rumanija (35.8 %), fil-Bulgarija (33.9 %), fil-Greċja (30.5 %) u fi Spanja (30.3 %). Bejn l-2018 u l-2019, in-numru ta' tfal friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-UE-27 naqas b'993 000, jiġifieri b'4 %. F'termini relattivi, it-tnaqqis kien l-akbar fil-Latvja (15.0 %), fil-Kroazja (14.7 %) u fid-Danimarka (14.2 %). Min-naħa l-oħra, in-numru ta' tfal friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali żdied b'14.5 % fl-Iżvezja (żieda ta' 2.5 pp mar-rata ta' AROE), u b'1.9 % fi Spanja (żieda ta' 0.8 pp mar-rata ta' AROE). Fil-pajjiżi l-aktar sinjuri (eż. il-Lussemburgu, l-Iżvezja jew il-Finlandja), l-għajxien taħt is-soll tal-faqar tal-AROP mhux dejjem jinvolvi li wieħed ikun f'kundizzjoni ta' deprivazzjoni materjali u soċjali. Min-naħa l-oħra, ħafna tfal f'pajjiżi ifqar jgħixu f'deprivazzjoni materjali anke jekk l-introjtu tal-familji tagħhom ikun ogħla mis-soll tal-faqar tal-AROP. Huwa anqas probabbli li t-tfal li jikbru fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali jmorru tajjeb fl-iskola, igawdu minn saħħa tajba u jilhq u-potenzjal sħiħ tagħhom aktar tard fil-ħajja, minn sħabhom li qegħdin f'qagħda aħjar. L-ixprunatur ewlieni tal-faqar fost it-tfal huwa l-pożizzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol, li min-naħa tagħha hija marbuta b'mod qawwi mal-livell ta' edukazzjoni tagħhom, u mal-kompożizzjoni tal-unità domestika. F'xi Stati Membri, ir-rata ta' AROE għal tfal imrobbija minn ġenitur wieħed jew f'familji b'aktar minn tlett itfal jew bi sfond ta' migrazzjoni jew Rom huwa sa tliet darbiet ogħla minn dak ta' tfal oħra. Żvantaġġi bħal dawn spiss imorru id fid.

**Nies li twieldu barra l-UE jaffaċċjaw riskji akbar tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali.** Fl-2019, ir-rata ta' AROE ta' persuni li twieldu barra l-UE (18-il sena jew aktar) kienet qrib id-doppju ta' dik tan-nies imwiela fiha (38 % vs 19.6 %), li timplika distakk ta' kważi 18.4 pp. F'dawn l-aħħar snin, dan id-distakk baqa' stabbli, u jvarja madwar 19.5 pp. F'xi Stati Membri, huwa partikolarment wiesgħa: kważi 30 pp fl-Iżvezja, il-Belġju u l-Greċja. Persuni li twieldu barra mill-UE spiss jesperjenzaw ukoll faqar fost dawk li jaħdmu. Fl-2019, ir-rata rispettiva kienet ta' 21.2 % meta mqabbla ma' 7.9 % għan-nattivi. Fil-livell tal-UE, id-distakk bejn iż-żewġ gruppi huwa stabbli, iżda għadu għoli għal xi Stati Membri, b'mod partikolari għal Spanja, għal-Lussemburgu u għall-Iżvezja.

---

<sup>188</sup> Innota li komponent wieħed tal-AROE, "għajxien f'unità domestika b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna" huwa disponibbli biss għal dawk taħt is-60 sena. Minħabba dan, il-komparabbiltà tal-AROE fost dawk taħt u aktar minn 60 hija limitata.

**Is-sehem tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar (AROP) baqa' ġeneralment stabbli qabel il-kriżi tal-COVID-19.** B'1.4 miljun persuna anqas f'riskju ta' faqar fl-UE-27, dan is-sehem naqas bi ftit għal 16.5 % fl-2019 (minn 16.8 % fl-2018) – ara l-faxxa ta' fuq tal-Illustrazzjoni 65. Is-sitwazzjoni baqgħet ferm agħar mill-medja fir-Rumanija, fil-Latvja, fil-Bulgarija, fl-Estonja, fi Spanja, fil-Litwanja u fl-Italja<sup>189</sup>, kollha ogħla minn 20 %. Ir-rata ta' AROP naqset fil-Litwanja (-2.3 pp), fis-Slovenja (-1.3 pp), fil-Ġermanja (-1.2 pp) u fil-Kroazja (-1 pp). B'mod ġenerali, wara snin ta' żidiet u ta' titjib reċenti, ir-rata medja tal-AROP hija stabbli, lura għal-livell tal-2010. Madankollu, din l-istabbiltà ġenerali hija riżultat ta' tiddiliet komposti li jvarjaw sew fil-livell tal-Istati Membri. Wieħed josserva deterjorament sinifikanti f'xi Stati Membri (b'aktar minn 2 pp jew aktar fl-Estonja, fil-Lussemburgu, fin-Netherlands, fl-Iżvezja u fir-Rumanija) iżda wkoll xi titjib (b'aktar minn 2 pp fil-Kroazja, fil-Greċja u fil-Polonja). L-aħħar stimi bbażati fuq l-Istimi Rapidi tal-Eurostat jindikaw li għall-2019, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ftit li xejn ser jaraw tiddil<sup>190</sup>. B'mod partikolari, wieħed jista' jistenna żieda fir-rata ta' AROP fis-Slovenja u fl-Iżvezja, u tnaqqis f'Ċipru, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fi Spanja u fir-Rumanija. Fiż-żmien tal-abbozzar, l-istimi rapidi tal-Eurostat li jirreferu għall-introjti tal-2020 (u b'hekk jirriflettu l-impatt tal-kriżi) għadhom mhumiex disponibbli.

**Il-kriżi tal-COVID-19 x'aktarx li taggrava l-isfidi eżistenti relatati mal-faqar.** Studju reċenti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka<sup>191</sup> esplora l-impatt tal-pandemija fuq l-introjtu tal-unitajiet domestiċi u l-effett ta' taffija tal-miżuri tal-politika fiskali adottati b'reazzjoni għall-kriżi. B'riflessjoni tal-effett ta' stabilizzazzjoni awtomatika tas-sistemi ta' protezzjoni u ta' inklużjoni soċjali, kif ukoll tal-miżuri addizzjonali meħuda, ir-rata ta' AROP tkun tiżdied biss b'medja ta' 0.1 pp fl-UE. Ir-rata ankrata ta' AROP<sup>192</sup> tkun tiżdied b'1.7 pp, li jirrifletti t-tnaqqis sostanzjali fis-soll tal-faqar minħabba l-kriżi tal-COVID-19. Il-pajjiżi b'żieda sinifikanti ta' aktar minn 2 pp fir-rati ta' faqar jinkludu l-Ungerija, is-Slovakkja, Spanja, l-Iżvezja, il-Litwanja u ċ-Ċekja. Iż-żieda fil-faqar tkun mifruxa fuq medda simili bħal dik esperjenzata bejn l-2008 u l-2009, minħabba l-kriżi finanzjarja.

---


<sup>189</sup> Abbażi tad-data tal-2018, peress li ċ-ċifri għall-2019 ma kinux disponibbli fil-mument tal-abbozzar.

<sup>190</sup> Stimmi Rapidi tal-Eurostat dwar l-introjtu tal-2019. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!px93hB>

<sup>191</sup> Almeida et al. (2020), *Households' income and the cushioning effect of fiscal policy measures during the Great Lockdown*, JRC Working Papers on Taxation and Structural Reforms No 06/2020. Disponibbli fuq: u n-nota ta' politika ta' akkumpanjament <https://europa.eu/!JU66Gc>

<sup>192</sup> F'dan il-każ, is-soll tal-faqar hu ankrat mal-valur tas-simulazzjonijiet bażi tal-EUROMOD tal-2019, minflok ma jintuża s-soll tal-faqar stmata għall-2020. Ara l-Illustrazzjoni 9 fil-paġna 17 tar-rapport.

**Illustrazzjoni 65: Is-sitwazzjoni qed tkompli titjeb b'mod partikolari fir-rigward tad-deprivazzjoni materjali estrema, u tal-persuni li qed jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi qiegħda.**  
 Subindikaturi tar-rata ta' riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, UE-27



Sors: Eurostat, SILC. Nota: L-indikaturi huma kklassifikati skont l-AROE fl-2019. Minħabba d-disponibbiltà tad-data, l-aggregat tal-UE għall-2008 jinkludi r-Renju Unit u jeskludi HR. Waqfiet fis-serje għal BE fl-2019 u f'BG, DK, EE, LU u NL fis-snin preċedenti.

**Qabel il-pandemija d-deprivazzjoni materjali tjobbet aktar kważi fil-pajjiżi kollha.** Fl-2019, kważi tliet miljun persuna ħarġu minn qagħda ta' deprivazzjoni materjali estrema (SMD) fl-UE-27 meta mqabbla mas-sena ta' qabel, u s-sehem tal-popolazzjoni f'din il-kundizzjoni kien ta' 5.4 %, nofs punt perċentwali anqas mill-2018 – ara l-faxxa tan-nofs tal-Illustrazzjoni 65. It-titjib fid-deprivazzjoni materjali kompli jkabbar it-titjib fl-AROE, speċjalment bis-saħħa ta' tnaqqis fir-Rumanija, fil-Polonja, fil-Ġermanja u fi Spanja. Dan jirriżulta f'aktar minn 20 miljun persuna anqas f'deprivazzjoni materjali estrema milli fl-2012, meta l-indikatur laħaq il-quċċata tiegħu. Madankollu, it-tendenza pożittiva, jekk xejn, tidher li qed tiddgħajef f'xi wħud mill-pajjiżi bl-ogħla rati (il-Bulgarija, il-Latvja, il-Litwanja u l-Greċja). Madankollu, id-deprivazzjoni materjali u soċjali<sup>193</sup> (jiġifieri l-indikatur imsaħħaħ meta jitqiesu aktar oġġetti u oġġetti relatati soċjalment), kienet qed tonqos malajr f'dawn il-pajjiżi, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarija fejn it-titjib kien modest.

**Id-dinamika pożittiva tas-suq tax-xogħol kienet qed tappoġġa tnaqqis ieħor fis-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg qabel il-kriżi tal-COVID-19.** Fl-2019, is-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg kien ta' 8.3 % b'mod kumplessiv fil-pajjiżi tal-UE-27, li juri tnaqqis moderat mis-sena ta' qabel – ara l-panel ta' isfel tal-Illustrazzjoni 65. Filwaqt li x-xejra ġenerali kienet pożittiva jew stabbli kważi fl-Istati Membri kollha (b'xi eċċezzjoni bħal fis-Slovakkja, fin-Netherlands u fl-Awstrija), din ix-xejra x'aktarx li titreġġa' lura minħabba l-kriżi tal-COVID-19, u tirrifletti żidiet fil-qgħad u tnaqqis fin-numru ta' sigħat maħduma, kif enfasizzat fil-kapitolu 3.1.

**Fl-2019, il-faqar fost dawk li jaħdmu baqa' stabbli f'livelli għoljin minkejja xi tnaqqis notevoli.**


Wara li fl-2016 laħaq il-quċċata tiegħu ta' 9.8 % għall-UE-27, il-faqar fost dawk li jaħdmu baqa' għoli f'livell ta' 9 % (ftit anqas mil-livell tal-2018 tiegħu ta' 9.3 %; ara wkoll il-Kapitolu 3.1.1). Il-faqar fost dawk li jaħdmu għadu partikolarment għoli fir-Rumanija (15.4 %), fi Spanja (12.8 %), fl-Italja (11.8) u fil-Lussemburgu (12 %). Matul l-aħħar sena, jista' jiġi osservat titjib f'xi Stati Membri (-1.5 pp fis-Slovenja, -1.1 pp fil-Bulgarija u fil-Ġermanja, -0.8 pp fil-Greċja). Il-persuni b'kuntratti tax-xogħol part-time huma aktar esposti għall-faqar fost dawk li jaħdmu (15.1 % b'mod ġenerali fl-UE-27), iżda f'xi pajjiżi, persuni b'impjieg full-time wkoll jaffaċċjaw riskju relatat għoli. Dan huwa l-każ b'mod partikolari fir-Rumanija bi 12.3 %, fi Spanja b'10.7 % u fil-Lussemburgu b'10 %.

<sup>193</sup> Persuna titqies bħala mċaħħda materjalment u soċjalment meta tesperjenza nuqqas infurzat ta' ħames jew aktar minn 13-il oġġett ta' privazzjoni (minflok disġha tal-SMD). Dawn jinkludu oġġetti relatati ma' attivitajiet soċjali (divertiment, internet, laqgħat ma' ħbieb/familja, flus fil-but). Mill-2014 'l hawn, jinġabru seba' oġġetti ġodda, wieħed fuq il-livell tal-unità domestika u sitta fuq livell individwali, jiġifieri għal kull persuna li għandha 16-il sena jew aktar fl-unità domestika.

**L-intensità tal-faqar baqgħet l-istess fl-2019 minkejja t-titjib ġenerali fil-livelli tal-introjtu.** L-ispargiġ tal-faqar juri d-distanza tal-introjtu medjan ta' persuni friskju ta' faqar mis-soll tal-faqar. Dan id-distakk kien ta' 24.5 % fl-UE-27 fl-2019, kważi l-istess meta mqabbel mal-2018. Fost il-pajjiżi bl-akbar spargiġ tal-faqar (aktar minn 25 % fir-Rumanija, fl-Italja fi Spanja, fl-Ungerija, fil-Latvja, fil-Bulgarija, fil-Greċja, fil-Kroazja u fil-Litwanja<sup>194</sup>), l-indikatur tjeib biss fir-Rumanija, fil-Litwanja u fil-Greċja fl-2019. Fl-Ungerija, l-ispargiġ tal-faqar żdied b'4.8 pp. Żdied ukoll f'pajjiżi b'livelli aktar baxxi mill-medja (l-Awstrija +2.2 pp, l-Iżvezja +1.8 pp u l-Ġermanja +1.2 pp). F'ħafna każijiet, l-intensità tal-faqar ma naqsitx b'mod sinifikanti minkejja t-titjib ġenerali fis-sitwazzjoni soċjoekonomika ta' qabel il-pandemija.

**Illustrazzjoni 66: L-ispargiġ medjan relattiv tar-riskju tal-faqar għal unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg**

Id-diskrepanza medjana relattiva tar-riskju tal-faqar għal unitajiet domestiċi kważi qiegħda, 2017-2019



Sors: Il-komputazzjoni proprja fuq Eurostat, mikrodata tal-SILC. Waqfiet fis-serje għal BE fl-2019.

<sup>194</sup> Dan il-grupp jinkludi wkoll l-Italja u s-Slovakkja abbażi tad-data tal-2018.

**Il-faqar fost persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi qiegħda huwa aktar profond minn fost gruppi oħra.** FI-UE-27, l-ispariġġ tal-faqar għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (18-64) li tgħix f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjeg<sup>195</sup> żdied għal 37.3 % fl-2019 (36.5 % fl-2018). Is-Slovakkja, il-Litwanja, l-Italja, il-Latvja u r-Rumanija għadhom jirreġistraw l-akbar spariġġi fil-faqar, minkejja xi titjib (Illustrazzjoni 66). L-indikatur huwa anqas minn 20 % fin-Netherlands, il-Finlandja u l-Irlanda. L-akbar żieda hija osservata fil-Lussemburgu (+9.4 pp). Rati għoljin jissuġġerixxu adegwatezza u kopertura batuti tal-benefiċċji, peress li dawn ma jmorrux tajjeb sabiex jimlew din il-lakuna.

**Il-persuni b'diżabilitajiet għandhom probabbiltà ferm akbar li jkunu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali mill-persuni mingħajr diżabilitajiet.** Fl-2019, 28.4 % tal-persuni b'diżabbiltà fl-UE-27 kienu friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, meta mqabbla ma' 18.4 % tal-persuni mingħajr diżabbiltà, u dan juri spariġġ ta' 10 pp. Is-severità tad-diżabbiltà hija fattur ta' spjegazzjoni importanti ħafna, b'34.7 % ta' dawk b'diżabbiltà severa li għandhom 16-il sena jew aktar li jinsabu friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, meta mqabbla ma' 26 % ta' dawk b'diżabbiltà moderata<sup>196</sup>.


---

<sup>195</sup> L-indikatur huwa kkalkulat bħala d-distanza bejn l-introjtu nett totali ekwivalizzat medjan ta' persuni taħt il-livell limitu tar-riskju ta' faqar u f'intensità tax-xogħol baxxa ħafna u l-limitu tar-riskju ta' faqar innifsu, espress bħala perċentwal tal-livell limitu tar-riskju ta' faqar. Dan il-limitu huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali tal-persuni kollha f'pajjiż u mhux għall-UE kollha kemm hi.

<sup>196</sup> UE-SILC (2019), in-nies friskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali skont il-livell ta' limitazzjoni tal-attività, il-ġeneru u l-età [hlth\_dpe010].

## Illustrazzjoni 67: L-inugwaljanza fl-introjtu naqset bi ffit b'mod ġenerali, b'żidiet moderati f'xi Stati Membri.

Proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu u t-tibdil annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali).



Sors: Eurostat, SILC. Perijodu: il-livelli tal-2019 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2018. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Waqfa fis-serje għal BE. Bidliet statistikament sinifikanti huma mmarkati bi stilla (\*).

**Filwaqt li l-inugwaljanza ġenerali fl-introjtu kompliet tonqos bi ftit bħala medja, id-dinamika tagħha tissuġġerixxi dgħufija tal-konverġenza fost l-Istati Membri qabel il-kriżi tal-COVID-19.**


Fl-2019 fl-UE-27 is-sehem tal-introjtu tal-ogħla 20 % tad-distribuzzjoni tal-introjtu kien kważi ħames darbiet akbar mis-sehem tal-20 % tal-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-introjtu, ftit anqas mill-proporzjon tas-sena ta' qabel (5.05). Dan l-indikatur tal-inugwaljanza fl-introjtu baqa' għoli, ferm ogħla minn 7, b'mod partikolari fil-Bulgarija u fir-Rumanija (it-tnejn jitqiesu bħala "sitwazzjonijiet kritiċi" skont il-metodoloġija tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali – ara l-Illustrazzjoni 67). It-titjib kien limitat, speċjalment fost il-pajjiżi bl-ogħla livelli ta' inugwaljanzi fl-introjtu. Madankollu, l-inugwaljanzi naqsu b'mod sinifikanti fil-Litwanja ("dgħajfa iżda qed titjib") u fil-Greċja ("aħjar mill-medja" minħabba t-titjib reċenti). Tnaqqis ieħor jista' jiġi osservat fil-Ġermanja. B'mod ġenerali, hemm konverġenza limitata fost il-pajjiżi, bl-esklużjoni tal-Bulgarija li hi eċċezzjoni b'żieda sinifikanti fil-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (+0.44). Skont stimi preliminari miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka<sup>197</sup>, il-miżuri ta' politika jkunu jistgħu jikkumpensaw b'mod kumplessiv għall-effett tal-pandemija tal-COVID-19 fl-2020 li jżid l-inugwaljanza. Filwaqt li l-kriżi tal-COVID-19 tkun tikkawża, waħedha, żieda sostanzjali fl-inugwaljanza (+3.3 % fl-indiċi Gini), il-miżuri ta' politika jnaqqsu l-inugwaljanzi b'1 %. B'paragun ma' dan, il-kriżi tal-2008/2009 wasslet għal tnaqqis żgħir fl-inugwaljanza fl-introjtu.

**Iż-żieda kumplessiva fl-inugwaljanza fl-introjtu matul l-aħħar deċennju kienet xprunata minn żieda fl-inugwaljanzi fil-livell inferjuri tad-distribuzzjoni tal-introjtu.** L-inugwaljanza fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu kollha kemm hi tista' tkun magħmula minn dik fil-parti ta' fuq u dik fil-parti ta' isfel tagħha. Il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, S50/S20, ikejjel ir-relazzjoni bejn l-ishma tal-introjtu fil-medjan u fl-20 % tal-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-introjtu. Dan il-kejl kien ta' 2.29 fl-2019, stabbli meta mqabbel mal-2018 (2.3). L-irkupru ppermetta tnaqqis ulterjuri mill-ogħla livell tal-2016 (2.36), iżda ma setax jikkumpensa bis-sħiħ għaż-żieda ġenerali osservata mill-2010 (minn 2.21) – ara l-Illustrazzjoni 68, li jispjega ż-żieda ġenerali fl-inugwaljanzi fl-introjtu matul id-deċennju. B'mod simili, l-S80/S50 ikejjel l-inugwaljanza fil-parti ta' fuq tad-distribuzzjoni tal-introjtu. Fil-verità dan l-indikatur baqa' ġeneralment stabbli u saħansitra naqas bi ftit matul id-deċennju (minn 2.2 għal 2.17).

<sup>197</sup> Ara [Almeida et al. \(2020\)](#), kif imsemmi hawn fuq.

## Illustrazzjoni 68. Matul l-aħħar deċennju, l-inugwaljanza żdiedet fil-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-introjtu

Dekompożizzjoni tax-xejriet tal-inugwaljanza fl-introjtu matul l-aħħar deċennju.



Sors: il-komputazzjoni proprja dwar id-data tal-SILC ta' Eurostat.


### L-introjtu tal-40 % tal-qiegħ tal-popolazzjoni kompla jżdied kemxejn aktar malajr mill-

medja. Is-sehem tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi fl-40 % ta' isfel tad-distribuzzjoni tal-introjtu kien qed jżdied bil-mod sal-2019, f'konformità mat-titjib moderat f'inugwaljanza oħra fl-introjtu. Il-medja tal-UE laħqet il-21.4 % fl-2019, meta mqabbla ma' 21.19 % fl-2018 (minn minimu ta' 20.9 % fl-2014 u fl-2015). L-unitajiet domestiċi fl-40 % tal-qiegħ tad-distribuzzjoni ggwadanjaw fis-sehem tal-introjtu primarjament fil-Ġermanja, fil-Greċja, fil-Litwanja u fl-Ungerija, filwaqt li s-sehem tal-introjtu tagħhom naqas fil-Bulgarija, fil-Lussemburgu, fil-Polonja u fl-Iżvezja.

**Sal-2017 (is-sena tal-aħħar data disponibbli), in-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali fl-UE komplet tizzied kważi fl-Istati Membri kollha. Il-parti l-kbira taż-żieda marret għall-pensjonijiet tax-xjuħija u l-ħtiġijiet tas-saħħa<sup>198</sup>. Iż-żidiet fl-infiq soċjali fis-snin 2012 sal-2017 kienu prinċipalment dovuti għal aktar żidiet fl-infiq fuq ix-xjuħija (parzjalment minħabba fatturi demografiċi), ħliet fil-Greċja, u fuq il-kura tas-saħħa. B'kuntrast ma' dan, in-nefqa fuq il-qgħad stabbilizzat ruħha wara l-2010 u naqset mill-2014, hekk kif l-ambjent ekonomiku tjiieb. In-nefqa fuq il-familji, l-akkomodazzjoni u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali żdiedet kemxejn mill-2013. L-ispejjeż tal-mard u tad-diżabbiltà kkontribwew b'mod sinifikanti għat- tkabbir ġenerali fin-nefqa fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ħliet fil-Greċja u fil-Polonja, fejn naqsu.**

**Illustrazzjoni 69: L-impatt tal-benefiċċji soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar qed jiddgħajef f'xi Stati Membri.**

L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali).



Sors: Eurostat, SILC. Perijodu: il-livelli tal-2019 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2018. Nota: L-assi huma ċċentri fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Waqfa fis-serje għal BE fl-2019.

<sup>198</sup> Ara p. 33 fid-dokument tal-Kummissjoni Ewropea (2020). L-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa. Annual review 2020. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!MM76mf>

**Filwaqt li l-impatt tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) fuq il-faqar huwa stabbli, għad hemm differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri f'termini ta' livelli u ta' dinamika.**

Kumplessivament, dan l-indikatur baqa' stabbli fl-2019 għall-UE-27 meta mqabbel mas-sena preċedenti (32.38 % vs 32.8 % fl-2018). Madankollu, il-prestazzjoni u d-dinamika jvarjaw ħafna – ara l-Illustrazzjoni 69. Il-pajjiżi bl-aħjar restazzjoni huma l-Finlandja, l-Awstrija, id-Danimarka u s-Slovenja, b'ċifri ogħla minn 45 %, filwaqt li l-aħjar għadhom ir-Rumanija, il-Greċja, Spanja, il-Bulgarija u l-Portugall, b'ċifri taħt jew qrib l-24 %. Il-Litwanja u l-Latvja, rispettivament taħt u qrib il-medja tal-UE, juru titjib sostanzjali (+8.7 pp u +4.3 pp), filwaqt li l-Lussemburgu, Malta u b'mod partikolari fl-Ungerija naqsu b'mod sinifikanti (b'6.4 pp, b'4.3 pp u b'10.3 pp rispettivament). Il-graff ma turix relazzjoni ċara bejn il-livelli u t-tibdiliet.

**Il-kriżi tal-COVID-19 hija tfakkira serja tal-importanza tal-protezzjoni soċjali.** Il-mekkaniżmi tal-assigurazzjoni soċjali jistgħu jgħinu sabiex "jiċċattjaw" il-kurva tal-pandemija billi jippermettu lill-ħaddiema jibqgħu d-dar meta jkun hemm bżonn. Dawn jistgħu wkoll itaffu l-effetti ekonomiċi u soċjali ta' tnaqqis fl-attività ekonomika, filwaqt li jappoġġaw lill-ħaddiema permezz tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Madankollu, dawn il-mekkaniżmi mhux dejjem ikunu disponibbli għal ħaddiema mhux standard u għal dawk li jaħdmu għal rashom. Barra minn hekk, jistgħu ma jkunux biżżejjed jew adegwati fi żminijiet ta' pandemija.

**Minkejja l-miżuri tal-gvernijiet adottati sabiex jiproteġu l-impjeggi (eż. skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar), sas-sajf tal-2020 kien hemm sinjali ta' żieda notevoli fin-numru ta' benefiċjarji tal-benefiċċji tal-qgħad** (ara wkoll il-kapitolu 3.3). Fost dawk il-pajjiżi li għalihom hemm data reċenti disponibbli, iż-żieda relattiva fil-benefiċjarji tal-benefiċċji tal-qgħad minn Frar 2020 kienet partikolarment b'saħħitha (aktar minn 50 %) fl-Awstrija, fl-Estonja, fi Spanja, fl-Ungerija, f'Malta u fis-Slovakkja<sup>199</sup>. B'kuntrast ma' dan, ma kienx hemm wisq x'jiġi indikat f'dan l-istadju f'termini ta' xejriet li qed jinbidlu fin-numru ta' benefiċjarji tal-benefiċċji tal-assistenza soċjali u tal-benefiċċji tad-diżabbiltà, hekk kif ġeneralment ma deher l-ebda sinjal immedjat ċar ta' żieda fil-livelli tal-benefiċjarji fuq il-bażi taċ-ċifri disponibbli.

<sup>199</sup> Ara r-Rieżami Annwali tal-2020 mill-KPS tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (MPPS) u l-iżviluppi fil-politiki tal-protezzjoni soċjali. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!FN69gB>

**Il-qafas ta' sorveljanza dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali juri li għad hemm lakuni sinifikanti fil-protezzjoni ta' dawk li jaħdmu għal rashom u tal-ħaddiema mhux standard.** Xi gruppi ta' persuni li jaħdmu għal rashom ma għandhomx aċċess għall-benefiċċji tal-mard f'erba' Stati Membri, għall-assigurazzjoni tal-qgħad fi ħdax, u għall-assigurazzjoni kontra l-aċċidenti fuq ix-xogħol u l-mard okkupazzjonali f'disgħa. Ir-rapport ta' monitoraġġ juri li l-aċċess għall-protezzjoni soċjali jista' jkun ukoll aktar limitat għal xi forom ta' ħaddiema mhux standard. Dawn il-lakuni jistgħu jikkonċernaw xogħol każwali, xogħol fuq talba, kuntratti fissi għal terminu qasir, xogħol staġjonali, apprendistati jew traineeships. Eżempji speċifiċi għall-pajjiż ta' forom mhux standard ta' xogħol huma xogħlijiet zġħar fil-Ġermanja, kuntratti tad-dritt ċivili fil-Polonja, ftehimiet sabiex jitwettaq xi xogħol fiċ-Ċekja, ftehimiet ta' xogħol b'introjtu irregolari fis-Slovakkja, ħaddiema domestiċi fi Spanja, kuntratti semplifikati fl-Ungerija. Kuntratti bħal dawn jistgħu jirrappreżentaw proporzjon imdaqas mis-suq tax-xogħol.

**Għalkemm huma koperti b'mod formali, xi ħaddiema mhux standard u dawk li jaħdmu għal rashom jistgħu de facto jkollhom aċċess limitat għall-protezzjoni soċjali.** Aċċess limitat ifisser li l-ħaddiema ma jkunux jistgħu jibnu u jieħdu intitolamenti adegwati li jkunu jistgħu jibbażaw fuqhom jekk jinqala' l-bżonn. L-ostakli jinkludu perjodi minimi ta' kwalifika, ħinijiet ta' stennija u nuqqas ta' trasferibbiltà tad-drittijiet tal-protezzjoni soċjali. Id-drittijiet tal-protezzjoni soċjali mhux dejjem jiġu ppreservati, akkumulati u/jew ittrasferiti meta l-individwi jagħmlu tranżizzjoni bejn statuses differenti tas-suq tax-xogħol. Hekk kif id-dinja tax-xogħol tinbidel, din il-flessibbiltà qiegħda issir dejjem iktar importanti u nuqqas ta' trasferibbiltà jista' jxekkel id-dinamiżmu u t-tlaqqiġ tas-suq tax-xogħol. Nuqqas ta' regolamentazzjoni, kostijiet għoljin u regoli differenti li jirregolaw skemi differenti jistgħu jkunu ostaklu għat-tranżizzjonijiet bejn setturi jew forom ta' impjieġ f'diversi Stati Membri. Fl-aħħar nett, in-nuqqas ta' informazzjoni trasparenti dwar id-drittijiet tas-sigurtà soċjali twassal biex il-persuni ma jiħdux deċiżjonijiet infurmati f'ħafna pajjiżi.

**Il-miżuri temporanji ma jiddux post il-ħtieġa li tiġi estiża l-protezzjoni soċjali għal dawk li mhumiex koperti fuq bażi aktar permanenti.** Il-biċċa l-kbira tal-miżuri li ttieħdu fil-bidu tal-kriżi tal-COVID-19 ġew ippreżentati bħala temporanji fin-natura tagħhom. F'fażi ta' rkupru, huma meħtieġa sforzi sostnuti sabiex tinżamm u tissaħħaħ il-protezzjoni soċjali għal kulħadd, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom. Filwaqt li tibni fuq ir-reazzjoni għall-kriżijiet, il-protezzjoni ta' dawk li jaħdmu għal rashom u tal-ħaddiema mhux standard jenħtieġ li tittejjeb aktar fuq bażi strutturali, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni dwar l-Aċċess għall-protezzjoni soċjali.

**L-adeqwatezza tal-iskemi ta' introjtu minimu kienet qed tonqos kważi fl-Istati Membri kollha meta mqabbla mas-sollijiet tal-faqar u mal-introjtu ta' dawk li jaqilgħu paga baxxa.** L-adeqwatezza tal-benefiċċji ta' introjtu minimu jista' jiġi ssorveljat<sup>200</sup>, kemm billi jitqabbel l-introjtu tal-benefiċjarji mas-soll nazzjonali tal-faqar kif ukoll mal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa<sup>201</sup>. Dawn ir-referenzi jipprovdu indikazzjoni tal-impatt ta' tnaqqis tal-faqar fl-introjtu, kif ukoll id-dimensjoni tal-attivazzjoni u l-effetti potenzjali ta' diżinċentiv tal-iskemi, rispettivament. Għall-aħħar sena tal-introjtu disponibbli (2018), l-adeqwatezza tal-iskemi tal-introjtu minimu naqset b'mod ġenerali fl-UE-27, u dan jirrifletti li l-introjtu tal-benefiċjarji tal-introjtu minimu kien għadu lura meta mqabbel mal-iżviluppi ġenerali tal-introjtu fl-espansjoni ekonomika ta' qabel il-kriżi tal-COVID-19. Filwaqt li tali erożjoni fl-adeqwatezza hija ġenerali, it-tnaqqis huwa aktar sostanzjali f'xi pajjiżi, meta mqabbel mal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa (l-Estonja -18.2 pp, iċ-Ċekja - 7 pp, il-Lussemburgu -5.8 pp). F'żewġ pajjiżi biss, l-adeqwatezza tal-introjtu minimu hija qrib is-soll tal-faqar (l-Irlanda u n-Netherlands), filwaqt li baqgħet taħt terz tas-soll tal-faqar fir-Rumanija, fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fl-Italja<sup>202</sup>, fiċ-Ċekja u fis-Slovakkja.

---

<sup>200</sup> Skont il-metodoloġija maqbula fil-qafas tal-valutazzjoni komparattiva dwar l-introjtu minimu, ara r-Rapporti Konġunti dwar l-Impjiegi tal-2019 u l-2020.

<sup>201</sup> "Ħaddiem b'paga baxxa" huwa definit fil-qafas tal-parametraġġ referenzjarju bħala xi ħadd li jaqla' 50 % tal-paga grossa nazzjonali medja.

<sup>202</sup> L-iskema kkunsidrata hija l-introjtu tal-Inklużjoni fis-seħħ, qabel l-adozzjoni tal-iskema attwali tal-Introjtu taċ-Ċittadinanza (Reddito di ċittadinanza) adottata fl-2019.

## Illustrazzjoni 70: L-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu minimu fi Stati Membri differenti tvarja ħafna

L-introjtu nett ta' riċevituri ta' introjtu minimu bħala % tal-linja tal-faqar (mifruxa fuq tliet snin) u bħala perċentwal tal-introjtu ta' persuna b'paga baxxa (2018)




Sors: Eurostat, OECD.

Noti: Iċ-ċarts jikkonċernaw persuni waħedhom mingħajr tfal. L-introjtu nett ta' benefiċjarju tal-introjtu minimu jista' jinkludi wkoll tipi oħra ta' benefiċċji (eż. allowances għall-akkomodazzjoni) minbarra l-introjtu minimu. Il-ħaddiem b'paga baxxa meqjus jaqla' 50 % tal-paga medja u jaħdem full-time. Waqfa fis-serje għal BE.

**Qabel ma faqqgħet il-pandemija, il-kopertura tal-benefiċċji soċjali għall-ifqar nies kienet ġeneralment stabbli.** Ir-rata tal-benefiċjarji tal-benefiċċji tkejjel is-sehem ta' individwi fl-età tax-xogħol (bejn 18 u 59 sena) li jirċievu kwalunkwe benefiċċju (minbarra l-benefiċċji marbuta mal-età) fost il-popolazzjoni friskju ta' faqar. Dan l-indikatur juri medda minn 42.1 % fi Spanja għal 96.1 % fid-Danimarka b' medja tal-UE-27 ta' 63.9 %, li naqset bi ftit (-2 pp) mis-sena ta' qabel.

### Illustrazzjoni 71: F'diversi Stati Membri sehem kbir tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar ma jirċievi l-ebda benefiċċju

Ir-rata tal-benefiċjarji tal-benefiċċji (is-sehem ta' individwi ta' età bejn 18 u 59 sena li jirċievu kwalunkwe benefiċċju soċjali minbarra dak marbut mal-età) fost il-popolazzjoni f'riskju ta' faqar, 2018



Sors: il-komputazzjoni proprja fuq data tal-SILC mill-ESTAT.

### L-inabbiltà li wieħed iżomm id-dar sħuna qed tonqos u tvarja ħafna minn pajjiż għal ieħor.

Din id-dimensjoni tal-faqar enerġetiku naqset bħala medja bejn l-oġhla livell ta' 11.2 % fl-2012 għal 6.9 % fl-2019. Il-perċentwal tal-popolazzjoni li ma tistax tissodisfa l-ħtiġijiet tat-tisħin naqas drastikament (b'5 pp jew aktar) f'Malta, fil-Bulgarija, fil-Latvja, fil-Litwanja, fl-Ungerija, f'Ċipru, fil-Greċja, fil-Polonja, fil-Portugall, fl-Italja u fir-Rumanija, filwaqt li żdied b'2.3 pp fis-Slovakkja u b'1.8 pp fil-Lussemburgu. Fl-UE-27, 18.8 % tal-persuni f'riskju ta' faqar kienu affettwati (meta mqabbla ma' 5 % għal persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'60 % jew aktar tal-introjtu medjan ekwivalizzat). Persuni waħedhom fl-età ta' 65 sena jew aktar (10.2 %), jew ġenituri waħedhom (10.5 %) kienu aktar f'riskju mill-popolazzjoni medja. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Faqar Enerġetiku<sup>203</sup> li ġiet adottata dan l-aħħar tipprovdi gwida u fehim ulterjuri tal-faqar enerġetiku fl-UE, flimkien mal-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima tal-Istati Membri – u l-valutazzjonijiet tagħhom mill-Kummissjoni.

<sup>203</sup> C(2020) 9600 final.

**L-adeqwatezza tal-pensjonijiet marret xi ftit għall-agħar fl-2019.** Ir-rata ta' AROPE fost dawk li għandhom 65 sena u aktar żdiedet bi ftit fl-UE-27 minn 18.4 % fl-2018 għal 18.5 % fl-2019, għalkemm għadha sew 'l isfel mill-2008 (23.3 %). Id-differenzi bejn il-ġeneri jippersistu (16.1 % fost l-irġiel akbar fl-età, 21 % fost in-nisa akbar fl-età). Ir-rata tvarja ħafna bejn l-Istati Membri, minn 9.6 % fil-Lussemburgu għal 47.1 % fil-Bulgarija. Iż-żieda fir-rata ta' AROPE hija prinċipalment dovuta għall-faqar relattiv, peress li s-soll tal-faqar żdied fis-27 pajjiż kollha ħlief fl-Iżvezja. Għall-kuntrarju, ir-rata ta' privazzjoni materjali estrema kompliet fit-triq 'l isfel tagħha: wara li naqas minn 7.5 % fl-2008 għal 4.7 % fl-2018, reġa' naqas għal 4.4 % fl-2019. Il-proporzjon aggregat tas-sostituzzjoni<sup>204</sup> naqas ukoll bi ftit, minn 58 % fl-2018 għal 57 % fl-2019, li jindika deterjorament relattiv tal-benefiċċji tal-pensjoni fir-rigward tal-introjtu tard mix-xogħol; għadu oġhla milli kien fl-2008 (52 %). Id-differenza bejn il-ġeneri (bin-nisa li għandhom proporzjon ta' sostituzzjoni aktar baxx bħala medja) naqset minn 5 għal 4 pp u baqgħet sostanzjalment kostanti mill-2008, minkejja l-gwadanji relattivi fl-impjeg tan-nisa.

**Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet qed tkompli tonqos bil-mod.** Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet<sup>205</sup> ilha tonqos b'madwar 1 pp fis-sena mill-2010 u kienet ta' 29.1 % fl-2018 (grupp ta' età ta' 65-74 sena). Ċifri reċenti mill-2019 juru li d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet kienet l-oġhla fil-Lussemburgu, f'Malta, fin-Netherlands (aktar minn 40 %), fl-Awstrija, f'Ċipru (ftit aktar minn 35 %) filwaqt li l-iżgħar diskrepanzi (anqas minn 10 %) ġew irreġistrati fl-Estonja (0.2 %), fid-Danimarka (6.7 %) u fis-Slovenja (9.4 %).

**Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet tenfasizza l-ħtiġijiet tal-kura tal-anzjani.** Mit-tifqigħa tal-COVID-19, għoxrin fil-mija tan-nies ta' 50 sena u aktar li kellhom bżonn il-kura sabu li kien sar aktar diffiċli li jirċievu l-kura li kienu jeħtieġu<sup>206</sup>; dan kien jew minħabba li l-persuni li jindukraw ma setgħux jilhqhom, jew minħabba li ma setgħux jibqgħu jaffordjawha.

---

<sup>204</sup> Il-proporzjon aggregat tas-sostituzzjoni huwa l-introjtu medjan gross tal-pensjoni individwali tal-popolazzjoni ta' bejn il-65 u l-74 sena meta mqabbel mal-qliġ medjan gross individwali mix-xogħol tal-popolazzjoni ta' bejn il-50 u d-59 sena, esklużi benefiċċji soċjali oħra.

<sup>205</sup> Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet hija definita bħala d-differenza perċentwali fil-pensjoni medja individwali tal-irtirar tan-nisa kollha koperti fl-istudju meta mqabbla mal-pensjoni medja individwali tal-irtirar tal-grupp komparabbli ta' rġiel.

<sup>206</sup> L-istħarriġ SHARE mewġa 8, riżultati preliminari.

**B'mod ġenerali, l-affordabbiltà tal-abitazzjonijiet għall-unitajiet domestiċi Ewropej kompliet titjeb fl-2019, għalkemm b'differenzi importanti bejn l-Istati Membri.** Fl-2019, 9.4 % tal-popolazzjoni tal-UE-27 kienet tgħix f'unitajiet domestiċi li nefqu 40 % jew aktar mill-introjtu disponibbli ekwivalizzat tagħhom fuq l-abitazzjoni (kejl tal-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni). Din ir-rata kienet l-ogħla fil-Greċja (36.2 %), segwita mill-Bulgarija u mid-Danimarka (aktar minn 15 %) u l-aktar baxxa fil-Finlandja, f'Malta u f'Ċipru (anqas minn 4 % tal-popolazzjoni). Fi ħdan il-popolazzjoni friskju ta' faqar, ir-rata ta' piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni kienet oġhla b'mod sinifikanti (35 % fl-2019), b'disparitajiet importanti fost l-Istati Membri. Fil-Greċja, 88 % tal-popolazzjoni friskju ta' faqar kienet mgħobbija żżejjed bil-kostijiet tal-abitazzjoni, 74 % fid-Danimarka u 48 % fil-Bulgarija u fil-Ġermanja. Fl-istess ħin fil-Litwanja, fil-Latvja, fil-Finlandja, fl-Estonja, f'Ċipru u f'Malta anqas minn 20 % tal-popolazzjoni friskju ta' faqar kienu jonfqu 40 % jew aktar tal-introjtu disponibbli fuq il-kostijiet tal-abitazzjoni. B'mod ġenerali, l-inkwilini, jew fis-suq tal-kiri privat jew fis-suq bi prezz imnaqqas, huma aktar affettwati mill-affordabbiltà tal-abitazzjoni mis-sidien b'ipoteka. Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni kienet l-ogħla fil-bliet (11.9 %) meta mqabbla maż-żoni rurali (6.8 %).

**Il-kwalità tal-abitazzjoni tgiebet matul l-aħħar għaxar snin, iżda xorta waħda 4 % tal-popolazzjoni tal-UE-27 kienet għexet f'abitazzjonijiet li kienu ffullati żżejjed jew li kienu jbatu minn kwistjonijiet importanti relatati mal-kwalità.** Kwistjonijiet bħal dawn inkludew in-nuqqas ta' banju jew ta' tojlit, saqaf iqattar fl-abitazzjoni, jew abitazzjoni meqjusa mudlama wisq. L-iffullar jew abitazzjonijiet ta' kwalità batuta jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni friskju ta' faqar u lil min jikri, b'mod partikolari dawk fis-suq tal-kiri ssussidjat. Il-persuni li twieldu barra mill-UE affaċċjaw ukoll aktar diffikultajiet sabiex jaċċessaw abitazzjoni diċenti b'rata oġhla ta' ffullar (27.6 % kontra 14.2 % għan-nattivi) u piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni (19.1 % meta mqabbla ma' 8.8 % għan-nattivi) fl-2019.

**Il-problema ta' persuni mingħajr dar ilha tizzied fl-Unjoni Ewropea b'numri li komplew jizziedu b'mod konsistenti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri matul dawn l-aħħar għaxar snin.**

L-istudji jistmaw li tal-anqas 700 000 persuna qed jorqdu barra jew f'abitazzjoni ta' emerġenza jew temporanja fi kwalunkwe lejl fl-UE, 70 % aktar minn għaxar snin ilu<sup>207</sup>. Barra minn hekk, ir-riskju ta' persuni mingħajr dar qed jespandi għal gruppi differenti fis-soċjetà. Fl-Iżvezja, bejn l-1993 u l-2017, is-sehem ta' nisa fost il-popolazzjoni mingħajr dar żdied minn 17 % għal 38 %. Fin-Netherlands, in-numru ta' żgħażagħ mingħajr dar żdied b'aktar mit-triplu bejn l-2009 u l-2018, minn 4 000 għal 12 600. Barra minn hekk, ir-refuġjati u l-applikanti għal ażil huma rrappreżentati żżejjed fost il-popolazzjoni mingħajr dar. Fil-Ġermanja, il-familji bit-tfal jammontaw għal 27.2 % tar-refuġjati mingħajr dar, meta mqabbla ma' 13 % għall-bqija tal-popolazzjoni mingħajr dar. Fil-belt ta' Barcellona, 52.3 % tal-persuni mingħajr dar huma ċittadini ta' pajjiżi terzi. U fil-Greċja, 51 % tat-3 774 minorenni mhux akkumpanjati huma mingħajr dar. Persuni bla dar jaffaċċjaw ukoll inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa: rati għoljin ta' kundizzjonijiet kroniċi tas-saħħa mentali u fiżika, problemi ta' abbuż mid-droga u tnaqqis fl-istennija tal-għomor.

**Il-kriżi tal-COVID-19 poġġiet is-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri taħt stress bla preċedent.**

Minbarra li tikkontesta l-kapaċitajiet ta' reazzjoni għall-kriżijiet tal-Istati Membri, hija aggravat l-isfidi strutturali eżistenti relatati mal-effettività, mal-aċċessibbiltà u mar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa. Dawn huma relatati, pereżempju, ma' finanzjament insuffiċjenti għall-investimenti fis-saħħa (inkluż għat-tnejn u għar-reazzjoni għall-kriżijiet), il-koordinazzjoni u l-integrazzjoni limitati tal-kura, il-kura primarja dgħajfa, l-ostakli persistenti għall-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika. Diffikultajiet bħal dawn affettwaw b'mod qawwi lil dawk l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari minħabba pagamenti għoljin li kellhom jitħallsu mill-but.

---

<sup>207</sup> Ara FEANTSA (2020), Fifth overview of Housing Exclusion in Europe.

**Is-sehem tal-popolazzjoni li tirrapporta ħtiġijiet perċepiti mhux issodisfati għall-kura medika għadu juri varjazzjoni kbira fost l-Istati Membri, kemm fil-livelli kif ukoll fit-tibdiliet.** Għall-kuntrarju tas-sena ta' qabel, fl-2019 jidher li hemm korrelazzjoni negattiva bejn il-livell u t-tibdiliet fil-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika, li jfisser li l-pajjiżi fejn il-ħtiġijiet perċepiti mhux issodisfati huma l-akbar, raw tnaqqis relattivament aktar b'saħħtu matul l-aħħar perijodu (Illustrazzjoni 72). F'ċerti Stati Membri, il-kostijiet u ż-żminijiet ta' stennija għadhom ostakli importanti għall-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa. Il-proporzjon tal-popolazzjoni tal-UE li qed taffaċċja ħtiġijiet awtorapportati mhux issodisfati għall-kura medika minħabba kostijiet għoljin wisq, ħinijiet ta' stennija twal wisq jew distanza tal-ivvjaġġar twila wisq, kien kważi stabbli b'medja ta' 1.7 % fl-2019 (1.8 % fl-2018). Dan il-proporzjon xorta qabeż il-5 % fl-Estonja u fil-Greċja, bir-Rumanija u bil-Finlandja qrib dan is-soll. L-aktar żieda viżibbli fl-2019 ġiet irreġistrata għad-Danimarka, il-livell tela' għal 1.8 %, qrib il-medja tal-UE. Fl-2019, il-persuni b'diżabbiltà jaffaċċjaw livell ogħla ta' 4.2 % ta' ħtiġijiet awtorapportati mhux issodisfati għal eżami mediku u għal kura medika, meta mqabbla ma' dawk mingħajr diżabbiltà, b'livell ta' 1 %. Partikolarment żvantaġġati huma dawk b'diżabbiltajiet severi (5.6 %) <sup>208</sup>.


**F'xi pajjiżi l-livell ta' introjtu jew l-istatus ta' attività għandhom rwol importanti fl-ispjegazzjoni ta' aċċess problematiku għall-kura medika.** Għalkemm il-maġġoranza tal-pajjiżi ma jurux differenzi sinifikanti skont l-istatus ta' attività (Illustrazzjoni 73), f'xi wħud minnhom il-persuni qiegħda (l-Estonja u l-Greċja) u l-persuni rtirati (l-Estonja, il-Greċja u r-Rumanija) għandhom diffikultajiet importanti fl-aċċess għall-kura tas-saħħa, b'aktar minn 10 % ta' ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, persuni mill-kwintil bl-introjtu l-aktar baxx jaffaċċjaw ħtiġijiet ogħla mhux issodisfati għall-kura tas-saħħa (ara l-Illustrazzjoni fil-Messaġġi Ewlenin). Il-piż għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx huwa partikolarment għoli fil-Greċja (+10 pp meta mqabbel mal-popolazzjoni totali) u fil-Latvja (aktar minn 4.5 pp meta mqabbel mal-popolazzjoni totali).

---

<sup>208</sup> Tabella UE-SILC 2019 [HLTH\_DH030]

## Illustrazzjoni 72: Ġiet irreġistrata varjazzjoni kbira fil-ħtiġijiet awtorapportati mhux issodisfati għall-kura medika fl-Istati Membri kollha qabel il-kriżi tal-COVID-19


Il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtorapportati għall-kura medika (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Sors: Eurostat, SILC. Perijodu: il-livelli tal-2019 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2018. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Waqfa fis-serje għal BE.

### Illustrazzjoni 73: F'xi pajjiżi, persuni qiegħda jew irtirati jirrapportaw ħtiġijiet akbar mhux issodisfati għall-kura medika

Il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtorapporrtati għal eżami mediku skont l-istatus ta' attività (2019)



Sors: Eurostat [hlth\_silc\_13]. Waqfa fis-serje għal BE.

### Meta wieħed jaġġusta skont il-kompożizzjoni tal-età, il-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati kienu aktar probabbli fost il-popolazzjoni li twieldet barra mill-UE (meta mqabbla man-nattivi).

Dan kien evidenti speċjalment fl-Estonja u fil-Greċja u sa ċertu punt fl-Iżvezja, fl-Italja, fid-Danimarka u fil-Latvja<sup>209</sup>. Tali tendenza tista' tkun relatata ma' diversi fatturi bħan-nuqqas ta' aċċess minħabba l-istatus ta' residenza jew assigurazzjoni tas-saħħa limitata (f'xi pajjiżi), nuqqas ta' għarfien dwar kif għandhom jiġu aċċessati s-servizzi, ir-riżorsi finanzjarji, il-konċentrazzjoni tal-migranti f'żoni żvantaġġati b'anqas aċċess għas-servizzi tas-saħħa, u sistemi nazzjonali mhux adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-migranti<sup>210</sup>. Dawn il-fatturi, flimkien mas-sitwazzjoni tal-abitazzjoni u l-esponiment fuq il-post tax-xogħol, jispjegaw għaliex il-migranti ġew affettwati aktar mill-pandemija tal-COVID-19<sup>211</sup>. Fost il-migranti li jirresjedu fl-UE, ir-refuġjati (u l-applikanti għal ażil) jistgħu jkunu partikolarment friskju.

<sup>209</sup> UE-OECD (2019), Settling In, Indicators of Immigrant Integration, "Illustrazzjoni 4.11. Ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati"

<sup>210</sup> KE (2020) analiżi EWSI dwar id-disponibbiltà ta' servizzi għall-integrazzjoni fit-tul ta' emigranti u refuġjati fl-Ewropa. Disponibbli fuq <https://europa.eu/!Xq69WR>

<sup>211</sup> Ara d-dokument tal-OECD What is the impact of the Covid 19 pandemic on immigrants and their children, <http://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/what-is-the-impact-of-the-covid-19-pandemic-on-immigrants-and-their-children-e7cbb7de/>

**In-numru medju ta' snin ta' ħajja fi stat tajjeb ta' saħħa li wieħed jista' jistenna fl-età ta' 65 sena baqa' stabbli fl-2018.** Issa dan huwa 9.8 snin għall-irgħiel u 10.0 snin għan-nisa. Filwaqt li l-akbar numru ta' snin ta' ħajja f'saħħitha fl-età ta' 65 sena jista' jkun mistenni fl-Iżvezja, f'Malta, fl-Irlanda u fi Spanja (madwar 12-il sena għaż-żewġ ġeneri), l-istennija ta' ħajja f'saħħitha hija partikolarment baxxa fil-Latvja, fis-Slovakkja u fil-Kroazja (madwar ħames snin).

**Il-kura tas-saħħa tiġi ffinanzjata permezz ta' skemi differenti, filwaqt li l-importanza relattiva ta' kull skema tvarja fost l-Istati Membri.** Fl-2018, il-ħlasijiet mill-but, jiġifieri n-nefqa tal-unitajiet domestiċi fuq is-saħħa (inklużi prodotti mediċi) mhux rimborżata minn xi skema jew imħallsa bħala qsim tal-ispejjeż ma' skema organizzata, kienu ogħla minn 30 % tan-nefqa kurrenti fuq is-saħħa fil-Bulgarija, fil-Greċja, f'Ċipru, fil-Latvja u fil-Litwanja (Illustrazzjoni 74).

**Is-sistemi tal-kura fit-tul (LTC) kienu affettwati ħafna mill-pandemija, minħabba l-vulnerabbiltà għolja tal-utenti tagħhom għall-marda** (minħabba x-xjuħija, il-komorbidityajiet, jew id-diżabbiltajiet tagħhom). Diversi sfidi relatati mal-COVID għal-LTC, li jvarjaw minn disponibbiltà limitata ta' data, sitwazzjonijiet diffiċli għall-ħaddiema u għall-persuni li jindukraw b'mod informali, diskontinwità tas-servizzi, kwistjonijiet ta' kapaċità għall-ittestjar u n-nuqqas ta' tagħmir ta' protezzjoni personali sa ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni anzjani u ta' persuni b'diżabbiltà, speċjalment dawk b'diżabbiltajiet intellettuali u severi, ħarġu fil-beraħ matul l-aħħar ġimgħat. Xi wħud minnhom jirrappreżentaw sfidi ġodda relatati mal-kriżi (eż. il-kapaċità tal-ittestjar), filwaqt li f'każijiet oħra l-pandemija tal-COVID-19 kixfet u aggravat l-isfidi strutturali eżistenti (eż. fir-rigward tal-aċċess għall-kura u tal-forza tax-xogħol).


**Il-ħtieġa għal kura fit-tul (LTC) qed tikber hekk kif il-popolazzjoni fl-UE qed tixjieħ.** Matul is-sitt deċennji li ġejjin (sal-2070), in-numru ta' Ewropej ta' 80 sena u aktar huwa mistenni jirdoppja u l-proporzjon ta' dipendenza tal-età avvanzata (persuni ta' 65 sena u aktar meta mqabbel ma' dawk li għandhom bejn 15 u 64 sena) huwa mistenni li jaqbeż minn 29.6 % fl-2016 għal 51.2 % fl-2070<sup>212</sup>. Fl-UE ser ikun hemm biss 2 persuni fl-età tax-xogħol għal kull persuna ta' 65 sena u aktar meta mqabbel ma' 3.3 persuni fl-2016. Ir-riskju li wieħed isir dipendenti huwa ogħla lejn l-età avvanzata, meta n-nies huma aktar suxxettibbli li jsiru fraġli (27.3 % tal-persuni ta' 65 sena u aktar u 41.5 % ta' 75 sena u aktar jirrapportaw diffikultajiet serji fil-kura personali jew fl-attivitajiet domestiċi).

---

<sup>212</sup> Kummissjoni Ewropea, Rapport dwar it-Tixjijiet 2018. Disponibbli fuq: [https://ec.europa.eu/info/publications/economy-finance/2018-ageing-report-economic-and-budgetary-projections-eu-member-states-2016-2070\\_en](https://ec.europa.eu/info/publications/economy-finance/2018-ageing-report-economic-and-budgetary-projections-eu-member-states-2016-2070_en)

## Illustrazzjoni 74: F'xi Stati Membri, il-ħlasijiet mill-but jirrappreżentaw sehem kbir tan-nefqa totali fuq il-kura tas-saħħa

Nefqa fuq il-kura tas-saħħa skont is-sors ta' finanzjament, 2018



Sors: Eurostat [hlth\_sha11\_hf]. Noti: id-data tinġabar skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/359 rigward l-istatistika dwar l-infiq u l-finanzjament għall-kura tas-saħħa (il-manwal tal-2011 dwar il-Kontijiet tas-Sistema tas-Saħħa).

### **Sehem kbir ta' dawk bi bżonnijiet ma għandhomx aċċess għal servizzi ta' kura personali.**

Bħala medja fl-UE-27 fl-2014 (l-aħħar punt ta' data disponibbli)<sup>213</sup>, 52 % ta' dawk b'diffikultajiet serji fil-kura personali jew fl-attivitajiet domestiċi ma kellhomx għajjnuna f'dawk l-attivitajiet, 37 % kellhom biżżejjed assistenza u 11 % ma kellhomx bżonn assistenza. Għal ħafna unitajiet domestiċi, huwa diffiċli li wieħed jaċċessa servizzi professjonali ta' kura fid-djar, u l-fatturi inibittivi ewlenin għan-nuqqas ta' użu tal-kura fid-djar kienu raġunijiet finanzjarji (35.7 %), nuqqas ta' disponibbiltà (9.7 %), rifjutati mill-persuna fil-bżonn (5 %) u kwalità mhux sodisfaċenti (2.1 %). Madwar l-UE-27, 6.3 % tal-popolazzjoni adulta pprovdiet kura informali lill-familja jew lill-ħbieb.

**Hija prevista żieda sinifikanti fil-ħtiġijiet tal-kura fit-tul.** L-LTC hija l-aktar infiq soċjali li qed jiżdied malajr meta mqabbla mas-saħħa u mal-pensjonijiet. Huwa previst li n-nefqa pubblika tal-UE fuq l-LTC ser tiżdied minn 1.6 % għal 2.7 % tal-PDG bejn l-2016 u l-2070, b'varjazzjonijiet sinifikanti madwar l-UE (ara l-Illustrazzjoni 72).

**Ir-rwol li qed jinbidel tan-nisa fis-soċjetà jinteraġixxi mat-tibdiliet demografiċi u mal-għoti ta' kura fit-tul fl-UE.** Għalkemm id-differenzi bejn il-ġeneri jippersistu (ara l-Kapitolu 3.2) in-nisa qed jipparteċipaw dejjem aktar fis-suq tax-xogħol – żvilupp pożittiv f'kuntast ta' soċjetajiet li qed jixjieħu u ta' popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos. Minħabba ż-żieda fil-mobilità u fil-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, in-nisa huma anqas kapaċi jipprovdut kura fit-tul lil xi ħadd fl-ambjent soċjali tagħhom. Għalhekk, il-ħtieġa għal servizzi ta' kura fit-tul adegwati u affordabbli hija saħansitra aktar urġenti.

---

<sup>213</sup> Ir-riżultati għall-2020 huma mistennija fl-2021 [hlth\_ehis\_tae]

### 3.4.2 Miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri

**L-Istati Membri ħadu miżuri ta' emerġenza sabiex jirrispondu għall-impatti soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, spiss flimkien ma' riformi kontinwi sabiex itejbu l-protezzjoni soċjali għal persuni f'riskju ta' faqar.** Ħafna Stati Membri introduċew miżuri sabiex jappoġġaw l-introjtu tal-unitajiet domestiċi f'sitwazzjonijiet fraġli ħafna. Il-miżuri inkludew iż-żieda tal-benefiċċji eżistenti jew il-provvista ta' servizzi in natura addizzjonali, l-illaxkar tar-regoli tal-eliġibbiltà u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, jew l-introduzzjoni ta' benefiċċji temporanji ġodda. Dawn il-miżuri temporanji kienu maħsuba b'mod speċjali sabiex jappoġġaw lil persuni li mhumiex intitolati għall-benefiċċji tal-qgħad u b'introjtu baxx ħafna. Pereżempju, l-Italja introduċiet "introjtu ta' emerġenza" (*Reddito di emerġenza*) sabiex tappoġġa familji b'introjtu baxx (potenzjalment miljun persuna) li mhumiex koperti mill-iskema ta' introjtu minimu jew minn miżuri oħra implimentati fil-kuntest tal-kriżi (bħal skemi ta' suppliment tal-pagi jew benefiċċji għal professjonijiet regolati). Somma f'daqqa ta' kważi EUR 200 tħallset lill-familji bi tfal taħt l-14-il sena li kienu fuq liv bla ħlas matul il-konfinament fil-Bulgarija, fejn il-gvern kompli jagħti benefiċċji ta' assistenza soċjali billi taffa r-rekwiżiti marbuta mal-attendenza regolari għall-edukazzjoni. Il-Finlandja appoġġat l-aktar familji ekonomikament vulnerabbli intitolati għal introjtu minimu, fejn il-miżuri ta' limitazzjoni li jirriżultaw mill-pandemija kienu jinvolvu kostijiet addizzjonali. Fir-rigward tal-miżuri permanenti, Spanja adottat skema nazzjonali ta' introjtu minimu, li tistabilixxi limitu minimu fit-territorju kollu, b'regoli komuni f'termini ta' eliġibbiltà, ta' durata u ta' ammont. Hija mistennija testendi l-kopertura tal-iskemi reġjonali eżistenti, kif ukoll tnaqqas id-disparitajiet reġjonali. L-iskema nazzjonali hija kompatibbli ma' introjtu baxx mix-xogħol, għalkemm qed jitħejjew regoli speċifiċi dwar dan il-punt, kif ukoll miżuri oħra ta' attivazzjoni. Fi Stati Membri oħra saru xi tibdiliet permanenti fuq skala iżgħar. Fil-Latvja, mill-1 ta' Jannar 2021, il-livell ta' introjtu minimu garantit (GMI) ser jiżdied minn EUR 64 għal EUR 109 fix-xahar għal kull persuna f'unità domestika. Miżuri addizzjonali jinkludu ż-żieda fl-introjtu ta' persuna fil-bżonn, iż-żieda tal-benefiċċju tas-sigurtà soċjali tal-istat għall-anzjani u persuni b'diżabilità, kif ukoll appoġġ finanzjarju għal tfal mingħajr kura tal-ġenituri. Fil-Bulgarija ġie introdott "Introjtu Bażiku għat-Tisħin" ġdid permezz ta' twessigħ tal-kriterji ta' aċċess u permezz ta' żieda fl-ammonti (żieda ta' 24.5 % fl-ammonti, u 21 % aktar persuni koperti meta mqabbla mal-2018).

**Il-kriżi tal-COVID-19 poġġiet pressjoni bla preċedent fuq is-servizzi soċjali mmirati.** Ħafna servizzi soċjali mmirati ma tqisux essenzjali u ma setgħux ikomplu l-operazzjonijiet tagħhom matul il-lockdowns. Dan affettwa b'mod sproporzjonat lill-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli li kienu jiddependu mill-provvista kontinwa ta' dawn is-servizzi, b'mod partikolari l-persuni mingħajr dar, il-persuni b'diżabbiltà, l-unitajiet domestiċi midjuna, it-tfal, il-persuni li jbatu minn vjolenza domestika, minn vizzji u l-unitajiet domestiċi li jiddependu miż-żjarat tal-assistenti soċjali. L-effett negattiv kien jikkonċerna b'mod partikolari s-servizzi pprovduti minn NGOs jew minn intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Il-provvista ta' servizzi u l-ilħiq tal-benefiċjarji kienu affettwati minn nuqqas ta' persunal, minn nuqqas ta' pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju, minn implimentazzjoni limitata tat-teknoloġiji tal-ICT, minn problemi ta' komunikazzjoni, u minn diffikultajiet fil-koordinazzjoni ma' partijiet konċernati oħra, bħall-amministrazzjoni pubblika, il-fornituri ta' servizzi u l-NGOs. F'dan il-kuntest diffiċli, l-Istati Membri ħadu miżuri ppjanati u ta' emerġenza pożittivi. Bħala eżempju ta' dan tal-aħħar, fi Spanja ġew ittrasferiti riżorsi addizzjonali mill-baġit nazzjonali għas-servizzi soċjali tar-reġjuni u tal-muniċipalitajiet, bl-għan li jiġu assistiti l-persuni vulnerabbli, b'mod partikolari l-anzjani u l-persuni dipendenti. Barra minn hekk, il-gvernijiet lokali ġew awtorizzati jinvestu s-surpluses tal-baġit tal-2019 fl-indirizzar tal-konsegwenzi tal-pandemija (madwar EUR 300 miljun). Fil-Bulgarija ġew allokat riżorsi addizzjonali biex jappoġġaw il-forza tax-xoġhol tas-servizzi soċjali matul il-pandemija (BGN 15-il miljun fl-2020, jew EUR 7.7 miljun, b'żieda addizzjonali fl-2021 għal BGN 421.9 miljun, jew EUR 215.7 miljun). Il-Ġermanja kkonċentrat fuq l-iżgurar tal-kontinwità tas-servizzi soċjali. Ġiet adottata liġi biex tiżgura li l-fornituri tal-finanzjament iħallsu s-sussidji tagħhom lill-fornituri tas-servizzi soċjali, anki jekk ma jkunux jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom minħabba l-pandemija. Fir-rigward tal-miżuri ppjanati, l-Estonja adottat programm ta' mentoraġġ sabiex tappoġġa l-muniċipalitajiet fit-twettiq tal-kompiti tagħhom ta' assistenza soċjali, tappoġġa l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet ta' assistenza soċjali u ttejjeb il-kwalità tal-miżuri ta' assistenza soċjali fil-livell lokali. Miżura oħra pprovdiet miżuri ta' riabilitazzjoni soċjali mingħajr lista ta' stennija fil-każ ta' disturbi psikoloġiċi għall-ewwel darba sabiex tiżgura appoġġ f'waqtu u mingħajr interruzzjoni. Ir-Rumanija aġġornat l-ispejjeż standard tas-servizzi soċjali għal kategoriji vulnerabbli ta' benefiċjarji: tfal, adulti b'diżabbiltà, anzjani dipendenti, vittmi ta' vjolenza domestika, jew servizzi soċjali għall-aggressuri.

Iż-żieda fin-nefqa tvarja bejn 44 % u 98 % skont tipi differenti ta' servizzi. Azzjonijiet rispettivi ttieħdu wkoll fil-livell lokali u jinkludu: posponiment tal-pagamenti għal ċerti servizzi mħallsa, ir-riallokazzjoni tal-persunal, l-allokazzjoni ta' faċilitajiet addizzjonali (inkluż għall-persuni mingħajr dar), it-tnedija ta' teleservizzi u servizzi ta' trasferiment online. Biex tlaħħaq maż-żieda fil-vjolenza domestika, il-Litwanja ħolqot sistema li tippermetti lill-vittmi (potenzjali) tal-vjolenza domestika jikkuntattjaw lill-awtoritajiet xierqa mhux biss billi jċemplu iżda wkoll permezz ta' SMS.

**L-Istati Membri ħadu miżuri sabiex jappoġġaw l-aċċess għal servizzi essenzjali u jindirizzaw il-faqar enerġetiku, anke b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19.** Il-miżuri li jappoġġaw l-aċċess għal persuni fil-bżonn għal servizzi essenzjali – bħall-ilma, is-sanità, l-enerġija, it-trasport, il-komunikazzjonijiet diġitali u s-servizzi finanzjarji – ivarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Dawn jinkludu miżuri ġenerali ta' politika soċjali mmirati lejn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx jew foqra, bħal appoġġ għall-introjtu sabiex jaffordjaw servizzi jew jgħinuhom iħallsu l-kontijiet tagħhom, vawċers, linji ta' kreditu u sussidji, eżenzjonijiet mit-taxxa, interventi diretti fit-tnaqqis tal-prezz tas-servizzi u miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur, bħall-provvista minimu ta' servizzi u l-protezzjoni minn skonnessjonijiet<sup>214</sup>. Xi Stati Membri kienu qed jadattaw l-oqfsa ta' politika tagħhom sabiex iwessgħu l-appoġġ u jiffaċilitaw l-aċċess matul dawn l-aħħar snin. Pereżempju, fir-Rumanija, ġew introdotti benefiċċji ġodda fi flus għall-provvista tal-ilma tajjeb għax-xorb u għad-drenaġġ għall-popolazzjoni b'introjtu baxx. Fl-Italja, mill-2021, il-bonusijiet għall-ilma u għall-enerġija ser jiġu applikati b'mod awtomatiku għall-kontijiet, f'tentattiv sabiex jiżdiedu r-rati ta' użu tal-benefiċċji. Filwaqt li ġew żgurati servizzi essenzjali matul il-kriżi tal-COVID-19, gruppi vulnerabbli jistgħu jaffaċċjaw sfidi dejjem akbar sabiex jaċċessawhom u jaffordjawhom. Fil-pakketti ta' emerġenza, l-Istati Membri adottaw miżuri sabiex jindirizzaw dan ir-riskju. Pereżempju, Spanja kabbret il-grupp ta' klijenti eliġibbli għat-tariffa soċjali tal-elettriku għal xi wħud li jaħdmu għal rashom. Fl-aħħar nett, inġhatat attenzjoni ġdida lill-faqar enerġetiku bis-saħħa tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u għall-klima (NECPs)<sup>215</sup> u tal-Istrateġija dwar il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni<sup>216</sup>. L-NECPs jindirizzaw ukoll l-affordabbiltà ta' spiss fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-enerġija u tal-klima. Dan huwa l-każ fl-Awstrija, fil-Belġju, fi Franza, fin-Netherlands jew fid-Danimarka.

<sup>214</sup> ESPN(2020), Access to essential services for people on low incomes in Europe. An analysis of policies in 35 countries, Brussell: Il-Kummissjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/lrp96Kc>

<sup>215</sup> L-Istati Membri kienu meħtieġa jelaboraw l-NECPs fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha li ġie adottat fl-2019. Disponibbli fuq: <https://europa.eu/!WR76jF>

<sup>216</sup> COM/2020/662 final.

**Il-kriżi tal-COVID-19 x'aktarx li jkollha impatt partikolarment qawwi fuq familji b'introjtu baxx li għandhom it-tfal.** F'ċirkostanzi normali, iż-żieda fil-parteciġazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol hija waħda mill-aktar mod effiċjenti sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-faqar fost it-tfal, b'politiki attivi tas-suq tax-xogħol u bl-espansjoni ta' kura tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja b'siġhat twal tax-xogħol b'ħala l-miżuri ta' intervent ewlenin. Madankollu, dan sar diffiċli fil-kuntest tal-COVID-19. Mhux biss il-postijiet tax-xogħol vakanti saru aktar skarsi minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, talli barra minn hekk ħafna faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal irrestrinġew ukoll il-kapaċità tagħhom jew is-siġhat tax-xogħol – jew għalqu għalkollox – sabiex jittaffa r-riskju ta' epidemija. Stat Membru wieħed biss (l-Iżvezja) żamm il-preprimarji u l-iskejjel għat-tfal li għandhom sa 15-il sena miftuħa<sup>217</sup>, u b'hekk ipprova kura u edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal u ppermetta lill-ġenituri jżommu x-xejriet tax-xogħol kemm jista' jkun qrib in-normal. It-tweġibiet tal-Istati Membri għal dawn l-isfidi edukattivi ewlenin huma diskussi fid-dettall fit-taqsim 3.2.2.

**Il-biċċa l-kbira tal-miżuri l-ġodda fil-qasam tal-politiki tal-familja kienu parti mir-reazzjoni għall-isfida tal-COVID-19.** Dawk normalment ħadu l-forma ta' benefiċċji finanzjarji addizzjonali u temporanji, immirati lejn it-tfal u l-familji l-aktar vulnerabbli (il-Belġju-il-Flanders, il-Bulgarija, il-Latvja, il-Portugall, ir-Rumanija), jew l-estensjoni tal-eliġibbiltà għal benefiċċji li kienu jeżistu qabel (il-Polonja, is-Slovakkja). Barra minn hekk, il-Litwanja, Malta, is-Slovenja u s-Slovakkja żiedu b'mod permanenti l-benefiċċji tal-familja, u l-Polonja u l-Latvja estendiet l-eliġibbiltà għall-benefiċċju tat-tfal eżistenti. B'Att ġdid dwar il-Familja, l-Italja qed tippjana li tistabbilixxi allowance universali ta' kull xahar għat-tfal dipendenti kollha, tirrifirma diversi tipi ta' liv tal-familja, tipprovdi inċentivi għan-nisa b'responsabbiltajiet ta' indukrar sabiex jidħlu fid-dinja tax-xogħol, u tiżviluppa politiki li jappoġġaw lill-familji bi spejjeż edukattivi u tal-iskola. Fil-Bulgarija, ġie applikat approċċ universali għall-benefiċċji tal-familja matul il-kriżi. Barra minn hekk, mill-2021, il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-introjtu għal xi wħud mill-benefiċċji ta' darba ser jitneħħew u l-ammont ta' benefiċċji oħra ser jiżdied.

---

<sup>217</sup> Bi klawżola li tippermetti għeluq temporanju.

**Minħabba li l-pandemija tal-COVID-19 x'aktarx li żżid l-inugwaljanzi fl-Ewropa, huma meħtieġa kemm azzjonijiet korrettivi relatati mal-introjtu kif ukoll dawk relatati mal-edukazzjoni.** Fosthom tispikka l-Garanzija għat-Tfal, li għandha l-għan li tiżgura aċċess tat-tfal fil-bżonn għal servizzi bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, u li tinkludi wkoll nutrizzjoni adegwata (li hija essenzjali għal żvilupp b'saħħtu), edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, attivitajiet ekstrakurrikulari fl-oqsma tal-kultura, tal-isport u tar-rikreazzjoni (li jikkomplementaw l-aspett tal-integrazzjoni soċjali tal-edukazzjoni), u sa fejn ikun possibbli – l-abitazzjoni. Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal ser tgħin biex ittaffi l-effetti negattivi tal-kriżi ekonomika ta' wara l-COVID-19: ser taħdem biex tnaqqas id-diskrepanzi fil-livell nazzjonali f'termini ta' aċċess għas-servizzi u tippromwovi l-ugwaljanza tal-opportunitajiet.

**Filwaqt li l-Istati Membri espandew il-kopertura tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali fis-snin preċedenti fuq bażi permanenti, l-enfasi fl-2020 kienet li jiġu adottati miżuri temporanji sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' emerġenza.** Il-COVID-19 tefgħet l-attenzjoni fuq persuni li mhumiex koperti jew li mhumiex koperti b'mod adegwat mill-protezzjoni soċjali, bħal ħaddiema mhux standard jew dawk li jaħdmu għal rashom. Għalhekk, matul l-ewwel xhur tal-kriżi (Marzu/April 2020), il-pajjiżi estendew u żiedu l-iskala tal-iskemi eżistenti, u llaxkaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tagħhom (pereżempju, il-benefiċċji tal-qgħad jew l-iskemi tal-benefiċċji tal-mard). Il-benefiċċji tal-qgħad ġew estiżi (eż. id-Danimarka, il-Greċja, il-Bulgarija, is-Slovakkja jew il-Lussemburgu), żdiedu (il-Bulgarija) jew id-digressività tagħhom ġiet iffriżata, bħal fil-Belġju. Dawk li jaħdmu għal rashom irċevew aktar opportunitajiet sabiex jibbenefikaw minn skemi ta' appoġġ għall-introjtu, l-aktar għal perijodu limitat jew permezz ta' pagamenti ta' darba (eż. il-Belġju, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Portugall). Pereżempju, fiċ-Ċekja l-Gvern ikkumpensa għat-telf tal-introjtu tal-persuni li jaħdmu għal rashom affettwati minn tnaqqis fil-bejgħ, b'pagament b'rata fissa li jammonta għal CZK 25 000 (madwar EUR 915), għall-perijodu mit-12 ta' Marzu sat-30 ta' April. Dan l-aħħar, l-appoġġ ġie estiż għall-perijodu kollu tal-għeluq tal-ħwienet/tal-artiġjani, u l-persuni affettwati li jaħdmu għal rashom ser jirċievu CZK 500 kull jum (madwar EUR 18). F'Ċipru, skema ta' sussidjar tkun tkopri parti mill-ispejjeż operatorji tan-negozji ż-żgħar u ta' dawk li jaħdmu għal rashom. Il-benefiċċji tal-mard twessgħu sabiex ikopru mit-tieni jum tal-mard (l-Estonja) jew (Ċipru) sabiex ikopru kemm lill-impjegati kif ukoll lil dawk li jaħdmu għal rashom b'kundizzjonijiet tas-saħħa sottostanti li jeħtieġu li jkunu assenti mix-xogħol għal raġunijiet ta' sikurezza tas-saħħa, u għal każijiet ta' assenteiżmu obligatorju skont l-istruzzjonijiet jew l-ordnijiet tal-awtoritajiet (konfinament/kwarantina obligatorji).

Fil-Latvja, l-Istat jassumi r-responsabbiltà għall-perijodu tal-mard li qabel kien jitħallas mill-impjegatur (mit-tieni jum tal-liv), f'każijiet relatati mal-COVID-19 (mard u kwarantina obbligatorja) sa tmiem l-2020. Fil-Litwanja, jekk il-gvern jiddikjara sitwazzjoni estrema u tkun meħtieġa kwarantina, il-persuni li jaħdmu għal rashom u l-persuni involuti f'attivitajiet agrikoli individwali ġew appoġġati b'benefiċċju ta' kull xahar (EUR 257 u EUR 200 rispettivament).

**Il-kriżi tal-COVID-19 ħolqot il-ħtieġa għal miżuri addizzjonali sabiex jiġi indirizzat impatt negattiv sproporzjonat fuq il-persuni b'diżabbiltà.** Għalhekk, minbarra l-miżuri permanenti ppjanati, diversi Stati Membri ħadu miżuri temporanji sabiex itaffu s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà. Kemm il-miżuri permanenti kif ukoll dawk temporanji relatati mal-COVID-19 huma elenkati f'din it-taqsim. Il-Belġju stabbilixxa appoġġ addizzjonali għall-introjtu ta' EUR 50 fix-xahar għal 6 xhur għall-benefiċjarji ta' introjtu minimu, ta' benefiċċju tad-diżabbiltà u tal-garanzija tal-introjtu tal-pensjonanti. Minħabba l-COVID-19 l-Estonja estendiet awtomatikament l-istatus ta' diżabbiltà għal persuni li l-istatus ta' diżabbiltà tagħhom kieku kellu jintemm mill-bidu tas-sitwazzjoni ta' emerġenza sal-aħħar ta' Awwissu. Fl-istess ħin, żiedet il-benefiċċji tat-tfal b'diżabbiltà li kienu żdiedu l-aħħar fl-2006. Matul is-sitwazzjoni ta' emerġenza (sat-18 ta' Mejju 2020), ġew ipprovduti pagamenti straordinarji ta' allowances lill-ġenituri ta' tfal bi bżonnijiet speċjali, b'baġit ta' EUR 10 miljun. L-Estonja estendiet awtomatikament ukoll il-validità tal-livell ta' diżabbiltà tat-tfal sakemm jilhq u l-età tax-xogħol f'każ ta' diżabbiltà severa jew profonda mhux mibdula jew progressiva. Qabel, id-diżabbiltà kienet tiġi stabbilita għal sena sa tliet snin. Franza estendiet ċerti drittijiet soċjali bi tliet jew b'sitt xhur, meta dawn id-drittijiet kienu jiskadu bejn it-12 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Lulju 2020, inklużi allowance għal persuni b'diżabbiltà, allowance għall-edukazzjoni ta' tfal b'diżabbiltà, u benefiċċju ta' kumpens għal diżabbiltà. Fir-rigward ta' miżura permanenti, fil-Bulgarija, il-ħaddiema tas-saħħa u l-assistenti soċjali pprovdew lill-anzjani u lill-persuni b'diżabbiltà servizzi ta' kura tal-patroċinju li jinkludu żjarat id-dar, pakketti tal-ikel u ikla sħuna, mediċini u oġġetti essenzjali. Il-Latvja żiedet l-appoġġ għall-introjtu għall-persuni b'diżabbiltà u introduċiet assistent għall-persuni b'diżabbiltà fl-edukazzjoni għolja (qabel, l-istudenti b'vista batuta biss kienu intitolati għas-servizzi ta' assistenti). Biex jitjieb l-aċċess għas-servizzi għal persuni b'limitazzjonijiet funzjonali severi u severi ħafna, il-kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-ġhoti ta' servizzi ta' assistenti ilhom fis-seħħ mill-2021, inkluż żieda fir-remunerazzjoni tal-assistenti. Il-Litwanja qed tagħmel sforzi biex tagħlaq l-orfanatrofji istituzzjonali kollha sa tmiem l-2020, għat-tfal kollha li ma għandhomx kura tal-ġenituri (ara t-taqsim 3.2).

Malta żiedet il-pensjonijiet tad-diżabilità. Il-Portugall stabbilixxa l-istatut legali tal-persuni li jindukraw b'mod informali, issimplifika l-proċess ta' verifika tad-diżabbiltà fl-istatus tal-persuni li jindukraw b'mod informali, u qed jaħdem fuq il-proġetti pilota sabiex itejjeb is-sitwazzjoni ta' dawk li jindukraw b'mod informali. Ir-Rumanija aġġornat l-istandards tal-kost tas-servizzi soċjali għall-gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni b'diżabbiltà li ilhom ma jiġu aġġornati mill-2015 (ara wkoll aktar 'il fuq).

**Matul il-kriżi tal-COVID-19 , ħafna Stati Membri ħadu miżuri ta' emerġenza sabiex jiproteġu s-sitwazzjoni tal-abitazzjoni ta' dawk l-aktar vulnerabbli.**<sup>218</sup> Pereżempju, għet ipprovduta abitazzjoni ta' emerġenza għall-persuni mingħajr dar matul il-lockdown, inkluż permezz ta' hostels u postijiet ta' kenn ta' emerġenza. Dan kien il-każ pereżempju fi Franza, fi Spanja u fil-bliet ewlenin fl-Irlanda u fl-Awstrija. Moratorji fuq il-pagamenti tal-kera għal inkwilini affettwati b'mod serju ġew implimentati fi Spanja, fl-Awstrija, fil-Ġermanja jew fil-Portugall, filwaqt li l-Irlanda u l-Lussemburgu nedew appoġġ finanzjarju għall-inkwilini li ma setgħux jonoraw il-pagamenti tal-kera bħala riżultat tal-kriżi<sup>219</sup>. Fil-Greċja, il-gvern awtorizza tnaqqis temporanju (sa 60 %) tal-pagamenti tal-kera għall-kerrejja li tilfu xogħolhom matul il-kriżi<sup>220</sup>. Ittieħdu miżuri simili mill-gvernijiet lokali u f'xi bliet, bħal f'Lisbona u f'Sintra (il-Portugall), fejn il-kirjiet tal-akkomodazzjoni soċjali ġew sospiżi għal diversi xhur<sup>221</sup>. L-Italja u n-Netherlands implimentaw miżuri sabiex jiproteġu lid-detenturi ta' ipoteki kontra r-riskju li jtilfu djarhom, bħas-sospensjoni tal-proċeduri ta' preklużjoni matul il-perijodu ta' konfinament<sup>222</sup>. Madankollu, dawn il-miżuri kienu fil-biċċa l-kbira temporanji, u x'aktarx li ma jaqblux mad-durata tal-effetti tal-pandemija globali fuq il-kapaċità tal-unitajiet domestiċi li jaffordjaw il-kostijiet tal-abitazzjoni, speċjalment għal dawk li sofrew minn telf ta' impjieg jew ta' introjtu matul il-kriżi.

---

<sup>218</sup> <https://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/housing-amid-covid-19-policy-responses-and-challenges-cfdc08a8/>

<sup>219</sup> OECD (2020), Housing amid COVID-19: Policy responses and challenges

<sup>220</sup> Ibid.

<sup>221</sup> OECD (2020), Policy responses to the COVID-19 crisis in cities,

<sup>222</sup> OECD (2020), Housing amid COVID-19: Policy responses and challenges

Min-naħa tal-provvista, sfida kbira għall-politika tad-djar hija t-tnaqqis fl-investiment pubbliku fil-provvista tad-djar matul l-aħħar għaxar snin<sup>223</sup>. Xi Stati Membri ħadu passi sabiex iżidu l-provvista tal-akkomodazzjoni soċjali u jappoġġaw l-irkupru tas-settur tal-kostruzzjoni wara l-kriżi.

Pereżempju, l-Awstrija, l-Irlanda u n-Netherlands daħħlu fis-seħħ finanzjament addizzjonali u/jew iffaċilitar tal-kundizzjonijiet tas-self, sabiex jipprovdu likwidità lill-iżviluppaturi. Fil-Portugall, ingħataw eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-gwadanji kapitali mill-proprjetà immobbli sabiex jinċentivaw il-kiri fis-suq tal-kiri affordabbli għas-sidien tad-djar li joperaw fis-suq tal-kiri għal vaganzi għal terminu qasir.

**Il-pensjonijiet huma s-sors ewlieni ta' introjtu għal wieħed minn kull erba' Ewropej u għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tar-reżiljenza tal-ekonomija matul il-kriżi ekonomika tal-COVID-19.** Matul l-aħħar sena, qabel it-tifqigħa tal-kriżi tal-COVID-19, fil-kuntest ta' tkabbir kontinwu fl-impjiegi fl-UE li laħaq l-ogħla livell li qatt ġie rreġistrat, l-Istati Membri komplew bl-isforzi sabiex jissalvagwardjaw l-adeqwatezza tal-pensjonijiet. Diversi Stati Membri komplew bl-isforzi tagħhom sabiex jipromwovu ħajja tax-xogħol itwal u rtirar aktar tard, prinċipalment permezz ta' inċentivi u miżuri "ħfief" oħra bħall-iffaċilitar tal-kombinazzjoni tal-pensjonijiet u tal-impjiegi (is-Slovenja), l-iffaċilitar tax-xogħol tal-irtirar differit lil hinn mill-età tal-pensjoni (l-Estonja, l-Iżvezja) u l-estensjoni tal-perijodu ta' kwalifika (id-Danimarka, il-Litwanja). Pajjiżi oħra kellhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità ta' żamma tal-introjtu u l-inklużività tas-sistemi tal-pensjonijiet, pereżempju, billi jirrevedu r-regoli tal-akkumulazzjoni tal-pensjonijiet (l-Estonja, il-Litwanja) jew l-indiċjar (il-Kroazja), iżidu l-eżenzjonijiet mit-taxxa (Malta), jintroduċu krediti tal-pensjoni għat-tħaris tat-tfal (is-Slovenja) jew isaħħu t-tfaddil tal-pensjoni okkupazzjonali (in-Netherlands, il-Polonja). Għadd ta' Stati Membri adottaw miżuri mmirati biex inaqqsu l-faqar u/jew jipproteġu l-introjtu ta' pensjonanti bi dħul baxx b'karrieri twal, l-aktar billi jintroduċu jew iżidu l-pensjoni bażika jew minima (eż. l-Italja, is-Slovenja, il-Bulgarija, il-Latvja) jew suppliment tal-pensjoni bażika individwali (eż. il-Ġermanja), jew iżidu suppliment żgħir għall-pensjonijiet kollha matul il-kriżi tal-COVID-19 u jipproponu dispożizzjonijiet għal żidiet permanenti (il-Bulgarija). Pereżempju, il-Ġermanja introduċiet suppliment tal-pensjoni bażika fl-assigurazzjoni tal-pensjoni statutorja għal persuni b'mill-inqas 33 snin ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji, skont il-kontribuzzjonijiet tagħhom u soġġetti għal test tal-introjtu.

---

<sup>223</sup> Ara paġna 13 fid-dokument OECD (2020), *Housing and Inclusive Growth*, OECD Publishing, Paris. Disponibbli fuq: <https://doi.org/10.1787/6ef36f4b-en>

Xi Stati Membri rirformaw kif jiġu ffinanzjati s-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom; eż., il-Litwanja ċċaqalqet parti mill-finanzjament mis-sigurtà soċjali għall-baġit ġenerali u għamlet volontarji t-trasferimenti għall-pilastru ffinanzjat statutorju. Fl-istess ħin, sa mill-bidu tal-kriżi, ħafna mill-Istati Membri ma introduċewx riformi sostanzjali relatati mal-kriżi fis-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom, filwaqt li xi riformi ppjanati preċedentement ġew sospiżi (eż. ir-riforma komprensiva tal-pensjonijiet fi Franza).

**L-Istati Membri kollha adottaw diversi miżuri temporanji sabiex isaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom b'reazzjoni għall-pandemija u sabiex itejbu r-reżiljenza.** Il-miżuri jinkludu fondi addizzjonali allokatu sabiex ikopru l-kostijiet tal-kura tas-saħħa mġarrba minħabba l-pandemija tal-coronavirus (pereżempju għar-riorganizzazzjoni tal-forniment tal-kura fl-isptarijiet jew għal prodotti mediċi kritiċi, bħal tagħmir protettiv personali, prodotti farmaċewtiċi jew ventilaturi) u sabiex tizzied il-kapaċità ta' riċerka u ta' innovazzjoni (b'mod partikolari dwar il-vaċċini u l-miżuri ta' reazzjoni għall-kriżijiet). Il-miżuri kellhom l-għan ukoll li jsaħħu s-sistemi tas-saħħa billi jżidu n-numru ta' sodod tal-kura intensiva, jipprovdu assistenza territorjali lir-reġjuni l-aktar affettwati, iżidu n-numru ta' persunal tal-kura tas-saħħa (eż. billi jirreklutaw persunal addizzjonali, itejbu l-ħiliet tal-persunal jew iħarrġuh mill-ġdid, iħaddmu studenti tal-mediċina jew ir-riżerva medika), jiffinanzjaw is-sahra tal-persunal tal-kura tas-saħħa li jaħdem fil-konteniment tal-COVID-19, u/jew jagħtu bonus ta' incentiġ għar-riskju lill-persunal tal-assistenza soċjali u komunitarja, tal-kura tas-saħħa u lill-persunal li jipprovdi kura fil-komunità. L-Istati Membri żiedu u tejbu l-kapaċità tagħhom ta' ttestjar u tal-laboratorji u qed jadattaw kontinwament ir-regoli dwar l-ittestjar, it-tbeġid fiżiku, l-ivvjaġġar, il-protezzjoni personali u l-kwarantina għas-sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi rispettivi.

**Il-kriżi kixfet id-dgħufijiet strutturali sottostanti tas-sistemi tas-saħħa f'ħafna Stati Membri u enfasizzat il-ħtieġa għal riforma u għal modernizzazzjoni.** Dan diġà wassal għal riformi għat-titjib tal-aċċessibilità tas-sistemi tas-saħħa, bħat-tneħħija tat-tariffi għall-utenti tal-kura primarja fl-Irlanda, il-kopertura tal-kura relatata mal-COVID-19 anke għall-persuni mhux assigurati fil-Bulgarija, l-estensjoni tal-kopertura għall-migranti fil-Portugall jew il-kopertura tal-kontribuzzjonijiet għal dawk li ma jaħdmux sa ċertu punt fl-Ungerija, fis-Slovenja, fil-Greċja u fil-Kroazja. Fil-Ġermanja u fi Franza, il-limitazzjonijiet għall-użu tat-telekonsultazzjonijiet komplew jitnaqqsu wara l-kriżi.

**L-Istati Membri jkomplu jimmodernizzaw is-sistemi tas-saħħa tagħhom, eż. billi jżidu l-aċċess u d-disponibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.** Xi Stati Membri jipprovdu inċentivi jew għotjiet lil tobba tal-familja jew lil studenti tal-mediċina sabiex jaħdmu f'żoni li mhumiex moqdi jin biżżejjed (eż. l-Estonja, il-Latvja, Franza, il-Ġermanja, iċ-Ċekja) jew żiedu s-salarji ta' (ċerti professjonijiet ta') ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa (il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija). Il-kura primarja qed tissaħħaħ bit-twaqqif ta' ċentri tas-saħħa tal-komunità, ta' unitajiet tal-kura tas-saħħa lokali, jew ta' Prattiki ta' gruppi ta' Prattikanti ġenerali (l-Awstrija, l-Estonja, il-Greċja, il-Lussemburgu, ir-Rumanija). Il-Litwanja qed tirrapporta progress fit-tqassir tal-listi ta' stennija u fit-tnaqqis ta' kopagament għar-riċetti. Ċipru implimenta l-ewwel fażi tal-kura outpatient fl-2019, li hija mistennija li tnaqqas b'mod sinifikanti l-ħlasijiet mill-but u tkompli żżid l-aċċess għall-kura tas-saħħa. Il-fażi finali tar-riforma tas-sistema tas-saħħa ġenerali tnediet fl-1 ta' Ġunju 2020, bl-introduzzjoni ta' kopertura tal-kura fl-isptar bħala parti mill-pakkett ta' benefiċċji. Xi speċjalitajiet oriġinarjament ippjanati li jiġu inklużi fil-fażi 2 (djetetiċi kliniċi, terapisti okkupazzjonali, terapisti tat-taħdit, fiżjoterapisti, psikjatri, dentisti, riabilitazzjoni medika u kura palljativa) ġew posposti għall-ħarifa. Numru ta' Stati Membri qed jippjanaw jew jimplementaw ippjanar u/jew taħriġ imtejjeb tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa (l-Iżvezja, il-Ġermanja, Franza, l-Estonja, Spanja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Latvja).

**Ikomplu għaddejnin l-isforzi sabiex jitjiebu r-reżiljenza, l-effettività u l-effiċjenza tal-provvista tal-kura.** Fil-Finlandja, il-gvern il-ġdid nieda mill-ġdid ir-riforma soċjali u tal-kura tas-saħħa (SOTE) b'xi modifiki, filwaqt li żamm l-attenzjoni fuq l-aċċess imtejjeb għall-kura. L-Awstrija naqqset in-numru ta' fondi tal-assigurazzjoni minn 21 għal 5 mill-1 ta' Jannar 2020 sabiex ikun hemm aktar effiċjenza. Qed tiġi żviluppata sistema ġdida għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni fiċ-Ċekja u fil-Latvja, u l-Portugall ħoloq struttura formali għall-evalwazzjoni tal-ġestjoni tal-isptarijiet pubbliċi. Il-Lussemburgu stabbilixxa osservatorju nazzjonali tad-data dwar is-saħħa sabiex itejjeb id-disponibbiltà u l-kwalità tad-data dwar is-saħħa. Fil-Greċja, awtorità ċentrali ġdida tal-akkwist għas-settur tas-saħħa (EKAPY) ser topera l-akkwist ċentrali. Franza qed tkompli bil-konsolidazzjoni tan-networks ta' sptarijiet għal koordinazzjoni aħjar tal-kura inpatient. Qed jiġu implimentati sistemi ta' gruppi relatati skont id-dijanjożi (DRG) fiċ-Ċekja u fil-Greċja, u dawn huma ppjanati fil-Lussemburgu. Fil-qasam tal-kura tas-saħħa diġitali, is-sistema ta' konsultazzjoni elettronika tal-Estonja tippermetti lit-tobba tal-familja jikkonsultaw lill-ispeċjalisti b'mod diġitali dwar il-każijiet diffiċli tagħhom. F'Lulju 2019, il-pajjiż nieda sistema ta' reġistrazzjoni diġitali ċentrali għall-prenotazzjoni ta' kura fl-isptarijiet. Iċ-Ċekja implimentat parzjalment ir-riċetti elettroniċi, il-Polonja implimentathom bis-siġħ, u l-Litwanja qed tittestja mudell għall-provvista ta' servizzi tal-kura tas-saħħa mill-bogħod. Il-Ġermanja qed ttejjji sabiex mill-2021 ikollha r-rekords mediċi elettroniċi disponibbli għall-pazjenti kollha. Ir-Rumanija qed tippjana li fl-2021 tippreżenta Strateġija tas-Saħħa pluriennali ġdida. Fis-sajf tal-2020 Franza ħabbret investimenti ġodda fil-kura tas-saħħa u tal-anzjani, inkluż fl-infrastruttura, fil-persunal u fis-servizzi diġitali.



**Minħabba l-impatt tal-pandemija, ħafna Stati Membri ħadu azzjoni sabiex jiproteġu s-sistemi u l-benefiċjarji tal-kura fit-tul tagħhom, u wħud tejbu s-sitwazzjoni fis-settur formali u informali.**

Il-Finlandja adottat emendi għall-Att dwar is-Servizzi tal-Kura għall-Persuni Akbar fl-Età sabiex iżżid gradwalment il-livell minimu ta' persunal u l-kwalità tal-kura għall-kura fuq 24 siegħa u għall-kura istituzzjonali fit-tul għall-persuni akbar fl-età, minn 0.5 impjegati għal kull klijent f'Ottubru 2020 għal 0.7 impjegati għal kull klijent sa April 2023. Il-Portugall stabbilixxa l-istatut legali tal-persuni li jindukraw b'mod informali. Sabiex jiproteġu lil benefiċjarji tal-kura matul il-pandemija, diversi Stati Membri (eż. l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, is-Slovenja) introduċew miżuri sabiex jiżolaw lir-residenti minn benefiċjarji oħra tal-kura fid-djar tal-kura. Tali miżuri jinkludu l-konfinament ta' persuni li jkunu għadhom kif waslu f'dar tal-kura għal ċertu numru ta' jiem, is-separazzjoni tal-istituzzjonijiet f'żoni tal-COVID u f'żoni ħielsa mill-COVID u l-iżolament tar-residenti fi kmamar individwali. L-Istati Membri (eż. il-Belġju (Wallonia), il-Bulgarija, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, Spanja) introduċew ukoll miżuri għall-ġlieda kontra ż-żieda fis-solitudni li rriżultat mill-pandemija u mill-miżuri ta' konteniment. Inizjattivi bħal dawn jinkludu l-permess ta' żjarat ta' qraba fi djar tal-kura taħt kundizzjonijiet regolati, l-użu ta' għodod vidjo li jippermettu l-komunikazzjoni bejn ir-residenti tad-djar tal-kura u l-qraba tagħhom u appoġġ psikoloġiku permezz ta' konsulenza bit-telefown. Hekk kif in-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-kura fit-tul (LTC) mar għall-aġġar matul il-kriżi, l-Istati Membri (eż. l-Awstrija, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, is-Slovenja, l-Iżvezja) introduċew jew estendew miżuri sabiex iżidu l-għadd ta' ħaddiema fl-LTC, inkluż it-tnaqqis temporanju tar-rekwiżiti ta' kwalifiki sabiex jippermettu r-reklutaġġ rapidu ta' persunal ġdid, ir-reklutaġġ ta' voluntiera, ta' studenti tal-mediċina u ta' persuni rtirati, ir-rilassament tar-regoli dwar il-ħin massimu tax-xogħol, l-użu mill-ġdid tal-persunal minn setturi oħra, iż-żieda tat-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ mill-ġdid u tal-apprendiment tul il-ħajja fi ħdan is-settur u l-għoti ta' permess lill-ħaddiema transfruntiera fil-qasam tal-kura sabiex jidħlu fil-pajjiż minkejja l-għeluq tal-fruntieri. L-Istati Membri (eż. il-Litwanja, il-Lussemburgu, is-Slovakkja, Spanja) introduċew ukoll miżuri sabiex jappoġġaw lill-persuni li jindukraw b'mod informali matul il-pandemija, eż. permezz ta' benefiċċji, il-possibbiltà li jnaqqsu l-ħin tax-xogħol jew l-introduzzjoni ta' skemi ta' liv speċjali.